# BULLETTIN TAL-ARCIDJOCESI

# U

# LITURGIJA TAL-KELMA

Nru. 42 Sajf 1984

## WERREJ


| | |
|---|---|
| Ittra Appostolika "Salvifici doloris" ... ... ... ... | 387 |
| Esortazzjoni appostolika "Redemptionis donum" ... ... | 422 |
| Ittra tal-Papa lill-kleru f'Hamis ix-Xirka ... ... ... ... | 484 |
| Il-Papa u l-Madonna ... ... ... ... ... ... .. | 451 |
| Appell tal-Papa għall-Jum il-Vokazzjonijiet ... ... ... | 457 |
| Notifikazzjoni dwar S. Tereża ta' Ġesù ... ... ... ... | 462 |
| Reconciliation in Christ and Mary ... ... ... ... | 462 |
| Omeliji u diskorsi tal-Arċisqof ... ... .. ... ... | 473 |
| A meditation on priestly spirituality ... ... ... ... | 480 |
| Ħutna fis-sacerdozju li l-Mulej sejjaħ ... ... ... ... | 494 |
| Ċirkularijiet tal-Kurja ... ... ... ... ... ... | 495 |
| L-iskejjel tal-Knisja ... .. ... ... ... ... ... | 501 |
| Nomini ... ... ... ... ... ... ... ... ... | 506 |
| Eżempju ta' omeliji ... ... ... .. ... ... ... | 507 |

BULLETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI
U
LITURĠIJA TAL-KELMA

Nru. 42 Sajf 1984

# L-ITTRA APPOSTOLIKA "SALVIFICI DOLORIS"

Ħuti meqjuma fl-episkopat
egħżież ħuti fi Kristu

## DAĦLA

1. L-Appostlu San Pawl biex juri x'qawwa għandha t-tbatija għas-salvazzjoni, qal: "Jiena ntemm f'ġismi dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu għall-ġisem tiegħu li hu l-Knisja"(1).

Dan il-kliem jidher qisu jinsab fi tmiem it-triq it-twila tat-tbatija li hi sehem il-ġrajja tal-bniedem u li hi mdawwla mill-Kelma ta' Alla. Dan il-kliem ta' San Pawl qisu għandu s-siwi ta' xi ħaġa li nstabet darba għal dejjem u tagħti ferħ kbir. Hu għalhekk li San Pawl jikteb: "Nifraħ bit-tbatijiet tiegħi minħabba fikom" (2). Il-ferħ ġej mill-għarfien ta' xi tfisser it-tbatija; għalkemm Pawlu ta' Tarsu li qiegħed jikteb għaraf xi tfisser it-tbatija b'mod tassew personali, madankollu kulħadd jista' jasal biex jagħraf dan. L-Appostlu jrid iwassal lill-oħrajn dak li għaraf hu, ferħan li b'hekk kulħadd se jkollu l-għajnuna — kif hu stess kellu l-għajnuna — ħa jifhem sewwa **l-qawwa li għandha t-tbatija għas-salvazzjoni.**

2. It-tbatija — l-aktar firrabta tagħha mas-salvazzjoni — tidher ħaġa f'waqtha biex naħsbu sewwa fuqha f'din is-Sena mqaddsa tal-Fidwa, li l-Knisja qiegħda tiċċelebra b'Ġublew straordinarju. Hi għalhekk okkażjoni tajba biex dan is-suġġett tattbatija jiġi studjat sewwa u fil-fond. Iżda, ukoll li ma kinitx din is-Sena mqaddsa tal-Ġublew, il-problema tat-tbatija tal-bniedem hu problema li dejjem jolqot il-bnedmin kollha f'kollox, minn tarf għall-ieħor tad-dinja, qisu li t-tiġrib b'xi mod daħal fid-dinja mal-bniedem; dan iwassal lill-bniedem biex qatt ma jieqaf jitkellem fuq it-tbatija. Għalkemm San Pawl, fl-ittra lir-Rumani, jikteb: "Nafu li l-ħolqien kollu għadu s'issa jitniehed bl-uġigħ tal-ħlas," (3) u għalkemm naraw madwarna l-annimali jbatu, b'dan kollu, meta nitkellmu fuq "it-tbatija", nifhmu b'mod speċjali, it-tbatija li hi fin-natura tal-bniedem. Din it-tbatija hi ħaġa kbira daqskemm hu kbir il-bniedem, għaliex b'xi mod turi x'inhu l-kobor tal-bniedem, u bil-mod tagħha tgħaddi wkoll il-kobor tal-bniedem. Dan għaliex it-tbatija, milli jidher, hi xi ħaġa li għandha x'taqsam ma' dak li bih il-bniedem hu aqwa mid-dinja ta' madwaru, u tinsab f'dawk il-ħwejjeġ li bihom il-bniedem b'xi mod "hu msejjaħ" biex jogħla 'l fuq minnu nnifsu, b'mod moħbi u misterjuż.

3. Jekk il-problema tat-tbatija għandna ngħarbluh sewwa b'mod speċjali f'din is-sena mqaddsa tal-Fidwa, dan nagħmluh l-ewwelnett għaliex il-Fidwa seħħet **bis-Salib ta' Kristu**, jiġifieri **bit-tbatijiet tiegħu.** Fl-istess ħin, f'din is-Sena tal-Fidwa, aħna niftakru wkoll f'dik il-verita' li tinsab fl-enċiklika **Redemptor hominis:** fi Kristu "kull bniedem hu triq għall-Knisja" (4). Nistgħu ngħidu li l-bniedem isir triq għall-Knisja b'mod speċjali meta t-tbatija tidħol f'ħajtu; u dan jiġri, kif kulħadd jafu, f'kemm-il sura, u f'kull żmien ta' ħajtu, issa għal ħaġa u issa għall-oħra; iżda hi x'inhi s-sura li jkollha t-tbatija, mhilli jidher, anzi hekk hu, it-tbatija ma tista' qatt tkun nieqsa mill-ħajja tal-bniedem fid-dinja.

Il-Knisja għalhekk, hija u tqis li l-bniedem, fil-mixi tiegħu fid-dinja b'mod jew ieħor irid jgħaddi mit-triq tat-tbatija, għandha tmur dejjem tiltaqa' miegħu — forsi l-aktar f'din is-sena mqaddsa tal-Fidwa — f'din it-triq. Il-Knisja li għandha l-bidu tagħha fil-misteru tal-Fidwa bis-Salib ta' Kristu, għandha tara kif tiltaqa' mal-bniedem b'mod speċjali fit-triq tat-tbatija, għax f'din il-laqgħa l-bniedem isir "triq għall-Knisja", u din hi l-aqwa fost it-triqat kollha.

4. Hu dan il-ħsieb li għandu jqawwina biex nikkunsidraw il-problema tat-tbatija matul din is-Sena Mqaddsa tal-Fidwa: it-tbatija tal-bniedem tqanqalna biex **inħossu għalih**, twassalna biex **nuruh** ukoll **rispett**, u b'xi mod **tbeżżagħna.** Dan għaliex fit-tbatija hemm moħbi misteru kbir. Dan ir-rispett speċjali li għandu jkollna għal kull sura ta' tbatija tal-bniedem irridu nuruh fil-bidu ta' dak li se ngħidu għax inħossu fil-fond ta' qalbna l-ħtieġa li nagħmlu dan u wkoll biex nobdu dak li tgħidilna l-fidi. Dak li nħossu f'qalbna u dak li tgħidilna l-fidi aħna u nitkellmu fuq it-tbatija, qishom jersqu lejn xulxin u jsiru ħaġa waħda: qalbna tgħidilna li għandna nirbħu l-biża', u l-fidi (kif, biex insemmu eżempju, ġa fissrilna San Pawl) tagħtina dak li bih u għalih il-bniedem jirnexxilu jikseb dik il-qawwa li l-bniedem kien jaħseb li bl-ebda mod ma jista' jikseb; dan għaliex il-bniedem li qiegħed ibati hu fih innifsu misteru li ma nistgħu qatt nifhmu.

## II

## ID-DINJA TAT-TBATIJA TAL-BNIEDEM

5. It-tbatija, jekk inħarsu lejha fid-dimensjoni soġġettiva tagħha, bħala ħaġa kollha kemm hi personali u li tinsab fil-qiegħ nett tar-ruħ ta' kull bniedem, tidher li la tista' qatt tfissirha u l-anqas tgħaddiha lil ħaddieħor; iżda, minkejja dan, forsi t-tbatija jekk inqisuha fir-realta' oġġettiva tagħha, nistgħu nistudjawha, naħsbu fuqha, u nqisuha bħala problema; u għalhekk nistgħu nistaqsu x'inhi n-natura tagħha u nfittxu tweġiba għall-mistoqsi-

jiet tagħna. Hi ħaġa ċara wkoll, li dan ma jfissirx biss li nuru x'inhi t-tbatija, għaliex, barra li nagħtu d-definizzjoni tagħha, rridu ngħidu wkoll x'inhuma l-kriterji li għandna nużaw, jekk irridu nifhmu sewwa x'inhi t-tbatija tal-bniedem fl-oqsma kollha tagħha.

Nafu li **il-mediċina, li hi x-xjenza u s-sengħa tal-fejqan,** mill-ħafna oqsma tat-tbatija tal-bniedem, taf biss l-oqsma l-aktar magħrufa, dawk jiġifieri li jistgħu jiġu mirbuħa, fihom infushom b'metodi ta' kura li jmorru kontrihom (it-terapija). Imma dan hu biss ħaġa żgħira. It-tbatija tal-bniedem, hi wisq aktar minn hekk u, daqshekk ieħor hi ta' ħafna u ħafna suriet: il-bniedem ibati b'ħafna modi, u l-mediċina ma tqishomx kollha, lanqas fl-ogħla speċjalizazzjonijiet tagħha. Dan għaliex it-tbatija hi xi ħaġa aktar minn mard, hi aktar komplikata, u għandha egħruq aktar fil-fond fin-natura tal-bniedem. Dan nifhmuh aħjar jekk nagħżlu minn xulxin it-tbatija fiżika u t-tbatija morali. Din id-distinzjoni tiġi min-natura stess tal bniedem u turi li t-tbatija tista' tolqot direttament sew il-ġisem u sew ir-ruħ tal-bniedem. Il-kelmiet "tbatija" u "uġigħ" kemm-il darba jfissru l-istess ħaġa, iżda ikun hemm **it-tbatija fiżika** meta l-ġisem kollu jkun muġugħ, waqt li **t-tbatija morali** hi n-niket, it-tbatija fir-ruħ. Hi tbatija kollha kemm hi spiritwali, u mhux biss tbatija psikika jew psikoloġika ("uġigħ ta' qalb"): din tista' tkun imsieħba kemm mat-tbatija fiżika u kemm mat-tbatija morali. Il-ħafna suriet ta' tbatija morali ma humiex anqas mis-suriet kollha tat-tbatija fiżika; iżda t-tbatija morali jidher li hi ftit magħrufa u ftit ukoll titfejjaq bit-terapija.

6. Il-Kotba tal-Iskrittura nistgħu nqisuhom **ktieb kbir tat-tbatija.** Insemmu għalhekk xi eżempji mill-Kotba tal-Patt il-Qadim li juruna b'mod singulari t-tbatija tal-bniedem, u l-aktar it-tbatija morali. Naraw hawnhekk it-tbatija — in-niket — li wieħed iġarrab minħabba l-biża' tal-mewt (5), jew minħabba l-mewt ta' l-ulied (6), u l-aktar ta' l-iben il-kbir u waħdieni (7), jew minħabba n-nuqqas ta' wlied (8) jew għax imxennaq għall-art twelidu (9) jew meta wieħed jinsab persegwitat jew fost l-egħdewwa, (10), jew immaqqa' għaċ-ċajt u mkasbar għax qiegħed ibati (11), jew għax waħdu u mitluq minn kulħadd (12), jew għax imġarrab fil-kuxjenza tiegħu (13), jew għax ma jifhimx għaliex il-ħżiena jgħumu fil-ġid u l-ġusti huma maħqura (14), jew minħabba l-qerq u l-ingratitudni tal-ħbieb u tal-qraba (15) u fl-aħħarnett minħabba t-tiġrib ta' art twelidu (16).

Il-Kotba tal-Patt il-Qadim iqisu l-bniedem bħala persuna fisika-psikika, u spiss jorbtu t-tbatijiet morali tar-ruħ ma' uġigħ ta' xi parti jew oħra tal-ġisem: l-għadam (17), il-kliewi (18) il-fwied (19), l-imsaren (20), il-qalb (21). Ma nistgħux niċħdu li t-tbatija morali — in-niket — turi

ruħha wkoll fil-parti fisika, fil-ġisem tal-bniedem, u spiss taħkem fuq il-bniedem kollu kemm hu.

7. Kif igħallmuna l-eżempji li semmejna, l-Iskritura tagħtina lista twila ta' każijiet li fihom il-bniedem jiġi mġarrab b'kull sura ta' tbatija. Iżda din il-lista, għalkemm issemmi ħafna suriet ta' tbatija, ma ssemmix kull ma jsemmi u jtenni dwar it-tbatija l-ktieb tal-ġrajja tal-bniedem (li aktar hu "ktieb li ma nkitibx") u aktar u aktar ma ssemmix dak li jtenni dwarha l-ktieb tal-ġrajja tal-familja kollha tal-bnedmin, meta fih naraw il-ġrajja ta' kull bniedem.

Nistgħu ngħidu li l-bniedem ibati, kull darba li **jġarrab xi deni** Fi kliem il-kotba tal-Patt il-Qadim, hemm rabta hekk kbira bejn it-tbatija u d-deni li qishom ħaġa waħda. Il-kotba tal-Patt il-Qadim ma għandhomx kelma biex ifissru l-qawwa tat-"tbatija", u għalhekk kull ma jbati l-bniedem isejħulu "deni" (22). L-ilsien Grieg biss, u l-kotba tal-Patt il-Ġdid bil-Grieg (u l-verżjonijiet Griegi tal-qedem tal-kotba tal-Patt il-Qadim) jużaw il-kelma **pasko**, kelma li tfisser: inkun imġarrab minn xi ħaġa, inħoss, inbati; għalhekk il-kelma **pasko**, tfisser il-qagħda ta' min ikun imġarrab mid-deni u għalhekk qiegħed ibati, għaliex id-deni (fih nnifsu) mhux l-istess ħaġa bħat-tbatija. It-tbatija l-bniedem jista' jħossha fih stess (tbatija attiva) u tista' tiġi fuqu (tbatija passiva, mill-Latin **patior**); u meta wkoll il-bniedem innifsu jġibha fuqu u joħloqha hu stess għalih, it-tbatija fin-natura metafisika tagħha, tibqa' dejjem ħaġa passiva, ħaġa li l-bniedem iġarrabha fuqu nnifsu.

Iżda dan ma jfissirx li l-mard tar-ruħ, psikoloġikament, ma għandux il-"**ħidma speċifika**" tiegħu: Il-"ħidma speċifika" tal-mard tar-ruħ huma t-tbatijiet, li jintgħażlu soġġettivament minn xulxin, jiġifieri l-uġigħ, in-niket, it-tamiet mhux mitmuma, il-qtigħ il-qalb u d-dispraMent; dawn iġarrbu l-bniedem jew għax jolqtuh b'qawwa kbira jew b'mod dgħajjef, jew għax jaħkmuh sal-fond ta' qalbu, jew jolqtuh ukoll indirettament, skond in-natural li għandu jew kemm jiflaħ għalihom. Għalhekk f'kull sura psikoloġika tat-tbatija l-bniedem dejjem iġarrab xi deni li jġagħlu jbati.

Ma nistgħux għalhekk jekk l-istess tbatija ġġagħalna nistħarrġu x'inhi n-natura tad-deni: x'inhu d-deni?

Din il-mistoqsija b'xi mod, milli jidher ma tistax tinfired mill-problema tat-tbatija. It-tweġibda nisranija għal dan il-problema ma taqbilx mat-tweġib li jingħata minn xi tradizzjonijiet kulturali u reliġjużi oħra, li jsostnu li l-ħajja tal-bniedem fid-dinja hi fiha nfisha sura ta' deni li minnu l-bniedem jeħtieġlu jeħles. Ir-reliġjon nisranija żżomm li l-ħajja hi ħaġa tajba fiha nfisha, li kull ma hawn maħluq hu tajjeb, u xxandar li l-ħlejjaq koll-

lha huma tajbin kif hu tajjeb Dak li ħalaqhom. Il-bniedem ibati minħabba d-deni li hu sura ta' nuqqas, ta' limitazzjoni, ta' tagħwiġ ta' dak li hu tajjeb. Il-bniedem ibati għaliex ma għandux sehem f'xi ġid, li b'xi mod ġie mċaħħad minnu jew li minnu ċċaħħad. U aktar u aktar ibati — fil-kors ordinarju tal-ħajja — jekk verament hu mċaħħad minn ġid li jmissu "ikollu" sehem fih.

Għalhekk, il-fehma nisranija, ta' x'inhi verament it-tbatija tiġi mit-tifsir li tagħti lid-deni, li b'xi mod għandu dejjem relazzjoni mal-ġid.

8. It-tbatija tal-bniedem għandna nqisuha qisha xi 'dinja' li teżisti flimkien mal-bniedem, li xi kull tant tidher fih u tgħib, u xi kull tant ma tgħib xejn imma tibqa' u tagħmel fih egħruq fil-fond. Din id-dinja ta' tbatija hi xi ħaġa mxerrda f'ħafna nies, f'kotra kbira ta' nies, hi dinja li teżisti **mxerrda ma' kullimkien.** Kull bniedem, bit-tbatija li hu jbati fih innifsu, mhumiex biss parti żgħira minn din id-dinja ta' tbatija, imma din id-dinja ta' tbatija teżisti fih ukoll bħala ħaġa tiegħu biss. Iżda flimkien ma' din id-dimensjoni personali, id-dinja tat-tbatija għandha qisha s-solidarjeta' tagħha. Il-bnedmin li jbatu jsiru jixbħu 'l xulxin jew għax qegħdin ibatu, jew għax din xortihom jew għax jeħtiegu min jurihom sinjali ta' mħabba u jifhimhom, jew forsi wkoll, u aktarx, għaliex moħħhom biss li jsibu twegiba għall-mistoqsija xi tfisser it-tbatija. Għalhekk, għalkemm id-dinja tat-tbatija hi mxerrda ma' kullimkien, fl-istess ħin hi fiha nfisha sejħa għall-għaqda u s-solidarjeta'. F'dan l-istudju tagħna fuq it-tbatija se nżommu wkoll quddiem għajnejna din is-sejħa għas-solidarjeta'.

Meta nqisu d-dinja tat-tbatija, kemm fid-dimensjoni personali u kemm fid-dimensjoni soċjali tagħha, naraw li f'ċerti mumenti u f'ċerti żminijiet fil-ħajja tal-bniedem, din id-dinja qisha tilħaq il-qofol tagħha. Dan jiġri, biex insemmu xi eżempji, fl-okkażjoni ta' kalamitajiet naturali, epidemiji, disgrazzji kbar, ħerbiet, taqlib soċjali kbir: nistgħu nsemmu bħala eżempju, ħsad ħażin, li jġib miegħu l-kastig tal-ġuħ, li jista' jiġi wkoll minn kawżi oħra.

Imbagħad hemm il-gwerer. Fuqhom irrid nitkellem b'mod speċjali. Nitkellem fuq l-aħħar żewġ gwerer li kienu mifruxin mad-dinja kollha u l-aktar fuq it-tieni gwerra li ġabet magħha ħsad kbir ta' mejtin u għadd wisq akbar ta' tbatija għall-bnedmin. Min-naħa l-oħra, it-tieni ħamsin sena tas-seklu tagħna — qisu minħabba l-iżbalji li saru u nuqqasijiet taċ-ċiviltà ta' żmienna — ġabu magħhom it-theddida tal-biża ta' gwerra nukleari, tant li ma nistgħux inqisu dan iż-żmien jekk mhux bħala żmien li fih it-tbatijiet se jsiru ħemel u se naslu għall-qerda tal-bnedmin kollha minnhom stess. Hu għalhekk li d-dinja tat-tbatija tinsab imxerrda f'kull bniedem, f'dawn iż-żminijiet tagħna, forsi aktar minn żminijiet oħra, qisha qiegħda tinbidel f'sura speċjali tat-"tbatija tad-dinja", ta' dik id-dinja li qatt qabel ma

ġiet hekk mibdula mill-progress bil-ħila tal-bniedem, imma wkoll li qatt qabel ma kienet hekk mhedda mill-iżbalji u l-ħtijiet tal-bniedem.

## III

## IL-BNIEDEM IFITTEX TWEĠIBA GĦALL-MISTOQSIJA: X'INHI T-TBATIJA?

F'kull tbatija li l-bniedem iġarrab, u fl-oqsma kollha tad-dinja tat-tbatija, hemm dejjem mistoqsija: Għaliex it-tbatija? Hija mistoqsija dwar minn fejn ġejja, għaliex u għal fejn it-tbatija. F'kelma waħda: xi tfisser it-tbatija? Din il-mistoqsija mhux biss insibuha msieħba ma' kull tbatija tal-bniedem, imma, milli jidher, hi din il-mistoqsija li tagħmel it-tbatija li hemm fil-bniedem, tbatija tal-bniedem.

Ħaġa ċara li t-tbatija, l-aktar it-tbatija tal-ġisem, tinsab imxerrda fl-annimali kollha: imma hu l-bniedem biss li, meta jintlaqat bit-tbatija, jagħraf li qed ibati, u għalhekk jistaqsi għaliex; u, bħala bniedem, ibati aktar jekk ma jkollux tweġiba li tissodisfah. Dan hu problema diffiċli, daqs il-problema l-ieħor li jixbħu dwar id-deni. Għaliex id-deni? Għax hawn id-deni fid-dinja? Meta l-mistoqsija nagħmluha b'dan il-mod inkunu b'xi mod nagħmlu wkoll mistoqsija dwar it-tbatija.

Iż-żewġ mistoqsijiet huma tqal kemm meta bniedem jagħmilhom lill-bniedem ieħor, kemm meta n-nies jagħmluhom lil nies oħra, u kemm ukoll meta il-mistoqsija ssir lil Alla. Il-bniedem it-tweġiba ma jistennihiex mid-dinja, għalkemm spiss hu minħabba d-dinja li jbati, imma l-mistoqsija jagħmilha lil Alla, bħala Dak li ħalaq id-Dinja u huwa Sidha. Hi ħaġa magħrufa li f'din il-kwistjoni, il-bnedmin mhux biss jaslu biex jonqsu mid-dehen b'ħafna modi, u jeħduha kontra Alla, imma jaslu wkoll biex jiċħdu lil Alla. Jekk, min-naħa, d-dinja twassal il-bniedem biex b'ruħu jagħraf li hemm Alla u li huwa għaref u setgħan u kollu ġmiel, min-naħa l-oħra t-tbatija u d-deni tant idallmu din id-dehra li idallmuha għall-aħħar, u dan l-aktar fil-ġrajjiet drammatiċi tal-ħajja ta' kuljum fejn ħafna jġarrbu tbatijiet kbar bla ħtija, u ħafna ħtijiet kbar jeħilsu minn kastigi xierqa. Dan jurina — forsi aktar minn ħaġ'oħra — x'siwi għandu l-problema xi tfisser it-tbatija, u b'liema għaqal għandna istudjaw dan il-problema u t-tweġiba li rridu nagħtu għalih.

10. Dwar it-tbatija l-bniedem jista' jagħmel lil Alla mistoqsija bil-qawwa kollha ta' qalbu u b'fehma mimlija stagħġib u nkwiet; Alla jistenniha din il-

mistoqsija u jagħti widen għaliha, kif naraw fir-rivelazzjoni tal-Patt il-Qadim. Il-ktieb ta' Ġob ifisser dan il-problema tat-tbatija b'mod l-aktar ħaj.

Kulħadd jafha l-ġrajja ta' dan il-bniedem ġust li, bla ebda ħtija, ġie mġarrab minn tbatijiet bla qies. Tilef ġidu, tilef 'l uliedu bniet u subien, u fl-aħħar hu stess ġarrab marda qalila. U waqt li kien f'din il-qagħda hekk kiefra ġew għandu tlieta minnies li kienu ilħom jafuh. Dawn — kull wieħed minnhom bil-mod tiegħu — ippruvaw jikkonvinċuh **li kien ħati ta' xi dnub kbir,** la ġie mġarrab minn tant tbatijiet kiefra. It-tbatija — qalulu — tiġi fuq il-bniedem biss bħala kastig ta' xi ħtija; jibgħatha Alla l-ġust, u r-raġuni tagħha nsibuha fl-ordni tal-ġustizzja. Nistgħu ngħidu li ħbieb Ġob mhux biss riedu **jikkonvinċuh** li d-deni hu moralment ġust, imma b'xi mod tħabtu wkoll biex jiddefendu għalihom infushom it-tifsir morali tat-tbatija. Hasbu li t-tbatija ma tistax tiftiehem jekk mhux biss bħala kastig tad-dnub, u għalhekk tidħol fil-qasam tal-ġustizzja ta' Alla li jpatti t-tajjeb bil-ġid u l-ħażin bid-deni. Hawnhekk għandna tagħlim li nsibuh ukoll f'kotba oħra tal-Patt il-Qadim, li juruna t-tbatija bħala kastig mogħti minn Alla għad-dnubiet.

Alla ġie rrivelat lilna bħala **Leġislatur u Mħallef** u ebda setgħa ma hawn fid-dinja bħal tiegħu. Alla ġie rrivelat lilna, qabel xejn, bħala **il-Ħallieq,** dak li għamel kollox u għamlu kollu kemm hu tajjeb fih innifsu. Għalhekk kull darba li l-bniedem, minn rajh u b'fehma sħiħa, ikasbar dak li hu tajjeb fil-ħolqien, mhux biss jikser il-liġi imma wkoll joffendi lil Alla, li hu l-ewwel leġislatur, l-ewwel wieħed li għamel il-liġijiet. Dan il-ksur tal-liġi hu dnub fit-tifsir veru tal-kelma, jiġifieri fit-tifsir li l-kelma 'dnub'' għandha fl-Iskrittura u fit-teoloġija. **Fejn hemm id-dnub għandu jkun hemm il-kastig** biex hekk jiġi mħares l-ordni morali fit-tifsir traxxendentali tiegħu, kif ġie mwaqqaf mirrieda ta' Dak li ħalaq kollox u hu l-ogħla Leġislatur. Minn hawn ġejja waħda mill-veritajiet fondamentali tal-fidi reliġjuża, verita' li ġiet ukoll rivelata, verita' li tgħid li Alla hu mħallef ġust, li jippremja t-tajbin u jikkastiga l-ħżiena: Int, Mulej, "ġust b'dak kollu li għamilt magħna, kull ma għamilt hu sewwa, u triqatek dritti u l-ħaqq tiegħek bis-sewwa. Għax int għamilt ħaqq bis-sewwa, f'kull ma ġibt fuqna ... bissewwa u l-ħaqq ġibt dan kollu fuqna, minħabba dnubietna'' (23)

Il-fehma tal-ħbieb ta' Ġob hi fehma li spiss niltaqgħu magħha fil-kuxjenza tal-familja kollha tal-bnedmin: l-ordni morali fih innifsu jitlob kastig għal kull ksur ta' liġi, għall kull dnub jew ħtija. Minn dan jiġi li t-tbatija tidher bħala "deni li wieħed ikun ħaqqu għall-ħtijietu". Dawk li huma sguri li t-tbatija hija kastig tad-dnub, jibnu l-fehma tagħhom fuq l-ordni tal-ġustizzja, fehma li taqbel ma' dik li fisser wieħed mill-ħbieb ta' Ġob: "Għal li rajt, dawk li jagħmlu l-ħażen u jiżirgħu t-tbatija, lilhom jaħsdu'' (24).

11. Imma Ġob ma jaċċettax bħala veru l-prinċipju li t-tbatija hi kastig tad-dnub. Dan jagħmlu għax din kienet il-fehma tiegħu: kien sgur li ma kienx ħaqqu ebda kastig, tant li jsemmi l-ġid li għamel tul ħajtu kollha. U fl-aħħar Alla stess iċanfar lill-ħbieb Ġob talli xlewh u jistqarr li Ġob ma kienx ħati ta' ebda ħtija. It-tbatija ta' Ġob hi t-tbatija ta' min hu bla ħtija, tbatija li għandna nqisuha bħala misteru, li l-bniedem bid-dehen kollu tiegħu ma jasalx biex jifhem.

Il-Ktieb ta' Ġob ma jmurx kontra l-ordni morali traxxendentali, li hu mibni fuq il-ġustizzja, kif turihielna r-Rivelazzjoni kollha tal-Patt il-Qadim u l-Patt il-Ġdid. Fl-istess ħin il-Ktieb ta' Ġob iwissina bil-qawwa kollha li ma għandniex nużaw il-prinċipji ta' dan l-ordni morali traxxendentali b'mod superfiċjali, qisu ma hemmx prinċipji oħra. Jekk hu minnu li t-tbatija jista' jkollha t-tifsir ta' kastig meta hemm il-ħtija, mhux minnu li **kull tbatija ġejja minn xi ħtija u għandha s-sura ta' kastig.** Ġob, il-bniedem ġust hu prova liema bħala ta' dan fil-Patt il-Qadim. Ir-Rivelazzjoni li hi l-istess Kelma ta' Alla tpoġġielna quddiemna, bla ħabi ta' xejn, il-problema tat-tbatija ta' min hu bla ħtija, tat-tbatija bla ebda ħtija. Ġob mhux qed jiġi kastigat; ma hemm ebda raġuni li għaliha kellu jieħu xi kastig, għalkemm ġie mġarrab b'mod l-aktar kiefer. Mill-bidu tal-Ktieb ta' Ġob, jidher ċar li Alla ippermetta li Ġob jiġi mġarrab, għax hekk ried ix-xitan. Dan, quddiem Alla, staqsa jekk Ġob kienx tassew bniedem ġust: "Tgħid għalxejn Ġob jibża' minn Alla? ... Berikt kull ma għamlu idejh, u ġidu kiber ma' l-art kollha kemm hi. Imma midd idek u olqot kull ma għandu, u ara jekk jisħtekx f'wiċċek" (25). Jekk Alla ppermeta li Ġob jiġi mġarrab mit-tbatija, dan għamlu biex **juri kemm Ġob kien bniedem ġust.** It-tbatija kienet prova.

Fil-Ktieb ta' Ġob ma nsibux kull ma tgħidilna r-Rivelazzjoni dwar it-tbatija. Dan il-Ktieb b'xi mod hu tħabbira tal-Passjoni ta' Kristu, imma waħdu biss hu **prova biżżejjed** li t-tweġiba għall-mistoqsija dwar xi tfisser it-tbatija mhux marbuta kollha kemm hi ma' l-ordni morali, li hu mibni biss fuq il-ġustizzja. Iżda, jekk din it-tweġiba għandha s-siwi u l-qawwa tagħha fondamentali u traxxendentali, m'hijiex tweġiba biżżejjed għall-każijiet bħal dawk tat-tbatija ta' Ġob, anzi tasal biex iddgħajjef sewwa u tnaqqas **il-fehma tal-ġustizzja** kif insibuha mfissra fir-Rivelazzjoni.

12. Il-Ktieb ta' Ġob jippreżentalna l-problema tat-tbatija b'mod tassew aħrax, huwa u jurina t-tbatija ta' wieħed bla ħtija, iżda l-problema ma jħollux.

Sa mill-Patt il-Qadim naraw jitfaċċa l-ħsieb li t-tbatija m'hijiex biss kastig għad-dnub; dan narawh kull fejn il-Patt il-Qadim jurina x'qawwa għandha t-tbatija biex tgħallem. Fit-tbatijiet li bihom Alla jġarrab il-poplu magħżul tiegħu, hemm ukoll l-istedina tal-ħniena tiegħu li twiddeb u twassal għall-konversjoni: "Dawn il-kastigi mhu-

miex għall-qerda imma għat-twiddib ta' ġensna" (26).

B'dan naraw li l-kastig għandu wkoll dimensjoni personali, jiġifieri l-kastig għandu l-qawwa mhux biss li jpatti għad-deni li jkun sar b'deni lil min għamlu, imma wkoll, u qabel xejn, għandu l-qawwa li jkun ta' ġid għal min qiegħed ibatih.

Dan l-aspett tat-tbatija hu importanti ħafna, u għandu l-egħruq tiegħu fir-Rivelazzjoni kollha tal-Patt il-Qadim u aktar u aktar tal-Patt il-Ġdid. It-tbatija għandha twassal għall-**konversjoni,** jiġifieri **għall-bini mill-ġdid** tal-ġid fil-bniedem, li f'din is-sejħa għall-indiema jista' jagħraf il-ħniena ta' Alla. L-għan ta' l-indiema hu li jintrebaħ id-deni, li jinsab moħbi fil-bniedem b'ħafna suriet, kemm fir-relazzjonijiet tiegħu ma' l-oħrajn u kemm f'dawk ma' Alla.

13. Iżda biex insibu tweġiba vera għall-mistoqsija dwar x' inhi tassew it-tbatija, irridu naraw x'inhi r-rivelazzjoni ta' l-imħabba ta' Alla, li fl-aħħar mill-aħħar tagħti t-tifsir sħiħ ta' kull ma hawn fid-dinja. L-imħabba tagħti tifsira mill-aqwa tat-tbatija, li tibqa' dejjem misteru, għaliex nafu li t-tifsir kollu li nagħtu qatt mhu biżżejjed u sħiħ. Kristu jdaħħalna f'dan il-misteru, u jgħinna nifhmu għaliex inbatu jekk għandna l-ħila nifhmu l-għoli ta' l-imħabba ta' Alla għalina.

Jekk irridu naslu biex nagħrfu t-tifsir sħiħ tat-tbatija, imdawlin mill-Kelma ta' Alla li ġiet rivelata lilna, irridu nħarsu lejn il-bniedem kollu kemm hu fis-suriet kollha tas-setgħat tiegħu. Qabel xejn irridu naċċettaw li nkunu mdawla mir-Rivelazzjoni mhux biss għax ir-Rivelazzjoni turina x'inhu l-ordni traxxendentali tal-ġustizzja, imma wkoll għaliex ir-Rivelazzjoni ddawwal dan l-ordni biddawl ta' l-imħabba, li hi l-bidu veru ta' kull ma hu maħluq. L-imħabba tagħtina t-tweġiba l-aktar sħiħa għall-mistoqsija xi tfisser it-tbatija. U din it-tweġiba Alla taha lill-bniedem permezz tas-Salib ta' Ġesù Kristu.

## IV

## ĠESU' KRISTU: IT-TBATIJA MIRBUħA MILL-IMħABBA

"Alla hekk ħabb id-dinja li ta 'l Ibnu l-waħdieni biex kull min jemmen fih ma jintilifx imma jkollu l-ħajja ta' dejjem" (27). Dan il-kliem li Ġesù qal lil Nikodemu jdaħħalna fil-qalba tal-ħidma **ta' Alla għas-salvazzjoni tagħna.** Huwa kliem li jurina x'inhu l-qofol tas-soterjoloġija nisranija, tat-teoloġija tas-salvazzjoni. Is-salvazzjoni tfisser ħelsien mid-deni, u għalhekk għandha rabta sħiħa mal-problema tat-tbatija.

Skond il-kliem li ntqal lil Nikodemu, Alla ta 'l Ibnu "lid-dinja" biex jeħles lill-bniedem mid-deni, li fl-aħħar mill-aħħar insibu fih ir-raġuni vera għaliex għandna nbatu. Fl-istess ħin **il-kelma** "ta" turi li l-ħelsien li kellu jseħħ permezz ta' l-Iben waħdieni ta' Alla, kellu jseħħ bit-tbatijiet tiegħu stess. F'dan tidher l-imħabba, l-imħabba bla qies kemm ta' l-Iben il-waħdieni ta' Alla u kemm tal-Missier, li għalhekk "ta" lil Ibnu. Din hi mħabba għall-bniedem, imħabba għad-"dinja", imħabba li ssalva.

Hawnhekk se naraw aspett għal kollox ġdid tal-problema li fuqha qegħdin naħsbu — u dan irridu nżommuh ċar quddiem għajnejna aħna u nistħarrġu dan il-problema. Dan l-aspett mhux l-istess aspett li rajna meta, b'xi mod, fittixna biss naraw xi tfisser it-tbatija fil-qasam tal-ġustizzja. Dan **l-aspett ġdid huwa dak tal-Fidwa,** li fuqu jitkellem Ġob, il-bniedem ġust tal-Patt il-Qadim, almenu skond il-Vulgata, meta jgħid: "NAF li l-Feddej tiegħi ħaj... u fl-aħħar... nara lil Alla" (28). Sa issa ħsibna l-aktar u b'xi mod biss fuq it-tbatija fis-suriet kollha tagħha f'dan iż-żmien (kif kienu s-suriet kollha tat-tbatija ta' Ġob), iżda l-kliem ta' Kristu lil Nikodemu, li semmejna aktar 'il fuq, huwa dwar **it-tbatija fit-tifsira ewlenija u fundamentali tagħha.** Alla jagħti lil Ibnu l-waħdieni biex il-bniedem "ma jintilifx"; il-qawwa tal-kelmiet: "ma jintilifx" hi mfissra b'mod aktar preċiż bil-kliem ta' wara: "imma jkollu l-ħajja ta' dejjem". Il-bniedem "jintilef", meta "jitlef il-ħajja ta' dejjem". Mela l-maqlub tas-salvazzjoni m'hijiex it-tbatija f'din id-dinja, m'hijiex kull xorta ta' tbatija, imma hija dik it-tbatija żgura u ma tintemm qatt, jiġifieri t-telfien tal-ħajja ta' dejjem, jiġifieri tkun imwarrab għal dejjem minn Alla, id-dannazzjoni. L-Iben il-waħdieni ta' Alla ngħata lill-bnedmin l-ewwelnett biex iħares il-bniedem minn dan id-deni, minn din it-tbatija **żgura u ma tintemm qatt.** Il-missjoni ta' l-Iben ta' Alla għas-salvazzjoni tad-dinja kienet għalhekk li hu jmiss it-tbatija fl-egħruq traxxendentali tagħha, minn fejn tinbet fil-ġrajja tal-bniedem. Dawn l-egħruq traxxendentali tat-tbatija jinsabu fid-dnub u l-mewt: ġejjin mit-telfien tal-ħajja ta' dejjem. Din mela kienet il-missjoni ta' l-Iben il-waħdieni ta' Alla: **ir-rebħa fuq il-mewt u d-dnub.** Bl-obbedjenza tiegħu sal-mewt Ġesù rebaħ id-dnub u bil-qawmien tiegħu mill-imwiet rebaħ il-mewt.

15. Meta ngħidu li Kristu fil-missjoni tiegħu mess id-deni fl-egħruq tiegħu, aħna ma nkunux qegħdin naħsbu biss fuq id-deni u t-tbatija żgura u ma tintemm qatt, jiġifieri fuq it-tbatija eskatoloġika (biex il-bniedem "ma jintilifx, imma jkollu l-ħajja ta' dejjem"), imma nkunu naħsbu wkoll — almenu b'xi mod — fuq id-deni u

t-tbatija **f'dan iż-żmien, fil-ġrajja tal-bniedem fid-dinja.** Id-deni jibqa' marbut mad-dnub u l-mewt. U għalkemm irridu noqogħdu attenti ħafna qabel ngħidu li t-tbatijiet tal-bniedem huma konsegwenza ta' dnubiet veri (dan narawh fl-eżempju ta' Ġob, il-bniedem ġust), ma nistgħux nifirduhom mid-dnub tal-bidu, dak id-dnub li San Ġwann isejjaħlu "id-dnub tad-dinja" (29), minn dik **il-qagħda ta' dnub** li naraw fl-egħmil tan-nies u fil-mixi tas-soċjetajiet tul il-ġrajja kollha tad-dinja. Għalkemm ma għandniex, kif għamlu ħbieb Ġob, inqisu bħala kriterju rabta sħiħa bejn tbatija u ħtija, ma għandniex inwarrbu l-fehma li fl-aħħar mill-aħħar it-tbatija tal-bniedem ġejja mill-fatt li l-bniedem hu involut fid-dnub b'ħafna manjieri.

L-istess ħaġa dwar **il-mewt.** Spiss wieħed jistenniha bħala ħelsien mit-tbatijiet ta' din il-ħajja. Fl-istess ħin ma nistgħux ma nqisux li bil-mewt il-qawwa qerrieda tat-tbatija fil-ġisem u fir-ruħ tilħaq il-qofol tagħha. Qabel xejn il-mewt iġġib **firda** fil-personalità kollha fiżika-psikika tal-bniedem. U r-ruħ tibqa', imma mifruda mill-ġisem; il-ġisem bil-mod il-mod jispiċċa skond il-kliem li l-Mulej Alla qal wara d-dnub tal-bniedem fil-bidu tal-ġrajja tiegħu fid-dinja: "Inti trab u lejn it-trab terġa' tmur" (30). Għal-hekk, għalkemm il-mewt mhijiex tbatija fit-tifsir li nagħtu l-kelma meta nitkellmu fuq it-tbatija tad-dinja, għalkemm insibuha b'xi mod **'l hemm mis-suriet kollha tat-tbatija** tad-dinja, id-deni li l-bniedem iġarrab biha, hu xi ħaġa li ma tistax teħles minnha u li tħaddan kollox. L-Iben il-Waħdieni ta' Alla, bl-egħmil tiegħu ta' salvazzjoni, ħeles lill-bniedem mill-mewt u d-dnub. L-ewwelnett **qaċċat** 'il barra mill-ġrajja tal-bniedem **is-setgħa tad-dnub,** li bis-saħħa ta' l-ispirtu tal-ħażen għamel l-egħruq fih minn żmien id-dnub tal-bidu; b'hekk l-Iben ta' Alla ta lill-bniedem li jgħix fil-grazzja qaddisa. Wara r-rebħa fuq il-mewt, l-Iben ta' Alla neħħa wkoll is-setgħa **lill-mewt,** meta bil-qawmien tiegħu mill-imwiet fetaħ it-triq tal-qawmien għall-ħajja ta' dejjem. Il-qerda tas-setgħa tad-dnub u l-qerda tas-setgħa tal-mewt huma ż-żewġ kondizzjonijiet għal kollox meħtieġa għall-"ħajja ta' dejjem", li hi l-hena li ma tintemm qatt ta' l-għaqda tal-bniedem ma' Alla; dan, għal dawk li jsalvaw, ifisser li t-tbatija, wara t-tmiem tad-dinja, tintemm għal kollox. Bl-egħmil ta' Kristu għas-salvazzjoni tagħna, il-bniedem kiseb li f'din id-dinja jgħix bit-**tama** tal-ħajja u tal-qdusija ta' dejjem. Ir-rebħa ta' Kristu fuq id-dnub u l-mewt bis-Salib u l-qawmien tiegħu mill-imwiet, ma tneħħi xejn mit-tbatija tal-ħajja f'din id-dinja u lanqas teħles mit-tbatija l-ġrajja kollha tal-bniedem fil-ħajja tiegħu fid-dinja, **iżda titfa' dawl ġdid,** id-dawl tas-salvazzjoni, fuq il-

ġrajja tal-bniedem fid-dinja u fuq it-tbatijiet kollha tiegħu. Hu d-dawl ta' l-Evanġelju, tal-Bxara t-tajba. F'nofs dan id-dawl insibu l-verità li Ġesù wera lil Nikodemu: "Alla hekk ħabb id-dinja li ta l-Iben il-waħdieni tiegħu" (31). Din il-verità tbiddel mill-egħruq il-ġrajja tal-bniedem u l-qagħda tiegħu fid-dinja; minkejja li d-dnub għamel l-egħruq tiegħu fil-ġrajja tal-bniedem kemm bħala dnub tan-nisel u kemm bħala "id-dnub tad-dinja" u kemm bħala l-ġabra tad-dnubiet kollha tal-bnedmin, Alla l-Missier ħabb 'l Ibnu, jiġifieri, ħabbu dejjem; imbagħad, fiż-żmien f'waqtu, għal din l-imħabba, li tirbaħ kollox, "ta" dan l-Iben il-waħdieni tiegħu biex jinżel sa l-egħruq tad-deni tal-bniedem u hekk jersaq qrib l-oqsma kollha tat-tbatija, li minnhom għandu sehem il-bniedem, biex isalvah.

16. Kristu, fil-ħidma tiegħu ta' salvazzjoni f'nofs il-poplu ta' Iżrael resaq dejjem aktar qrib **id-dinja tat-tbatija tal-bniedem.** "Għadda jagħmel il-ġid" (32) u egħmilu kien l-aktar ma' dawk li kienu jbatu u jeħtieġu l-għajnuna. Fejjaq il-morda, farraġ l-imnikktin, tama' 'l dawk li kienu bil-ġuħ, fejjaq it-torox, l-għomja, l-imġiddmin, ħeles 'il min kien maħkum mix-xitan jew minn kull xorta ta' nuqqas fil-ġisem, tliet darbiet ta l-ħajja lill-mejtin. Kien iħoss għal kull xorta ta' tbatija tal-bniedem, kemm fir-ruħ u kemm fil-ġisem. U fl-istess ħin kien igħallem, u fil-qalba tat-tagħlim tiegħu, hemm **it-tmien beatitudni,** li qalhom għall-bnedmin li huma mġarrbin minn tant tbatijiet fil-ħajja tad-dinja. Dawn huma "l-fqar fl-ispirtu", "dawk li jibku", "dawk li għandhom ġuħ u għatx tal-ġustizzja", u "dawk li huma ippersegwitati minħabba l-ġustizzja", meta n-nies jistħuhom u jfittxuhom għall-mewt u jgħidu kull deni fuqhom, bil-gideb, minħabba Kristu... (33). Dan skond San Mattew. San Luqa mbagħad isemmi 'l dawk li huma "għalissa bil-ġuħ" (34).

Hu x'inhu, Kristu resaq qrib din id-dinja tat-tbatija tal-bniedem **għaliex hu stess tgħabba b'din it-tbatija.** Tul il-ħajja pubblika tiegħu mhux biss ġarrab l-għeja, ma kellux fejn joqgħod, u ħabbat wiċċu ma' l-injoranza ta' dawk li kienu l-aktar qrib tiegħu, imma wkoll, u aktar minn kollox, sab ruħu dejjem aktar imdawwar mill-għira waqt li, minn jum għall-ieħor, beda dejjem jidher aktar ċar il-ħsieb ta' dawk li riedu jneħħulu ħajtu. Għax kien jaf b'dan kollu, Kristu spiss kien jitkellem mad-dixxipli tiegħu fuq it-tbatija u l-mewt li kien hemm lesti għalih: "Ara, issa aħna telgħin Ġerusalem u Bin il-bniedem se jingħata f'idejn il-qassisin il-kbar u l-kittieba li jaqtgħuhielu għall-mewt u jerħuh f'idejn il-pagani; dawn imbagħad jiddieħku bih, jobżqulu fuqu, jagħtuh għall-mewt u joqtluh, u wara tlitt ijiem

iqum mill-mewt" (35). Kristu jersaq lejn il-passjoni u l-mewt tiegħu, żgur li l-missjoni tiegħu kellu jtemmha b'dan il-mod. Kien proprju b'din it-tbatija tiegħu li l-bniedem "ma jintilifx imma jkollu l-ħajja ta' dejjem". Bis-Salib Ġesù kellu jinżel sa l-egħruq tad-deni, li tħawwel fil-ġrajja tal-bniedem u f'qalb il-bnedmin. Bis-Salib tiegħu kellu jtemm **l-opra tal-fidwa.** Din l-opra kellha tkun opra ta' fidwa, skond il-pjan ta' l-Imħabba ta' dejjem ta' Alla.

Kien għalhekk li Kristu ċanfar bl-aħrax lil San Pietru, meta dan ipprova jġagħlu jwarrab minn fehmtu l-ħsibijiet tat-tbatija u tal-mewt tas-salib (36). U meta Ġesù ġie maqbud fil-ġnien tal-Ġetsemani, u San Pietru pprova jiddefendih bis-sejf, Kristu qallu: "Erġa' daħħal sejfek f'postu... Kif isseħħ l-Iskrittura li tgħid li hekk għandu jsir?" (37). U Ġesù qal ukoll: **"Forsi l-kalċi li tani Missieri ma nixorbux?"** (38). Din it-tweġiba — mhux inqas minn tweġib ieħor li jinsab 'l hawn u 'l hemm fl-Evanġelju — turi kemm Kristu kellu fil-fond ta' qalbu l-ħsieb li darba kien fisser huwa u jitkellem ma' Nikodemu: "Alla hekk ħabb id-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem" (39). Kristu beda miexi fit-triq li kellha twasslu għall-passjoni tiegħu, żgur mill-qawwa tagħha għas-salvazzjoni; u dan għamlu biex jobdi lill-Missier imma aktar u aktar għaliex **kien ħaġa waħda mal-Missier** fl-imħabba għad-dinja u għall-bniedem fid-dinja. Għalhekk San Pawl kiteb dan għal Kristu: "Ħabbni u ta ruħu għalija" (40).

17. L-Iskrittura kellha sseħħ. Ħafna siltiet messjaniċi tal-Patt il-Qadim ħabbru minn qabel it-tbatijiet tal-Messija ta' Alla. Fost dawn is-siltiet kollha l-aktar li tqanqal il-qlub hija dik is-silta, magħrufa bħala r-**Raba' Għanja tal-Qaddej ta' Jahweh,** li tinsab fil-ktieb tal-profeta Isaija. Il-Profeta, li bir-raġun kollu hu msejjaħ "il-ħames evanġelista", f'din il-għanja jiddeskrivi b'mod hekk ħaj it-tbatijiet tal-Qaddej li qisu qiegħed jarahom b'għajnejh stess, bl-għajnejn tal-ġisem u b'dawk tar-ruħ. Il-Passjoni ta' Kristu fid-dawl tal-kliem ta' Isaija, tieħu tifsir aqwa u tqanqal aktar il-qlub milli jagħmlu r-rakkonti ta' l-evanġelisti. Ara, kif jidher quddiemna l-Bniedem tat-Tbatija:

"Ebda sura ma kellu u ebda ġmiel biex inħarsu lejh... Kien imżeblaħ u mwarrab mill-bnedmin, **bniedem li bata** u kien jaf x'inhu l-mard; bħal wieħed li n-nies jaħbu wiċċhom minnu, bniedem imżeblaħ, li aħna xejn ma qisnieh. Iżda hu refa' fuqu l-mard tagħna, **tgħabba bin-niket tagħna.** Aħna ħsibnieh bħal wieħed ikkastigat, milqut minn Alla u miġjub fix-xejn. Iżda hu kien miġruħ minħabba fi dnubietna, misħuq minħabba

fi ħżunitna. Għas-saħħa tagħna waqa' l-kastig fuqu, u bis-swat tiegħu sibna l-fejqan tagħna. Aħna lkoll bħal ngħaġ mitlufa, kull wieħed minna qabad triq għal rasu; **u l-Mulej xeħet fuqu l-ħażen kollu tagħna**" (41).

L-għanja tal-Qaddej li qiegħed ibati għandha deskrizzjoni li fiha b'xi mod nistgħu naraw il-mumenti kollha tal-Passjoni tal-Mulej fl-iċken irqaqat: maqbud, insultat, mogħti bil-ħarta, bil-bżieq fuqu, imkasbar fiddinjità tiegħu waqt li hu maqbud, il-kundanna inġusta, il-flaġellazzjoni, il-kuruna taxxewk li qegħdulu fuq rasu u l-insulti li tawh, it-triq tas-salib, imsallab, l-agunija.

Imma aktar mid-deskrizzjoni tal-Passjoni bi kliem il-profeta, jolqot lill-qlubna **l-kobor tas-sagrifiċċju ta' Kristu.** Għalkemm bla ħtija, jilqa' fuqu t-tbatijiet kollha tal-bnedmin, għax jitgħabba bi dnubiethom kollha. "Il-Mulej xeħet fuqu l-ħażen kollu tagħna": id-dnub **kollu** tal-bniedem, fil-kobor tiegħu kollu u kif inhu mxerred f'kulħadd u kullimkien, hu r-raġuni vera tat-tbatijiet tal-Feddej. Jekk imbagħad it-tbatija "inqisuha" mill-kobor taddeni li wieħed iġarrab, kliem il-profeta jgħinna nifhmu kemm hu kbir id-deni u kemm hi kbira t-tbatija li Kristu ġarrab. Nistgħu ngħidu li din hi tbatija "flok ħaddieħor"; iżda hi fuq kollox tbatija "li tifdi". Il-Bniedem tat-Tbatija tal-profezija hu verament "il-ħaruf ta' Alla, li jneħħi d-dnub tad-dinja" (42). Bit-tbatijiet tiegħu, jitħassru d-dnubiet għaliex hu waħdu, bħala l-Iben il-waħdieni tal-Missier, seta' jitgħabba bihom u jilqagħhom **b'dik l-imħabba għall-Missier li tegħleb** id-deni ta' kull dnub; b'xi mod hu jġib fix-xejn dan id-deni fil-qasam spiritwali tar-relazzjonijiet ta' Alla mal-familja kollha tal-bnedmin, u jimla dan il-qasam bil-ġid.

Hawn niltaqgħu maż-żewġ naturi ta' Dik il-Persuna waħda li bi tbatijietha kisbet il-Fidwa. Dak li bil-passjoni u l-mewt tiegħu fuq is-salib ġabilna l-fidwa, hu l-Iben il-waħdieni, li Alla "ta". Fl-istess waqt dan **l-Iben, ta' l-istess natura tal-Missier, ibati bħala bniedem.** It-tbatijiet tiegħu huma tbatijiet ta' bniedem, iżda — u din hi ħaġa li ma hemmx oħra bħalha fil-ġrajja tal-bniedem— dawn it-tbatijiet għandhom ukoll qawwa u kobor, li għalkemm huma qawwa u kobor ta' tbatijiet ta' bniedem, huma ta' qawwa u kobor bla qjies ta' tbatija, għaliex il-Bniedem li qiegħed ibati hu l-Persuna ta' l-istess Iben ta' Alla: "Alla minn Alla". Għalhekk Hu biss — l-Iben il-waħdieni — jista' jħaddan il-kobor kollu tad-deni li hemm fid-dnub tal-bniedem; f'kull dnub u fid-dnub "kollu" tal-ġrajja sħiħa tal-bniedem fuq l-art.

18. Nistgħu ngħidu li l-ħsibijiet li fissirna hawn fuq iwassluna dritt fil-Ġetsemani u fuq il-Kalvarju, fejn l-Għanja tal-Qaddej ibati tal-Ktieb ta'

Isaija issehh kollha kemm hi. Imma qabel naslu hemm, inkomplu naqraw il-kliem ta' l-Għanja, li ħabbru minn qabel il-Passjoni fil-Ġetsemani u fuq il-Kalvarju. Dan il-Qaddej — u dan irridu narawh biex infissru sewwa l-Passjoni ta' Kristu — **tgħabba minn rajh** b'dawk it-tbatijiet li fuqhom tkellimna:

"Ħaqruh, u qagħad għalihom, bla ma biss fetaħ fommu; bħal ħaruf meħud għall-qatla, u bħal ngħaġa mbikkma f'id min iġiżżha, ma fetaħx fommu. Bil-forza u l-ħaqq neħħewh; u min qagħad jaħseb fuq xortih? Iva, qaċċtuh mill-art tal-ħajjin, minħabba fi dnub il-poplu tiegħu kien midrub; u tawh qabar mal-ħżiena, u mal-għonja difnuh, għalkemm ma għamel ebda ħsara u ebda qerq ma ħareġ minn fommu" (43).

**Kristu bata minn rajh u bata bla ħtija.** Bit-tbatijiet tiegħu jilqa' dik il-mistoqsija mtennija kemm-il darba mill-bnedmin u li nsibu mfissra, b'xi mod, fil-kruha kollha tagħha, fil-ktieb ta' Ġob. Iżda Kristu mhux biss jilqa' din il-mistoqsija (mistoqsija li jilqagħha b'mod wisq aktar sħiħ għaliex hu mhux biss bniedem kif kien Ġob, imma hu wkoll l-Iben ta' Alla), imma **għandu wkoll l-aħjar tweġiba li tista' tingħata għal din il-mistoqsija.** Nistgħu ngħidu li t-tweġiba tiġi b'xi mod mit-tbatija stess li dwarha ssir il-mistoqsija. Kristu jwieġeb għall-mistoqsija x'inhi u xi tfisser it-tbatija mhux biss bit-tagħlim tiegħu, jiġifieri bil-Bxara t-tajba, imma, qabel kollox, iwieġeb bit-tbatija tiegħu stess, li hi parti mit-tagħlim ta' l-Evanġelju u ma tistax tiġi mifruda minnu. U din hija l-**aħħar** kelma li tiġbor fiha fil-qosor **it-tagħlim** kollu ta' l-Evanġelju: "il-predikazzjoni tas-salib" (44), kif darba qal San Pawl.

Din "il-predikazzjoni tas-salib" turi kif tassew seħħet għal dejjem id-dehra mħabbra fil-profezija tal-qedem. Ħafna ġrajjiet, u ħafna diskorsi tul iż-żmien kollu li fih Kristu kien igħallem lin-nies, juru b'liema mod Kristu sa mill-bidu laqa' din it-tbatija għax din kienet ir-rieda tal-Missier għas-salvazzjoni tad-dinja. Iżda l-aħħar pass tiegħu f'din it-tbatija kien **it-talba fil-ġnien tal-Ġetsemani.** Il-kliem: "Missier, jekk jista' jkun, biegħed minni dan il-kalċi; imma mhux kif irrid jien, iżda kif trid int." (45), u mbagħad: "Missier, jekk dan il-kalċi ma jistax igħaddi mingħajr ma nixorbu, tkun magħmula r-rieda tiegħek" (46) ifissru ħafna. Iwettqu l-verità ta' dik l-imħabba li wera l-Iben lill-Missier bl-ubbidjenza tiegħu. Fl-istess waqt jagħtu xhieda tal-verità tat-tbatijiet tiegħu. Kliem it-talba ta' Kristu fil-ġnien tal-Ġetsemani juru kemm kienet vera l-imħabba minn kemm kienu veri t-tbatijiet tiegħu. Kliem Kristu, bis-sempliċità kollha tagħhom, iwettqu għall-aħħar kemm hi vera t-tbatija għall-bniedem: tbatija tfisser iġġarrab id-deni,

li quddiemu l-bniedem jitriegħed. Quddiem it-tbatija l-bniedem igħid: "Ħa titbiegħed minni", kif qal Kristu fil-ġnien tal-Ġetsemani.

Kliem Kristu juri wkoll il-qawwa u l-kobor bla qies li ma hemmx bħalu tat-tbatija li seta' jġarrab biss il-Bniedem li kien l-Iben il-waħdieni ta' Alla; jagħti xhieda ta' **kemm kienet qawwija u fil-fond** it-tbatija tiegħu, kliem il-profeta, li semmejna aktar 'il fuq, u jgħinuna, b'xi mod, biex nifhmuha aħjar. Mhux biex nifhmuha għal kollox (kieku dan, konna nkunu nistgħu nidħlu fil-fond tal-misteru ta' Kristu, Alla u bniedem), imma almenu naslu biex nintebħu bid-differenza (u bix-xebh ukoll) li hemm bejn kull xorta ta' tbatija li jista' jġarrab il-bniedem u t-tbatijiet tal-Bniedem-Alla. Il-Ġetsemani hu l-post fejn din it-tbatija, bil-verità kollha taddeni li wieħed iġarrab biha kif fisser il-profeta, dehret fil-qawwa kollha u fil-qofol kollu tagħha quddiem għajnejn ir-ruħ ta' Kristu.

Il-kliem li ntqal fuq il-Kalvarju jiġi wara l-kliem li ntqal fil-Ġetsemani u juru l-kobor kollu tad-deni, tat-tbatija li Kristu ġarrab — ħaġa li ma hemmx oħra bħalha fid-dinja. Meta qal: "Alla tiegħi għaliex tlaqtni?", kliemu ma kienx ifisser biss it-tiġrib ta' ruħ mitluqa minn kulħadd, li spiss niltaqgħu miegħu fil-Patt il-Qadim u l-aktar fis-salmi, u speċjalment fis-salm 22 (21), minn fejn ittieħdu l-kelmiet li għadna kemm semmejna (47). Nistgħu ngħidu li dan il-kliem li jfisser it-tiġrib ta' min hu mitluq minn kulħadd, għandu il-bidu tiegħu fl-għaqda sħiħa, qishom ħaġa waħda, tal-Missier u l-Iben, u għandu dan l-bidu tiegħu proprju għaliex il-Missier "xeħet fuqu l-ħażen tagħna kollu" (48), bil-mod kif aktar tard ifisser San Pawl: "Dak li ma kienx jaf x'inhu dnub, Alla għamlu dnub għalina sabiex aħna nsiru fih ġustizzja għal Alla" (49). Flimkien ma' dan il-piż hekk tal-biża', Kristu — **huwa u jqis il-qofol tad-deni** li hemm fid-dnub **li bih Alla jiġi mwarrab** — għaliex hu ħaġa waħda mal-Missier, iġarrab, b'mod li ma jistax ifissru l-bniedem, din it-tbatija, jiġifieri li jkun mifrud u miċħud mill-Missier, li jiġi mwarrab għal kollox minn Alla. Permezz ta' din it-tbatija, Kristu jtemm il-Fidwa u għalhekk jista' jgħid, huwa u jmut: "Kollox mitmum" (50).

Nistgħu ngħidu li seħħet l-Iskrittura u tassew seħħu għal dejjem kliem il-Għanja tal-Qaddej li semmejna aktar 'il fuq: "Il-Mulej għoġbu jgħakksu bil-mard" (51). It-tbatija tal-bniedem laħqet il-qofol tagħha fil-passjoni ta' Kristu. Din it-tbatija tal-bniedem fl-istess waqt kisbet dimensjoni ġdida, ordni ġdid: intrabtet ma' l-imħabba, ma' dik l-imħabba li dwarha Kristu tkellem ma' Nikodemu, dik l-imħabba li tnissel il-ġid, u tnisslu wkoll

mid-deni, tnisslu permezz tat-tbatija, bħalma l-ġid kbir tal-fidwa tad-dinja ħareġ u bla heda joħroġ, mis-Salib ta' Kristu. Is-Salib ta' Kristu sar għajn li minnha joħorġu xmajjar ta' ilma ħaj (52). Fis-Salib ta' Kristu għandna ntennu l-mistoqsija dwar it-tifsir tat-tbatija, u fis-Salib ta' Kristu għandna nsibu sa l-aħħar it-tweġiba għal din il-mistoqsija.

## V

## IMSEHBIN FIT-TBATIJIET TA' KRISTU

19. L-istess Għanja tal-Qaddej li jbati, li hemm fil-Ktieb ta' Isaija, twassalna għal din il-mistoqsija u għal din it-tweġiba, bil-kliem li ġej: "Jekk joffri ruħu b'sagrifiċċju ta' tpattija, huwa għad jara nisel bla tmiem u r-rieda tal-Mulej isseħħ fih. **"Wara t-tbatija tiegħu għad jara d-dawl,** u jixba' bit-tagħrif tiegħu. Il-qaddej il-ġust tiegħi **jiġġustifika l-kotra,** u l-ħażen tagħhom jitgħabba bih hu. Għaliex nagħtih il-kotra b'sehmu, u jkollu sehem fil-priża tal-qawwijin, għaliex hu offra ruħu għall-mewt u kien magħdud mal-midinbin, għad li neħħa l-ħtijiet tal-kotra u daħal għall-midinbin" (53)

Nistgħu ngħidu li, mal-Passjoni ta' Kristu, kull tbatija tal-bniedem tinsab f'qagħda ġdida. Ġob qisu intebaħ b'dan meta qal: "Naf li l-Feddej tiegħi ħaj..." (54), u qisu dawwar lejn din il-qagħda t-tbatijiet tiegħu li mingħajr il-Fidwa ma kinux jistgħu juruh il-qawwa sħiħa tagħhom. Fis-Salib ta' Kristu mhux biss seħħet il-Fidwa permezz tat-tbatija, imma l-istess tbatija tal-bniedem **ġiet mifdija.** Kristu — li ma kellu ebda ħtija — tgħabba bid-"deni kollu tad-dnub". Dak li Kristu ġarrab minn dan id-deni juri l-kobor bla qies tat-tbatijiet tiegħu, li saru l-prezz tal-Fidwa. Fuq dan jitkellem Isaija fil-Għanja tal-Qaddej li jbati u fuq dan tkellmu wkoll, meta wasal żmienhom, ix-xhieda tal-Patt il-Ġdid, li twettaq bid-Demm ta' Kristu. Araw x'igħid San Pietru fl-ewwel ittra tiegħu: "Kunu afu li intom kontu mifdija mill-ħajja tagħkom, fiergħa li ħadtu mingħand missirijietkom, mhux b'xi ħaġa li tintemm bħalma hi l-fidda jew id-deheb, imma **bid-demm għażiż** ta' Kristu li kien bħal ħaruf bla għajb u bla tebgħa" (55). Fl-ittra lill-Galatin l-Appostlu San Pawl igħid: "Ta lilu nnifsu għal dnubietna biex jeħlisna minn din id-dinja ħażina tal-lum" (56), u fl-ittra lill-Korintin: "Bil-għoli kontu mixtrija! Mela agħtu ġieħ lil Alla permezz ta' ġisimkom" (57).

B'dan il-kliem u bi kliem bħalu x-xhieda tal-Patt il-ġdid jitkellmu fuq il-kobor tal-Fidwa li seħħet bil-Passjoni ta' Kristu. Il-Feddej bata flok il-bniedem u għall-bniedem. Kull bniedem għandu **sehmu mill-Fidwa.** Kulħadd huwa wkoll imsejjaħ **biex jissieħeb f'dik il-Passjoni** li biha seħħet il-Fidwa,

kulħadd hu msejjaħ biex jissieħeb f'dik il-passjoni li biha nfdiet kull tbatija tal-bniedem. Kristu huwa u jġib il-Fidwa bil-passjoni tiegħu fl-istess waqt **tella' t-tbatija tal-bniedem għall-għoli tal-Fidwa**. Għalhekk kull bniedem, bit-tbatijiet tiegħu jista' jissieħeb fil-passjoni ta' Kristu li fdiena.

20. Hafna siltiet tal-Patt il-ġdid iħabbru dan. Fit-tieni ittra lill-Korintin l-Appostlu jikteb: "Aħna minn kullimkien ninsabu magħfusin, iżda m'aħniex mgħattnin, imħassbin iżda ma għandniex qalbna maqtugħa, ippersegwitati, iżda m'aħniex abbandunati; mixħutin ma' l-art, iżda m'aħniex meqrudin. **F'ġisimna dejjem inġorru l-mewt ta' Ġesù,** biex f'ġisimna tidher ukoll il-ħajja ta' Ġesù. Għalhekk aħna għad li qegħdin ngħixu, ninsabu dejjem mogħtija għall-mewt minħabba f'Ġesù biex il-ħajja ta' Ġesù wkoll tkun tidher fil-ġisem tagħna li jmut..... għax nafu li dak li qajjem lil Sidna Ġesù, lilna wkoll għad iqajjimna flimkien ma' Ġesù" (58).

San Pawl jitkellem fuq ħafna tbatijiet u l-aktar fuq dawk it-tbatijiet li fihom l-ewwel insara kien ikollhom sehem "minħabba Kristu". Dawn it-tbatijiet iwasslu lil dawk li lilhom intbagħtet l-ittra li semmejna, biex jissieħbu fl-egħmil tal-Fidwa li seħħ bil-passjoni u l-mewt tal-Mulej. Iżda **l-qawwa u l-waqt tat-tifsir tas-Salib u tal-mewt ta' Kristu jsibu l-milja tagħhom fil-qawwa u l-waqt tat-tifsir tal-Qawmien mill-imwiet.** Il-bniedem isib dawl għal kollox ġdid fil-qawmien mill-imwiet, dawl li jgħinu fil-mixja tiegħu fost tant dlamjiet ta' tmaqdir, ta' dubji, ta' qtigħ il-qalb u ta' persekuzzjonijiet ukoll. Għalhekk l-Appostlu fit-tieni ittra lill-Korintin jikteb: "Bħalma joktru fina **s-sofferenzi ta' Kristu,** hekk ukoll permezz ta' Kristu joktor fina l-faraġ" (59). F'imkien ieħor iqawwi qalb lil dawk li lilhom qiegħed jikteb huwa u jgħid: "Jalla l-Mulej iwassal lil qlubkom għall-imħabba ta' Alla u s-sabar ta' Kristu" (60). U fl-ittra lir-Rumani hekk ikellimhom: "Nitlobkom, ħuti, għall-ħniena ta' Alla, **offru ġisimkom b'sagrifiċċju ħaj, qaddis,** jogħġob lil Alla: il-kult spiritwali tagħkom" (61).

It-tisħib fil-Passjoni ta' Kristu f'dan il-kliem ta' l-Appostlu, qisu għandu żewġ dimensjonijiet. Jekk il-bniedem jissieħeb fit-tbatijiet ta' Kristu, dan jiġri għaliex Kristu **fetaħ il-Passjoni tiegħu għall-bniedem** għaliex Kristu, bit-tbatijiet tiegħu għas-salvazzjoni tagħna b'xi mod, issieħeb fit-tbatijiet kollha tal-bnedmin. U meta l-bniedem permezz tal-fidi, isib it-tbatijiet ta' Kristu li fdewna, isib fl-istess waqt it-tbatijiet tiegħu fihom, u **permezz tal-fidi** jara li stagħnu għax kisbu xi ħaġa ġdida u tifsir ġdid. Dan il-għarfien wassal lil San Pawl biex jikteb kliem tassew qawwi fl-ittra tiegħu lill-Galatin: "Issallabt ma' Kristu. Ngħix, imma mhux jien, iżda jgħix fija Kristu. Il-ħajja li ngħix fil-ġisem qiegħed ngħixha bil-fidi fl-Iben ta' Alla, li ħabbni u ta ruħu għalija" (62). Il-fidi ġġiegħel lil min kiteb dan il-kliem jagħraf x'imħabba kienet dik li wasslet lil Kristu fuq is-Salib. Jekk Kristu fil-passjoni u l-mewt tiegħu ħabb daqshekk, bil-

passjoni u l-mewt tiegħu **wkoll igħix f'dawk li ħabb daqshekk,** jiġifieri jgħix fil-bniedem, f'San Pawl. Waqt li S. Pawl, permezz tal-fidi jħoss dan kollu billi b'imħabbtu jwieġeb għal din l-imħabba — Kristu, hu u jgħix fil-bniedem, f'San Pawl jingħaqad ukoll b' mod speċjali **permezz tas-Salib mal-bniedem,** ma' San Pawl. Din l-għaqda San Pawl jfissirha wkoll bi kliem mhux inqas qawwi fl-istess ittra lill-Galatin: **"Ma jkun** qatt li **niftaħar** jekk mhux bis-Salib ta' Sidna Ġesù Kristu li bih id-dinja hi msallba għalija u jien għad-dinja" (63)

21. Is-Salib ta' Kristu jitfa' dawl ta' fidwa fuq il-ħajja tal-bniedem u fuq it-tbatijiet tiegħu b'qawwa liema bħalha. Dan għaliex permezz tal-fidi s-Salib jasal għand il-bniedem **flimkien mal-qawmien mill-imwiet:** il-misteru tal-passjoni jinsab fil-misteru ta' l-Għid. Dawk li kienu xhieda tal-Passjoni ta' Kristu kienu xhieda wkoll tal-qawmien tiegħu mill-imwiet. Dan jikteb San Pawl: "Irrid nagħraf lilu (lil Kristu) u l-qawwa tal-qawmien tiegħu mill-imwiet" (64). L-Appostlu ġarrab "il-qawwa tal-qawmien mill-imwiet" l-ewwel darba fit-triq ta' Damasku, u biss wara, f'dan id-dawl ta' l-Għid, wasal għal dak "it-tisħib fil-passjoni" ta' Kristu, li fuqu jitkellem, fost l-oħrajn, fl-ittra lill-Galatin. It-triq ta' San Pawl hija t-triq ta' l-Għid, u dan bla dubju ta' xejn: **it-tisħib fis-Salib** ta' Kristu jseħħ bl-esperjenza ta' Kristu rxoxt, jiġifieri b'tisħib speċjali fil-qawmien mill-imwiet. Hu għalhekk li meta San Pawl jitkellem fuq it-tbatija, spiss jitkellem ukoll fuq il-glorja, li għandha l-bidu tagħha fis-Salib ta' Kristu.

Ix-xhieda tal-Passjoni u tal-qawmien ta' Kristu mill-imwiet kienu żguri fuq li żguri minn dan: "jeħtiġielna nbatu ħafna biex nidħlu fis-Saltna ta' Alla" (65). Barra dan, San Pawl huwa u jikteb lit-Tessalonkin igħid: "Għalhekk aħna stess niftaħru bikom... għas-sabar tagħkom u għall-fidi tagħkom fil-persekuzzjonijiet u t-tbatijiet kollha li intom għaddejtu minnhom... Minn dan jidher il-ħaqq ġust ta' Alla ħalli b'hekk **tkun tixirqilkom is-saltna ta' Alla** li minħabba fiha qegħdin tbatu" (66). B'hekk it-tisħib fit-tbatijiet ta' Kristu hu fl-istess ħin ukoll tbatija għas-Saltna ta' Alla. Quddiem għajnejn Alla l-ġust, quddiem il-ħaqq tiegħu, dawk kollha li jissieħbu fil-Passjoni ta' Kristu jkun jistħoqqilhom din is-Saltna. Bit-tiġrib tagħhom huma b'xi mod iħallsu għall-prezz bla qies tal-Passjoni u l-Mewt ta' Kristu, li sar il-prezz tal-Fidwa tagħna: b' dan il-prezz is-Saltna ta' Alla ssaħħet mill-ġdid fil-ġrajja tal-bniedem, billi saret l-għan ewlieni tal-ħajja tal-bniedem fuq l-art. Bit-tbatijiet tiegħu Kristu daħħalna f'din is-Saltna, u l-bnedmin li qishom jidħlu fil-misteru tal-Fidwa (bit-tbatijiet tagħhom), huma wkoll **jilħqu l-kobor sħiħ tagħhom** fil-bini ta' din is-Saltna.

22. Ma' dan il-għan tas-Saltna ta' Alla hemm ukoll marbuta dik it-tama tal-glorja, li għandha l-bidu tagħha fis-Salib ta' Kristu. Hu l-qawmien mill-imwiet li juri din il-glorja — glorja eskatoloġika

— glorja li ġiet għal kollox moħbija mit-tbatijiet bla qies tas-Salib ta' Kristu. Dawk li jissieħbu fit-tbatijiet ta' Kristu, huma msejħin biex bit-tbatijiet tagħhom huma wkoll ikollhom sehem fil-**glorja.** Dan San Pawl igħidu kemm-il darba. Lir-Rumani jiktbilhom dan: "Aħna werrieta ma' Kristu għax aħna nbatu miegħu biex nistgħu nkunu glorifikati. Jiena għadni persważ li t-tbatijiet ta' issa ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-glorja li għad trid tidher fina" (67) U fit-tieni ittra lill-Korintin naqraw: "Id-daqsxejn ta' tbatija tagħna ta' issa tħejjilna kobor ta' glorja bla qjies għal dejjem lilna li ma nħarsux lejn il-ħwejjeġ li jidhru iżda lejn dawk li ma jidhrux" (68). U San Pietru l-Appostlu fl-ewwel ittra tiegħu jxandar din il-verità: "Ifirħu għax b'hekk intom qegħdin tissieħbu fit-tbatijiet ta' Kristu, biex aktar tifirħu u tithennew fid-dehra tal-glorja tiegħu" (69).

Ir-raġuni **tat-tbatija u tal-glorja** hi ħaġa kollha kemm hi ta' l-Evanġelju, u tidher b'mod tassew ċar u miftuħ meta norbtuha mas-Salib u l-qawmien mill-imwiet. Il-qawmien mill-imwiet, qabel xejn, inbidel f'dehra ta' glorja li taqbel perfettament ma' l-irfigħ ta' Kristu fuq is-Salib. Dan għaliex, għal-kemm għall-bnedmin fuq is-Salib Kristu deher li **ġie mneżża' 'l fuq minn kollox,** quddiem Alla **ġie mgħolli 'l fuq minn kollox.** Fuq is-Salib temm għal kollox il-missjoni tiegħu; huwa u jagħmel ir-rieda tal-Missier, wettaq lilu nnifsu u laħaq il-milja tiegħu. Fin-nuqqas ta' saħħa tiegħu Kristu wera **l-qawwa** u fixxejn tiegħu wera **l-kobor tiegħu bħala l-Messija.** Dan il-kobor kollu ma jurihx il-kliem li hu qal fuq il-Kalvarju, waqt l-agunija tiegħu, u l-aktar il-kliem li qal għal dawk li sallbuh: "Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu"? (70) Dan il-kliem għandu qisu l-qawwa ta' eżempju mill-aqwa għal dawk li huma mseħbin fil-Passjoni ta' Kristu bi tbatijiethom. It-tbatija hi wkoll sura ta' stedina għall-bniedem biex juri l-qawwa morali u l-**kobor spiritwali** tiegħu. Dan urewh matul iż-żminijiet, il-martri u l-konfessuri ta' Kristu, b'dan il-kliem quddiem għajnejhom: "Tibżgħux minn dawk li joqtlu l-ġisem bla ma jistgħu joqtlu r-ruħ" (71). Il-qawmien mill-imwiet uriena "is-sebħ taż-żmien li ġej" u wettaq fl-istess ħin "il-glorja tas-Salib": dik il-**glorja** li tinsab **fl-istess passjoni ta' Kristu** u li spiss dehret u għadha tidher, qisha xbieha, fit-tbatijiet tal-bnedmin, bħala dehra tal-kobor spiritwali tal-bniedem. Din il-glorja ma għandniex biss narawha fil-martri għall-fidi, imma wkoll f'ħafna bnedmin li, xi kull tant, għal-kemm ma jemmnux fi Kristu, iġarrbu ħafna deni u jagħtu ħajjithom ukoll għall-verità jew għal xi kawża oħra ġusta. Id-dinjità kbira tal-bniedem titwettaq b'mod speċjali b'dan it-tiġrib kollu.

23. It-tbatija hija dejjem **prova** — u xi drabi prova iebsa — li minnha jrid igħaddi l-ġens tal-bnedmin. L-ittri ta' San Pawl jitkellmu spiss fuq il-fatt tal-għaġeb tal-qawwa fit-tiġrib, li ma jaqbel xejn mal-fehma tal-kotra kbira tan-nies, imma li huwa mxandar mill-

Evanġelju, qawwa fit-tiġrib li ġarrabha b'mod speċjali l-istess San Pawl u dawk kollha li huma mseħbin fit-tbatijiet ta' Kristu. Fit-tieni ittra lill-Korintin, San Pawl jikteb: "Mela bil-qalb kollha niftaħar bin-nuqqasijiet tiegħi biex fuqi tgħammar is-setgħa ta' Kristu" (72). U fit-tieni ittra lil Timotju, naqraw: "Din hi l-kawża li għaliha qiegħed inbati. Imma b' daqshekk ma nistħix għax jien naf f'min emmint" (73). U fl-ittra lill-Filippin jasal biex igħid: "**Kollox niflaħ** bis-saħħa ta' dak li jqawwini" (73).

Dawk li għandhom sehem fit-tbatijiet ta' Kristu, għandhom quddiem għajnejhom il-misteru ta' l-Għid tas-Salib u tal-qawmien tal-Mulej mill-imwiet, misteru li fih Kristu l-ewwel niżel sal-qiegħ nett tad-dgħufija u tax-xejn tal-bniedem: miet imsallab. Imma jekk f'din id-**dgħufija** ta' Kristu isseħħ ukoll fl-istess waqt il-**glorifikazzjoni** tiegħu li twettqet bil-qawmien tiegħu mill-imwiet, dan juri li d-dgħufija tat-tbatijiet kollha tal-bnedmin tista' timtela b'dik l-istess qawwa ta' Alla, li dehret fis-Salib ta' Kristu. Meta nifhmu l-ħaġa b'dan il-mod, **tbati** għalina jkun ifisser li b'mod singulari **nkunu nħossu u nġarrbu fina l-ħidma tal-qawwa ta' Alla li ssalvana,** u li tingħata lilna l-bnedmin fi Kristu. Fih Alla wettaq il-fehma li jaħdem fina l-aktar permezz tat-tbatija, jiġifieri permezz tad-dgħufija u x-xejn tagħna, biex fihom jurina l-qawwa kollha tiegħu. B'dan il-mod nistgħu nifhmu wkoll l-esortazzjoni li nsibu fl-ewwel ittra ta' San Pietru: "Jekk wieħed isofri għax nisrani m'għandux imniex jistħi: ħa jfaħħar lil Alla b'dan l-isem" (75).

Fl-ittra lir-Rumani San Pawl jitkellem aktar fit-tul fuq dan "il-bidu tal-qawwa mid-dgħufija", dan **it-tiġdid spiritwali** tal-bniedem fit-tiġrib u t-tribulazzjonijiet li huma s-sejħa speċjali ta' dawk kollha li għandhom sehem fit-tbatijiet ta' Kristu: "Niftaħru wkoll bis-sofferenzi, għax nafu li s-sofferenza ġġib is-sabar, is-sabar iġib il-prova, il-prova ġġib it-tama. U din it-tama ma tqarraqx bina, għax l-imħabba ta' Alla ssawbet fi qlubna permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna" (76). Fit-tbatija hemm sura ta' sejħa speċjali għall-qawwa li l-bniedem irid juri min-naħa tiegħu.

U din hi l-qawwa li l-bniedem juri bla ma jaqta' qalbu meta jġarrab dwejjaq u deni. Meta l-bniedem iġib ruħu b'dan il-mod hu jkun juri dik it-tama li biha jistqarr li hu żgur li mhux se jħalli t-tiġrib jegħelbu u lanqas qatt se jħallih ineżżgħu mid-dinjità tiegħu ta' bniedem li hu, dinjità kollha kemm hi marbuta mas-sens li għandu tat-tifsir tal-ħajja. Dan it-tifsir tal-ħajja jidher **ħaġa waħda ma' l-imħabba ta' Alla,** li hija l-aqwa don ta' l-Ispirtu s-Santu. Il-bniedem, huwa u jkollu sehem minn din l-imħabba, isib ruħu fit-tbatija; isib "ruħu", ir-"ruħ" li jkun ħaseb li "tilef" minħabba tbatijietu (77).

24. Iżda dak li ġarrab l-Appostlu San Pawl fit-tisħib tiegħu fit-tbatijiet ta' Kristu, imur aktar 'il bogħod. Fl-ittra lill-Kolossin naqraw liema hu l-aħħar għan li

għalih trid twassal it-tbatija. Dan jikteb San Pawl: "Nifraħ bit-tbatijiet tiegħi minħabba fikom, biex **intemm f'ġismi dak li jonqos mit-tbatijiet** ta' Kristu għall-ġisem tiegħu li hu l-Knisja" (78). U f'ittra oħra, lil dawk li lilhom qiegħed jikteb, jistaqsihom: "Ma tafux li l-iġsma tagħkom huma membri ta' Kristu?" (79).

Fil-misteru ta' l-Għid, Kristu ta bidu **għall-għaqda mal-bniedem fix-xirka tal-Knisja.** Dan il-misteru tal-Knisja nistgħu nfissruh hekk: bil-Magħmudija, li biha l-bniedem isir xebh ma' Kristu, u mbagħad bis-sagrifiċċju ta' Kristu — sagramentalment, bl-Ewkaristija — il-Knisja dejjem tinbena spiritwalment bħala Ġisem ta' Kristu. F'dan il-Ġisem, Kristu jrid jingħaqad mal-bnedmin kollha u l-ewwelnett hu jgħaqqad miegħu 'l dawk li qegħdin ibatu. Kliem l-ittra lill-Kolossin li semmejna aktar 'il fuq juru ta' liema sura speċjali hi din l-għaqda. Dan għaliex dawk **kollha li jbatu flimkien ma' Kristu** — kif l-Appostlu San Pawl "bata" flimkien ma' Kristu — mhux biss jiksbu mingħand Kristu dik il-qawwa li semmejna, imma wkoll bit-tbatijiet tagħhom "itemmu dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu". Din it-tifsira mibnija fuq l-Evanġelju titfa' dawl qawwi **fuq il-qawwa li għandha t-tbatija biex toħloq.** It-tbatijiet ta' Kristu ġabu l-fidwa tad-dinja, fidwa li fiha nnifisha ma tispiċċa qatt u hi bla qjies u ebda bniedem ma jista' jżid xejn magħha. Fl-istess waqt, Kristu, fil-misteru tal-Knisja u fil-Ġisem tiegħu, b'xi mod, fetaħ it-tbatijiet, li bihom fdiena, għall-bnedmin kollha mġarrbin bit-tbatija. Daqskemm il-bniedem jissieħeb fit-tbatijiet ta' Kristu — kull imkien fid-dinja u f'kull żmien tal-ġrajja tal-bniedem — daqshekk ieħor hu **jtemm bil-mod tiegħu** t-tbatijiet li bihom Kristu ġab il-Fidwa tad-dinja.

Minħabba dan għandna ngħidu li l-Fidwa li ġab Kristu, kellha xi nuqqas fiha? Le. Dan ifisser biss li l-Fidwa li seħħet bil-qawwa ta' l-imħabba li wasslet għat-tpattija għall-ħtijiet tal-bnedmin, hija **dejjem miftuħa għal kull xorta ta' mħabba li turi ruħha fit-tbatijiet tal-bniedem.** F'dan l-aspett — jiġifieri taħt l-aspett ta' l-imħabba — il-Fidwa, li seħħet darba għal dejjem, b'xi mod dejjem aktar isseħħ. Kristu temm darba għal dejjem il-Fidwa tagħna u wassalha sa l-aħħar, iżda fl-istess waqt ma temmhiex għal kollox: fit-tbatijiet li bihom feda d-dinja, Kristu, sa mill-bidu nett, ħaddan u jħaddan għal dejjem kull ma jġarrbu l-bnedmin fid-dinja. Hekk hu: milli jidher, **l-istess natura tat-tbatijiet ta' Kristu** titlob li dawn it-tbatijiet ikomplu jintemmu.

B'hekk Kristu, li ħaddan miegħu dak kollu li jbati l-bnedmin, bit-tbatijiet tiegħu feda d-dinja. Din il-fidwa li seħħet darba għal dejjem bil-Passjoni ta' Kristu, fl-istess ħin, bil-mod tagħha, tinsab ukoll u timxi 'l quddiem, fil-ġrajja tal-bniedem. Tinsab u timxi 'l quddiem bħala Ġisem ta' Kristu, li hu l-Knisja; b'dan il-mod kull tbatija tal-bniedem, minħabba x-xirka ta' kulħadd fl-imħabba ta' Kristu, ittemm il-passjoni ta' Kristu, kif **il-Knisja ttemm l-egħmil tal-fidwa**

**ta' Kristu.** Il-misteru tal-Knisja — jiġifieri dak il-Ġisem li jtemm fih il-ġisem ta' Kristu msallab u mqajjem mill-imwiet — fl-istess ħin jurina fejn u kif it-tbatijiet tal-bniedem itemmu t-tbatijiet tal-Passjoni ta' Kristu. Biss meta naħsbu fuq il-Knisja bħala l-Ġisem ta' Kristu, li bla heda, kull imkien u f'kull żmien, miexja 'l quddiem, nistgħu naħsbu u nitkellmu fuq "dak li jonqos" mit-tbatijiet ta' Kristu. Madankollu dan l-Appostlu jgħidu b'mod ċar ħafna, għax huwa jitkellem dwar li ntemmu f'ġisimna "dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu għal-ġisem tiegħu li hu l-Knisja".

Hija **fl-istess Knisja** li bla heda tieħu mill-għana bla qies tal-Fidwa biex tqassmu fil-ħajja tal-bnedmin, li l-Passjoni ta' Kristu li biha nfdejna tintemm bla heda bit-tbatijiet tal-bnedmin. B'dan il-mod naraw x'inhi sewwa n-natura tal-Knisja li ġejja minn Alla u magħmula minn bnedmin. It-tbatija b'xi mod għandha sehem mill-kwalitajiet ta' din in-natura tal-Knisja, u għalhekk it-tbatija għandha siwi speċjali quddiem il-Knisja. It-tbatija hi xi ħaġa tajba, u l-Knisja — li temmen bis-sħiħ fil-Fidwa — għandha qima kbira għat-tbatija bil-qawwa kollha tal-fidi tagħha fil-Fidwa, tal-fidi, li biha tħaddan il-misteru kbir, li ma jista' jitfisser qatt, tal-Ġisem ta' Kristu.

## VI

## L-EVANĠELJU TAT-TBATIJA

Ix-xhieda tas-Salib ta' Kristu u tal-qawmien tiegħu mill-imwiet taw lill-Knisja u lill-familja kollha tal-bnedmin l-Evanġelju speċjali tat-tbatija. Il-Feddej innifsu kien l-ewwel wieħed li kiteb dan l-Evanġelju bil-passjoni li huwa ġarrab għall-imħabba tagħna, biex il-bniedem "ma jintilifx imma jkollu l-ħajja ta' dejjem" (80). Din il-passjoni ta' Kristu, flimkien mal-kelma ħajja tat-tagħlim tiegħu, saret għajn mimlija għal dawk kollha li kellhom sehem fit-tbatijiet tiegħu, kemm id-dixxipli u l-konfessuri ta' l-ewwel żminijiet u kemm dawk kollha li ġew fiż-żminijiet ta' wara. Hi ħaġa ta' faraġ — ħaġa mwettqa mill-Evanġelju u mill-istorja — li qrib Kristu, quddiem nett u fl-ogħla post, hemm dejjem Ommu bl-eżempju tax-xhieda li **bil-ħajja kollha tagħha** hi tagħti ta' dan l-Evanġelju tat-tbatija. Tant kienu u tant kbar kienu t-tbatijiet li ġarrbet u tant kienu marbutin ma' xulxin, li mhux biss wettqu s-sħuħija tal-fidi tagħha, imma wkoll għenu għall-fidwa ta' kulħadd. Fil-fatt, sa mill-mument li fih kellimha l-Anġlu fis-skiet ta' darha, hija bdiet tara fil-missjoni tagħha ta' omm "il-ħidma li għaliha kienet imsejħa", dik li tissieħeb fil-missjoni ta' Binha b'mod li ħadd ħliefha ma kellu jissieħeb. Dan ġie mwettaq fi żmien tassew qasir minn dak li seħħ f'Betlem fit-twelid ta' Ġesù u mit-tħabbira solenni tax-xwejjaħ Xmun, li tkellem fuq is-sejf ta' ni-

ket li kellu jinfdilha qalbha, u millqtigħ il-qalb u d-dwejjaq li ġarrbet fil-ħarba lejn l-Eġittu, minħabba l-ħsieb kiefer ta' Erodi.

Barra dan, wara dak kollu li ġara tul il-ħajja moħbija u l-ħajja pubblika ta' Binha — u f'dan kollu żgur li kellha sehem kbir minħabba s-sensibilità kbira tagħha — it-tbatijiet tal-Verġni Marija laħqu l-milja tagħhom fuq il-Kalvarju, tbatijiet li moħħ il-bniedem bilkemm jasal biex jimmaġinahom, imma tbatijiet li b'mod misterjuż u soprannaturali kienu ta' ġid għas-salvazzjoni ta' kulħadd. It-tlugħ tagħha fuq il-Kalvarju, "il-qagħda" tagħha ħdejn is-Salib flimkien mad-dixxiplu l-maħbub kienu sura ta' tisħib speċjali fil-mewt ta' Binha għall-fidwa tagħna; u l-kliem imbagħad li semgħet minn fomm Binha kienu qishom ordni solenni għaliha biex tħabbar lix-xirka kollha ta' dawk li jemmnu dan l-Evanġelju tassew singulari.

L-imqaddsa Verġni Marija, għaliex **kienet** ħdejn is-Salib u kienet qiegħda **tbati flimkien** ma' Binha, tat kontribut liema bħalu għal dan l-Evanġelju tat-tbatija, u ma' Binha kitbet kemm-il paġina minnu u wettqet f'ħajjitha, minn qabel, kliem San Pawl li semmejna fil-bidu ta' din l-Ittra appostolika. Marija, għalhekk, għandha raġuni tassew speċjali biex tgħid li qiegħda "ttemm f'ġisimha — kif ġa temmet f'qalbha — dak li jonqos mittbatijiet ta' Kristu."

Kristu **qatt ma ħeba** minn dawk li kienu jisimgħuh **il-ħtieġa tat-tbatija.** Bid-dieher qal: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja għandu... jerfa' salibu kuljum" (81), u lid-dixxipli tiegħu tahom kmandamenti morali, li, biex iħarsuhom, kien jinħtiġilhom "jiċħdu lilhom infushom" (82). It-triq li twassal għas-Saltna tassmewwiet hija "dejqa", u Kristu juri li m'hijiex it-triq "wiesgħa u spazjuża" li twassal "għat-telfien" (84). Kristu kien spiss igħid lid-dixxipli u l-konfessuri tiegħu li kienu **se jġarrbu ħafna persekuzzjonijiet**, li — kif nafu — seħħu mhux biss fl-ewwel żminijiet tal-ħajja tal-Knisja fl-imperu ta' Ruma, imma seħħu wkoll tul iż-żminijiet, f'ħafna pajjiżi, u għadhom iseħħu fi żmienna wkoll.

Dan hu xi kliem tal-Mulej fuq din il-ħaġa: "Jixħtu idejhom fuqkom u jippersegwitawkom, jagħtukom f'idejn il-mexxejja tas-sinagogi u jitfgħukom il-ħabs, u jeħdukom quddiem slaten u gvernaturi minħabba f'ismi. Dan ikun jiswielkom biex tistgħu tagħtu xhieda. U żommu sewwa f'moħħkom: toqogħdux taħsbu minn qabel kif se tiddefendu ruħkom, għax jien nagħtikom kliem u għerf li kull min ikun kontra tagħkom ma jkunx jista' jiqaflu jew imerih. U jittradukom saħansitra l-ġenituri tagħkom u ħutkom u qrabatkom u ħbiebkom, u lil xi wħud minnkom joqtluhom, u kulħadd isir jobgħodkom minħabba f'ismi, imma xagħra waħda minn raskom ma tintelifx. Jekk tibqgħu sħaħ sa l-aħħar issalvaw ħajjitkom" (84).

L-Evanġelju tat-tbatija għall-ewwel jitkellem f'ħafna postijiet dwar it-tbatija "għal Kristu" u "minħabba Kristu", u dan bil-kliem stess ta' Ġesù jew ta' l-Appostli tiegħu. L-Imgħallem ma jaħbix lid-dixxipli tiegħu u 'l dawk li

jimxu warajh il-fatt li forsi jistgħu jbatu, anzi jgħidulhom bid-dieher, u jżid jurihom ukoll x'għajnuna mis-sema se jkollhom biex tqawwihom fost it-tiġrib u l-persekuzzjonijiet "minħabba l-isem ta' Kristu". Dawn it-tbatijiet **b'mod singulari juru wkoll xebh ma'** Kristu u għaqda miegħu: "Jekk id-dinja tobgħodkom, kunu afu li lili bagħdidni qabel ma bagħdet lilkom... billi m'intomx tad-dinja, għax jiena ħriġtkom mid-dinja, id-dinja tobgħodkom... il-qaddej mhuwiex akbar minn sidu. Jekk ippersegwitaw lili, għad jippersegwitaw lilkom ukoll... Imma dan kollu għad jagħmluhulkom minħabba f' ismi, għax huma ma jagħarfux lil dak li bagħatni" (85). "Dawn il-ħwejjeġ għedthomlkom ħalli bija jkollkom is-sliem. Fid-dinja tbatu jkollkom, imma agħmlu l-qalb: jiena rbaħt id-dinja" (86).

Dan l-ewwel kapitlu tal-Evanġelju tat-tbatija, li jitkellem fuq il-persekuzzjonijiet, jiġifieri dwar it-tiġrib minħabba Kristu, fih **kliem speċjali li jħeġġeġ għall-kuraġġ u għall-qawwa tal-qalb** u jitwettaq bil-qawwa ta' l-għaġeb tal-qawmien mill-imwiet. Kristu f'kull żmien, jirbaħ id-dinja bil-qawmien tiegħu mill-imwiet, iżda għaliex il-qawmien mill-imwiet hu marbut mal-passjoni u l-mewt tiegħu, Kristu jirbaħ id-dinja wkoll bit-tbatijiet tiegħu. Hekk hu. It-tbatija, b'mod singulari, hi mdaħħla f' dik ir-rebħa tad-dinja li dehret fil-qawmien mill-imwiet. Kristu rxoxt żamm f'ġismu s-sinjali tal-pjagi tas-Salib: f'idejh, f'saqajh u f'ġenbu. Bil-qawmien tiegħu mill-imwiet wera bid-dieher **il-qawwa rebbieħa tat-tbatija** u nissel f'dawk li għażel bħala Appostli u f'dawk li bla heda jagħżel u jibgħat fid-dinja konvinzjoni sħiħa dwar din il-qawwa. Igħidilna l-Appostlu S. Pawl: "Dawk li jridu jgħixu ħajja tajba fi Kristu Ġesù lkoll igħaddu mill-persekuzzjoni" (87).

26. Jekk l-ewwel kapitlu kbir tal-Evanġelju tat-tbatija jinkiteb minn dawk li, tul iż-żminijiet, ibatu persekuzzjoni minħabba Kristu, hekk ukoll, matul iż-żminijiet, kapitlu ieħor kbir jiktbuh dawk kollha li **jbatu flimkien ma' Kristu**, huma u jgħaqqdu t-tbatijiet tagħhom mal-Passjoni ta' Kristu li salvatna. Fihom iseħħ dak li qalu u kitbu l-ewwel xhieda tal-Passjoni ta' Kristu u tal-qawmien tiegħu mill-imwiet, dwar it-tisħib fil-passjoni ta' Kristu. F'dawn in-nies iseħħ l-Evanġelju tat-tbatija u fl-istess ħin kull wieħed minnhom b'xi mod ikompli jiktbu: jiktbu u jħabbru lid-dinja, iħabbru fejn igħix u jħabbru lin-nies ta' żmienu.

Jidher ċar, tul iż-żminijiet kollha, li **fit-tbatija hemm moħbija qawwa speċjali li tgħaqqad bis-sħiħ** il-bniedem **ma' Kristu:** u din hi grazzja speċjali. Ħafna qaddisin, bħal San Franġisk ta' Assisi, San Injazju ta' Loyola u oħrajn jafu l-konverżjoni tagħhom lil din il-grazzja. L-effett ta' din il-konverżjoni mhuwiex biss li l-bniedem jagħraf x'inhu t-tifsir tat-tbatija għas-salvazzjoni, iżda wkoll u fuq kollox, il-bniedem bl-istess tbatija jiġġedded għal kollox. Dan għaliex jikseb qisha **deħra ġdida tal-ħajja li jrid igħix u tas-sejħa li jrid jilħaq.** Dan twettqu l-qawwa ta' l-ispirtu li bih il-bniedem jegħleb il-ġisem

b'mod tassew ta' l-għaġeb. Meta l-ġisem ikun marid sewwa u għal kollox bla saħħa, u l-bniedem hu bilkemm tajjeb biex igħix u jaħdem, f'dak il-ħin tidher tassew fl-aqwa tagħha l-qawwa tal-kobor ta' l-ispirtu, li tqanqal qalb dawk kollha li huma f'saħħithom.

Dan il-kobor tar-ruħ u din il-qawwa spiritwali fit-tbatija jiġu minn **konverżjoni** speċjali u minn koperazzjoni mal-grazzja ta' Kristu msallab. Kristu nnifsu jaħdem sal-fond tat-tbatijiet tal-bniedem permezz ta' l-Ispirtu tiegħu tal-verità, permezz ta' l-Ispirtu tal-faraġ. Hu Kristu li, b'xi mod, ibiddel l-istess natura tal-ħajja tar-ruħ, meta juri lill-marid li hu qrib tiegħu. Hu, bħala Mgħallem u Mexxej tar-Ruħ, **igħallem** 'l aħwa li qegħdin ibatu din **il-bidla ta' l-għaġeb** li sseħħ fil-qalba tal-misteru tal-Fidwa. It-tbatija fiha nnifisha hi t-tiġrib tad-deni. Iżda Kristu fit-tbatija qiegħed is-sisien tassew sodi tal-ġid li jibqa' għal dejjem, jiġifieri l-ġid tas-salvazzjoni ta' dejjem. Kristu bit-tbatijiet tiegħu fuq is-Salib, wasal sa l-egħruq tad-deni, li huma d-dnub u l-mewt. Rebaħ lil dak li jagħmel id-deni, lix-xitan, u t-tixwix tiegħu bla heda kontra l-Ħallieq ta' kollox. Kristu lil aħwa li qegħdin ibatu fetħilhom u, bil-mod il-mod, urihom **ix-xefaq tas-Saltna ta' Alla,** jiġifieri d-dinja ħielsa mid-dnub, id-dinja li ddur lejn Alla, id-dinja li qiegħda tinbena bil-mod il-mod fuq il-qawwa li ssalva tal-imħabba. U Kristu, bil-mod il-mod, imma b'mod żgur, idaħħal f'din id-dinja, f'din is-Saltna tal-Missier, lil kull min qiegħed ibati, u jdaħħlu, b'xi mod, mill-qalba stess ta' tbatijietu. It-tbatija ma tistax **tinbidel** u ssir ħaġ'oħra bil-grazzja minn barra, imma **minn ġewwa, fiha nfisha.** Kristu bil-Passjoni tiegħu li salvatna jinsab 'il ġewwa ħafna f'kull tbatija tal-bniedem, u għalhekk jista' jaħdem fil-bniedem minn ġewwa bil-qawwa tal-Ispirtu tal-verità, tal-Ispirtu tal-faraġ.

U dan mhuwiex biżżejjed. Il-Feddej divin tagħna jixtieq jidħol fir-ruħ ta' kull min qiegħed ibati permezz tal-qalb ta' Ommu Marija, l-ewwel waħda u l-ogħla fost il-mifdijin kollha. Kristu qiegħed imut ried li qisu tkompli dik il-ħidma ta' Omm li biha, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, hu ġie fid-dinja; għalhekk lill-Imqaddsa Verġni Marija taha **ħidma ġdida ta' omm** — ħidma spiritwali u universali — li tħaddan il-bnedmin kollha, hekk li kulħadd, fil-mixja tiegħu bil-fidi f'din id-dinja, flimkien magħha, jingħaqad ma' Kristu sa fuq is-Salib, u, bil-qawwa tas-Salib, jagħti ħajja ġdida lit-tbatija, u minn dgħufija tal-bniedem jagħmilha qawwa ta' Alla. Dan mhux dejjem isir bl-istess mod. Spiss dan jibda u jimxi 'l quddiem b'diffikultà kbira. L-istess bidu tiegħu qatt ma hu l-istess: għaliex l-imġieba tal-bniedem fit-tbatija mhijiex l-istess f'kulħadd. Iżda nistgħu ngħidu, qabel xejn, li kull bniedem jidħol għat-tbatija bi **protesta tal-istess natura tiegħu ta' bniedem li hu,** huwa u jistaqsi: **għaliex qiegħed inbati?** Kulħadd jistaqsi xi tfisser it-tbatija u jistenna tweġiba li tgħodd għall-qagħda tiegħu ta' bniedem li hu. U l-mistoqsija żgur jagħmilha wkoll lil Alla, lil Kristu.

Barra dan il-bniedem jifhem ukoll li 'l dak li qiegħed jistaqsih, huwa wkoll ġarrab it-tbatija, u għalhekk jistenna li **t-tweġiba jagħtihielu mis-Salib, mill-qalba ta' tbatijietu.** Iżda xi kull tant, ikun hemm bżonn taż-żmien, u żmien twil ukoll, qabel ma wieħed jibda jintebaħ f'qalbu bit-tweġiba li qiegħda tingħatalu. Kristu għal din il-mistoqsija tal-bniedem, dwar it-tbatija, qatt ma jwieġeb direttament u b'mod astratt. Il-bniedem jirċievi t-tweġiba li ssalvah, huwa u jissieħeb bil-mod il-mod fil-Passjoni ta' Kristu.

It-tweġiba li tingħata permezz ta' dan it-tisħib ma' Kristu fil-Passjoni tiegħu, b'laqgħa fir-ruħ ma' l-Imgħallem, mhijiex biss **tweġiba astratta għall-mistoqsija** xi tfisser it-tbatija. It-tweġiba ta' Kristu hi qabel xejn stedina. Hi sejħa. Kristu jfisser x'inhi t-tbatija, mhux billi jqisha fiha nfisha, maqtugħa mill-ħajja, imma qabel xejn igħid: "Ejja warajja!" Ejja! Bi tbatijietek issieħeb f'din il-ħidma għas-salvazzjoni tad-dinja, li sseħħ bil-Passjoni tiegħi, bis-Salib tiegħi. Meta l-bniedem **jerfa' salibu**, u jingħaqad spiritwalment mas-Salib ta' Kristu, hu jagħraf it-tifsir tat-tbatija għas-salvazzjoni. Il-bniedem ma jiksibx dan it-tifsir għax hu bniedem, imma jiksbu fil-Passjoni ta' Kristu. Iżda, fl-istess waqt, din it-tifsira tat-tbatija għas-salvazzjoni, mill-qagħda ta' Kristu fi tbatijietu tgħaddi għall-qagħda tal-bniedem fit-tbatijiet tiegħu u ssir, b'xi mod, it-tweġiba personali tiegħu għat-tbatija. Imbagħad il-bniedem fit-tbatija jikseb il-paċi fir-ruħ u hena spiritwali.

27. Fuq dan il-hena l-Appostlu jitkellem fl-ittra tiegħu lill-Kolossin: "Jiena issa nifraħ bit-tbatijiet tiegħi minħabba fikom" (88). Għajn ta' hena ssir **ir-rebħa fuq il-fehma li t-tbatija ma għandha ebda siwi,** fehma li xi kull tant għandha egħruq fil-fond sewwa tat-tbatija tal-bniedem. Din il-fehma mhux biss tifni l-bniedem, imma twasslu wkoll biex ikun piż għall-oħrajn. Il-bniedem iħoss li jkollu jitlob l-għajnuna mingħand ħaddieħor ħa jdur bih, u, fl-istess ħin, iħoss li ma jiswa xejn għalih innifsu. Meta wieħed jagħraf xi tfisser it-tbatija għas-salvazzjoni, u jilqagħha flimkien ma' Kristu, jasal biex iwarrab **din il-fehma hekk ta' dwejjaq.** Il-fidi fit-tisħib fil-Passjoni ta' Kristu twassal lill-bniedem biex ikun żgur f'qalbu li bit-tbatijiet tiegħu huwa "qiegħed itemm dak li hu nieqes mit-tbatijiet ta' Kristu"; u minn dan jasal biex jagħraf li, fid-dimensjoni spiritwali tal-opra tal-Fidwa, **qiegħed ikun ta' qadi għas-salvazzjoni ta' ħutu** kif ried Kristu. Ikun mhux biss għalhekk ta' ġid għall-oħrajn, iżda wkoll, u aktar, ikun jaqdi dmir li ma hemmx ieħor bħalu. Fil-Ġisem ta' Kristu, li bla heda jikber bis-Salib tal-Feddej, hi t-tbatija li hi minnha nfisha stess meħtieġa għas-salvazzjoni tad-dinja bil-qawwa tas-sagrifiċċju ta' Kristu, li hu **l-medjatur m'hemmx ieħor floku u l-awtur tal-ġid**. Hi t-tbatija, aktar minn kull ħaġa oħra, li tiftaħ it-triq għall-grazzja, li tbiddel qlub il-bnedmin. Hi t-tbatija l-aktar li ddaħħal fil-ġrajja tal-bniedem il-qawwa tal-Fidwa. Fil-ġlieda kontra s-setgħat ta' l-ajru, li fuqhom titkellem l-ittra lill-Efesin (89) it-tbatijiet tal-bniedem

flimkien mal-Passjoni ta' Kristu li ssalvana huma ta' **għajnuna speċjali għas-setgħat it-tajba** u jiftħu t-triq għar-rebħa ta' dawn is-setgħat ta' salvazzjoni.

Il-Knisja għalhekk, fl-aħwa ta' Kristu li qegħdin ibatu, għandha qisu aspett **ta' ħafna suriet tal-qawwa divina tagħha.** Spiss ir-ragħajja tal-Knisja jirrikorru għandhom u jitolbuhom għajnuna u appoġġ. L-Evanġelju tat-tbatija bla heda jinkiteb u bla heda jitkellem bi kliem li jfisser ħaġa tassew ta' l-għaġeb għalkemm hi ħafna kontra l-fehma tal-kotra l-kbira tan-nies; l-egħjun ta' din il-qawwa divina joħorġu proprju minn din id-dgħufija tal-bniedem. Dawk li jissieħbu fit-tbatijiet ta' Kristu jgħożżu fi tbatijiethom biċċa żgħira iżda speċjali ħafna tat-teżor bla qies tal-fidwa tad-dinja, u jistgħu jgħaddu lill-oħrajn dan it-teżor. Aktar ma l-bniedem hu mhedded mid-dnub, aktar ma joktru l-istrutturi tad-dnub, li fihom tinsab id-dinja tal-lum, aktar għandha tifsir it-tbatija tal-bniedem. U aktar il-Knisja tħoss il-ħtieġa li tfittex li tuża t-tbatijiet tal-bniedem għas-salvazzjoni tad-dinja.

## VII

## IS-SAMARITAN IT-TAJJEB

Tagħmel parti wkoll, tal-Evanġelju tat-tbatija, u tagħmlu b'mod xieraq, il-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb. B'din il-parabbola Ġesù jwieġeb għall-mistoqsija li saritlu: "Il-proxxmu tiegħi min hu?" (90). Dan għaliex mit-tlieta min-nies li kienu għaddejjin mit-triq li tieħu minn Ġerusalem għal Ġeriko, fejn kien jinsab mixħut nofsu ħaj ir-raġel li ġie mneżża' u mbiċċer mill-ħallelin, is-Samaritan wera ruħu **verament proxxmu** ta' dak l-imsejken: il-kelma "proxxmu" tfisser ukoll dak li ħares il-kmandament tal-imħabba tal-proxxmu. Żewġt irġiel oħra għaddew minn dik it-triq, l-ewwel saċerdot u mbagħad levita, u t-tnejn rawh u baqgħu sejrin. Imma s-Samaritan, "rah u tħassru, resaq lejh, dewwielu l-ġrieħi..., u rabathomlu", u mbagħad "wasslu f'lukanda u ħa ħsiebu" (91). U meta telaq qabbad lil tal-lukanda biex jieħu ħsieb lil dak il-batut u wegħdu li jroddlu jekk jonfoq xi ħaġa iżjed.

Il-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb tagħmel parti mill-Evanġelju tat-tbatija, għaliex turina kif kull wieħed minna għandu jgħin lill-proxxmu tiegħu meta jkun ibati. Ma nistgħux "nibqgħu sejrin" mingħajr ma jimpurtana xejn minn għajrna, imma għandna "nieqfu" ħdejh. Is-Samaritan it-tajjeb **hu kull bniedem li jieqaf ma' bniedem ieħor fi tbatijietu,** huma x'inhuma. U tieqaf ma' min qiegħed ibati ma tfissirx kurżità barra minn lokha, imma qalb dejjem lesta biex tgħin. Hi qisha l-wiri ta' dak li hemm moħbi fil-fond tal-qalb, u tfisser wkoll dak li wieħed ikun iħoss. Is-

Samaritan it-tajjeb **hu kull bniedem li jħoss għat-tbatijiet ta' ħadd ieħor,** hu bniedem li "jħenn" għat-tiġrib tal-proxxmu. Jekk Kristu, li kien jagħraf x'hemm fil-fond tal-qalb tal-bniedem, jurina dak li hemm fil-fond tal-qalb tal-bniedem dan ifisser li dak li hemm fil-qalb tal-bniedem għandu s-siwi tiegħu fl-imġieba tagħna quddiem it-tbatijiet ta' l-oħrajn. Għandna għalhekk nieħdu ħsieb dak li nħossu fil-fond ta' qalbna, għaliex bih nuru ħniena kollha mħabba għal min qiegħed ibati. Xi drabi tkun biss b'din il-ħniena kollha mħabba li nkunu nistgħu nuru l-imħabba u solidarjetà tagħna ma' min huwa mġarrab.

Iżda s-Samaritan tal-parabbola li qalilna Ġesù ma ħassx biss għal dak li ġie misruq u mbiċċer mill-ħallelin u ġietu ħniena minnu: dak li ħass għalih ġiegħelu jagħmel dak li għamillu biex igħinu. Fl-aħħar mill-aħħar dan is-Samartian huwa **dak li jgħin lil min hu mġarrab mit-tbatija** hi x'inhi t-tbatija, u l-għajnuna li jagħti hi għajnuna, kemm jista' jkun, li tiswa. Jagħti l-għajnuna b'qalbu kollha u ma jonqosx ukoll li jagħti għajnuna materjali. Nistgħu għalhekk ngħidu li jagħti lilu nnifsu, jagħti l-"jien" tiegħu, u jiftaħ il-"jien" tiegħu għal ħaddieħor. Hawn qegħdin nitkellmu fuq dak li hu l-aqwa ħaġa fl-antropoloġija nisranija. Il-bniedem ma jistax isib b'mod sħiħ lilu nnifsu jekk ma jagħtix lilu nnifsu, bil-qalb kollha bħala don lill-oħrajn (92). Is-Samaritan it-tajjeb hu **dak il-bniedem li jasal biex jagħmel dan id-don tiegħu nnifsu.**

29. Meta nqisu din il-parabbola tal-Evanġelju, naslu biex nifhmu li t-tbatija li tinsab f'tant suriet fil-bniedem, tinsab fih ukoll biex **tqanqal fih l-imħabba**, jiġifieri ġġiegħelu jagħti lilu nnifsu għall-bnedmin l-oħra mġarrbin mit-tbatija, mingħajr ma joqgħod iqis il-kundizzjonijiet tiegħu. Id-dinja tat-tbatija tal-bniedem b'xi mod titlob bla heda dinja oħra, dik ta' l-imħabba tal-bniedem; b'xi mod it-tbatija hi r-raġuni għaliex il-bniedem jinsa ħtiġijietu, u jitqanqal għall-imħabba ta' għajru b'qalbu u b'egħmilu. Ma jiswiex li bniedem, li hu "proxxmu", jibqa' għaddej meta jara ħaddieħor ibati, u dan f'ġieh is-solidarjetà li għandu jkun hemm bejn bniedem u ieħor; wisq inqas imbagħad ma jiswiex li għandu jibqa' għaddej f'ġieh l-imħabba li għandu jkollu għal għajru. Għandu "jieqaf", għandu "jħoss għalih", għandu jġib ruħu bħas-Samaritan tal-parabbola tal-Evanġelju. Il-parabbola fiha nfisha turi **verità tassew nisranija** li fl-aħħar mill-aħħar hija wkoll verità tal-bniedem f'kull imkien. Mhux ta' b'xejn li kull ma jsir għal min hu batut u jeħtieġ l-għajnuna, in-nies igħidulu egħmil tas-Samaritan it-tajjeb.

Din il-ħidma tul iż-żminijiet ġiet organizzata bħala **istituzzjoni,** u hi qasam ta' xogħol għal kull **professjoni** li għandha x'taqsam magħha. Kemm hi ħidma tas-Samaritan it-tajjeb il-professjoni tat-tobba u ta' l-infermieri u tal-professjonijiet l-oħra bħalhom! Minħabba l-ispirtu tal-Evanġelju li nsibu f'din il-ħidma, inħossu li għandna nqisuha aktar bħala vokazzjoni milli bħala professjoni biss. L-istituzzjonijiet li tul iż-żminijiet għamlu l-ħidma

tas-"Samaritan it-tajjeb", fi żmienna żdiedu u saru speċjalizzati. Dan juri bla dubju ta' xejn li fi żmienna n-nies qegħdin jagħtu każ tat-tbatijiet ta' għajrhom b'attenzjoni akbar u aktar fil-fond, u qegħdin jippruvaw jifhmuhom aħjar u dejjem aktar jaħsbulhom minn qabel. Il-bniedem illum, f'dan il-qasam tat-tbatija tal-bniedem, dejjem aktar qiegħed ikun speċjalista fl-għarfien u l-kura tat-tbatijiet tan-nies. Meta nqisu dan kollu, nistgħu ngħidu li l-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb saret waħda mill-partijiet **l-aktar importanti tal-kultura morali u taċ-ċiviltà universali tal-bniedem.** Meta nġibu quddiem għajnejna lil dawk kollha li, bl-għerf u l-ħila tagħhom, igħinu b'tant u tant modi lill-proxxmu tagħhom li qiegħed ibati, ma nistgħux ma nfaħħruhomx u nuruhom il-ħajr kollu tagħna. Dan it-tifħir u radd il-ħajr irridu nagħtuh lil dawk kollha li, mingħajr ma jagħtu każ kemm se jiswielhom, iduru bil-proxxmu tagħhom li qiegħed ibati, billi **minn rajhom joffru lilhom infushom biex igħinuh** bħalma għamel **is-Samaritan it-tajjeb** u jagħtu l-ħin tagħhom kollu u saħħithom kollha għalih, barra l-ħin ukoll mitlub mill-professjoni tagħhom. Din is-sura ta' ħidma volontarja tas-Samaritan it-tajjeb, din il-ħidma ta' mħabba, nistgħu nqisuha bħala ħidma soċjali, imma nistgħu nsejħulha wkoll **appostolat,** meta ssir bi spirtu kollu kemm huwa evanġeliku, aktar u aktar meta ssir b'rabta mal-Knisja jew ma' xi komunità oħra nisranija. Il-ħidma volontarja tas-"Samaritan it-tajjeb" isseħħ illum permezz ta' ambjenti adatti u ta' istituzzjonijiet imwaqqfin għal dan il-għan. Għandha importanza kbira l-ħidma li ssir b'dan il-mod, aktar u aktar meta titlob l-għajnuna u l-użu ta' mezzi tekniċi. U mhijiex inqas għażiża l-ħidma individwali l-aktar dik ta' nies li jkunu aktar imħejjijin għaliha, f'kull sura ta' tbatija tal-bniedem, meta din it-tbatija tista' biss tittaffa b'għajnuna individwali u personali. U fl-aħħarnett l-għajnuna **fi ħdan il-familja** tfisser kemm egħmil ta' mħabba lejn il-proxxmu li wieħed juri ma' qrabatu u kemm l-għajnuna tal-qraba lil xulxin.

Mhijiex ħaġa ħafifa li ssemmi s-suriet kollha u tgħid liema huma l-oqsma kollha tal-ħidma tas-"Samaritan it-tajjeb", li nsibu fil-Knisja u fis-soċjetà tal-bnedmin. Irridu nammettu li huma ħafna, u wieħed għandu juri l-ferħ tiegħu għax bihom il-**valuri morali ewlenin,** bħalma huma s-solidarjetà bejn il-bnedmin u l-imħabba nisranija tal-proxxmu, jidhru bħala l-qafas li fuqu tissawwar il-ħajja soċjali tal-bnedmin u r-relazzjonijiet bejniethom, waqt li s-suriet kollha tal-mibgħeda, tal-vjolenza, tal-kefrija, tad-disprezz ta' l-oħrajn, jew ukoll in-nuqqas biss ta' interess f' għajrek u fi tbatijietu, id-dinja tistmerrhom.

F'din il-ħaġa għandha importanza kbira **l-edukazzjoni li tingħata.** Il-familja, l-iskola u l-istituzzjonijiet l-oħra kollha ta' l-edukazzjoni, ukoll minħabba raġunijiet naturali biss, għandhom ma jieqfu qatt iħabirku biex irawmu f'kulħadd u jsaħħu bla heda dak is-sentiment ta' tjieba u mogħdrija għall-proxxmu li qiegħed ibati, li tiegħu hu

xbieha s-Samaritan it-tajjeb tal-Evanġelju. Dan għandha tagħmlu l-Knisja wkoll u għandha tagħmlu għal dawk ir-raġunijiet li Kristu jsemmi fil-parabbola u f'kollu kemm hu l-Evanġelju, hija u tagħrafhom dejjem aktar fil-fond, kemm tista'. Il-qawwa tal-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb u tal-Evanġelju kollu hija din: jeħtieġ li l-bniedem iħoss li **hu nnifsu hu msejjaħ biex minn quddiem nett** jagħti xhieda ta' mħabba fit-tbatija. L-istituzzjonijiet huma importanti u meħtieġa ħafna; iżda ebda istituzzjoni fiha nfisha ma tista' tieħu l-post tal-qalb tal-bniedem u tal-mogħdrija tal-bniedem għat-tbatija ta' ħaddieħor. Dan ngħiduh għat-tbatijiet tal-ġisem, imma għandna ngħiduh wisq aktar għat-tbatijiet morali u l-aktar meta r-ruħ stess tkun qiegħda tbati.

30. Il-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb, kif għidna, hi parti mill-Evanġelju tat-tbatija, u flimkien ma' dan l-Evanġelju niltaqgħu magħha tul il-ġrajja kollha tal-Knisja u tat-twemmin nisrani, u tul il-ġrajja tal-bniedem u ta' kull ġens ta' bnedmin. Tixhdilna li dak li qalilna Kristu dwar it-tifsir tat-tbatija għas-salvazzjoni tagħna, **bl-ebda mod ma jfisser li quddiem it-tbatija nibqgħu passivi u ma nagħmlu xejn.** Anzi għandna ngħidu proprju l-maqlub ta' dan. L-Evanġelju, quddiem it-tbatija, jurina proprju li ma għandniex nibqgħu passivi u ma nagħmlu xejn. F'din il-ħaġa Kristu stess jurina dan: quddiem it-tbatija kien attiv ħafna. Huwa b'dan il-mod qeda l-missjoni tiegħu ta' Messija, skond il-kliem tal-profeta: "L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għax hu ikkonsagrani biex inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin. Bagħatni nxandar il-ħelsien lill-imjassrin, u d-dawl mill-ġdid lill-għomja, irodd il-ħelsien lill-maħqurin u nxandar sena tal-grazzja tal-Mulej" (93). Kristu temm dan il-**programm messjaniku** tiegħu b'reqqa liema bħalha: għadda "jagħmel il-ġid" (94) u l-ġid li għamel jidher l-aktar fil-fejqan tal-morda. Il-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb taqbel perfettament ma' l-imġieba kollha ta' Kristu.

Fl-aħħarnett din il-parabbola, minħabba dak li fuqu titkellem, insibuha f'dak il-kliem tal-Ġudizzju li għandu jħassibna ħafna, kliem li San Mattew isemmih fl-Evanġelju tiegħu: "Ejjew, imberkin minn Missieri, ħudu b'wirt tagħkom is-saltna li thejjiet għalikom sa mill-ħolqien tad-dinja. Għaliex jien kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni, kont barrani u lqajtuni, kont għeri u libbistuni, kont marid u ġejtu tarawni, kont il-ħabs u ġejtu żżuruni" (95). U lill-ġusti li jistaqsuh meta għamlulu dan, Iben il-bniedem iweġibhom: "Tassew ngħidilkom kull ma għamiltu **ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi**" (96). Is-sentenza l-oħra, il-maqlub ta' din, hi għal dawk li l-imġieba tagħhom kienet mod ieħor: "Dak li ma għamiltux ma' wieħed minn dawn iż-żgħar, anqas miegħi ma għamiltuh" (97).

Nistgħu ntawlu l-lista tat-tbatijiet li jqanqlu s-sentimenti tal-bnedmin u l-mogħdrija tagħhom u jwassluhom biex igħinuhom, jew ma jwassluhom għal xejn minn dan. L-ewwel u t-tieni parti tal-kliem ta' Kristu fil-Ġudizzju ta' l-aħħar juru,

bla ebda tlaqliq kemm hi importanti għall-ħajja ta' dejjem ta' kull bniedem, li wieħed "jieqaf" kif għamel is-Samaritan it-tajjeb, ħdejn il-proxxmu li qiegħed ibati, "jagħdru" u jgħinu. Fil-programm messjaniku ta' Kristu, li huwa wkoll **il-programm tas-Saltna ta' Alla**, il-mard jinsab fid-dinja biex iqanqal l-imħabba fina, biex iwassalna ħa nagħmlu egħmejjel ta' mħabba ma' għajrna, biex inbiddlu ċ-ċiviltà tal-bnedmin f'"ċiviltà ta' mħabba". Permezz ta' din l-imħabba sseħħ it-tifsira sħiħa tat-tbatija għas-salvazzjoni tagħna u tilħaq il-qofol kollu tagħha. Kliem Kristu fil-Ġudizzju ta' l-aħħar igħinna nifhmu dan il-kliem sempliċi u ċar tal-Evanġelju. Dan il-kliem dwar l-imħabba, dwar l-egħmejjel ta' mħabba, egħmejjel ta' mħabba ma' min qiegħed ibati, juruna u jerġgħu juruna li fil-fond tat-**tbatijiet kollha tal-bniedem, hemm it-tbatijiet ta' Kristu li salvawna.** Kristu jgħid: "Għamiltuh miegħi". Hu jkun maħbub f'kull bniedem li nuruh imħabba; lilu nkunu ngħinu, meta ngħinu lil kull min qiegħed ibati, mingħajr ma nagħmlu għażla bejn bniedem u ieħor. Hu jinsab f'kull min qiegħed ibati, għaliex it-tbatijiet tiegħu li salvawna, xterdu, darba għal dejjem f'kull tbatija tal-bniedem. Dawk kollha li jbatu, darba għal dejjem ġew imsejħa biex jissieħbu fit-"tbatijiet ta' Kristu". U fl-istess mod huma msejħin biex bit-tbatijiet tagħhom "itemmu dak li huwa nieqes mill-passjoni ta' Kristu" (98). Fl-istess ħin Kristu jgħallem lill-bnedmin sew **li jagħmlu l-ġid bi tbatijiethom**, u sew **li jagħmlu l-ġid lil min qiegħed ibati.** Dawn iż-żewġ fehmiet juruna b'mod sħiħ xi tfisser it-tbatija.

## VI. EGHLUQ

31. Din hi t-tifsira tat-tbatija, li hi verament soprannaturali, imma fl-istess ħin ukoll naturali għall-bniedem. Hi **soprannaturali** għaliex għandha l-egħruq tagħha fil-misteru tas-salvazzjoni tad-dinja, imma hi wkoll naturali għall-bniedem għaliex fit-tbatija l-bniedem isib lilu nnifsu, in-natura tiegħu ta' bniedem li hu, id-dinjità tiegħu, il-missjoni tiegħu.

It-tbatija hija żgur parti mill-misteru tal-bniedem. Forsi t-tbatija ma tidħolx f'dan il-misteru, li hu misteru għoli ħafna biex jiftiehem, daqskemm il-bniedem hu mdaħħal fih. Il-Konċilju Vatikan II ixandar din il-verità: "fil-fatt il-misteru tal-bniedem jiddawwal tassew bil-misteru biss tal-Iben ta' Alla magħmul bniedem... għax Kristu, Adam il-ġdid, meta juri l-misteru tal-Missier u ta' l-imħabba tiegħu, **juri wkoll, kollu kemm hu, il-bniedem lill-bniedem innifsu** u jurih ukoll is-sejħa l-aktar għolja tiegħu" (100). Jekk dan il-kliem neħduh għal dak kollu li għandu x'jaqsam mal-misteru tal-bniedem, żgur li għandna neħduh b'mod speċjali għal dak li għandu x'jaqsam mat-**tbatija tal-bniedem.** F'din il-ħaġa huwa għal

kollox meħtieġ li "turi l-bniedem lill-bniedem innifsu u turih ukoll is-sejħa l-aktar għolja tiegħu." Dan għaliex, kif turina l-esperjenza, din il-ħaġa tista' **tkun tassew iebsa u tqila.** Iżda meta dan iseħħ u jdawwal il-ħajja tal-bniedem, jagħmilha tassew **hienja:** "Bi Kristu u fi Kristu jiddawwal il-misteru tat-tbatija u tal-mewt" (101).

Qegħdin intemmu dawn il-ħsibijiet fuq it-tbatija f'din is-sena li fiha l-Knisja b'Ġublew Straordinarju qiegħda tfakkar l-anniversarju tal-Fidwa tagħna.

Il-misteru tal-fidwa tal-bniedem għandu l-egħruq tiegħu b'mod speċjali **fit-tbatija,** u t-tbatija minnaħa l-oħra għandha relazzjoni tassew kbira ma' dan il-misteru.

Nittamaw li din is-sena tal-fidwa ngħixuha f'rabta liema bħalha ma' dawk kollha li qegħdin ibatu. Jeħtieġ għalhekk li jinġabru taħt is-Salib ta' Kristu, bil-ħsieb u bixxewqa tagħhom, dawk kollha li qegħdin ibatu u jemmnu fi Kristu, u l-aktar dawk li qegħdin ibatu minħabba l-fidi tagħhom fi Kristu msallab u rxoxt, biex l-offerta tat-tbatijiet tagħhom tħaffef il-jum li fih isseħħ dak li talab is-Salvatur stess li lkoll ikunu ħaġa waħda fih (102). Jinġabru taħt is-Salib ukoll il-bnedmin kollha ta' rieda tajba għax fuq is-Salib hemm "il-Feddej tal-bniedem", il-bniedem tat-tbatija li tgħabba bit-tbatijiet tar-ruħ u tal-ġisem tal-bnedmin kollha ta' kull żmien biex **fl-imħabba** jsibu t-tifsira li ssalva ta' tbatijiethom u tweġiba żgura għall-mistoqsijiet kollha li jagħmlu.

Flimkien ma' Marija Omm Kristu li kienet ħdejn is-Salib (103), nieqfu aħna wkoll ħdejn is-slaleb tannies kollha ta' żmenijietna. Nitolbu lill-qaddisin kollha li tul iż-żminijiet b'mod speċjali ssieħbu fit-tbatijiet ta' Kristu. Nitolbuhom jieqfu magħna.

U intom ilkoll **li intom imġarrbin bit-tbatijiet kbar,** nitolbukom tieqfu magħna. Nitolbu lilkom, li intom morda, biex tkunu **sura ta' għajn ta' qawwa** għall-Knisja u għall-bnedmin kollha. Fil-ġlieda tal-biża' bejn it-tajjeb u l-ħażin, li qiegħda sseħħ fi żmienna, jalla t-tbatija tagħkom, marbuta mas-Salib ta' Kristu, tikseb ir-rebħa.

Lilkom ilkoll, ħuti u wliedi maħbuba, nagħtikom il-barka appostolika tiegħi.

Ruma, minn San Pietru, illum 11 ta' Frar, nhar it-tifkira tal-Verġni Marija ta' Lourdes, tas-sena 1984, fis-sitt sena tal-Pontifikat.

1. Kol 1,24.
2. *ibid.*
3. Rum 8,22.
4. Ara nn. 14.28.21, 22 AAS 71 (1979), 284s,304,320,323.
5. Kif ġarrab Ħeżekija (ara Is 38,1-3).
6. Dak li beża' minnu Hagar (Ġen 15-16), dak li Ġakob ħaseb li se jiġrilu (ara Ġen 37,33-35), dak li ġarrab David (ara 2 Sam 19,1).
7. Dak li beżgħet minnu Anna, omm Tobija (ara Tob 10,1-7); ara wkoll Ġer 6,26; Għam 8,10; Zak 12,10.
8. Il-prova ta' Abraham (ara Ġen 15,2), ta' Rakel (ara Ġen 30,1), jew ta' Anna, omm Samwel (ara I Sam 1,6-10).
9. Hekk kien in-niket tat-turufnati f' Babel (ara Salm 137(136).
10. Ġarrbu v.g. is-salmista (ara salm 22(21),17.21) u Ġeremija (ara Ġer 18,18).
11. Din kienet il-prova ta' Ġob (ara Ġob 19,18; 30, 1,9), ta' xi kittieba tas-salmi (ara Salm 22(21), 7-9; 42(41),12; 44(43),16-17; ta' Ġeremija (ara Ġer 20,7), tal-Qaddej ta' Jahweh (ara Is 53,3).
12. Kellhom iġarrbuh mill-ġdid xi kittieba tas-salmi (ara Salm 22(21), 2-3; 31(30),13; 38(37),12; 88(87), 9.19; Ġeremija (ara Ġer 15,17) u l-Qaddej ta' Jahweh (ara Is 53,3).
13. Tas-Salmista (ara Salm 51(50),5), tax-xhieda tat-tbatijiet tal-Qaddej ta' Jahweh (ara Is 53,3-6), tal-profeta Zakkarija (ara Zak 12,20,14). Dan ħassu sewwa s-salmista (ara Salm 73(72),3-14) u Qoħelet (ara Qoh 4,1-3).
15. Dan ġarrbu Ġob (ara Ġob 10,19), xi kittieba tas-salmi (ara Salm 41(40),10; 55(54),13-15); Ġeremija (ara Ġer 20,10), u fuq dan it-tiġrib ħaseb bin Sirak (ara Sir 37, 1-6).
16. Barra l-ħafna siltiet tal-*Lamentazzjonijiet,* ara t-tnehid tal-kittieba tas-salmi (ara Salm 44(43),10-17; 77(76)3,11; 89(88)51) u tal-profeti (ara Is 22,4; Ġer 4,8; 13,17; 14,17-18; Ezek 9,8; 21,11-12); ara wkoll it-talbiet ta' Ażarija (ara Dan 3,31-40) u ta' Danjel (Dan 9,16-19).
17. Ara Is 38,13; Ġer 23,9; Salm 31(30), 10-11; Salm 42(41),10-11.
18. Ara Salm 73(72),21; Ġob 16,13; Lam. 3,13.
19. Ara Lam 2,11.
20. Ara Is 16,11; Ġer 4,19; Ġob 30,27; Lam 1,20.
21. Ara I Sam 1,6; Ġer 4,19; 8,18; Lam 1,20.22; Salm 38(37), 9.11.
22. Dwar dan, tajjeb niftakru li l-għerq *r"* ta' l-Ebrajk ifisser il-ħażen kollu kemm hu u kull fejn hu, kull ma hu kontra t-tajjeb *(tob),* mingħajr ebda għażla bejn deni fiżiku, psikoloġiku u morali. L-għerq insibuh fin-nom *ra'* u f'*ra'a* li jfissru kemm id-deni fih innifsu, kemm egħmil ħażin, u kemm il-bniedem li jagħmlu. Bħala verb, barra l-ewwel forma *(qal)* li tfisser "tkun ħażin" b'mod jew ieħor, hemm il-forma passiva-riflessiva *(niphal)* li tfisser "iġġarrab id-deni", "tkun milqut mid-deni", u l-forma kawsativa *(hiphil)* "tagħmel il-ħażin," "tagħmel id-deni" lil xi ħadd. Billi l-Ebrajk ma għandux kelma li taqbel mal-Grieg *pascho* = tbati, dan il-verb ftit niltaqgħu miegħu fil-verżjoni tas-LXX.
23. Dan 3,27-28ss; ara Salm 17(18),10; 36(37),7; 48(47),12; 51(50),6 99(98),4; 119(118), 75; Mal 3,16-21; Mt 20,16; Mk 10,31; Lq 17,34; Ġw 5,30; Rum 2,2.
24. Ġob 4,8.
25. Ġob 1,9-11.
26. 2 Mak 6,12.
27. Ġw 3,16.
28. Ġob 19,25-26.
29. Ġw 1,29.
30. Ġen 3,19.
31. Ġw 3,16.
32. Atti 10,38.
33. Ara Mt 5,3-11.
34. Ara Lq 6,21.
35. Mk 10,33-34.
36. Ara Mt 16,23.
37. Mt 26,52,54.
38. Ġw 18,11.
39. Ġw 3,16.
40. Gal 2,20.
41. Is 53,2-6.
42. Ara Ġw 1,29.
43. Is 53,7-9.
44. Ara I Kor 1,18.
45. Mt 26,39.
46. Mt 26,42.
47. Salm 22(21),2.
48. Is 53,6.
49. 2 Kor 5,21.

50. Ġw 19,30.
51. Ts 53,10.
52. Ara Ġw 7,37-38.
53. Is 53,10-12.
54. Ġob 19,25.
55. I Piet 1,18-19.
56. Gal 1,4.
57. I Kor 6,20.
58. 2 Kor 4,8-11,14.
59. 2 Kor 1,5.
60. 2 Tes 3,5.
61. Rum 12,1.
62. Gal 2,19-20.
63. Gal 6,14.
64. Fil 3,10-11.
65. Atti 14,22.
66. 2 Tes 1,4-5.
67. Rum 8,17-18.
68. 2 Kor 4,17-18.
69. I Piet 4,13.
70. Lq 23,34.
71. Mt 10,28.
72. 2 Kor 12,9.
73. 2 Tim 1,12.
74. Fil 4,13.
75. I Piet 4,16.
76. Rum 5,3-5.
77. Ara Mk 8,35; Lq 9,24; Ġw 12,25.
78. Kol 1,24.
79. I Kor 6,15.
80. Ġw 3,16.
81. Lq 9,23.
82. Ara Lq 9,23.
83. Ara Mt 7,13-14.
84. Lq 21,12-19.
85. Ġw 15,18-21.
86. Ġw 16,33.
87. 2 Tim 3,12.
88. Kol 1,24.
89. Ara Ef 6,12.
90. Lq 10,29.
91. Lq 10,33-34.
92. *Gaudium et Spes*, 24.
93. Lq 4,18-19; ara Is 61,1-2.
94. Atti 10,38.
95. Mt 25,34-36.
96. Mt 25,40.
97. Mt 25,45.
98. I Piet 4,13.
99. Kol 1,24.
100. *Gaudium et Spes*, 22.
101. *ibid.*
102. Ara Ġw 17,11.21-22.
103. Ara Ġw 19,25.

# EŻORTAZZJONI APPOSTOLIKA LIR-RELIĠJUŻI KOLLHA DWAR IL-KONSAGRAZZJONI TAGĦHOM FID-DAWL TAL-MISTERU TAL-FIDWA

Egħżież ħuti fi Kristu!

## I — TISLIMA

1. Fid-don tal-Fidwa, li deher f'dawl speċjali f'dis-sena tal-Ġublew straordinarju, hemm stedina speċjali għall-konverżjoni u għar-rikonċiljazzjoni ma' Alla fi Kristu Ġesù. Iċċelebrajna dan il-Ġublew minħabba fatt storiku: ridna nfakkru l-elf disa' mija u ħamsin sena tal-ġrajja tas-Salib u tal-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet. Imma hemm raġuni oħra li ma tidhirx iżda li hi marbuta sewwa mal-kobor tal-misteru tal-Fidwa: minn dan il-misteru twieldet il-Knisja, u minnu tikseb il-ħajja tul ġrajjietha kollha. Iż-żmien tal-Ġublew straordinarju għandu karattru speċjali. L-istedina għall-konverżjoni u għar-rikonċiljazzjoni ma' Alla tfisser li għandna *naħsbu u nimmeditaw* aktar fil-fond u b'aktar għaqal fuq ħajjitna u fuq is-sejħa tagħna bħala nsara, fid-dawl tal-misteru tal-Fidwa, biex il-ħajja u s-sejħa tagħna dejjem aktar, minn jum għall-ieħor, iniżżlu l-egħruq tagħhom f'dan il-misteru.

Din l-istedina li tolqot lil kull min hu fil-Knisja, b'mod speċjali tolqot lilkom *ir-reliġjużi, irġiel u nisa*, għaliex intom ikkonsagrajtu ruħkom lil Alla permezz tal-voti tal-kunsill evanġeliċi, u għalhekk qegħdin tħabirku biex tgħixu l-ħajja nisranija f'milja speċjali tagħha. Is-sejħa speċjali tagħkom u l-ħajja kollha tagħkom fil-Knisja u fid-dinja *jiksbu* s-sura tagħhom u l-qawwa spiritwali tagħhom *mill-kobor tal-misteru tal-Fidwa*. Intom u mexjin wara Kristu mit-triq "id-dejqa",[1] tħossu b'mod tassew speċjali kemm tassew il-Mulej "il-fidwa għandu bil-kotra".[2]

2. Għalhekk, issa li s-Sena Mqaddsa qiegħda toqrob lejn it-tmiem tagħha, nixtieq inkellem lilkom ir-reliġjużi kollha, nisa u rġiel, sew jekk intom mogħtijin għall-ħajja kollha kemm hi ta' kontemplazzjoni u sew jekk intom medhijin f'ħafna ħidmiet ta' l-appostolat. Dan ġa għamiltu f'ħafna postijiet u f'ħafna okkażjonijiet, jiena u nwettaq u nkompli nsaħħaħ it-tagħlim tal-Evanġelju li nsibu fit-tradizzjoni kollha tal-Knisja, u l-aktar fil-Maġisteru tal-aħħar Konċilju, mill-kostituzzjoni dommatika "Lumen gentium" sad-digriet "Perfectae charitatis", fid-dawl ta' dak li hemm fl-eżortazzjoni appostolika tal-Papa Pawlu VI, li tibda bil-kelmiet "Evangelica testificatio". Il-Kodiċi tal-liġi tal-Knisja li għadu kemm beda jorbot, u li b'xi mod nistgħu nqisuh bħala l-aħħar dokument tal-Konċilju, jagħti lilkom ilkoll għajnuna mill-aħjar u jmexxikom b'mod żgur, għax jurikom liema huma verament dawk il-mezzi li teħtieġu biex taqdu bir-reqqa kollha u bil-qalb kollha s-sejħa tagħkom fi ħdan il-Knisja.

Insellem, bl-imħabba ta' isqof ta' Ruma u ta' suċċessur ta' San Pietru għall-ħidma tagħkom, lilkom li għandkom il-komunitajiet tagħkom marbutin b'mod hekk singulari miegħi bħala isqof ta' Ruma u suċċessur ta' San Pietru. Minn din il-knisja ta' Ruma jasal għandkom,

dejjem jidwi, leħen San Pawl: *"għarrastkom* lil għarus wieħed, bħallikieku kontu xebba safja biex inressaqkom *quddiem Kristu"*.[3] Il-Knisja, li, wara l-Appostli, irċeviet it-teżor tal-egħrusija ma' l-Għarus divin, tħares b'imħabba liema bħalha lejn dawk l-ulied kollha tagħha, irġiel u nisa, li, bil-*professjoni tal-kunsilli evanġeliċi,* permezz tal-medjazzjoni tagħha, daħlu f'patt mill-aqwa mal-Feddej tad-dinja. Ilqgħu mela din il-kelma tas-Sena tal-Ġublew tal-Fidwa, bħala kelma ta' mħabba li l-Knisja qiegħda tgħidilkom. Ilqgħuha, tinsabu fejn tinsabu; fil-klawsura tal-komunitajiet kontemplattivi jew fil-ħidmiet ta' kull sura li għalihom tidħlu fil-qadi tal-appostolat tagħkom: fil-missjonijiet, fil-ħidma pastorali, fl-isptarijiet u f'postijiet oħra, fejn taqdu bl-imħabba lil min qiegħed ibati, fl-istituti ta' l-edukazzjoni, fl-iskejjel u fl-universitajiet u fl-aħħarnett fid-djar kollha tagħkom fejn "tinsabu miġburin" u tħossu li "l-Mulej jinsab f'nofskom".[4]

*Il-kliem kollu mħabba tal-Knisja* li qiegħed inwasslilkom f'dan il-Ġublew tal-Fidwa, ħa jtennilkom dak il-kliem kollu mħabba li Kristu stess qal lil kull wieħed u waħda minnkom meta, b'mod misterjuż, qalilkom: "Ejja, imxi warajja",[5] kliem li kien il-bidu tas-sejħa tagħkom fil-Knisja.

## II. — IL-VOKAZZJONI

### "Ġesù xeħet fuqu ħarsa ta' mħabba"

3. "Ġesù xeħet fuqu ħarsa ta' mħabba",[6] u qallu: "Jekk trid tkun perfett, mur bigħ il-ġid li għandek, agħtih lill-foqra u jkollok teżor fis-sema, imbagħad ejja u imxi warajja".[7] Għalkemm nafu li dan il-kliem li Ġesù qal lil wieħed żagħżugħ għani ma ġiex milqugħ, madankollu dak li fih dan il-kliem jistħoqqlu li naħsbu fuqu bil-għaqal kollu; dan għaliex dan il-kliem ta' Ġesù jurina x'inhi l-vokazzjoni fiha nfisha. "Ġesù xeħet fuqu ħarsa ta' mħabba..." Din hi l-imħabba tal-Feddej, ħierġa mill-kobor kollu tal-Fidwa tal-Bniedem-Alla. Fiha tidher *l-imħabba ta' dejjem ta' Alla l-Missier* li "hekk ħabb id-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni biex kull min jemmen fih ikollu l-ħajja ta' dejjem".[8] L-Iben, imqanqal minn din l-imħabba, aċċetta l-missjoni li fdalu l-Missier fl-Ispirtu s-Santu, u sar il-Feddej tad-dinja. L-Appostli ta' Kristu jitkellmu fuq dan il-prezz tal-Fidwa b'ħeġġa ta' qalb liema bħalha: "... kontu mifdija... mhux b'xi ħaġa li tintemm bħalma hi l-fidda jew id-deheb, imma bid-demm għażiż ta' Kristu, li kien bħal ħaruf bla ħtija u bla tebgħa...", kif kiteb San Pietru.[9] U San Pawl igħid: "Bil-għoli kontu mixtrija!"[10]

Is-sejħa għall-mixi fit-triq tal-kunsilli evanġeliċi għandha l-bidu tagħha meta r-ruħ tiltaqa' *ma' l-imħabba ta' Kristu,* li hi mħabba li tifdi. Kristu jsejjaħ permezz ta' din l-imħabba li tifdi. Fil-vokazzjoni din il-laqgħa ma' l-imħabba ta' Kristu hi ħaġa kollha kemm hi personali. Meta Kristu "xeħet fuqkom ħarsa ta' mħabba" u sejħilkom, għeżież reliġjużi, irġiel u nisa, l-imħabba tiegħu ta' fidwa kienet għal persuna determinata u kellha *sura ta' mħabba ta' egħrusija,* jiġifieri kienet *imħabba ta' għażla.* Imħabba bħal din tħaddan il-persuna li tkun kollha kemm hi, fir-ruħ u l-ġisem, hi x'inhi, raġel jew mara, u tħaddanha fil-"jien" tagħha, il-"jien" li ma hu ta' ħadd aktar ħlief tagħha.

Kristu li minn dejjem ta lilu nnifsu lill-Missier, "jagħti" lilu nnifsu lilna fil-misteru tal-Fidwa, u hu stess isejjaħ lill-bniedem biex hu wkoll jagħti lilu nnifsu għal xi ministeru speċjali fl-opra tal-Fidwa, billi jingħaqad ma' xi komunità, magħrufa u approvata mill-Knisja. U ma' din is-sejħa żgur jaqbel kliem San Pawl li jgħid: "Ma tafux li ġisimkom hu tempju ta' l-Ispirtu s-Santu... ma tafux li intom m'intomx tagħkom infuskom? Bil-għoli kontu mixtrija!"[11]

Hekk hu. L-imħabba ta' Kristu laħqet lil kull wieħed u waħda minnkom, egħżież ħuti, bl-istess "prezz" tal-Fidwa. U hekk għaraftu li mintomx aktar "tagħkom infuskom" imma tiegħu, ta' Kristu. Dan l-għarfien ġdid ġej mill-"ħarsa ta' mħabba" li Kristu xeħet fuqhom, fil-fond ta' qalbhom. U intom mortu wara Dak li xeħet ħarstu fuqkom, u għażiltu lil Dak li għażilkom minn qabel u sejħilkom bil-qawwa bla qies tal-imħabba tiegħu li tifdi. Meta sejħilkom "b'isimkom" is-sejħa tagħkom kienet stedina magħmula lil bniedem ħieles, *stedina lil-libertà tal-bniedem.* Kristu qal: "Jekk trid..." Dan juri li t-tweġiba għal din is-sejħa kienet tiddependi mill-għażla ħielsa tagħkom. Meta qbadtu t-triq li hu wriekom, għażiltu lil Ġesù Nazzarenu, il-Feddej tad-dinja.

**"Jekk trid tkun perfett...."**

4. Din it-triq tissejjaħ *it-triq tal-perfezzjoni.* Kristu, hu u jitkellem maż-żagħżugħ, qallu: "Jekk trid tkun perfett..."; mela l-ideja ta' "triq tal-perfezzjoni" hija ideja biblika, tinsab fl-Iskrittura. Imbagħad, ma nisimgħux fid-diskors li l-Mulej għamel fuq il-għolja: "Kunu mela perfetti bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet"?[12]

*Is-sejħa tal-bniedem għall-perfezzjoni,* b'xi mod għarfuha n-nies tal-qedem li kienu medhijin jaħsbu fuq id-dinja madwarhom jew igħállmu kif wieħed għandu jgħix sewwa; u għarfuha mbagħad ukoll nies oħra tul iż-żminijiet kollha tal-ġrajja tal-bniedem. Iżda fis-sejħa li nsibu fl-Iskrittura hemm nota tassew singulari: din is-sejħa għall-perfezzjoni mill-bniedem titlob ħaġa tassew kbira; titolbu li jkun jixbah lil Alla.[13] Minħabba dan, din is-sejħa taqbel għal kollox ma' dak li hi fiha nfisha r-Rivelazzjoni, li tgħidilna li l-bniedem kien maħluq *sura xbieha ta' Alla.* Mela wieħed għandu jfittex dik il-perfezzjoni li tkun taqbel ma' din is-sura xbieha ta' Alla. Hu għalhekk li San Pawl *fl-ittra lill-Efesin* kiteb: "Kunu mela tixbhu lil Alla, bħala wlied maħbuba u imxu fl-imħabba bħalma Kristu wkoll ħabb lilna u ta lilu nnifsu għalina, offerta u sagrifiċċju jfuħu quddiem Alla".[14]

Mela l-istedina għall-perfezzjoni hi parti essenzjali tal-*vokazzjoni nisranija.* Fid-dawl ta' din il-vokazzjoni nisranija għandna nifhmu l-kliem li Ġesù qal liż-żagħżugħ tal-Evanġelju: dan il-kliem hu marbut b'mod speċjali mal-misteru tal-Fidwa tal-bniedem fid-dinja. Il-Fidwa tagħti lura lil Alla ħolqien imħassar mid-dnub, hi u turi x'inhi l-perfezzjoni li, skond il-ħsieb u l-fehma t'Alla, għandu jkollu l-ħolqien kollu u, b'mod speċjali, il-bniedem. Jeħtieġ li fuq kollox il-bniedem *jagħti lilu nnifsu u jerġa' jingħata lil Alla* jekk irid jerġa' jingħata *lilu nnifsu*

*kollu kemm hu.* Għalhekk l-istedina ta' dejjem: "Erġa' lura lejja, għax jiena fdejtek".[15] Kliem Kristu: "Jekk trid tkun perfett, mur bigħ il-ġid li għandek, agħtih lill-foqra" żgur iwassalna fil-qasam tal-faqar tal-kunsilli evanġeliċi, li hu parti essenzjali tas-sejħa u tal-professjoni reliġjuża.

Fl-istess ħin dan il-kliem wieħed jista' jifhmu b'mod aktar wiesgħa u, b'xi mod, essenzjali wkoll. L-Imgħallem ta' Nazaret, huwa u jkellem liż-żagħżugħ, stiednu *jiċħad* is-sura ta' ħajja li kien qiegħed igħix, sura ta' ħajja li fiha l-aqwa hu li hi wieħed *ikollu* xi ħaġa; stiednu biex flok din is-sura ta' ħajja *jaċċetta* sura oħra ta' ħajja li tqis bħala l-qofol tagħha s-siwi tal-persuna tal-bniedem: jiġifieri l-persuna *kif inhi* fiha nfisha, bit-"traxxendenza" li hi proprja tagħha.

Jekk nifhmu kliem Kristu b'dan il-mod, ikun għalina qisu sfond tassew wiesgħa li fuqu jiddi l-ideal tal-faqar evanġeliku, u l-aktar ta' dak il-faqar li, bħala kunsill evanġeliku, hu ħaġa essenzjali għaż-żwieġ mistiku tagħkom ma' l-Għarus divin tal-Knisja. Jekk nifhmu kliem Kristu fid-dawl tal-prinċipju li jiswa aktar li "tkun" minn li "jkollok" l-aktar meta dan nifhmuh f'sens materjali u utilitarju, naslu għall-*pedament fil-bniedem tal-vokazzjoni* skond l-Evanġelju. Meta nqisu l-progress taċ-ċiviltà llum, u nagħarfu dan, dan ikun jiswa ħafna għal żminijietna. Għalhekk l-istess sejħa għat-"triq tal-perfezzjoni" kif jagħmilha Kristu, tiswa ħafna għal żminijietna. Il-bniedem li jgħix fiċ-ċiviltà tal-lum, l-aktar fiċ-ċiviltà tal-infiq bla ražan, fiċ-ċiviltà kon-sumistika, meta b'sogħba jintebah kemm qiegħed jonqoslu l-"jien" tiegħu — u dan minħabba l-kotra ta' kull sura li "għandu" — lest li jaċċetta aktar malajr il-verità ta' din is-sejħa li tul iż-żmenijiet kollha tħabbret fl-Evanġelju. Iva, il-vokazzjoni li intom, ħuti egħżież, ilqajtu meta qbadtu t-triq tal-perfezzjoni reliġjuża, *tasal sa l-egħruq tan-natura tal-bniedem,* sal-fond tad-destin tiegħu f'din id-dinja. L-istat ta' perfezzjoni evanġelika ħilkom ma jqaċċatkomx minn dawn l-egħruq. Anzi permezz ta' dan l-istat ta' perfezzjoni tis-saħħu aktar f'dak li bih il-bniedem hu bniedem, tissaħħu aktar fin-natura tagħkom ta' bnedmin, għaliex f'din in-natura, li hi b'tant suriet imtaqqla mid-dnub, intom titfgħu l-ħmira tal-misteru tal-Fidwa tal-Bniedem-Alla.

### "Ikollok teżor fis-sema"

5. Il-vokazzjoni għandha magħha tweġiba għall-mistoqsija: *Għal-fejn tkun bniedem? Kif tkun bniedem?* Din it-tweġiba tagħti sura ġdida lill-ħajja u turi t-tifsir sħiħ tagħha. U dan it-tifsir joħroġ minn dak il-ħsieb li nsibu fl-Evanġelju u li jmur kontra l-fehma tal-kotra tan-nies, li min irid isalva ħajtu jitlifha, u min jitlef ħajtu għal Kristu u għall-Evanġelju jsalvaha, kif insibu miktub fl-Evanġelju ta' S. Mark.[16]

Meta nqisu dan il-kliem, jidher tassew ċar kliem Kristu: "Mur, bigħ il-ġid li għandek, agħtih lill-foqra u jkollok teżor fis-sema, u mbagħad ejja, imxi warajja".[17] Hemm rabta liema bħalha bejn il-kel-

ma "Mur" u l-kliem ta' wara: "Ejja, imxi warajja". Nistgħu ngħidu li dawn l-aħħar kelmiet juru x'inhu l-qofol tal-vokazzjoni: għax il-vokazzjoni hi li timxi wara Kristu (*sequere me* bil-Latin, u minn hawn il-frażi *sequela Christi*). Il-kliem: "Mur... biegħ... agħti...", li jiġu qabel is-sejħa: "Ejja, imxi warajja", juru x'inhu meħtieġ li jsir biex isseħħ il-vokazzjoni. Madankollu dawn il-kondizzjonijiet mhumiex xi ħaġa li "ma għandhomx x'jaqsmu" mal-vokazzjoni, imma huma "parti minnha". Dan għaliex il-bniedem jikseb fehma ġdida tan-natura tiegħu ta' bniedem li hu, mhux biss biex "imur" wara Ġesù, imma wkoll "għaliex" imur wara Ġesù. Meta "jbigħ dak li għandu" u "jagħtih lill-foqra", ikun qiegħed juri li dik il-kotra ta' ġid li kellu ma kienx xi teżor li jorbot qalbu miegħu; *it-teżor tiegħu hu f'qalbu*, hu li mingħand Kristu kiseb is-setgħa li "jingħata" lill-oħrajn billi *jagħti lilu nnifsu kollu kemm hu.* Għani hu mhux min "għandu" imma min "jagħti", min għandu l-ħila li jagħti.

U hawn il-paradoss tal-Evanġelju jikseb tifsir speċjali. Isir programm ta' kif "jien": "jien" fqir, skond it-tifsira mogħtija mill-Imgħallem ta' Nazaret lill-"jien", ifisser l-istess bħallikieku jien il-ġid inqassmu ta' bniedem li jien; ifisser daqs li kieku *sibt "it-teżor"*. U dan itteżor ma *jintemm qatt,* għax igħaddi mal-bniedem fil-ħajja ta' dejjem; hu parti mill-"eskatoloġija divina" tal-bniedem, jiġifieri b'dan it-teżor il-bniedem jikseb f'Alla xorti li ma tintemm qatt, u ma tinbidel qatt. Kristu qal: "Ikollok teżor fis-sema". Dan it-teżor hu mhux biss "premju", wara l-mewt, ta' kull ma wieħed ikun għamel fuq l-eżempju tal-Imgħallem divin, imma hu fuq kollox *it-tmiem eskatoloġiku, jiġifieri fl-aħħar taż-żminijiet int ittemm il-ġid kollu ta' egħmilek* fuq din l-art, ġid li kien moħbi fit-"teżor" tal-fond ta' qalbek. Kristu stess, fid-diskors tiegħu fuq il-muntanja,[18] kien ħeġġeġ li naħżnu teżori fis-sema, u żied igħid li "fejn hemm it-teżor tiegħek, hemm tinsab qalbek".[19] Dan il-kliem ifisser in-natura eskatoloġika tal-vokazzjoni nisranija, u aktar u aktar ifisser in-natura eskatoloġika tal-vokazzjoni għall-egħrusija spiritwali ma' Kristu permezz tal-ħarsien tal-kunsilli evanġeliċi.

*L-istruttura ta' din il-vokazzjoni,* kif narawha fil-kliem li ntqal liż-żagħżugħ skond l-Evanġelji sinottiċi,[20] tidher bil-mod il-mod dejjem aktar ċara għalina, aktar ma nagħarfu x'inhu t-*teżor* li għandna aħna l-bnedmin bħala bnedmin fid-dawl ta' dak it-"teżor" li l-bniedem "għandu fis-sema". F'dan id-dawl it-teżor li għandi bħala bniedem li jien, hu l-istess bħallikieku jiena "jien", jiena u nagħti lili nnifsi. F'vokazzjoni bħal din, il-persuna li għaliha wieħed jagħti lilu nnifsu hi *l-persuna ħajja ta' Ġesù Kristu.* Is-sejħa biex wieħed jibda miexi fit-triq tal-perfezzjoni tieħu s-sura tagħha minn Kristu u għal Kristu *fl-Ispirtu s-Santu,* u, lil nies dejjem ġodda, irġiel u nisa, f'kull żmien ta' ħajjithom, imma l-aktar f'żogħżithom, "tgħallimhom" kull ma Kristu "qal",[21] u b'mod speċjali kull ma Kristu "qal" liż-żagħżugħ li staqsih: "Mgħallem x'tajjeb għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?"[22] Permezz tat-tweġiba li Kristu jagħti lil min fuqu "xeħet ħarsa ta' mħab-

ba", il-ħmira qawwija tal-*misteru tal-Fidwa* tidħol fil-qalb, fil-kuxjenza u fir-rieda ta' dak li jkun u li qiegħed ifittex bis-sinċerità u l-verità.

B'dan il-mod is-sejħa biex wieħed jibda miexi fit-triq tal-kunsilli evanġeliċi, dejjem tiġi mingħand Alla: "Mhux intom għażiltu lili, imma jien għażilt lilkom u ħtartkom biex tmorru u tagħmlu l-frott u l-frott tagħkom jibqa'."[23] Il-vokazzjoni li biha l-bniedem jagħraf x'inhi fil-milja tagħha l-liġi evanġelika li twasslek biex tagħti lilek innifsek u li tinsab minquxa fl-istess natura tal-bniedem, hija fiha nfisha *don*! Hija don li fih innifsu hu mimli b'dak kollu li hu l-aktar għoli fl-Evanġelju, don li fih jiddi l-kobor tal-misteru tal-Fidwa tad-dinja mill-Bniedem-Alla: "Hawn qiegħda l-imħabba: mhux għax aħna ħabbejna lil Alla, imma għax ħabbna hu u bagħat lil Ibnu biex ikun ta' tpattija għal dnubietna".[24]

## III — KONSAGRAZZJONI

**Il-professjoni reliġjuża hi "espressjoni aktar perfetta" tal-konsagrazzjoni lil Alla li sseħħ fil-Magħmudija.**

7. Il-vokazzjoni wasslitkom għall-perfezzjoni reliġjuża, li biha intom ġejtu konsagrati lil Alla permezz tal-ministeru tal-Knisja u hekk sirtu membri tal-familja reliġjuża tagħkom. Hu għalhekk li l-Knisja qabel kollox tqiskom nies "ikkonsagrati": *konsagrati lil Alla f'Ġesù Kristu* biex tkunu tiegħu biss. Din il-konsagrazzjoni turi x'inhu l-post tagħkom fil-komunità kollha tal-Knisja, tal-Poplu ta' Alla. Fl-istess ħin din il-konsagrazzjoni tagħkom hi għajn speċjali ta' qawwa spiritwali u soprannaturali għall-missjoni universali tal-Poplu ta' Alla: hi sura speċjali ta' ħajja ta' xhieda u ta' appostolat, fil-ħarsien bil-fedeltà kollha, tal-missjoni speċjali, ta' l-identità u tal-wirt spiritwali tal-Istituti partikulari tagħkom. Il-missjoni universali tal-Poplu ta' Alla għandha l-egħruq tagħha fil-missjoni messjanika ta' Kristu stess, il-Profeta, il-Qassis, u s-Sultan; missjoni li fiha *kulħadd, b'mod jew ieħor, għandu sehem*. Il-mod kif jissieħbu f'din il-missjoni dawk li huma "ikkonsagrati" lil Alla, hu l-mod kif huma jagħmlu l-egħruq tagħhom fi Kristu. Kemm huma qawwija u kemm huma fil-fond l-egħruq tagħkom fi Kristu turih il-professjoni reliġjuża tagħkom.

Il-professjoni reliġjuża toħloq rabta ġdida tal-bniedem ma' Alla Wieħed fi tliet Persuni, fi Kristu. Din ir-rabta timbena fuq il-pedament ta' *dik ir-rabta* ma' Alla li *seħħet fina fil-bidu bis-Sagrament tal-Magħmudija.* Il-professjoni reliġjuża "għandha l-egħruq tagħha fil-konsagrazzjoni li sseħħ fil-Magħmudija, u tfissirha aħjar".[25] B'dan il-mod, il-professjoni reliġjuża, meta ssir, tkun konsagrazzjoni ġdida: hi konsagrazzjoni u offerta tal-bniedem lil Alla, maħbub 'il fuq minn kollox. L-impenn li tidħlu għalih bil-voti tagħkom, li tħarsu l-kunsilli evanġeliċi tas-safa, tal-faqar u tal-obbedjenza skond ir-regolamenti proprji tal-familja reliġjuża ta' kull wieħed u waħda minnkom, kif huma mfissrin fil-kostituzzjonijiet tagħkom, ifisser li intom ikkonsag-

rajtu ruħkom lil Alla kollkom kemm intom. Fl-istess ħin dan l-impenn huwa l-mezz li bih twettqu din il-konsagrazzjoni tagħkom. Minn din il-konsagrazzjoni tieħu s-sura proprja tagħha x-xhieda li jagħtu dawk li huma ikkonsagrati lil Alla u jieħu s-sura wkoll l-appostolat li jagħmlu. Iżda l-bidu ta' *din il-konsagrazzjoni* li intom tagħmlu minn rajkom u b'fehma sħiħa, u *l-offerta tagħkom infuskom lil Alla biex tkunu tiegħu biss, li tiġi minnha,* għandna nfittxuh fil-Magħmudija, li hi s-sagrament li jdaħħalna fil-misteru ta' l-Għid, u li hi l-qofol u ċ-ċentru tal-Fidwa li kisbilna Kristu.

Għalhekk, jekk irridu naraw fid-dawl kollu tagħha skond il-verità x'inhi l-professjoni reliġjuża, tajjeb li niftakru fil-kliem kollu ħeġġa li kiteb San Pawl fl-*Ittra lir-Rumani:* "Ma tafux li aħna li *tgħammidna* fi Kristu, *tgħammidna* fil-mewt tiegħu? Indfinna miegħu filmewt permezz tal-Magħmudija sabiex kif Kristu ...... hekk aħna ngħixu ħajja ġdida";[26] "il-bniedem qadim tagħna ssallab ...... sabiex ma nkunux aktar ilsiera tad-dnub";[27] "hekk ukoll intom għandkom tqisu lilkom infuskom mejtin għad-dnub, iżda ħajja għal Alla fi Kristu Ġesù".[28]

Il-professjoni reliġjuża — bil-qawwa tas-sagrament tal-Magħmudija li fih għandha l-egħruq tagħha — hija "dfin mill-ġdid fil-mewt ta' Kristu" hija dfin ġdid għaliex hi għażla magħmula b'fehma sħiħa, għaliex ġejja mill-imħabba u l-vokazzjoni, għaliex hija "konverżjoni" dejjem sejra. Dan "id-dfin fil-mewt" iwassal biex il-bniedem "midfun ma' Kristu", *bħal Kristu, jgħix ħajja ġdida.* Fi Kristu msallab għandhom fl-aħħar mill-aħħar is-sisien tagħhom kemm il-konsagrazzjoni li sseħħ fil-Magħmudija u kemm il-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi, li skond il-Konċilju Vatikan II, "hi konsagrazzjoni speċjali". Hi *mewt u ħelsien.* Igħid San Pawl: "Qiesu lilkom infuskom mejtin għad-dnub"; iżda fl-istess ħin din il-mewt isejħilha "ħelsien mill-jasar tad-dnub". Iżda l-konsagrazzjoni reliġjuża, mibnija fuq il-pedament tas-sagrament tal-Magħmudija, hi fuq kollox ħajja ġdida "għal Alla fi Kristu Ġesù".

U hekk, flimkien mal-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi, b'mod aktar matur u b'fehma aktar sħiħa, *ninżgħu l-bniedem il-qadim* u bl-*istess mod nilbsu l-bniedem il-ġdid* "maħluq skond Alla fil-ġustizzja u l-qdusija ġejja mill-verità", biex mill-ġdid nużaw il-kliem ta' *l-ittra lill-Efesin.*[29]

**Il-patt ta' l-imħabba ta' l-egħrusija**

8. Għalhekk, egħżież ħuti, intom ilkoll li fil-Knisja kollha qegħdin tgħixu l-patt li seħħ bil-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi, f'din is-Sena Mqaddsa tal-Fidwa, *għarfu mill-ġdid li intom imseħbin bil-mod speċjali tagħkom fil-mewt* tal-Feddej fuq is-Salib; bil-qawwa ta' dan it-tisħib intom *qomtu* ma' Kristu u bla heda miegħu tqumu biex tgħixu ħajja ġdida. Il-Mulej ikellem lil kull wieħed u waħda minnkom, kif darba

tkellem permezz tal-profeta Isaija:

"La tibżax, *għax jiena fdejtek,*
sejjaħtlek b'ismek:
*inti tiegħi*".[30]

L-istedina tal-Evanġelju: "Jekk trid tkun perfett...... ejja imxi warajja"[31] tmexxina bid-dawl tal-kliem ta' l-Imgħallem divin. Mill-milja tal-Fidwa tiġi s-sejħa ta' Kristu u minn din il-milja tasal fil-qalb tal-bniedem; *bil-qawwa tal-grazzja tal-Fidwa* din is-sejħa ta' salvazzjoni, fil-qalb dak li jkun imsejjaħ, tilbes is-sura tal-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi. Hi f'din is-sura ta' professjoni li tinsab it-tweġiba li intom tagħtu għas-sejħa tal-imħabba li tifdi — tweġiba kollha mħabba: *imħabba ta' offerta tiegħek innifsek,* li hi *l-qofol tal-konsagrazzjoni,* jiġifieri tal-konsagrazzjoni tiegħek innifsek.

Kliem il-profeta Isaija: "Jiena fdejtek ...... inti tiegħi", jidher li jwettaq din l-imħabba, li hi mħabba ta' konsagrazzjoni sħiħa lil Alla u lil Alla biss.

B'dan il-mod isseħħ *rabta speċjali ta' mħabba ta' egħrusija* li bla ħeda fiha jinstema' mtenni l-kliem tal-profeta Isaija għal Israel, li Alla għażel biex "ikun il-poplu tiegħu".[32] Dan għaliex f'kull persuna ikkonsagrata lil Alla issir l-għażla ta' "Israel" tal-Patt il-ġdid u għal dejjem. Il-poplu Messjaniku kollu, jiġifieri l-Knisja universali *tingħażel f'kull bniedem* li Alla jagħżel għalih minn ħdan il-poplu, f'kull bniedem — u nerġa' ntennih — li jikkonsagra lilu nnifsu *għal kulħadd* lil Alla biex ikun ta' Alla biss. Ħadd, l-anqas il-bniedem l-aktar qaddis, ma jista' jgħid għalih kliem Kristu: "Jien minħabba fihom nikkonsagra lili nnifsi",[33] meta nqisu l-qawwa li għandu dan il-kliem għall-Fidwa; iżda, kull bniedem bil-fidi tiegħu, jista' jqis dan il-kliem igħodd għalih, jekk joffri lilu nnifsu lil Alla biex ikun ta' Alla biss.

Mhux għal dan iħeġġiġna kliem l-Appostlu San Pawl li nsibu fl-*ittra tiegħu lir-Rumani,* li spiss intennu u spiss nimmeditaw fuqhom: "Nitlobkom, ħuti, għall-ħniena ta' Alla, offru ġisimkom b'sagrifiċċju ħaj, qaddis, jogħġob lil Alla: il-kult spiritwali tagħkom"?[34] F'dan il-kliem qisu jinstema' mtenni mill-bogħod il-kliem li Dak li huwa u dieħel fid-dinja ħa jkun bniedem bħalna, qal lill-Missier: "*Ġisem int ħejjejt għalija* ... Hawn jien ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek, o Alla".[35] F'dan iż-żmien speċjali tas-Sena Mqaddsa tal-Fidwa, tajjeb li niftakru fil-misteru tal-ġisem u r-ruħ ta' Kristu bħala dak li minnu ġejja kollha kemm hi l-imħabba ta' l-egħrusija u tal-fidwa: mħabba ta' egħrusija għax imħabba ta' fidwa. *Imqanqal mill-imħabba Kristu offra lilu nnifsu,* u mmexxi mill-imħabba ta ġismu "għad-dnub tad-dinja". Intom u tidħlu fil-fond tal-misteru tal-fidwa permezz tal-konsagrazzjoni tagħkom bil-voti reliġjużi, intom bl-imħabba li waslitkom li tagħtu lilkom infuskom kollkom kemm intom, tridu timtlew f'ruħkom u ġisimkom b'dak l-ispirtu ta' sagrifiċċju li għalih iħeġġiġkom l-Appostlu San Pawl bil-kliem li għadna kemm semmejna: "Offru ġisimkom

b'sagrifiċċju ħaj".[36] B'dan il-mod fil-professjoni reliġjuża naraw *xebh ma' dik l-imħabba* li fil-*Qalb ta' Kristu* hi mħabba li fl-istess ħin tifdi u tgħarras ukoll. Din l-imħabba, f'kull wieħed u waħda minnkom, għeżież ħuti, jeħtieġ tiġi mill-bidu stess ta' dik il-konsagrazzjoni speċjali tagħkom li għandha l-pedament tagħha fis-sagrament tal-Magħmudija u li hi *l-bidu tal-ħajja ġdida tagħkom* fi Kristu u fil-Knisja: hi l-bidu ta' *ħolqien ġdid.*

Jalla kull wieħed u waħda minnkom jagħraf dejjem aktar, flimkien ma' din l-imħabba, *il-ferħ li jiġi milli tkunu ta' Alla biss,* milli tkunu l-wirt speċjali tat-Trinità qaddisa, il-Missier, u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. Tennu xi kull tant il-kliem ispirat minn Alla tas-salmista:

"Lil min għandi fis-sema ħliefek?
Bik miegħi fuq l-art xejn ma jonqosni.
Qegħdin jinfnew ġismi u qalbi:
Alla l-qawwa ta' qalbi u sehmi għal dejjem".[37]

Jew dan il-kliem:

"Jien għidt lill-Mulej: Int Sidi;
*M'għandix ġid ieħor ħliefek......*
Mulej, int is-sehem tal-wirt u tar-riżq tiegħi:
int iżżomm f'idejk xortija".[38]

Jalla dejjem tagħarfu li intom ta' Alla f'Ġesù Kristu, Feddej taddinja u Għarus tal-Knisja, *u dan ikun siġill f'qalbkom,*[39] fi ħsibijietkom, fi kliemkom u f'egħmilkom, jiġifieri s-siġill li bih tingħaraf l-għarusa tal-Bibbja. Dan l-għarfien għoli u sħiħ ta' Kristu, kollu ħeġġa, iseħħ, kif tafu, u dejjem aktar iseħħ, minn jum għall-ieħor, permezz ta' ħajja ta' talb personali, komunitarju u liturġiku, li hi l-ħajja proprja tal-familji reliġjużi tagħkom. B'dan il-mod ukoll, u l-aktar dawk ir-reliġjużi, irġiel u nisa, li huma mogħtijin għall-ħajja kontemplattiva, igħinu u jħeġġu lil ħuthom l-oħra li huma mogħtijin għall-ħidma ta' l-appostolat. Jalla tagħarfu li intom ta' Kristu biex qlubkom, ħsibijietkom, u l-egħmil kollu tagħkom, tifthuhom bil-muftieħ tal-misteru tal-Fidwa, għat-tbatijiet kollha, għall-ħtiġijiet kollha, għal kull tama tal-bnedmin u tad-dinja, fejn il-konsagrazzjoni tagħkom hi sinjal tal-preżenza ta' Alla "li għalih kulħadd igħix"[40] u li intom tħaddnu fid-dimensjoni tas-Saltna tiegħu li ma tidhirx.

Il-kliem: "Ejja, imxi warajja", li Kristu qal lil kull wieħed u waħda minnkom, egħżież ħuti, meta "xeħet fuqkom ħarsa ta' mħabba", għandu wkoll din it-tifsira: ħa jkollkom sehem sħiħ u qawwi fit-*tiswir tal-"ħolqien ġdid"*[41] li jeħtieġlu joħroġ mill-fidwa tad-dinja bil-qawwa tal-Ispirtu tal-verità, qawwa li tiġi mill-milja tal-misteru ta' l-Għid ta' Kristu.

## IV — IL-KUNSILLI EVANĠELIĊI

### Il-pjan tas-salvazzjoni

9. Bil-professjoni reliġjuża t-triq tal-kunsilli evanġeliċi tinfetaħ għal kull wieħed u waħda minnkom. Fl-Evanġelju nsibu ħafna eżortazzjonijiet li huma xi ħaġa aktar minn kmandament, eżortazzjonijiet li jgħidulna mhux biss dak li hu "meħtieġ", imma wkoll dak li hu "l-aħjar". Ta' din is-sura huma l-eżortazzjonijiet biex ma niġġudikawx,[42] biex ma "nistennewx xi ħaġa lura" meta nisilfu,[43] biex nilqgħu x-xewqat u t-talbiet kollha ta' għajrna[44], biex nistiednu għall-ikel lill-fqar[45], biex naħfru dejjem,[46] u eżortazzjonijiet oħra bħal dawn. Iżda, jekk skond it-tradizzjoni, il-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi tinġabar fil-ħarsien ta' tliet ħwejjeġ, tas-safa, tal-faqar, u tal-ubbidjenza, dan juri biżżejjed ċar kemm dawn it-tliet ħwejjeġ huma elementi importanti li, b'xi mod, hemm miġbur fihom il-pjan kollu tas-salvazzjoni. Kull ħaġa li fl-Evanġelju tidher bħala kunsill, indirettament tidħol f'dik is-sura ta' ħajja li Kristu jsejjaħ għaliha meta jgħid: "Ejja, imxi warajja". Is-safa, il-faqar u l-ubbidjenza, jagħtu lil din is-sura ta' ħajja sura "kristoċentrika", u jħallu fiha sinjal speċjali tal-pjan kollu tas-salvazzjoni.

Biex iseħħ dan il-pjan ta' salvazzjoni hu meħtieġ li l-ħolqien kollu jinbidel fih innifsu *permezz tal-qalb tal-bniedem:* "Il-ħlejjaq kollha qegħdin jistennew ħerqana r-rivelazzjoni ta' wlied Alla...... bit-tama li l-ħlejjaq huma wkoll għad ikunu meħlusa mill-jasar tat-taħsir u jiksbu l-ħelsien tal-glorja ta' wlied Alla".[47] Din il-bidla timxi pass pass ma' dik l-imħabba, li s-sejħa ta' Kristu ssawwab fil-qalb tal-bniedem — dik l-imħabba li hi l-qofol tal-istess konsagrazzjoni li biha raġel jew mara jikkonsagraw ruħhom lil Alla permezz tal-professjoni reliġjuża, konsagrazzjoni mibnija fuq is-sisien tal-konsagrazzjoni li sseħħ bis-sagrament tal-Magħmudija. Nistgħu naraw x'inhuma s-sisien tal-pjan tas-salvazzjoni jekk naqraw il-kliem *ta' l-ewwel ittra ta' l-Appostlu San Ġwann:* "Tħobbux id-dinja u lanqas dak li hemm fiha. Jekk xi ħadd iħobb id-dinja, l-imħabba tal-Missier ma tgħammarx fih. Kull ma fiha d-dinja jiġifieri l-ġibda tal-ġisem, u l-ġibda ta' l-għajnejn u l-kburija tal-ħajja, dan mhuwiex ġej mill-Missier imma mid-dinja. U d-dinja bil-ġibdiet tagħha tgħaddi, iżda min jagħmel ir-rieda ta' Alla jibqa' għal dejjem".[48]

Fil-qalb ta' kull wieħed u waħda minnkom, egħżież ħuti, il-professjoni reliġjuża poġġiet *l-imħabba tal-Missier,* dik l-imħabba li hi fil-Qalb ta' Ġesù Kristu, il-Feddej tad-dinja. Din l-imħabba tħaddan id-dinja u kull ma hemm fid-dinja *li ġej mingħand il-Missier,* u, fl-istess ħin, tfittex li tirbaħ dak kollu li "mhuwiex mingħand il-Missier". Tfittex għalhekk tirbaħ it-tliet ġibdiet, "il-ġibda tal-ġisem", "il-ġibda ta' l-għajnejn", u "l-kburija tal-ħajja" li jinsabu fil-qalb tal-bniedem, bħala *l-wirt tad-dnub tan-nisel,* li minħabba fih, fil-qalb tal-bniedem, tħassret b'kemm-il sura r-relazzjoni tiegħu mad-dinja maħluqa minn Alla

u mogħtija lilu biex jaħkem fuqha.[49] Skond il-pjan tas-salvazzjoni, il-kunsilli evanġeliċi tas-safa, tal-faqar u ta' l-ubbedjenza huma strumenti mill-aqwa biex ibiddlu f'qalb il-bniedem ir-relazzjoni tiegħu "mad-dinja", mad-dinja li naraw b'għajnejna, u mad-dinja ta' l-"jien" tagħna li, b'xi mod, hi parti mid-"dinja" fit-tifsira li għandha fl-Iskrittura, jekk fiha għandu l-bidu dak li "mhuwiex mingħand il-Missier".

Fi kliem *l-ittra ta' San Ġwann*, li għadna kemm semmejna, naraw malajr l-importanza kbira li għandhom fil-pjan kollu tal-Fidwa, it-tliet kunsilli evanġeliċi. Dan għaliex *is-safa evanġeliku* jgħinna biex fil-ħajja ta' ruħna nbiddlu dak kollu li ġej mill-ġibda tal-ġisem, il-*faqar evanġeliku* dan kollu li joħroġ mill-ġibda ta' l-għajnejn waqt li *l-ubbidjenza evanġelika*, fl-aħħarnett, twassalna biex nikkorreġu għal kollox kull ma jissawwab fil-qalb tal-bniedem mill-kburija tal-ħajja. Qegħdin nitkellmu hawn apposta fuq rebħa bħala bidla, għaliex il-pjan kollu tas-salvazzjoni jinsab kollu kemm hu miġbur fit-talba saċerdotali li Kristu għamel lill-Missier: "Ma nitolbokx li twarrabhom mid-dinja, imma li tħarishom mill-ħażin".[50] Il-*kunsilli* evanġeliċi, fil-għan ewlieni tagħhom, iridu jwasslu "għat-tiġdid tal-ħolqien kollu": "id-dinja" trid tiġi maħkuma mill-bniedem biex dan jagħti lilu nnifsu perfettament lil Alla.

**Inkunu xejn ma' Kristu**

10. L-għan fih innifsu tal-kunsilli evanġeliċi jwassalna biex naraw ċar sewwa aspetti oħra tar-rabta kbira li għandhom mal-pjan tas-salvazzjoni. Nafu li dan il-pjan jilħaq il-milja tiegħu fil-misteru ta' l-Għid tal-Mulej, li fih hemm magħqudin flimkien il-mewt li biha Kristu *ċekken lilu nnifsu* u *l-qawmien tiegħu mill-imwiet* li bih beda ħajja ġdida. Dawn iż-żewġ aspetti tal-misteru ta' l-Għid[51] jidhru sewwa fil-ħarsien tal-kunsilli evanġeliċi għaliex bil-ħarsien tal-kunsilli evanġeliċi jinqered f'kull wieħed u waħda minna d-dnub u kull ma jiġi minnu, u kuljum *nitwieldu mill-ġdid għal dak il-ġid aqwa* li jinsab moħbi fil-qalb tal-bniedem. Dan il-ġid juri ruħu bil-ħidma tal-grazzja u, biex ir-ruħ twieġeb għaliha b'ħeġġa akbar, igħin ħafna l-ħarsien tas-safa, tal-faqar u ta' l-ubbidjenza. Il-pjan kollu tal-Fidwa jseħħ malli r-ruħ tinġibed u titmexxa mill-*ħidma moħbija tal-Ispirtu s-Santu* li minnu tiġi kull qdusija. F'din it-triq, egħżież ħuti, il-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi tiftaħ f'kull wieħed u waħda minnkom qasam kbir għall-"ħolqien ġdid"[52]; dan iseħħ, f'dak li intom bħala bnedmin, mill-istess pjan tal-Fidwa, u, permezz ta' dak li intom bħala bnedmin, dan "il-ħolqien ġdid" iseħħ ukoll fir-relazzjonijiet ta' bejnietkom u fir-relazzjonijiet tagħkom fis-soċjetà. Hekk, fl-istess waqt ukoll, dan "il-ħolqien ġdid" iseħħ fil-familja kollha tal-bniedem, li hi parti mid-dinja maħluqa minn Alla, dik id-dinja li l-Missier ħabb mill-ġdid f'Ibnu, l-Feddej tad-dinja.

Dwar dan l-Iben, San Pawl igħid li "għad li kellu n-natura ta' Alla...... *xejjen lilu nnifsu* billi ħa n-natura ta' lsir, sar jixbah lill-

bniedem".[53] Issa meta wieħed iħares il-kunsilli evanġeliċi jkun ixejjen lilu nnifsu, u din hi ħaġa kollha kemm hi "kristoċentrika" jiġifieri għandha lil Kristu bħala l-qofol tagħha. Hu għalhekk li l-Imgħallem ta' Nazaret igħid ċar u tond li s-Salib hu kondizzjoni meħtieġa biex wieħed jimxi warajh. Dak li darba qal lil kull wieħed u waħda minnkom: "Ejja imxi warajja", qal ukoll: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja".[54] U dan qalu lil kull min kien qiegħed jisimgħu, u mhux lid-dixxipli biss. Għalhekk *il-liġi taċ-ċaħda tiegħek innifsek* hi liġi li għandha x'taqsam mal-istess natura tas-sejħa nisranija. Iżda mbagħad għandha x'taqsam ukoll, b'mod wisq aktar għoli, mas-sejħa li hi marbuta mal-ħarsien tal-kunsilli evanġeliċi. Għal dawk li jimxu mit-triq ta' din il-vokazzjoni, il-kliem tqil li naqraw fl-*Ittra lill-Filippin* jiftiehem aħjar: "Jiena ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi".[55]

Iċ-ċaħda tiegħek innifsek — li fiha jidher il-misteru tal-Kalvarju — titlob li int "tkun" aktar fi Kristu, imsallab u rxoxt; din iċ-ċaħda tiegħek innifsek tgħinek biex tifhem sal-qiegħ nett il-misteru tiegħek bħala bniedem, u twettqek inti u miexi 'l quddiem f'dik it-triq li fuqha jikteb l-Appostlu San Pawl: "imqar jekk il-bniedem ta' barra jitħassar, il-bniedem ta' ġewwa jiġġedded minn jum għal jum".[56] B'dan il-mod il-pjan tas-salvazzjoni jwassal il-qawwa tal-misteru ta' l-Għid tal-Mulej għal-livell tal-bniedem, li jwieġeb għall-istedina ta' Kristu biex igħix ħajja ta' safa, faqar u ubbidjenza, skond il-kunsilli evanġeliċi.

## V. — SAFA, FAQAR U UBBIDJENZA

### Is-safa

11. Is-sura li l-misteru ta' l-Għid jagħti lil stedina bħal din, narawha, mill-aspetti kollha tagħha, meta nqisu wieħed wieħed il-kunsilli evanġeliċi.

Jeħtieġ li nqisu skond il-qies tal-pjan tas-salvazzjoni, is-safa li kull wieħed u waħda minnkom wegħdtu li tħarsu flimkien mal-faqar u l-ubbidjenza: F'dan insibu t-tweġiba għall-kliem Kristu, li hu, fl-istess ħin, stedina wkoll: "Hemm *ewnuki* ...... li jsiru hekk minn rajhom *minħabba s-Saltna tas-Smewwiet*".[57] Iżda qabel, Kristu qal ċar u tond: "Mhux kulħadd jifhimha din il-ħaġa imma dawk li lilhom jingħata li jifhmuha".[58] Dwar dan San Pawl ħaseb ukoll, u dan għamlu fl-*Ittra lill-Korintin*:[59] Dan il-kunsill igħodd b'mod speċjali għall-imħabba tal-qalb tal-bniedem. Waqt li l-faqar u wisq aktar l-ubbidjenza qishom jitfgħu dawl akbar fuq l-imħabba li tifdi li hemm fil-konsagrazzjoni reliġjuża, is-safa aktar igħolli 'l fuq l-*imħabba ta' l-egħrusija*. Jidher ċar li hawn qegħdin nitkellmu fuq is-safa ta' dawk li saru ewnuki "minn rajhom minħabba s-Saltna tas-Smewwiet", jiġifieri qegħdin nitkellmu fuq il-verġinità bħala xhieda tal-imħabba ta' l-egħrusija mal-Feddej innifsu. Dan kien qiegħed jaħseb San Pawl meta

kiteb: "Min jiżżewweġ ix-xebba li għandu miegħu jagħmel tajjeb; min ma jiżżewwiġhiex jagħmel aħjar"[60]...... "Ir-raġel mhux miżżewweġ, ħsiebu *fil-ħwejjeġ tal-Mulej,* jiġifieri kif jogħġob lill-Mulej",[61] "......il-mara mhix miżżewġa u x-xebba ħsiebhom fil-ħwejjeġ tal-Mulej, jiġifieri biex ikunu qaddisa f'ġisimhom u f'ruħhom".[62]

Fi kliem Kristu u fi kliem San Pawl ma nsibu ebda stmerrija taż-żwieġ. Il-kunsill evanġeliku tas-safa juri biss x'qawwa speċjali tikseb qalb il-bniedem (kemm jekk raġel u kemm jekk mara) mill-imħabba ta' l-egħrusija ta' Kristu stess, ta' Ġesù "il-Mulej". Min jagħmel lilu nnifsu ewnuku "minħabba s-Saltna tas-Smewwiet" mhux biss minn rajh jiċħad għaż-żwieġ u għall-ħajja tal-familja, imma jagħmel *għażla karismatika:* jagħżel lil Kristu bħala l-Għarus tiegħu biss. Din l-għażla ma twassalx biss biex wieħed, b'mod speċjali, ikun "ħsiebu fil-ħwejjeġ tal-Mulej", iżda, għaliex l-għażla tkun saret "minħabba s-Saltna tas-Smewwiet", din l-għażla tqarreb is-Saltna ta' Alla tal-aħħar taż-żmien — is-Saltna eskatoloġika ta' Alla — lejn il-ħajja ta' kull bniedem skond il-qagħda tiegħu fiż-żmien li jkun u b'xi mod iġġib fid-dinja din is-Saltna eskatoloġika ta' Alla.

Bil-vot tas-safa, dawk li huma ikkonsagrati lil Alla għandhom sehem fil-pjan tas-salvazzjoni għaliex minn rajhom iċċaħħdu mill-hena taż-żwieġ u tal-familja; min-naħa l-oħra, għaliex għamlu lilhom infushom ewnuki "minħabba s-Saltna tas-Smewwiet", f'din id-dinja li tgħaddi, iwasslu *l-Aħbar tal-qawmien mill-imwiet, li għad iseħħ,* u tal-ħajja ta' dejjem;[63] ħajja ta' għaqda ma' Alla stess permezz tal-viżjoni beatifika u ta' dik l-imħabba, li fiha nfisha għandha s-suriet kollha ta' mħabba li jinsabu f'qalb il-bniedem u tħaddanhom magħha.

**Il-faqar**

12. Dwar il-faqar, x'tifsir qawwi għandu l-kliem tat-*Tieni Ittra lill-Korintin,* li jiġbor fih, b'mod l-aktar eżatt, kull ma nisimgħu fuq il-faqar fl-Evanġelju! "Intom tafu l-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu li *għad li kien għani ftaqar* minħabba fikom, sabiex *intom tistagħnu permezz tal-faqar tiegħu*".[64] Skond dan il-kliem, il-faqar huwa parti intima tal-istruttura tal-grazzja tas-salvazzjoni ta' Ġesù Kristu. Mingħajr il-faqar ma nistgħux nifhmu l-misteru tad-*don* ta' Alla lill-bniedem: *don* li laħaq il-qofol tiegħu fi Kristu. Minħabba dan ukoll, il-faqar hu fiċ-ċentru tal-Evanġelju u fil-bidu tat-tħabbira tat-tmien beatitudni: "Henjin il-foqra fl-ispirtu".[65] Il-faqar evanġeliku jqiegħed quddiem għajnejn ir-ruħ tal-bniedem, id-dehra sħiħa tal-misteru "moħbi sa minn mijiet ta' snin f'Alla".[66] Dawk biss li huma "fqar" b'dan il-mod jaslu biex jifhmu f'ruħhom il-faqar kbir ta' min hu għani fuq li għani. Il-*faqar kbir* ta' Kristu għandu moħbi fih dan l-*għana bla qies ta' Alla,* anzi hu xhieda li ma tqarraqx ta' dan il-għana. Il-għana bħalma hi n-natura ta' Alla stess, ma jistax jiġi mfisser sewwa u b'mod xieraq minn ebda ġid maħluq. Il-faqar biss seta' jfisser dan il-għana, u għalhekk *il-fqar biss jistgħu jifhmuh* sewwa, jiġifieri l-fqar fl-Ispirtu. Fost-

hom l-ewwel wieħed hu Kristu, il-Bniedem-Alla: dak li "għad li kien għani, ftaqar", huwa mhux biss għalliem, imma wkoll ħabbâr u garanti ta' dak il-faqar għas-salvazzjoni, li jaqbel ħafna ma' l-għana bla qies ta' Alla u mal-qawwa li qatt ma tiġi nieqsa tal-grazzja tiegħu.

U għalhekk hu veru wkoll, kif igħid l-Appostlu, li aħna "nistagħnu permezz tal-faqar tiegħu". Hu *għalliem* u *ħabbâr ta' dak il-faqar li bih nistagħnu.* Għalhekk ukoll Hu jgħid liż-żagħżugħ tal-Evanġelji sinottiċi: "Bigħ il-ġid li għandek...... u jkollok teżor fis-sema".[67] F'dan il-kliem hemm stedina biex nagħnu lill-oħrajn permezz tal-faqar tagħna; iżda fil-qofol ta' din l-istedina hemm moħbija x-xhieda tal-għana bla qies ta' Alla, li jiġi fir-ruħ tal-bniedem fil-misteru tal-grazzja, u, proprju permezz tal-faqar, ikun fil-bniedem għajn li minnha jistagħnu l-oħrajn; għajn li ma tistax tqabbilha ma' ebda għajn oħra ta' ġid materjali; għajn li tagħmel il-ġid kif jagħmlu Alla stess. L-għoti ta' dan il-għana jseħħ permezz tal-istess misteru ta' Kristu, li "bil-faqar tiegħu nistagħnu aħna." Naraw mill-paġni tal-Evanġelju kif din il-ħidma, li biha nistagħnu, timxi 'l quddiem u tilħaq il-milja tagħha fil-misteru ta' l-Għid: Kristu li kien fqir fuq li fqir fil-mewt tiegħu fuq is-salib, dak il-ħin stess, għaniena fuq li għaniena bil-milja ta' ħajja ġdida, bil-qawmien tiegħu mill-imwiet.

Huti egħżież, fqar fl-ispirtu minħabba l-professjoni evanġelika tagħkom, għixu fil-ħajja tagħkom kollha din is-sura ta' faqar ta' Kristu li ssalva. Minn jum għall-ieħor wasslu dan il-faqar għall-kobor sħiħ tiegħu! "Fittxu l-ewwel is-Saltna ta' Alla u l-ġustizzja tiegħu......" u l-bqija "jingħatalkom ukoll".[68] Jalla fikom u bikom iseħħ dak il-hena mwiegħed lill-foqra,[69] lill-foqra fl-ispirtu.[70]

## L-ubbidjenza

13. Kristu "għad li kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir; sar jixbah lill-bnedmin, u deher minn barra bħal bniedem; ċekken lilu nnifsu, billi *obda* sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib".[71]

F'dan il-kliem tal-*Ittra lill-Filippin* għandna l-qofol stess tal-Fidwa. L-ubbidjenza ta' Kristu nsibuha kollha kemm hi, fin-natura sħiħa tagħha, f'din il-verità. U dan iwettqu kliem ieħor ta' l-Appostlu li nsibu fl-*Ittra lir-Rumani:* "Kif bid-*diżubbidjenza ta' bniedem wieħed* il-ħafna saru midinbin, hekk ukoll bl-*ubbidjenza* ta' wieħed il-ħafna jsiru ġusti".[72]

Nistgħu ngħidu li dawk li jagħżlu li jgħixu skond dan il-kunsill tal-ubbidjenza, ikunu jqegħdu ruħhom bejn *"il-misteru tal-ħażen"*[74] u l-misteru *tal-ġustifikazzjoni u tal-grazzja tas-salvazzjoni.* F'din il-"qagħda" jkunu bl-egħruq kollha tal-ħażen li hemm fin-natura tal-bniedem, bl-effetti kollha tal-"kburija tal-ħajja", bil-ġibda kollha, ġejja mill-imħabba żejda tiegħek innifsek, li ġġiegħlek taħkem u ma sservix, iżda mbagħad, bil-vot tagħhom ta' l-ubbidjenza, jiddeċiedu *li jinbidlu* ħa jkunu jixbhu 'l Kristu li "bl-ubbidjenza tiegħu feda u qad-

des lill-bnedmin". Fil-kunsill tal-ubbidjenza huma juru li jixtiequ jkunu jafu x'inhu sehemhom fil-Fidwa ta' Kristu u liema hi t-triq li twassalhom għall-qdusija.

Din hi t-triq li Kristu wriena fl-Evanġelju meta tkellem — u tkellem spiss — fuq il-ħtieġa li *nagħmlu rieda ta' Alla* u nfittxu bla heda li *nkunu nafuha*. "L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda ta' min bagħatni u li nwassal fit-tmiem l-opra tiegħu".[75] "Jien ma nfittixx ir-rieda tiegħi, imma r-rieda ta' min bagħatni".[76] "Min bagħatni huwa miegħi, ma telaqnix waħdi, għax jiena dejjem nagħmel dak li jogħġob lilu".[77] "Jiena nżilt mis-sema mhux biex nagħmel ir-rieda tiegħi imma r-rieda ta' min bagħatni".[78] Dan l-egħmil bla heda tar-rieda tal-Missier ifakkarna fl-istqarrija messjanika tas-salmista tal-Patt il-Qadim: "Fil-bidu tal-ktieb hemm miktub fuqi *li nagħmel ir-rieda tiegħek*. Alla tiegħi, *dan jogħġobni*; il-liġi tiegħek ġewwa qalbi".[79] Din l-ubbidjenza ta' l-Iben ta' Alla kollha hena, tilħaq il-qofol tagħha fil-Passjoni u s-Salib: "Missier, jekk int trid, warrab minni dan il-kalċi! Iżda tkun magħmula r-rieda tiegħek, u mhux tiegħi".[80] Sa mill-bidu tat-talba fil-ġnien tal-Ġetsemani, il-ħeġġa ta' Kristu li jagħmel ir-rieda tal-Missier tilħaq *sal-qofol tat-tbatija* u ssir dik l-ubbidjenza "sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib", li fuqha jitkellem San Pawl.

Dawk li huma ikkonsagrati lil Alla bil-vot tal-ubbidjenza jkollhom il-fehma li, bl-umiltà kollha, isiru jixbhu lil Kristu l-aktar fl-ubbidjenza tiegħu. Għalkemm il-qagħda għar-rieda ta' Alla u l-ubbidjenza għal-liġijiet tiegħu hi kondizzjoni meħtieġa għall-ħajja nisranija f'kull sura ta' ħajja li wieħed jista' jgħix fid-dinja, iżda fis-"sura ta' ħajja reliġjuża", fis-"sura ta' ħajja ta' perfezzjoni", il-vot tal-ubbidjenza jġib f'kull wieħed u waħda minnkom, egħżież ħuti, dmir ta' rabta speċjali ma' Kristu "li obda sal-mewt". U għax din l-ubbidjenza ta' Kristu hi parti essenzjali u intima tal-opra tal-Fidwa, kif naraw mill-kliem ta' l-Appostlu li semmejna aktar 'il fuq, fil-ħarsien tal-kunsill evanġeliku tal-ubbidjenza, għandkom taraw *mument speċjali* f'dak il-"pjan tas-salvazzjoni" li jħaddan is-sejħa kollha tagħkom fil-Knisja.

Minn din tiġi dik id-dispożizzjoni sħiħa tagħkom għall-ħidma tal-Ispirtu s-Santu, li jaħdem l-aktar fil-Knisja, kif kiteb[81] il-Papa Pawlu VI fl-eżortazzjoni appostolika li tibda bil-kliem: "Evangelica testificatio", u li wkoll tidher fil-kostituzzjonijiet tal-Istituti tagħkom. Minn hawn tiġi dik is-sottomissjoni reliġjuża li min hu ikkonsagrat lil Alla, bi spirtu ta' fidi, juri lis-superjuri leġittimi tiegħu, li huma minflok Alla.[82] Fl-*Ittra lil-Lhud* insibu din it-twissija li għandha tifsira kbira: "Oqogħdu għal dawk li jmexxukom u obduhom, għax huma jgħassu fuqkom għall-ġid tagħkom, bħala nies li għad iridu jagħtu kont tagħkom". U l-kittieb ta' l-Ittra jkompli jżid: "......hekk huma jaqdu dan id-dmir bil-ferħ u mhux bi swied il-qalb, għax dan ma jkun jiswielkom ta' ebda ġid."[83]

Is-Superjuri mbagħad, għandhom jiftakru li jridu jużaw, bi spirtu ta' qadi, is-setgħa mogħtija lilhom mill-ministeru tal-Knisja, u jeħ-

tieġ li jkunu dejjem lesti jisimgħu lil ħuthom, biex ikunu jafu aħjar x'irid Alla minn kull wieħed minnhom; iżda jibqgħu huma dejjem dawk li jiddeċiedu x'għandu jsir u x'jordnaw, skond ma jidhrilhom li jkun jaqbel.

Flimkien ma' din id-disponibilità u din l-ubbidjenza, kif ġew imfissrin hawn fuq, għandu jkun hemm ukoll *qagħda ta' servizz,* li biha ħajjitkom kollha tkun *taqbel ma' l-eżempju ta' Bin il-bniedem* li ġie fid-dinja "mhux biex ikun moqdi, imma biex jaqdi u jagħtu ħajtu b'fidwa għall-kotra".[84] U Ommu Marija, fil-mument deċisiv tat-Tħabbira ta' l-Anġlu, sa mill-bidu daħlet fil-pjan sħiħ tas-salvazzjoni meta qalet: "Ara jiena l-qaddejja tal-Mulej; ħa jsir minni skond kelmtek".[85] Ftakru wkoll, ħuti egħżież, li l-ubbidjenza li biha ntrabattu ma' Alla bla ebda kundizzjoni, meta intom ikkonsagrajtu ruħkom lilu permezz tal-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi, hi xhieda speċjali tal-libertà tar-ruħ mhux inqas mix-xhieda li Kristu ta tal-libertà tiegħu meta "obda sal-mewt": "jiena nagħti ħajti biex nerġa' neħodha. Ħadd ma jeħodhieli, imma jiena nagħtiha minn rajja".[86]

## VI. — IMHABBA GHALL-KNISJA

### Xhieda

14. Tul is-sena tal-Ġublew tal-Fidwa l-Knisja kollha tixtieq *iġġedded l-imħabba tagħha għal Kristu,* id-Feddej tal-bniedem u tad-dinja, Sidha u l-Għarus divin tagħha. Għalhekk f'dis-Sena Mqaddsa l-Knisja tħares lejkom b'mod speċjali, egħżież ħuti, li bħala persuni konsagrati lil Alla għandkom post speċjali kemm fi ħdan il-komunità kollha tal-Poplu ta' Alla u kemm f'kull komunità lokali. Il-Knisja, hija u tixtieq li *l-imħabba tagħkom* għal Kristu tiġġedded bil-grazzja tal-Ġublew straordinarju, tħoss ukoll li din l-imħabba hi ġid speċjali *għall-poplu kollu ta' Alla.* Il-Knisja taf sewwa li permezz ta' l-imħabba li Kristu jirċievi minn persuni ikkonsagrati, l-imħabba tal-Ġisem kollu ta' Kristu, li hu l-Knisja, tiġi indirizzata, b'mod speċjali u eċċezzjonali, lejn l-Għarus divin tagħha, li hu fl-istess ħin ir-Ras ta' dan il-Ġisem li hu l-Knisja. Egħżież ħuti, il-Knisja troddilkom ħajr għall-konsagrazzjoni tagħkom u għall-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi, li huma *xhieda speċjali ta' mħabba.* Fl-istess ħin twettaq il-fiduċja li għandha fikom, li għażiltu sura ta' ħajja, li hi don mhemmx bħalu, mogħti minn Alla lill-Knisja. Minn għandkom tistenna ħidma ta' għajnuna, sħiħa u bil-qalb kollha, biex, bħala amministraturi fidili ta' dan id-don hekk għażiż, intom "tħossu mal-Knisja", u tħabirku flimkien magħha skond it-tagħlim u r-regolamenti tal-Maġisteru ta' San Pietru u tar-ragħajja li huma marbutin miegħu, ħa ġġibu 'l quddiem, kemm bħala individwi u kemm bħala komunitajiet, kuxjenza ekklesjali mġedda. Hi titlob għalikom biex ix-xhieda tal-imħabba tagħkom qatt ma tiġi nieqsa,[87] u titlobkom biex tilqgħu b'dan l-ispirtu dan il-messaġġ tas-Sena Mqaddsa straordinarja.

Dan talab l-Appostlu fl-*Ittra lill-Filippin:* "Jien dan nitlob: li l-imħabba tagħkom tikber u toktor dejjem iżjed...... b'kull dehen, biex tistgħu tagħarfu tagħżlu l-aħjar, u mbagħad tkunu safja u bla ebda ħtija fil-jum ta' Kristu, mimlijin bil-frott tal-ġustizzja......[88]

Bil-ħidma ta' Kristu l-Feddej "l-imħabba ta' Alla ssawbet fi qlubna permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li ġie mogħti lilna.[89] Nitolbu bla heda *lill-Ispirtu s-Santu* biex lil kull wieħed u waħda minnkom, skond "iddon tiegħu",[90] jagħtikom li tagħtu xhieda speċjali ta' din l-imħabba. Ha tirbaħ fikom, b'sura li tixraq il-vokazzjoni tagħkom, "il-liġi ta' l-Ispirtu li jagħti l-ħajja fi Kristu," għax din il-liġi "teħlisna... mil-liġi tal-mewt".[91] Għixu din il-ħajja ġdida skond is-sura *tal-konsagrazzjoni* tagħkom u skond il-qies *tal-ħafna doni* ta' Alla li jaqblu mal-vokazzjoni ta' kull familja reliġjuża. Il-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi, lil kull wieħed u waħda minnkom, turikom kif, bl-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu, tistgħu tmewtu[92] kull ma hu kontra l-ħajja u jwassal għaddnub u l-mewt, kull ma huwa kontra l-vera mħabba ta' Alla u tal-bnedmin. Id-dinja teħtieġ din il-"kontradizzjoni" li tinsab fil-konsagrazzjoni reliġjuża, bħala ħmira dejjem taħdem għattiġdid u għas-salvazzjoni. *"Timxux max-xejra ta' din id-dinja,* imma nbidlu skond it-tiġdid ta' fehmietkom, sabiex isseħħilkom tagħarfu x'inhi r-rieda ta' Alla, x'inhu li jogħġbu, x'inhu perfett".[93] Issa li għadda ż-żmien speċjali ta' esperiment u ta' aġġornament, kif kien ġie ffissat mill-ittra appostolika "Ecclesiae sanctae", l-Istituti tagħkom talbu jew waslu biex dalwaqt jitolbu l-approvazzjoni tal-Knisja għall-kostituzzjonijiet ġodda tagħkom. Jalla dan id-don li qiegħda tagħtikom il-Knisja jħeġġiġkom biex dawn il-kostituzzjonijiet tkunu tafuhom u tħobbuhom l-aktar billi tgħixuhom intom u tħarsuhom b'qalbkom kollha u b'fedeltà sħiħa, waqt li tiftakru li l-ubbidjenza hi sinjal ta' mħabba, li ma tistax tmerih.

Din ix-xhieda ta' mħabba jeħtiġuha d-dinja tal-lum u l-ġens kollu tal-bnedmin. Jeħtieġu dik *ix-xhieda tal-Fidwa* li tinsab fil-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi. Dawn il-kunsilli, kull wieħed fis-sura tiegħu proprja, u kollha flimkien, f'rabta sħiħa bejniethom, "jixhdu" li l-Fidwa, bil-qawwa tas-Salib u l-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet, twassal id-dinja u l-bnedmin kollha fl-Ispirtu s-Santu għal dak *ittmiem* li bih il-bniedem — u permezz tal-bniedem, il-ħlejjaq kollha — isibu ruħhom *f'Alla u fih biss.* Għalhekk ix-xhieda tagħkom hi ta' siwi bla qies. Għalhekk tridu tħabirku bla ma qatt tieqfu biex dan jidher sewwa u jħalli kotra ta' frott, fost il-bnedmin. Għal dan igħin ukoll il-ħarsien eżatt tar-regolamenti tal-Knisja li għandhom x'jaqsmu mal-wiri minn barra tal-konsagrazzjoni tagħkom u tal-impenn tagħkom li tgħixu ħajja ta' faqar.

**Appostolat**

15. Minn din ix-xhieda ta' mħabba ta' egħrusija ma' Kristu, li permezz tagħha tidher fil-kobor kollu tagħha l-verità sħiħa tas-salvaz-

zjoni evanġelika, jiġi wkoll, bħala ħaġa proprja tal-vokazzjoni tagħkom, egħżież ħuti, *is-sehem tagħkom fl-appostolat tal-Knisja*, fil-missjoni universali tagħha, li sseħħ fl-istess waqt fost il-ġnus kollha ta' l-art b'ħafna modi u b'ħafna karizmi. Il-missjoni proprja tagħkom timxi pass pass *mal-missjoni ta' l-Appostli* li lilhom il-Mulej bagħat "fost il-ġnus kollha" biex "igħallmuhom"[95], u hi *marbuta wkoll mal-missjoni tal-ġerarkija tal-Knisja*. Fl-appostolat li tagħmlu bħala persuni konsagrati, l-imħabba tagħkom ta' egħrusija ma' Kristu issir, qiesha b'mod "organiku", *imħabba għall-Knisja* bħala l-ġisem ta' Kristu, għall-Knisja bħala l-Poplu ta' Alla, għall-Knisja li hi fl-istess ħin Għarusa u Omm.

Mhijiex ħaġa ħafifa tgħid kif u b'kemm-il sura l-persuni ikkonsagrati lil Alla, bl-*appostolat* tagħhom juru *l-imħabba tagħhom għall-Knisja*. Din l-imħabba dejjem ġiet mid-don speċjali tal-Fundaturi tagħkom, *li, mogħti minn Alla* u approvat mill-Knisja, sar il-karizma tal-komunità kollha. Dan id-don jaqbel mal-ħafna ħtiġijiet tad-dinja u tal-Knisja skond iż-żmien li jkun tal-istorja u mbagħad jikber u jissaħħaħ fil-ħajja tal-komunitajiet reliġjużi bħala wieħed mill-elementi, li jibqgħu, tal-ħajja u ta' l-appostolat tal-Knisja. F'kull wieħed minn dawn l-elementi, f'kull qasam — kemm f'dak tal-*ħajja kontemplattiva li tagħti l-qawwa lill-appostolat* u kemm f'dak tal-*ħajja ta' ħidma fl-appostolat* — magħkom dejjem hemm il-barka tal-Knisja u l-ħerqa pastorali tagħha ta' omm. Din il-ħerqa tal-Knisja tħares l-identità spiritwali tal-ħajja tagħkom u tagħmel tajba l-ħidma tagħkom fi ħdan il-*komunità universali tal-vokazzjonijiet u l-karizmi* tal-Poplu ta' Alla. Kemm permezz ta' kull istitut partikulari u kemm permezz ta' l-inseriment organiku tal-istituti kollha fil-missjoni universali tal-Knisja, jidher fil-kobor tiegħu kollu l-pjan tas-salvazzjoni, li *kull wieħed u waħda minnkom*, għeżież ħuti, *iġġibu fikom stess* is-sinjal tiegħu permezz tal-konsagrazzjoni tagħkom u tal-professjoni tal-kunsill evanġeliċi.

Għalhekk, għalkemm għandhom importanza kbira l-ħafna ħidmiet ta' l-appostolat li tagħmlu, *l-aqwa ħidma ta' appostolat* hija *dejjem dak li intom fil-Knisja* u, fl-istess ħin ukoll, *il-fatt li intom* fil-Knisja. Għal kull wieħed u waħda minnkom jista' jerġa' jingħad il-kliem ta' l-Appostlu: "Intom mittu imma ħajjitkom hi moħbija flimkien ma' Kristu f'Alla".[96] U fl-istess ħin, dan li ħajjitkom hi moħbija flimkien ma' Kristu f'Alla, iwassal biex kliem l-Imgħallem Divin jista' jingħad għalikom ukoll: "Hekk għandu jiddi d-dawl tagħkom quddiem il-bnedmin biex jaraw l-egħmejjel tajba tagħkom u jagħtu glorja lil Missierkom li hu fis-smewwiet".[97]

Għal dan id-dawl, li bih tridu "tiddu quddiem il-bnedmin", għandu jkollha importanza kbira fostkom ix-xhieda ta' mħabba li turu għal xulxin, xhieda li hi marbuta mal-ispirtu tal-fratellanza li għandu jkun hemm f'kull komunità, għax il-Mulej qal: "Min dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom".[98]

In-natura komunitarja intima tal-ħajja reliġjuża tagħkom, imsaħħa mit-tagħlim speċjali, twassalkom biex tiksbu din ir-rabta bejnietkom u fil-komunitajiet tagħkom; intom u tgħinu 'l xulxin fid-dmirijiet tagħkom, intom u terfgħu t-tagħbija ta' xulxin, intom u turu li taqblu bejnietkom, b'din ir-rabta bejnietkom tkunu turu li qegħdin tgawdu l-hena għax Kristu jinsab fostkom.[99] Jiswa ħafna għall-appostolat tagħko mfil-Knisja, li *bla heda tħossu għall-ħtiġijiet u t-tbatijiet tal-bnedmin,* li tant jidhru u huma hekk kiefra fid-dinja tal-lum. Igħallimna l-Appostlu: "Erfgħu t-tagħbija ta' xulxin, u hekk tkunu qegħdin tħarsu l-liġi ta' Kristu"[100] u jżid igħid: "l-imħabba hi l-milja tal-liġi."[101]

Il-missjoni tagħkom trid tidher: *ir-rabta li torbotha mal-Knisja* trid tkun qawwija, anzi *qawwija ħafna.*[102] Biha, kull ma tagħmlu u, aktar u aktar, b'dak kollu li intom, jalla tixxandar u titwettaq din il-verità: "Kristu ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha";[103] din il-verità hi l-pedament tal-pjan kollu tas-salvazzjoni. Jalla minn Kristu l-Feddej tad-dinja, tfawwar dejjem u ma tintemm qatt l-imħabba tagħkom għall-Knisja!

## VII. — KONKLUŻJONI

**Bl-għajnejn ta' ruħna mdawlin**

16. Din l-eżortazzjoni, li qed nibgħatilkom fis-solennità tat-*Tħabbira tal-Mulej* f'din is-sena mqaddsa tal-Ġublew tal-Fidwa, trid turikom dik l-imħabba li għandha għalikom il-Knisja. Intom, ħuti egħżież, *intom ġid tal-Knisja.* Dan il-ġid jiftiehem aktar jekk nimmeditaw dik il-verità li hi l-Fidwa; għal din il-meditazzjoni tagħtina l-okkażjoni u tħeġġiġna bla heda din is-Sena Mqaddsa. F'dan id-dawl, mela, għarfu *l-identità* u *d-dinjità* tagħkom. Jalla l-Ispirtu s-Santu, bil-qawwa tas-Salib u l-Qawmien mill-imwiet ta' Kristu, "idawlilkom l-għajnejn ta' qalbkom biex tagħarfu x'inhi t-tama tas-sejħa tagħkom, x'inhu l-għana tal-glorja tal-wirt li takom taqsmu."[104]

Il-Knisja bla heda titlob biex, lil kull wieħed u waħda minnkom *li ġa bdejtu mexjin fit-triq tal-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi,* "jiddawlulkom l-għajnejn ta' qalbkom". Il-Knisja titlob ukoll magħkom li jkunu mdawlin l-għajnejn ta' tant u tant insara u l-aktar l-għajnejn ta' tant żgħażagħ, ġuvintur u xebbiet, biex *isibu din it-triq u ma jibżgħux jimxu minnha* ħalli — ukoll fiż-żminijiet imwiegħra tal-lum — ikunu jistgħu jisimgħu lil Kristu jgħidilhom: "Ejja, imxi warajja".[105] Jeħtieġ li intom ukoll tħabirku biex dan il-għan jintlaħaq bit-talb tagħkom u *b'dik ix-xhieda ta' mħabba* li biha "Alla jgħammar fina u mħabbtu ssib il-milja tagħha fina".[106] Jal'a din ix-xhieda tingħata u tingħaraf kullimkien. Jalla f'din ix-xhieda lin-nies ta' żmienna, fl-għejja ta' ruħhom, twettaqhom u timliehom tama. Mela aqdu bil-ferħ lil aħwa, ferħ ħiereġ minn qalb li fiha jgħammar Kristu. "Jalla d-dinja ta' żmienna tilqa' l-Evanġelju, mhux mingħand ħabbara mġarrbin u bla tama...... imma mingħand ministri tal-Evanġelju li ħajjithom hi

kollha ħeġġa, jiġifieri mingħand dawk li l-ewwel laqgħu fihom infushom il-ferħ ta' Kristu".[107]

Il-Knisja, għall-imħabba li għandha għalikom, ma tieqafx "tinżel għarkobbtejha quddiem il-Missier"[104] biex "jagħtikom li ...... tissaħħu fil-bniedem ta' ġewwa";[109] u, kif jagħti lilkom, jagħti wkoll lillħafna oħrajn fost ħutna l-imgħammdin, l-aktar żgħażagħ, il-grazzja li jsibu din it-triq tal-qdusija li minnha għaddew tul iż-żminijiet tant nies flimkien ma' Kristu, il-Feddej tad-dinja u l-Għarus tar-ruħ, u ħallew warajhom id-dawl ta' Alla jiddi f'nofs is-sħab u d-dlamijiet tal-ħajja tal-bniedem.

Lilkom ilkoll li f'dan iż-żmien tal-ġrajja tal-Knisja u tad-dinja, mexjin minn din it-triq, jaslu dawn ix-xewqat imħeġġa tas-sena tal-Ġublew tal-Fidwa, "biex tniżżlu l-egħruq tagħkom fl-imħabba u fuqha tibnu ħajjitkom; b'hekk tkunu tistgħu tifhmu, flimkien mal-qaddisin kollha, x'inhu l-wisa u t-tul, il-għoli u l-fond ta' l-imħabba ta' Kristu, tagħarfu kemm din l-imħabba ta' Kristu tiżboq kull għerf biex timtlew bil-milja kollha ta' Alla".[110]

**Il-messaġġ tat-Tħabbira tal-Mulej**

17. F'dal-jum tal-festa tat-Tħabbira tal-Mulej fis-Sena Mqaddsa tal-Fidwa nafda dil-eżortazzjoni lill-*Qalb ta' Marija Verġni mnissla mingħajr tebgħa ta' dnub.* Fost dawk kollha li ikkonsagraw ruħhom lil Alla bla ebda kondizzjoni, Marija hi l-ewwel waħda. Hi, ix-Xebba ta' Nazaret, *ikkonsagrat lilha nfisha kollha kemm hi* lil Alla u dan għamlitu b'mod l-aktar perfett. L-imħabba tagħha ta' egħrusija ma' Alla, bil-qawwa tal-Ispirtu Santu, laħqet il-milja tagħha meta saret Omm Alla. Hi li, bħala Omm, terfa' 'l Kristu fuq dirgħajha, fl-istess ħin, b'mod l-aktar perfett, *twieġeb għall-istedina tiegħu:* "Ejja, imxi warajja". Hi, Ommu, timxi warajh bħala l-Imgħallem tagħha tas-safa, tal-faqar u ta' l-ubbidjenza.

Kemm kienet *fqira* f'dak il-lejl ta' Betlehem, u kemm fqira fuq il-Kalvarju! Kemm kienet *ubbidjenti* fit-tħabbira ta' l-Anġlu u mbagħad, taħt is-Salib, kemm kienet ubbidjenti tant li aċċettat il-mewt ta' Binha, li obda "sal-mewt!" Kemm *tat ruħha* għas-Saltna tas-Sema, tul il-ħajja kollha tagħha fuq l-art, *b'imħabba l-aktar safja.*

Jekk il-Knisja kollha għandha f'Marija *l-ewwel eżempju,* wisq u wisq aktar għandkom lilha bħala eżempju intom li intom persuni u komunitajiet ikkonsagrati lil Alla fi ħdan il-Knisja. F'dan l-istess jum, li jfakkarna fil-ftuħ tas-Sena Mqaddsa s-sena l-oħra, indur lejkom b'din it-tħabbira u nistedinkom biex *iġġeddu l-konsagrazzjoni tagħkom fuq l-eżempju tal-konsagrazzjoni ta' l-istess Omm Alla.*

Egħżież ħuti! Alla jżomm kelmtu! minnu kontu msejħin biex tidħlu fix-xirka ta' Ibnu Sidna Ġesù Kristu".[111] Intom u żżommu kelmtkom ma' Dak li jżomm kelmtu, fittxu li jkollkom l-għajnuna kollha ta' Marija. Hi ġiet imsejħa minn Alla għal xirka mill-aktar perfetta ma' Binha. Hi, il-Verġni li żammet kelmtha, tkun għalikom ukoll bħala

Omm fil-mixi tagħkom fit-triq atl-Evanġelju: ħa tgħinkom biex taraw u turu lid-dinja *f'kemm suriet Alla wkoll iżomm kelmtu.*

B'dawn ix-xewqat tajba, minn qalbi nagħtikom il-barka appostolika tiegħi.

Ruma, minn San Pietru, fil-25 ta' Marzu, fis-sena tal-Ġublew tal-Fidwa 1984, is-sitt sena tal-Pontifikat.

Joannes Paulus PP. II

## Noti

1. Ara Mt 7,14.
2. Salm 130(120), 7.
3. Ara 2 Kor 11,2.
4. Ara Mt 18,20.
5. Ara Mt 19,21; Mk 10,21; Lq 18,22.
6. Mk 10,21.
7. Mt 19,21.
8. Ġw 3,16.
9. I Piet 1,18.
10. I Kor 6,20.
11. I Kor 6, 19-20.
12. Mt 5,48.
13. Ara Lev 19,2; 11,44.
14. Ef 5,1-3.
15. Is 44,22.
16. Mk 8,35; ara Mt 10,39; Lq 9,24.
17. Mt 19,21.
18. Ara Mt 6,19-20.
19. Mt 6,21.
20. Ara Mt 19,21; Mk 10,21; Lq 18,22.
21. Ara Ġw 14,26.
22. Mt 19,16.
23. Ġw 15,16.
24. I Ġw 4,10.
25. "Perfectae caritatis", n. 5; ara wkoll id-dokument tal-Kongregazzjoni tar-Reliġjużi u l-Istituti Sekulari: "Elementi essenziali dell'insegnamento della Chiesa sulla vita religiosa", 21 Mejju 1983, nn. 5.
26. Rum 6,3-4.
27. Rum 6,6.
28. Rum 6,11.
29. Ara Ef 4,22-24.
30. Is 43,1.
31. Mt 19,21.
32. Salm 135 (134),4.
33. Ġw 17,19.
34. Rum 12,1.
35. Lh 10,5.7.
36. Rum 12,1.
37. Salm 73(72), 25-26.
38. Salm 16(15),2.5.
39. Tra Għan 8,5.
40. Ara Lq 20,38.
41. 2 Kor 5,17.
42. Ara Mt 7,1.
43. Ara Lq 6,35.
44. Ara Mt 5,40-42.
45. Ara Lq 14,13-14.
46. Ara Mt 6,14-15.
47. Rum 8,19-21.
48. I Ġw 2,15-17.

49. Ara Ġen 1,28.
50. Ġw 17,15.
51. Ara "Perfectae caritatis", n. 5.
52. Ara 2 Kor 5,17.
53. Fil 2,6-7.
54. Mk 8,34; Mt 16,24.
55. Fil 3,8-9.
56. 2 Kor 4,16.
57. Mt 19,12.
58. Mt 19,11.
59. Ara I Kor 7,28-40.
60. I Kor 7,38.
61. I Kor 7,32.
62. I Kor 7,34.
63. Ara Lq 20, 34-36; Mt 22,30; Mk 12,25.
64. 2 Kor 8,9.
65. Mt 5,3.
66. Ef 3,9.
67. Mt 19,21; ara Mk 10,21; Lq 18,22.
68. Mt 6,33.
69. Ara Lq 6,20.
70. Ara Mt 5,3.
71. Fil 2,6-8.
72. Rum 5,19.
73. "Perfectae caritatis" n. 1.
74. "Mysterium iniquitatis"; ara 2 Tes 2,7.
75. Ġw 4,34.
76. Ġw 5,30.
77. Ġw 8,29.
78. Ġw 6,38.
79. Salm 40(39), 8-9; ara Lh 10,7.
80. Lq 22,42; ara Mk 14,36; Mt 26,42.
81. "Evangelica testificatio", n.6.
82. "Perfectae caritatis", n. 14.
83. Lh 13,17.
84. Mk 10,45.
85. Lq 1,38.
86. Ġw 10,17-18.
87. Ara Lq 22,32.
88. Fil 1,9-11.
89. Rum 5,5.
90. Ara I Kor 7,7.
91. Rum 8,2.
92. Ara Rum 8,13.
93. Rum 12,2.
94. Ara Kan. 669 tal-Kodiċi.
95. Ara Mt 28,19.
96. Kol 3,3.
97. Mt 5,16.
98. Ġw 13,35.
99. Ara "Perfectae caritatis" n. 15.
100. Gal 6,2.
101. Rum 13,10.
102. Dan igħidu ċar il-Kodiċi fejn isemmi l-ħidma tal-appostolat; ara kan. 675 par. 3.
103. Ef 5,25.
104. Ef 1,18.
105. Lq 5,27.
106. I Ġw 4,12.
107. "Evangelii nuntiandi", n. 80.
108. Ara Ef 3,14.
109. Ara Ef 3,16.
110. Ef 3,17-19.
111. I Kor 1,9.

# OMELIJA TAL-PAPA NHAR IL-ĠUBLEW TAS-SAĊERDOTI

23 ta' Frar 1984

Testi liturġiċi

L-ewwel lezzjoni: Is 61,1-5
Salm responsorjali: Salm 88(89)
It-tieni lezzjoni: Ef 4,1-7.11-15
Evanġelju: Mt 9,35-38

Egħżeż ħuti fil-grazzja tas-Saċerdozju.

Huwa u joqrob Ħamis ix-Xirka, il-jum li fih kull wieħed minna hu mistieden jaħseb għal darb'oħra b'qalbu kollha ħajr, fid-don għażiż mogħti lilna minn Kristu, inħoss il-ħtieġa li nkellimkom biex nurikom x'imħabba għandi għalikom u b'liema ħerqa nżomm fi ħsibijieti u fit-talb kollu tiegħi l-ħidma tagħkom ta' kuljum fil-qadi tal-merħla tal-Mulej.

Fit-23 ta' Frar li għadda, kelli l-pjaċir li niċċelebra l-Ġublew tal-Fidwa ma' għadd kbir ta' saċerdoti li ġew Ruma mid-dinja kollha. Kienet esperjenza tassew sabiħa, esperjenza li qanqlitni u għadni sal-lum niftakar fiha b'ħeġġa li qatt ma naqsitni. Xtaqt għalhekk b'xi mod naqsam din l-esperjenza magħkom ilkoll li intom "amministraturi tal-misteri ta' Alla" (I Kor 4,1), u għalhekk ġieni l-ħsieb li nibgħatilkom l-omelija li jien għamilt f'dik l-okkażjoni.

Jalla dak li jien għidt dak in-nhar ikun ta' faraġ fir-ruħ għalikom, u jġedded f'qalbkom il-fehma li tibqgħu sħaħ fil-vokazzjoni tagħkom bħala ministri tal-imħabba kollha ħniena ta' Alla. Jalla twettaqkom il-barka tiegħi li jien nagħtikom b'imħabba speċjali fi Kristu Ġesù.

Mill-Vatikan, 7 ta' Marzu 1984.

1. "L-Ispirtu tal-Mulej fuqi,
għax hu ikkonsagrani
biex inwassal il-Bxara t-tajba lill-fqajrin,
bagħatni ndewwi l-qalb miksura,
biex inħabbar il-ħelsien lill-imjassrin,
u lill-ħabsin il-ftuħ tal-ħabs,
*biex inniedi s-sena tal-grazzja tal-Mulej*" (Is 61, 1-2).

Egħżież ħuti fil-grazzja tas-sagrament tas-saċerdozju!

Sena ilu, fl-ittra li bgħattilkom għall-Ħamis ix-Xirka tal-1983, tlabtkom ixxandru, flimkien miegħi u ma' l-isqfijiet kollha tal-Knisja, is-Sena tal-Fidwa, il-Ġublew Straordinarju, is-Sena tal-Grazzja tal-Mulej. Illum irrid inroddilkom ħajr ta' kull ma għamiltu biex din is-sena, li tfakkarna fl-1950 anniversarju tal-Fidwa, tkun tassew "is-Sena tal-Grazzja tal-Mulej", is-Sena Mqaddsa. Fl-istess ħin, jiena u niltaqa' magħkom f'din il-konċelebrazzjoni, li hi l-qofol tal-pellegrinaġġ tagħkom f'Ruma għall-Ġublew, *nixtieq inġedded magħkom u nagħraf aktar fil-fond magħkom il-misteru tal-Fidwa,* li hu l-għajn ħajja, li tagħti l-ħajja, tas-saċerdozju sagramentali, li fih kull wieħed minna hu msieħeb.

Fikom ilkoll li nġbartu hawn, mhux biss mill-Italja, imma wkoll minn pajjiżi u kontinenti oħra, nara s-saċerdoti kollha, *il-presbiterju kollu tal-Knisja universali.* U lilkom ilkoll ngħidilkom il-kliem kollu kuraġġ u ħeġġa ta' l-Ittra lill-Efesin: "Inħeġġiġkom jien... biex timxu sewwa skond is-sejħa li biha kontu msejħin". (Ef 4,1) Aħna wkoll, li ġejna msejħin biex inġeddu lill-oħrajn bit-tiġdid spiritwali ta' din is-Sena tal-Fidwa, *jeħtiġilna niġġeddu* fil-vokazzjoni tagħna permezz tal-Grazzja ta' din is-Sena.

2. *It-tjieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni*

Il-vers responsorjali tal-Liturġija tal-lum (88,1) ifakkarna li aħna, b'mod speċjali, aħna "ministri ta' Kristu u amministraturi tal-misteri ta' Alla" (I Kor 4,1), li aħna *nies tal-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni tad-dinja,* li aħna *"strumenti"* ħajjin tal-grazzja, jiġifieri tal-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu fil-qawwa tas-Salib ta' Kristu u fil-qawmien tiegħu mill-imwiet.

X'inhu dan il-pjan ta' Alla? X'inhi din il-Grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, grazzja li hu għoġbu jorbot b'sagrament *mal-ħajja tagħna* bħala saċerdoti, mal-*qadi tagħna* bħala saċerdoti, ukoll jekk magħmul minn nies fqar u bla ma jistħoqqilhom? Il-grazzja, kif iħabbar is-Salm tal-Liturġija tal-lum, hi *xhieda tal-fedeltà ta' l-istess Alla għal dik l-imħabba ta' dejjem* li biha Hu jħobb il-ħlejjaq kollha u, b'mod speċjali, lill-bniedem f'Ibnu l-għażiż.

Igħidilna s-Salm: "Tjubitek tibqa' sħiħa għal dejjem; bħas-smewwiet int wettaqt il-fedeltà tiegħek" (Sam 88 (89), 2).

Din il-fedeltà ta' l-imħabba ta' Alla — imħabba kollha ħniena — hi *l-fedeltà tal-Patt* li Alla għamel mal-bniedem sa mill-bidu, u li ġedded kemm-il darba, għalkemm il-bniedem kemm-il darba ma baqax fidil għalih.

Il-grazzja mela hi don safi ta' mħabba, li tingħata biss għall-imħabba u għall-ebda raġuni oħra.

Is-Salm ifaħħar *il-Patt,* li Alla għamel ma' *David,* u fl-istess ħin — għax is-Salm u Salm Messjaniku — juri kif dak il-Patt li seħħ fiż-żmien, hu biss pass 'il quddiem u *tħabbira tal-Patt perfett f'Ġesu' Kristu* "Hu jsejjaħli: 'Missieri int, Alla tiegħi u blata tas-salvazzjoni tiegħi" (88 (89), 17).

Il-grazzja, bħala don, hi l-pedament li fuqu *l-bniedem ġie mgħolli għad-dinjità ta' iben adottiv ta' Alla* fi Kristu, l-Iben il-waħdieni. "Il-fedeltà u t-tjieba tiegħi jkunu miegħu, b'ismi titqawwa s-setgħa tiegħu" (88 (89), 25).

Hi proprju din is-setgħa *li tagħmilna wlied Alla* (l-ulied li fuqhom jitkellem il-bidu ta' l-Evanġelju ta' San Ġwann), din is-setgħa sħiħa tas-salvazzjoni li tingħata lill-familja kollha tal-bnedmin fi Kristu, fil-Fidwa, fis-salib u l-Qawmien tiegħu. U aħna — aħna l-qaddejja ta' Kristu, aħna l-amministraturi tagħha:

— is-saċerdot: *il-bniedem tal-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni tad-dinja.*

— is-saċerdot: *il-bniedem imsawwar mill-grazzja.*

— is-saċerdot: *l-amministratur tal-Grazzja!*

3. *"It-tjieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni."*

Din hi l-vokazzjoni tagħna. Hi din il-ħaġa li tagħmel il-vokazzjoni tagħna dak li hi u li ma hawnx

oħra bħalha. Għandha b'mod speċjali l-egħruq tagħha fil-missjoni ta' Kristu stess, fil-missjoni messjanika tiegħu.

"L-Ispirtu tal-Mulej fuqi
*għax hu ikkonsagrani*
*biex inwassal* il-Bxara t-tajba lill-fqajrin,

bagħatni ndewwi l-qalb miksura,
biex inħabbar il-ħelsien lill-imjassrin,
u lill-ħabsin il-ftuħ tal-ħabs, . . .
biex infarraġ lill-imnikktin (Is 61, 1-2)

Hu proprju fil-qofol ta' din il-missjoni messjanika ta' Kristu Saċerdot li *għandha l-egħruq tagħha l-vokazzjoni u l-missjoni tagħna*, il-vokazzjoni u l-missjoni tal-Patt il-ġdid u għal dejjem. Hija l-vokazzjoni u l-missjoni ta' dawk li jħabbru l-Bxara t-tajba:

— ta' dawk li jridu jdewwu l-ġrieħi tal-qlub tal-bnedmin;
— ta' dawk li jridu *jħabbru* l-ħelsien fost tant tiġrib, fost tant ħażen li jżomm imjassar b'tant u tant suriet il-bniedem;
— ta' dawk li jridu jfarrġu.

Din hi l-vokazzjoni u l-missjoni tagħna ta' *qaddejja*. Hi vokazzjoni u missjoni, egħżież ħuti, li tħaddan *qadi* kbir u fondamentali *lil kull bniedem. Ħadd ma jista' jidħol flokna. Bis-Sagrament tal-Patt il-Ġdid u għal dejjem* irridu naslu sa l-egħruq tal-ħajja tal-bniedem fid-dinja.

Irridu kuljum inwasslu f'din il-ħajja *l-Fidwa u l-*Ewkaristija.

Irridu nsaħħu fil-bnedmin l-għarfien li *huma wlied Alla permezz tal-grazzja.* Jista' jkun hemm għall-bniedem sejħa aktar għolja, destin aqwa u aħjar minn dan?

Irridu fl-aħarnett inkunu amministraturi tal-verità sagramentali tar-rikonċiljazzjoni ma' Alla u tal-verità sagramentali tat-Tqarbin li fiha ssib ittmiem tagħha x-xewqa l-aktar għolja tal-qalb tal-bniedem "li ma tixba' qatt".

*Il-konsagrazzjoni saċerdotali tagħna* tinsab fil-fond sewwa tal-*konsagrazzjoni messjanika ta' Kristu.*

Is-saċerdozju tagħna hu saċerdozju ministerjali. Iva, għandna nkunu qaddejja! U "tajdi" ifisser twassal lill-bniedem sal-qiegħ nett tan-natura tie-

għu ta' bniedem li hu, sa l-għoli nett tad-dinjità tiegħu.

Hu proprju hawn li għandu jinstema', permezz tal-qadi tagħna, dak *"il-għana ta' ferħija flok ruħ mitluqa"*, biex nerġgħu ntennu l-kliem tal-profeta Isaija (61,3).

4. Egħżież, maħbubin ħuti. Jum wara l-ieħor, sena wara l-oħra, aħna nsibu *x'fih u x'inhu* s-saċerdozju tagħna fil-kobor tal-misteru tal-Fidwa u nintebħu dejjem aktar li ma hemmx ħaġ'oħra bħalu. U jiena nittama li din is-Sena tal-Ġublew Straordinarju sservina għal dan b'mod speċjali.

*Niftħu dejjem aktar għajnejna* — l-għajnejn tar-ruħ — biex naraw aħjar x'ifisser tiċċelebra l-Ewkaristija, *is-Sagrifiċċju ta' Kristu stess,* fdat għax-xofftejn u l-idejn tagħna ta' saċerdoti li aħna fix-xirka tal-Knisja.

— Niftħu dejjem aktar għajnejna — l-għajnejn tar-ruħ — biex nifhmu aħjar x'ifisser *taħfer id-dnubbiet u tħabbeb il-kuxjenzi tal-bnedmin ma' Alla,* li hu Qdusija bla qies, ma' Alla li hu Verità u Mħabba.

— Niftħu dejjem aktar għajnejna — l-għajnejn tar-ruħ — biex nifhmu dejjem aktar x'ifisser *taħdem* "in persona Christi", *f'isem Kristu*; taħdem *bis-setgħa tiegħu,* jiġifieri b'din is-setgħa li fl-aħħar mill-aħħar għandha l-egħruq tagħha mħawlin fl-art tal-Fidwa.

— Niftħu dejjem aktar għajnejna — l-għajnejn tar-ruħ — biex nifhmu aħjar x'inhu *l-misteru tal-Knisja. Aħna nies tal-Knisja!*

"Ġisem wieħed u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda: Mulej wieħed, fidi waħda, Magħmudija waħda; Alla wieħed u Missier ta' kulħadd, li jsaltan fuq kulħadd, b'kulħadd u f'kulħadd." (Ef 4,4-6). Fittxu għalhekk li *"żommu Spirtu wieħed bir-rabta tas-sliem"* (Ef 4,3). Iva. Dan b'mod speċjali jiddependi minnkom: *li żżommu Spirtu wieħed!*

F'mument meta tensjonijiet kbar qegħdin iħabbtu l-ġisem ta' l-art tal-familja kollha tal-bnedmin, *l-aqwa qadi li tista' tagħti l-Knisja* jiġi minn "spirtu wieħed" biex hi, il-Knisja, mhux biss ma ġġarrabx firdiet li jiġuha minn barra minnha, imma wkoll tasal biex *tħabbeb ma' xulxin u tgħaqqad* il-bnedmin fost it-tiġrib u t-taqlib kollu li qiegħed jinga-

bar ma' dwarhom u fihom stess fid-dinja tal-lum. Ħuti! "Lil kull wieħed minna Alla tana l-grazzja skond il-qies tad-don ta' Kristu... *għall-bini tal-Ġisem ta' Kristu*" (Ef 4,7.12). Inkunu fidili għal din il-grazzja! Inkunu fidili b'mod qalbieni mill-aktar! Ħuti! Id-don ta' Alla kien don kbir għalina, għal kull wieħed minna. Tant li kull saċerdot jista' jsib fih innifsu sinjali ta' l-imħabba speċjali ta' Alla għalih.

Ħalli kull wieħed minnkom igħożż fil-qofol tiegħu d-don li rċieva bil-għana kollu li jidher fih: id-don ukoll hekk sabiħ taċ-ċelibat, li minn rajna offrejna lil Alla — u Hu aċċettah — għall-qdusija tagħna u għall-bini tal-Knisja.

5. Ġesù *Kristu* jinsab fostna u qiegħed igħidilna: "Jiena r-Ragħaj it-tajjeb" (Ġw 10.11.14)

Kien Hu li lilna wkoll *"għamilna" ragħajja.* U huwa HU li jgħaddi mill-ibliet u l-irħula (ara Mt 9,35), *fejn aħna mibgħutin* biex naqdu s-servizz saċerdotali u pastorali tagħna.

Huwa HU, Ġesù Kristu, li jgħallem... ixandar l-Evanġelju tas-Saltna u jfejjaq kull xorta ta' mard u nuqqas ta' saħħa fil-bniedem (ara ibid.) *kull fejn aħna nkunu mibgħutin għall-qadi tal-Evanġelju u l-amministrazzjoni tas-Sagramenti.*

Huwa HU, Ġesù Kristu, li bla heda jitħassar linnies u lil kull bniedem imdejjaq u mitluq "bħal ngħaġ bla ragħaj" (Ara Mt 9,36). Ħuti egħżież, f'din il-laqgħa liturġika tagħna, ejjew nitolbu lil Kristu ħaġa waħda biss: li kull wieħed minna jagħraf *jaqdi aħjar*, b'mod aktar ċar u aktar sħiħ, *il-qagħda tiegħu ta' Ragħaj* f'nofs il-bnedmin tad-dinja tal-lum.

Din hi ħaġa importanti ħafna għalina biex ma naqgħux għat-tentazzjoni li "ma niswew għal xejn", jiġifieri li nħossu ruħna li ma hemmx bżonna. Għax dan mhux veru. *Aħna meħtieġa fuq li meħtieġa, għax Kristu hu meħtieġ fuq li meħtieġ!* Ir-Ragħaj it-tajjeb hu meħtieġ fuq li meħtieġ!

Għandna f'idejna — proprju fl-"idejn vojta tagħna" — il-qawwa tal-mezzi kollha li l-Mulej fdalna f'idejna.

Aħsbu ftit fil-Kelma ta' Alla li taqta' aktar minn sejf b'żewġt ixfar (Ara Lh 4,12); aħsbu fit-talba liturġika, speċjalment f'dik tal-Liturġija tas-Sigħat,

li waqtha Kristu stess jitlob magħna u bina; aħsbu fis-Sagramenti, u speċjalment fis-Sagrament tal-Penitenza, tavla tassew ta' salvazzjoni għal tant kuxjenzi, tavla li tant bnedmin ta' żmienna qegħdin ifittxuha. Jeħtieġ li s-saċerdoti jagħtu mill-ġdid importanza kbira lil dan is-Sagrament, kemm għall-ħajja spiritwali tagħhom u kemm għal dik ta' l-insara.

Ħuti egħżież, żgur li meta tużaw dawn "il-mezzi fqar" (imma qawwijin bis-setgħa ta' Alla) taraw jinfetaħ fi triqtkom il-ward sabiħ u ta' l-għaġeb tal-ħniena ta' Alla.

U d-don ukoll ta' vokazzjonijiet ġodda!

B'fehmiet bħal dan, fit-talb flimkien, ħa nisimgħu mill-ġdid il-kliem li l-Mulej kien igħid lid-dixxipli tiegħu: "Il-ħsad kbir, iżda l-ħaddiema ftit. Itolbu mela *lil Sid il-ħsad* biex jibgħat ħaddiema fil-ħsad tiegħu" (Mt 9,37-38).

Kemm igħoddu għal żminijietna wkoll dawn il-kelmiet tal-Mulej!

Nitolbu mela! U ħa titlob magħna l-Knisja kollha! U jalla din t-talba turi l-*għarfien tagħna,* imġedded bil-Ġublew, *tal-misteru tal-Fidwa.*

## IL-PAPA U L-MADONNA

### 1. MARIJA EŻEMPJU TA' FIDI GHALINA

Fi żmien l-Avvent u fi żmien il-Milied ħsibna fit-tul fuq il-Verġni Marija, qrib Ġesù. Ersaqna lejn il-misteru tal-Milied u sibna lil Ġesù ma' Marija: "it-tarbija ma' ommu." Qimna l-Iben u tajna ġieh lill-Omm, aħna u sellimnielha mbierka, l-aktar minħabba l-fidi tagħha.

Il-fidi mhijiex xi ħaġa ħafifa, u lanqas kienet ħaġa ħafifa għal Marija. Dan narawh mill-ħafna tifħir li sarilha minħabba l-fidi tagħha: dan it-tifħir jurina kemm kien jiswa, xi preġju kellu, u wkoll kemm kellu diffikultajiet, it-twemmin tagħha. Jurihulna dan b'mod ċar l-evanġelista meta qal: "Kliemu ma fehmuhx". San Luqa ma jibżax jurina d-diffikultajiet li kellhom Marija u Ġużeppi u jgħidilna li ma fehmux il-kliem u l-misteru ta' l-Iben.

Meta ngħidu li Marija u Ġużeppi, u wkoll id-dixxipli, ma fehmux kliem Ġesù ma rridux infissru li huma kellhom dak in-nuqqas ta' fidi li għandhom dawk li ma jemmnux f'Ġesù. Ma fehmux għaliex kien diffiċli ħafna għalihom jidħlu fil-fond u malajr fil-misteru għoli ta' Kristu li ħadd ma jifhmu. Huma ma fehmux "għall-ftit taż-żmien" u dan wassalhom biex jaħsbu u jimmeditaw f'qagħda umli ta' għerf; din kienet il-qagħda speċjali ta' Omm Ġesù li kienet tgħożż f'qalbha u taħseb bejnha u bejn ruħha fuq il-kliem u l-ġrajjiet li kienu qed jiġru madwarha.

Il-fidi ddawwal il-misteru iżda ma twassalniex biex nifhmuh għal kollox. Il-fidi twassalna biex nafdaw fil-Kelma ta' Alla, li tiżboq kull ma l-moħħ tal-bniedem jista' jaħseb. Twassalna biex nistrieħu fuq Alla u hekk naslu biex inkunu sodi fil-fidi tagħna f'kelmtu. Din il-qagħda wrietha darba għal dejjem Marija fit-tħabbira ta' l-Anġlu: "Ara jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek". Fidi qawwija kienet il-fidi ta' Marija, fidi kollha tiġrib imma hienja: hi l-fidi ta' dawk kollha li emmnu għalkemm ma rawx. Il-ħajja tal-Madonna, bħal ħajjitna, timxi 'l quddiem, minn jum għall-ieħor biddawl tal-fidi u bid-dawl tal-viżjoni ta' Alla. "Il-Verġni Marija',, igħidilna l-Konċilju, "imxiet 'il quddiem fit-triq tal-fidi u żammet bla mittiefsa l-għaqda tagħha ma' Binha fuq is-Salib" (Lumen gentium n. 58).

22-1-84

### 2. MARIJA FIL-MISTERU TA' KANA

Il-Liturġija tal-lum tkellimna fuq id-dinjità tal-"foqra", u b'mod speċjali fuq id-dinjità tal-"foqra fl-ispirtu", ta' dawk li, bħal Kristu huma ta' qalb ħelwa u umli. Huma l-fdal qaddis ta' Israel, il-werrieta tal-wegħdiet li saru lil Israel, dawk li jgħożżu t-tama tal-poplu ta' Alla. Huma jiksbu għalihom u għal kulħadd il-ġid messjaniku kollu. Marija hi żgur waħda minnhom. "Hi l-ewwel waħda fost l-umli u l-

foqra tal-Mulej, li minnu jittamaw b'fiduċja s-salvazzjoni u jiksbuha. U fl-aħħar, huwa, magħha, l-Bint glorjuża ta' Sijon, wara l-misten-nija twila tal-wegħda, li jintemmu ż-żmenijiet u jseħħ pjan ġdid..." (Lumen gentium 55).

Marija mhux biss laqgħet is-Salvatur u tagħtu lid-dinja, imma tat ukoll ħajjitha kollha għall-qadi tal-misteru tas-salvazzjoni. Din il-ħid-ma tagħha tidher sewwa fil-miste-ru ta' Kana. Din il-ġrajja, li fiha iseħħ l-ewwel wieħed mis-"sinja-li" li għamel Ġesù, jiġifieri l-ewwel miraklu tiegħu, għandha tifsir teo-loġiku u simboliku għoli ħafna.

Kana ma xxandarx biss, bil-bdil ta' l-inbid fl-ilma, li l-patt il-qadim għadda u daħal il-ġdid, iżda, **b'ħar-sa lura,** tiġbrilna fil-qasir il-ġrajja kollha tal-Patt li seħħ permezz ta' Mose', u, **b'ħarsa 'l quddiem,** tħab-brilna minn qabel is-**Siegħa** ta' Ġesù, jiġifieri l-glorifikazzjoni tie-għu permezz tas-Salib.

F'dan il-kontest li għandu tifsir ta' salvazzjoni għoli ħafna, il-per-suna u l-ħidma ta' Marija għand-hom importanza kbira.

Fi kliemha: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu", naraw imtenni l-kliem tal-poplu ta' Israel waqt li seħħ il-Patt il-Qadim, u Marija hi l-personifikazzjoni u r-rappreżen-tant ewlieni ta' dan il-poplu.

L-Omm ta' Alla mhux biss tfis-ser u ttemm l-imġieba tal-poplu tal-Patt il-qadim; dak li għamlet f' Kana qanqal ukoll il-fidi ta' l-Ap-postli. Il-fidi ta' Marija tagħti bi-du għall-miraklu li għamel Ġesù, u thejji d-dixxipli biex jilqgħu d-deh-ra tal-glorja tiegħu u jemmnu fih. Hi mela tidħol għad-dmir li tmex-xi l-komunità tal-fidi sa mill-bidu tagħha, dik il-komunità ta' fidi li bdiet tifforma ruħha madwar Ġesù. Il-ħajja tal-Verġni Marija tidher b' hekk li hi kollha kemm hi għall-qadi ta' l-Iben ta' Alla u tal-mis-sjoni tiegħu. Hi l-"Mara": il-vo-kazzjoni tagħha, tilħaq il-milja tagħha, ħdejn is-Salib, meta ssir il-"Mara-Omm" tad-dixxiplu l-maħ-bub, u fih, tal-poplu l-ġdid li ħa-reġ mis-sagrifiċċju ta' Kristu.

29-1-84

## 3. ID-DEVOZZJONI LEJN IL-MADONNA

Illum u fil-Hdud li ġejjin, nixtieq inkellimkom fuq xi aspetti tad-de-vozzjoni lejn il-Madonna, jiġifieri fuq dik l-imħabba ta' wlied li biha d-dixxipli ta' Kristu, fil-lvant u fil-punent, iqimu l-Verġni Marija. Din id-devozzjoni ġejja minn "esper-jenza nisranija" kollha ħeġġa, għa-liex għandha l-għeruq tagħha fil-misteru ta' Kristu u fih issib il-bi-du u l-ġustifikazzjoni tagħha: huwa għalhekk li xterdet din id-devoz-zjoni lejn il-Madonna, u dan huwa l-għan ewlieni li din id-devozzjoni trid tikseb bil-qawwa kollha.

"Fil-bidu kien il-Verb, u l-Verb kien għand Alla, u l-Verb kien Alla" jikteb San Ġwann fil-bidu ta' l-Evanġelju tiegħu. U jżid: "Kol-lox sar bih." Kollox. Marija wkoll. Anzi Marija fuq kollox, għaliex, wara l-umanità qaddisa ta' Kristu, hi l-qofol tal-ħolqien, "il-ġieh tad-dinja" (innu tat-tifħir ta' sbiħ il-jum tat-8 ta' Diċembru), kif isel-lmilha l-Liturġija.

"Kollox... għalih kien maħluq" (Kol 1,17), igħidilna San Pawl.

Marija wkoll. Hi ġiet maħluqa għalih: biex tkun l-**Omm** qaddisa tiegħu, u fil-ġuf safi tagħha ta' Verġni, il-Verb sar bniedem; biex tkun **dixxiplu** fidil tiegħu, li tgħożż fit-teżor ta' qalbha l-kelma tiegħu ta' ħajja; biex tkun il-**mara** ġdida ħdejh, il-Bniedem ġdid, il-Feddej tal-bnedmin kollha; biex tkun l-**arka** tal-Patt li ma jinkiser qatt; biex tkun ix-**xbieha** tal-poplu l-ġdid ta' Alla u ta' Ġerusalem il-ġdida; biex tkun l-ewwel **frott** tal-fidwa.

"Bih" u "għalih", tgħidilna l-Iskrittura. Kollox mela f'Marija jsejjaħ lil Kristu, kollox jiddependi minnu, kollox hu mħaddan mill-misteru tiegħu.

Sa minn żmien l-Appostli, l-insara huma u jikkontemplaw lil Ġesù, "is-Sultan tal-glorja", u huma u jidħlu fil-fond tal-misteru tiegħu — Iben Alla u, permezz ta' Marija, Bin il-bniedem — għarfu x'kien is-sehem essenzjali ta' Marija fl-opra tal-fidwa. Imbagħad biż-żmien, aktar ma ħasbu fuq ir-rabta sħiħa li kellha Marija mal-ġrajja tal-ħajja, tal-mewt u tal-qawmien mill-imwiet għas-salvazzjoni tagħna ta' Ġesù, bdew iħarsu lejha mistagħġbin u mqanqlin, u bdew iqimuha b'fiduċja sħiħa u jivvenerawha bl-imħabba kollha.

Kif nafu, il-misteru ta' Kristu li fih għandha l-egħruq tagħha d-devozzjoni lejn il-Madonna, bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu, inkiteb u ġie fdat lill-Kotba mqaddsa bħala tħabbira ta' salvazzjoni, u jseħħ u niċċelebrawh bħala ġrajja ta' grazzja fil-Liturġija mqaddsa. Tant li jekk nistudjaw id-dokumenti antiki u t-Tradizzjoni, insibu li d-devozzjoni lejn il-Madonna kellha l-bidu tagħha fil-meditazzjoni fuq il-Bibbja u fiċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa. Aħna u nagħarfu dan, ħuti egħżież, nixtiequ li d-devozzjoni tagħna lejn l-Omm ta' Ġesù tibqa' dejjem marbuta mal-Kelma ta' Alla u mal-Liturġija.

5-2-1984

## 4. IL-PREŻENZA TA' MARIJA FIĊ-ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI

Illum nixtieq inkellimkom fuq il-preżenza ta' Marija fiċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija.

Kif tafu, kull ċelebrazzjoni liturġika, u l-aktar iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija, hi xirka u għajn ta' għaqda.

Xirka ma' Alla, il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. F'kull egħmil liturġiku tasal għandna l-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu li bħal xmara ta' ħajja, tfawwar mil-Liturġija tas-sema, li Kristu rxoxt jiċċelebra għas-sebħ tal-Missier u għas-salvazzjoni tal-bniedem.

Xirka ta' Ġerusalem tas-sema mal-Knisja għadha mixja mit-triqat ta' din id-dinja. Waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, l-art u s-sema jingħaqdu, ikollhom dawl wieħed, jitħeġġu bl-imħabba waħda, ikollhom sehem minn ħajja waħda, jingħaqdu flimkien.

Xirka bejnietna: fil-Liturġija nistqarru fidi waħda, għandna tama waħda, aħna mħeġġin minn imħabba waħda. Imqanqlin minn Spirtu wieħed, nitolbu lill-Missier wieħed, u, mistednin għall-mejda ta' Kristu, nieħdu sehem minn Kelma waħda, minn Ħobża waħda, minn Kalċi wieħed ta' ħajja.

Imma xirka wkoll, u b'mod speċjali, ma' Marija. Għaliex? Għax il-Liturġija hi ħidma ta' Kristu u tal-Knisja.

Hidma ta' Kristu għaliex Hu "l-Qassis il-kbir", waħdieni u veru: moħbi taħt ix-xbihat joffri s-sagrifiċċju, igħammed, jaħfer id-dnubiet, iqiegħed idejh fuq il-morda, ixandar il-Bxara t-tajba, ifaħħar u jsebbaħ lill-Missier, jitlob u jidħol għall-bnedmin kollha (Sacrosanctum Concilium, n. 7).

Hidma tal-Knisja. Għaliex "f'ħidma hekk kbira — il-glorja ta' Alla u l-fidwa tal-bniedem — Kristu jsieħeb dejjem miegħu il-Knisja, l-Għarusa maħbuba tiegħu, li titlob lil Sidha u bih tqim il-Missier" (ibid.).

Issa l-Verġni Marija hi ħaġa waħda ma' Kristu, ħaġa waħda mal-Knisja, mhijiex mifruda minnhom. Hi marbuta magħhom, għalhekk marbuta f'kull ma hu essenzjali fil-Liturġija: iċ-ċelebrazzjoni sagramentali tas-salvazzjoni għas-sebħ ta' Alla u għall-fidwa tal-bniedem.

Marija għax kienet preżenti hija u sseħħ il-ġrajja tal-fidwa, hi preżenti fit-tifkira tagħha, li hi ċ-ċelebrazzjoni liturġika.

Tinsab ħdejn il-fonti tal-Magħmudija, fejn jitwieldu għall-fidi u fl-Ispirtu s-Santu l-membri kollha tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu, għaliex Marija, bil-fidi tagħha u bis-setgħa ta' l-Ispirtu s-Santu, nisslet lil Kristu, il-Kap ta' dan il-Ġisem Mistiku.

Hi ħdejn l-altar, waqt li tiġi iċċelebrata t-tifkira tal-Passjoni u l-Qawmien mill-imwiet, għaliex hija kienet preżenti waqt il-mewt ta' Kristu li salvatna, hija u taċċetta bil-qawwa kollha tar-rieda tagħha l-pjan tal-Missier.

Hi f'kull Ċenaklu fejn bit-tqegħid ta' l-idejn u bid-dilka mqaddsa jingħata l-Ispirtu s-Santu lill-insara, għaliex hi kienet ma' San Pietru u ma' l-Appostli l-oħra, mal-Knisja fil-bidu tagħha, meta niżel fuqhom l-Ispirtu s-Santu. Kristu, il-Qassis il-Kbir; il-Knisja, komunità ta' kult: Marija hi dejjem magħquda magħhom it-tnejn fil-ġrajja tas-salvazzjoni u fit-tifkira liturġika tagħha. Marija għandha tkun preżenti fil-ħajja ta' kull nisrani, permezz ta' devozzjoni sinċiera ħierġa mill-qalb.

12-2-1984

## 5. MARIJA TURI T-TRIQ GHAS-SALTNA TA' ALLA U GHALL-GHAQDA SHIHA BEJN L-INSARA

Kienet ħaġa ta' ferħ kbir għalija dalgħodu li inkurunajt ix-xbieha ta' Verġni Odegitria. Ridt b'hekk nagħti ġieh lil xbieha tal-Madonna, qadima ħafna u mqjuma ħafna mill-poplu tal-Puglie, magħrufa u miqjuma wkoll mill-aħwa ortodossi li għandhom jew kellhom ix-xorti li jgħammru f'dan il-qasam hekk sabiħ ta' pajjiżkom. L-att ta' qima tiegħi lill-Verġni mqaddsa permezz tal-ġieh li tajt lil din ix-xbieha hekk magħrufa u hekk sabiħa, ried ikun ukoll sinjal li jiena nagħraf u rrid immexxi 'l quddiem dik il-ħidma ekumenika li għal mijiet ta' snin ilha ssir u għadha ssir sal-lum, bejn Griegi u Latini fid-

dawl u taħt il-ħarsien tal-Imqaddsa Omm Alla.

L-inkoronazzjoni tax-xbihat tal-Madonna, kif tafu, hi ċelebrazzjoni antika ħafna u tradizzjonali, u t-tifsir simboliku tagħha hu ċar ħafna. Bl-inkoronazzjoni tax-xbihat tal-Madonna aħna rridu nfissru l-ħajr kollu tagħna għal dik ir-"regalità" spiritwali u mistika li, ma' Kristu u taħtu, Marija twettaq fuq il-ħolqien kollu u fuq il-ħlejjaq kollha ta' l-art u tas-sema. Din hija dik ir-"regalità" li aħna niċċelebraw u nfakkru fis-suriet kollha tagħha, meta ngħidu r-Rużarju.

Bħal Binha Ġesù, Marija hi "sultana" ta' din id-dinja, imma s-Saltna ta' Alla, li tibda f'din id-dinja bħala l-Knisja, tilħaq il-milja tagħha f'Ġerusalem tas-sema. Għalhekk is-"saltna" ta' Marija, bħas-saltna ta' Ġesù, mhijiex saltna li tgħaddi, bħas-saltniet tad-dinja, ħafna minnhom spiss mibnija fuq l-inġustizzja u l-moħqrija, imma s-"saltna" ta' Marija, bħal dik ta' Ġesù, kif igħidilna San Pawl, hija "saltna ta' ġustizzja, sliem u hena fl-Ispirtu s-Santu" (Rum 14,17).

Il-Verġni Odegitria, hija u turina b'idejha lil Binha, turina liema hija "t-triq" lejn din is-saltna, għaliex it-triq huwa Ġesù. Hi wkoll turina "t-triq" għall-għaqda bejn l-insara, li mhijiex ħlief li b'fehma safja għal kollox u f'konsistenza ta' ħajja kollha ħeġġa, toqgħod taħt ir-regalità spiritwali ta' Ġesù u Marija. Jalla din il-ġurnata li għandha tifsir ekumeniku hekk għoli, tkun okkażjoni għal kulħadd biex iġedded l-impenn tiegħu u jsaħħaħ it-tama tiegħu fil-mixi lejn l-għaqda tal-insara għat-talb tal-Verġni Odegitria, taħt it-tmexxija ta' Kristu u bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu.

Waqt iż-żjara f'Bari, 26-2-1984

## 6. IL-MADONNA FIL-LITURĠIJA

F'din il-laqgħa tiegħi magħkom kull nhar ta' Ħadd, illum nixtieq inkompli naħseb fuq il-preżenza ta' Marija fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, li huma egħmil ta' Kristu u tal-Knisja, li magħhom Marija hi marbuta b'rabta li ma tinħall qatt. Minn dan il-Knisja hi żgura fuq li żgura, u dan tafu mill-fidi u, biex ngħid hekk, mill-esperjenza tagħha wkoll.

Il-Knisja temmen li l-Verġni Marija mtellgħa s-sema hi ħdejn Binha "dejjem ħaj biex jidħol għalina", u li mat-talb ta' Kristu għalina hi msiebħa t-talba dejjem sejra ta' l-Omm: fis-sema leħen il-Verġni Marija sar liturġija titlob għall-bnedmin uliedha, li hi tara fid-dawl ta' Alla u li tagħhom taf il-ħtiġijiet u t-tbatija. Il-Knisja mbagħad għandha l-esperjenza ħajja, li waslet għall-milja tagħha tul mijiet ta' snin ta' talb, tal-preżenza tal-Verġni tal-Anġli u l-Qaddisin fil-liturġija. Din l-esperjenza, li nsibuha l-aktar fit-talb tal-Liturġija, il-Knisja fissritha permezz ta' ħafna suriet ta' qima: fost dawn is-suriet ta' qima nixtieq infakkar it-talb lill-Verġni Marija biex tidħol għalina bħala Ommna, u x-xirka tagħna magħha.

Kristu huwa l-medjatur waħdieni tagħna, iżda l-Missier ried li l-imħabba ta' Marija Verġni u Omm tissieħeb mal-Knisja fil-mixja tagħha lejn is-sema. Il-Knisja għal-

hekk trid timxi din il-mixja lejn is-sema flimkien ma' Marija Omm il-Mulej; leħenha hu l-ewwel wieħed fit-tifħir ta' Alla, qalbha hi kollha ħeġġa fl-offerta tagħha stess, u tit-henna fl-għana ta' radd il-ħajr lil Alla l-għoli.

4-3-1984

## 7. MARIJA XEMPJU TA' HAJJA GĦALL-INSARA

F'dan l-ewwel Ħadd tar-Randan, li jistedinna biex naqbdu mill-ġdid it-triq tal-konverżjoni, il-ħarsa tagħna tmur fuq Marija, xbieha perfetta tal-Knisja. Fiha aħna naraw kreatura b'qalb ġdida, Mara ħerqana u attenta, dixxiplu li taf tisma' u titlob bla heda, Verġni li fis-skiet tissagrifika ruħha.

Marija hi l-kreatura tal-qalb ġdida li jħabbar il-Profeta kif kien wegħdu Alla: "Nagħtikom qalb ġdida u nqiegħed fikom ruħ ġdida" (Ez 36,26). Il-ħajja kollha ta' Marija fid-dinja, mit-tnissil tagħha bla tebgħa ta' dnub, kienet dejjem taħt id-dell ta' l-Ispirtu s-Santu, iż-da l-aktar fit-tħabbira ta' l-Anġlu rċeviet mill-Ispirtu s-Santu "l-qalb ġdida" li wasslitha biex toqgħod dejjem għar-rieda ta' Alla, kapaċi taċċetta l-pjan tiegħu ta' Salvazzjoni u twieġeb għalih b'fedeltà sħiħa tul ħajjitha kollha. Hija l-Verġni fidila, dik li tiġbor fiha nfisha lil Israel tal-qedem, dik li hi xbieha minn qabel tal-Knisja, mgħarrsa ma' Alla għal dejjem bil-fedeltà u l-imħabba (Hos 2,21-22).

Marija hija l-Mara ħerqana u attenta għall-ħtiġijiet spiritwali u materjali ta' ħutha. L-Evanġelju jurina b'liema ħerqa marret iżżur lill-qariba tagħha Elisabetta, b'liema prudenza ndaħlet fit-tieġ ta' Kana biex tferraħ żewġ għarajjes, b'liema mħabba ta' omm laqgħet bħala binha ħdejn is-salib id-dixxiplu l-maħbub u l-mifdijin kollha. Aħna żguri li mis-sema hi għadha tidħol għalina aħna itturufnati wlied Eva.

Marija hi d-dixxiplu li għexet l-Evanġelju sas-sagrifiċċju u l-martirju tas-"sejf" li Xmun ħabbrilha fit-tempju, hija u ssieħeb is-sagrifiċċju tagħha bla tixrid ta' demm mas-sagrifiċċju ta' Binha bit-tixrid ta' Demmu kollu fuq is-salib. Quddiem l-istedina ta' Alla li kellha tħawwadha, ma ħasbithiex darbtejn biex tgħid dak l-"Iva" tagħha dak in-nhar tat-tħabbira ta' l-Anġlu, biex imbagħad ikun l-"Iva" tagħha u tal-bnedmin kollha f'jum il-Għid.

11-3-1984

## 8. IL-MADONNA U T-TBATIJA TAL-BNIEDEM

"Ifirħu lil Ġerusalem u thennew biha intom ilkoll ħbieb tagħha".

F'dan l-antifona tar-raba' Ħadd tar-Randan hu gost tiegħi nara l-misteru tal-Verġni Marija, fil-ferħ u t-tbatija tagħha ta' Omm, permezz tal-kliem tal-profeta Isaija, li l-Liturġija tapplikah għall-Knisja. Dan għax Marija hija l-Bint vera ta' Sijon, u fiha tiġbor il-ġid spiritwali kollu ta' Ġerusalem tal-qedem, bidu u milja tal-Knisja ta'

Kristu, dan għax Marija hi l-Eva l-ġdida, l-omm vera tal-ħajjin kollha.

Hi bħala Bint Sijon, bħala Eva l-ġdida, illum tistedinna nifirħu. Ma nistgħux nifhmu t-tbatija tal-bniedem jekk ma nqisux l-hena li tlifna; it-tbatija ma tfisser xejn jekk ma nqisux il-hena li hemm imwiegħed lilna. "Ifraħ, Ġerusalem!"

It-tbatijiet ta' Ġerusalem li fuqhom tkellmu l-profeti ġew fuqha għaliex uliedha ma żammewx kelmthom ma' Alla, u dan ġab fuqhom il-kastig ta' Alla u l-eżilju 'l bogħod minn pajjiżhom. It-tbatija ta' din il-Bint ġdida ta' Sijon, Marija, ġejja mill-kotra tad-dnubiet ta' l-ulied kollha ta' Adam, dnubiet li wasslu għat-tkeċċija tagħna mill-ġenna ta' l-art.

F'Marija għalhekk jidher, b'mod ma hawnx ieħor bħalu, il-misteru tat-tbatija bħala mezz ta' fidwa, u t-tifsir sħiħ tas-solidarjetà tal-bnedmin ma' xulxin. Il-Madonna ma sofrietx għaliha, għax hi kienet kollha ġmiel, u minn dejjem bla tebgħa; sofriet għalina, għax hija Omm kulħadd. Bħal Kristu li tgħabba bit-tiġrib u n-niket tagħna kollu (Is 53.4) hi ġarrbet it-tbatija tal-ħlas biex bħala Omm tagħtina twelid ġdid għal Alla. It-tbatijiet ta' Marija, Eva l-ġdida, mat-tbatijiet ta' Kristu, l-Adam il-ġdid, kienu u għadhom it-triq li twassal għall-ħbiberija mill-ġdid tad-dinja ma' Alla. "Ifirħu lil Ġerusalem! Aqbżu bil-ferħ intom ilkoll li qsamtu s-swied il-qalb magħha."

Fil-figura tal-Verġni Omm, imġarrba mit-tbatijiet minħabba n-nuqqasijiet ta' wliedha, iżda mistiedna biex tifraħ għall-fidwa tagħhom, isib postu wkoll in-niket tagħna: Aħna wkoll nistgħu nkunu tikka żgħira minn dak it-teżor bla qies li hi l-Fidwa tad-dinja (Salvifici doloris n.71) biex oħrajn ukoll ikunu jistgħu jkollhom sehem minn dan it-teżor u jaslu għall-milja tal-ferħ li kisbilna.

1-4-1984

## APPELL TAL-PAPA GĦALL-JUM IL-VOKAZZJONIJIET 1984

Egħżież ħuti fl-Episkopat.
Egħżież uliedi mxerdin mad-dinja kollha.

1. B'tama kbira ndur lejkom biex nistedinkom tiċċelebraw b'fidi mġedda u b'tisjib sħiħ il-XXI JUM DINJI TA' TALB GĦALL-VOKAZZJONIJIET. Bħala Ragħaj tal-Knisja kollha, niftaħ qalbi magħkom biex ngħidilkom bit-tħassib tiegħi ħa jiżdiedu tassew il-vokazzjonijiet għas-saċerdozju, għall-ħajja reliġjuża u għall-ħajja missjunarja. Dan hu problema ta' importanza kbira kemm għax-xirka ta' dawk li jemmnu u kemm għall-bnedmin kollha tad-dinja. U l-Jum tal-Vokazzjonijiet li ġej huwa okkażjoni mill-isbaħ għalina lkoll, ragħajja u nsara, biex nagħarfu aħjar x'inhuma r-responsabbiltajiet tagħna lkoll biex b'qalb kbira nagħmlu dak li l-Mulej stess iridna nagħmlu.

Fir-raba' Ħadd ta' l-Għid, bejn iż-żewġ solennitajiet ta' l-Għid u ta' Għid il-Ħamsin, dan il-Jum ta' Talb għall-Vokazzjonijiet jikseb dawl ġdid u tama ġdida minn dawn iż-żewġ festi kbar. F'dan ir-raba' Ħadd

ta' l-Għid l-Evanġelju skond San Ġwann ipoġġilna quddiemna d-deħra tar-Ragħaj it-tajjeb: "Hu jsejjaħ in-ngħaġ tiegħu waħda waħda b'ismhom u joħroġhom barra. U meta joħroġ in-ngħaġ tiegħu huwa jimxi quddiemhom u n-ngħaġ jimxu warajh għax jisimgħu leħnu" (Ġw. 10. 3-4).

Ir-Ragħaj it-tajjeb, Kristu Rxoxt, iwettaq bid-dieher il-preżenza tiegħu fost il-familja mġedda tal-bnedmin permezz ta' dawk li tul il-ġrajja tad-dinja hu bla heda jibgħat biex ikomplu l-ħidma tiegħu għas-salvazzjoni tagħna. Illum ukoll huwa jinsab ħaj fostna u jġiegħel lil kull wieħed minna jisma' leħnu u jġarrab imħabbtu. Ir-ragħaj it-tajjeb ħsiebu dejjem li jkabbar il-merħla tiegħu. Hemm ngħaġ oħra li mhumiex fil-merħla (:w 10. 14).

Quddiemu għandu dejjem il-qagħda drammatika tal-qtajja' li, f'kull żmien huma "mdejqa u mitluqa bħal ngħaġ bla ragħaj", li jġagħluh igħid: "Il-ħsad kbir, iżda l-ħaddiema ftit" (Mt. 9. 36-37). Din it-tnehida mnikkta tal-Qalb ta' Ġesù nisimgħuha tul iż-żmienijiet u tolqotna fil-fond ta' qalbna. Min jista' jibqa' ma jimpurtahx meta jara kemm ta' l-għaġeb qiegħda tiżdied il-ħtieġa tax-xandir ta' l-Evanġelju? Il-Feddej tagħna jsejjaħ lil kulħadd biex igħin ħalli ma jkunx hemm qatt nuqqas ta' ħaddiema ta' l-Evanġelju, ħalli jkun hemm dejjem irġiel u nisa lesti biex jikkonsagraw ruħhom kollhom kemm huma għall-qadi tal-Poplu ta' Alla

The real discussion with this entire complex of ideas has not yet taken place. He who prays the priestly Psalm 16 along with the other related psalms, especially Psalm 119, will become quite aware of the fact that the supposed opposition in principle between cult and prophecy or Christology, simply collapses upon itself. This Psalm is in fact both a priestly and a prophetic prayer ,in which the purest and most profound elements of prophetic piety come to the fore — as priestly piety. Since this is so, the Psalm is a Christological text. Since this is so, Christianity has since its earliest days regarded this Psalm as a prayer of Jesus Christ, which he dedicates anew to us, so that we may be permitted to pray it anew with him (cf. Apoc 2:25-9). In this Psalm, the new priesthood of Jesus Christ expresses itself prophetically, and in this Psalm we can see how in the New Covenant the priesthood, proceeding from Christ, continues to exist in the unity of all salvation history ,and indeed *must* continue to exist. On the basis of this Psalm we can understand that the Lord does not abolish the Law but fulfils it and conveys it anew to the Church, truly "storing it away" in the Church as an expression of grace. The Old Testament belongs to Christ, and in Christ, to us. The faith can live only in the unity of the Testaments.

**b) The Sacred and the Profane**

And that brings me to my second remark Once we regain the Old Testament, we must also overcome the disparagement of the Sacred and the mystique of the Profane. Naturally, Christianity is a leaven and the Sacred is not something closed and final, but something dynamic. Every priest has been commissioned to "Go therefore and make disciples of all nations!" (Mt

28:19). But this dynamism of being sent out, this inner openness and breadth of the Gospel cannot be transposed into the slogan, "Go ye therefore and yourselves become part of the world! Go ye into the world and confirm it in its worldliness!" The contrary is the case. There is a sacred mystery of God, the mustard seed of the Gospel, which is not identical with the world but is rather destined to penetrate the whole world. Hence we must once more find the courage to distinguish what is Christian — and that not in order to seperate or to differentiate, but to transform, to be truly dynamic.

In an interview given in 1975, Eugene Ionescu, a founder of the "Theatre of the Absurd", expressed this with the total passion typical of the thirsty, seeking men of our day. I quote a few sentences:

"The Church does not want to lose her customers, she wants to gain new ones. That results in a type of secularization which is really miserable... The world is losing itself and the Church loses itself in the world, the parish priests are stupid and mediocre (he would surely say the same thing about the bishops!), they are happy to be human beings just like every other mediocre, leftist petty bourgeois. I have heard a parish priest say in church, 'Let's be happy, let's all shake hands... Jesus wishes each of you a very good day!" It will not be long until someone sets up a bar for communion of bread and wine, and serves sandwiches and Beaujolais. To me, that seems unbelievable stupidity and completely non-spiritual. Brotherliness is neither mediocrity nor fraternization. We need the Supra-Tempora, because what is religion or the Sacred? All that remains is nothing; nothing solid, everything is in motion. What we really need, though, is a rock" (11).

In this connection I recall some of the stimulating sentences to be found in Peter Handke's new piece "Over the Villages". For example: "Nobody wants us, and nobody ever wanted us... Our houses are trellises of despair standing in emptiness... We are not on the wrong road, we're not on any road at all... How forsaken mankind is" (12).

I believe that when one hears these voices — voices of men who quite consciously live in the world of today, living, suffering, singing — then it becomes clear that one cannot serve this world with banal officiousness. Such a world does not need corroboration, it needs transformation — the radicality of the Gospel.

## IV. A concluding thought: giving and receiving (Mk 10:28-31)

By way of conclusion I would like to touch briefly upon one more text: Mark 10:28:31. There, Peter says to Jesus, "Behold, we have left all things and have followed thee". St Matthew makes explicit what was obviously the point of the question: "What shall we have therefore?"

We have already spoken about

relinquishing or abandoning, which is an indispensable element of apostolic, priestly spirituality. Let us therefore turn at once to Jesus' astonishing reply. He does not reject Peter's question out of hand, as one might expect. He does not reproach Peter becase he expects a reward, but rather admits that Peter is right: "Truly, I say to you, there is no one who has left house, or brothers or sisters or mother or father or children or lands, for my sake and for the Gospel who will not receive a hundredfold now in this time, houses and brothers and sisters and mothers and children and lands, with persecutions, and in the age to come eternal life" (Mk 10:29-30).

God is magnanimous, and if we look at our lives honestly, then we know that he has indeed repaid every abondonment a hundredfold. He will not allow us to surpass him in generosity. He does not wait for the world to come in order to repay, but even now gives in return a hundred to one, though in spite of this the world remains the scene of persecutions, sufferings and tribulations. St Teresa of Avila expressed this statement of Jesus in the simple formula, "Even in this life, God repays a hundredfold" (13). All we need is the courage to begin by giving our "one", as Peter did when on the strength of the Lord's word he put out once again in the morning — he gave one, and received a hundred.

And so I think that in all our pusillanimity we should constantly beg Our Lord for this courage, and for the faith and confidence that lie therein. And we should thank him for those upon whom he has bestowed this courage, and whom he gives to us as signs of encouragement, in order to invite us to make the leap into the hands of his mercy.

## NOTES

1) From the vast literature on "Irenaeus and Gnosis" cf. most recently H.J. Jaschke, Irenaeus von Lyon "Die ungeschminkte Wahrheit" (Roma 1980).

2) For the following remarks concerning John 1:35-42 I am indebted to the fundamental suggestions of C.M. Martini, "Damit ihr Frieden habt. Geistliches Leben nach dem Johannesevangelium" (Freiburg 1982) 204-9.

3) Ibid., 207.

4) Cited by Cardinal Suenens, "Renouveau et puissance des ténèbres", Document de Malines 4 (1982) 60. On this subject see pp. 37-61 in Suenens' book as well as K. Hemmerle, "Das Haus des barmherzigen Vaters" (Freiburg 1982) 17-25.

5) The standard German translation renders Ps 33 (34)6 in light of the Hebrew text as "They that look up to him shall be radiant", whereas the Latin Vulgate, following the Septuagint, renders "Come ye to him and ye shall be enlightened". It was precisely the phrase "ye shall be enlightened" which called forth a very strong echo in the philosophy, and theology of the Church Fathers, and we are quite justified in regarding this verse in the Septuagint versions as one of the key phrases of Christian liturgy and theology. We are of

course confronted here with the question of the specific rank to be attributed to the Greek Old Testament. This problem must be reflected upon anew. Noteworthy in this regard is H. Gese, "Zur biblischen Theologie" (München 1977) 9-3, esp. 27 ff. and see also P. Benoit, "Exegese und Theologie" (Düsseldorf 1965) 15-22.

6. On this see F. Hauck, Koinonos Ktl.: TWNT 3 (1938) 798-810, here above all 799, 802, 804.

7) Jerome, In Ps 141 **ad neophytos**, CChr 78-544.

8. On what follows, see H.J. Kraus, "Psalmen I" (Neukirchen-Vluyn 1960) 118-27.

9) Ibid., 123.

10) Cf. H. Gross-H. Reinelt, "Des Buch der Psalmen I" (Düsseldorf 1978 88 ff.

11) E. Ionescu, "Gegengifte" (München 1979) 158, 159.

12) P. Handke, "Uber die Dörfer" (Frankfurt 1981) 94 ff.

13) "Libro de vida" 22/15 and cf. U.M. Schiffers, "Gott liebt beherzte Seelen": Pastoralblatt 34 (1982) 294.

## ĦUTNA FIS-SAĊERDOZJU LI L-MULEJ SEJJAĦ GĦANDU

## TUL IS-SENA 1983

Mal-lista li dehret fin-nru. 41, irid jiżdied:

P. Pawl PISANI tal-Konventwali twieled il-Belt fil-21 ta' Mejju 1913 u fit-28 ta' Ottubru 1928 ġie aċċettat fl-Ordni tal-Franġiskani konventwali u beda n-novizzjat tiegħu Għawdex fl-1913; ipprofessa Venezja fl-1937 u ordna slċerdot Padova fl-1939 wara li temm l-istudji tiegħu f'diversi kulleġġi fl-Italja.

P. Pawl kellu ħafna karigi fl-Ordni u kellu ħafna għal qalbu l-mużika sagra; kien predikatur imfittex ħafna u ħadem ħafna għall-missjonijiet franġiskani u fost it-terzjarji franġiskani tal-Provinċja. Miet ta' 70 sena fis-17 ta 'Novembru, fl-Isptar San Luqa wara marda twila li ġarrabha b'rassenjazzjoni kbira.

Ċirkolari Nru. 136

Nhar is-Sibt, 31 ta' Marzu, Malta tiċċelebra l-Jum Nazzjonali. L-interess tagħna f'ċelebrazzjonijiet ta' importanza nazzjonali jintwera qabel xejn billi nroddu ħajr lil Alla għall-għajnuna li għoġbu jsawwab fuq Art Twelidna fil-ġrajjiet li bihom hi minsuġa l-Istorja tagħha.

Barra minn dan okkażjonijiet bħal dawn jiġbdulna l-attenzjoni tagħna għad-dmir li għandna li nkunu ċittadini lejali lejn Alla u lejn pajjiżna. Dan id-dmir nuruh fis-sewwa jekk ilkoll kemm aħna nagħmlu ħilitna biex ngħixu marbutin flimkien bħal aħwa fi Kristu.

Hu għalhekk li, f'konnessjoni mal-Jum Nazzjonali, l-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Arċisqof, dejjem ħerqan li jarana nħabirku għall-progress ta' Artna fl-għożża ta' bejnietna, iridni ngħarraf li nhar is-Sibt, 31 ta' Marzu, sejjer iqaddes Quddiesa Pontifikali fil-Konkattidral ta' San Ġwann. Il-Quddiesa tibda fid-9.30 a.m.

Monsinjur Arċisqof jordna wkoll lill-Kappillani, lis-Superjuri Reliġjużi u lir-Retturi tal-Knejjes biex:—

a) qabel xejn, iħeġġu lin-nies li jattendu l-knejjes tagħhom biex jitolbu lill-Mulej ħalli, fit-tieba tiegħu, iwarrab minn pajjiżna kull għamla ta' ġlied u vjolenza; jagħtina risq tajjeb u paċi sħiħa; u jagħmel li fostna ssaltan dejjem l-egwaljanza u l-ġustizzja.
b) jitkanta l-Innu Malti wara l-Quddies ta' lejliet u nhar il-Festa.
c) jinxtegħlu l-faċċati tal-Knejjes
   i) il-Ġimgħa, 30 ta' Marzu bejn is-7.00 u l-11.00 p.m.
   ii) is-Sibt, 31 ta' Marzu bejn is-7.00 u l-11.00 p.m.
   iii) fit-Talba tal-Fidili jżidu l-invokazzjoni:

"Ħares Mulej minn kull ħsara lil Art Twelidna,
u sawwab fuqha l-Barka Tiegħek, li hi rahan ta'
kull ġid materjali u spiritwali".

Maħruġa mill-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, illum 16 ta' Marzu 1984.

Carmelo Xuereb
Vigarju Ġenerali

Annetto Depasquale
Kanċellier

# IL-ĠIMGĦA TAS-SAGRIFIĊĊJU

Ċirkulari Nru. 137

Matul il-ġranet li ġejjin kull nisrani jħoss il-bżonn li jinġabar aktar u jimmedita b'aktar imħabba fuq il-mewt ta' Ġesù fuq is-Salib.

Fil-liturġija tagħha l-Knisja trodd ħajr lill-Missier tas-Sema għall-miġja ta' Ġesù fostna li "bil-mewt tiegħu qered il-mewt tagħna u bil-qawmien tiegħu mill-imwiet raddilna ħajja ġdida" (Prefazju tal-Għid).

Iżda l-Knisja mhux biss trid li aħna nroddu ħajr lil Alla għall-ġrajja tal-Fidwa; hi tistedinna wkoll biex naħdmu għal tiġdida sħiħa u radikali ta' ħajjitna u tissuġġerilna li fost il-mezzi ewlenin għal dil-bidla interna jngħaddu t-talb, u l-għemejjel ta' ċaħda u ta' ħniena ma' għajrna.

Wieħed mis-Santi Padri tal-ħames seklu tal-Knisja magħruf għall-manjiera sempliċi u prattika li biha kien ikellem lill-komunità nisranija tiegħu f'waħda mill-priedki tiegħu gqamlilhom dan l-appell: "Offru ruħkom lil Alla, offrulu s-sagrifiċċju taċ-ċaħdiet tagħkom... Iżda ma rridkomx tingannaw irwieħkom. Jekk intom tridu li l-offerta tagħkom infuskom lill-Mulej tkun minnu miġjuba jkun meħtieġ li din tkun imsieħba ma' l-opri tal-ħniena; għaliex is-sagrifiċċji tagħna ma jimbtux jekk ma jkunux imsoqqija bl-għemejjel tal-karità u tal-ħniena nisranija. Il-karità hi, għaċ-ċaħdiet tagħna, dak li n-nida hi għall-art".

Okkażjoni flokha biex nuru li aħna tassew nifhmu s-sbuħija u l-utilità tal-karità nisranija sejra tkun il-Ġimgħa ta' Sagrifiċċju, organizzata bħas-snin ta' qabel mis-Segretarjat ta' l-Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika.

Din il-Ġimgħa sejra tibda fit-13 ta' April, festa tad-Duluri u tispiċċa fl-20 ta' April, il-jum li jfakkarna fil-Passjoni u fil-Mewt ta' Ġesù fuq is-Salib.

Monsinjur Arċisqof, ukoll, jordna li nhar is-Sibt, 14 ta' April, matul il-quddies ta' filgħaxija u nhar il-Ħadd, 15 ta' April matul il-quddies kollu, issir ġabra li tingħata lill-Fond ta' l-Assistenza Soċjali.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili, illum 4 ta' April 1984.

Carmelo Xuereb
Vigarju Ġenerali

Annetto Depasquale
Kanċellier

# ITTRA TAL-VIGARJU ĠENERALI LILL-KLERU GĦAL ĦAMIS IX-XIRKA

Kurja Arċiveskovili
Furjana.

12 ta' April 1984

Għażiż ħija fis-Saċerdozju,

F'ittra li l-Qdusija tiegħu l-Papa bagħat lilna s-saċerdoti għall-Jum ta' Ħamis ix-Xirka ta' din is-sena kitbilna hekk:—

"Ħamis ix-Xirka hu l-Jum li fih kull wieħed minna hu mistieden jaħseb għal darb'oħra, b'qalbu kollha ħajr, fid-don għażiż mogħti minn Kristu meta għamilna saċerdoti tiegħu".

Is-sejħa tagħna hi sejħa l-aktar nobbli. Biha sirna:—

— dawk li jridu jħabbru l-Bxara t-Tajba;

— dawk li jridu jdewwu l-ġrieħi tal-qlub tal-bnedmin;

— dawk li għandhom iħabbru lill-umanità l-ħelsien minn tant ħażen;

— dawk li jridu jaħfru d-dnubiet u jħabbu l-bniedem ma' Alla;

— dawk li jridu jħabbu u jgħaqqdu lill-bnedmin bejniethom.

Din il-missjoni tant qaddisa turina biċ-ċar kemm jeħtiġilna — kif tenna l-Papa — "li niġġeddu fil-vokazzjoni tagħna".

Żmien propizju għal din it-tiġdida kien iż-żmien ta' din is-sena tal-Ġublew tal-Fidwa.

Żmien aktar propizju biex nikkonfermaw il-konsagrazzjoni totali ta' qalbna u tal-ħidmiet tagħna lil Kristu hu dak li jfakkarna fil-ġurnata li fiha Ġesù, Saċerdot Etern, waqqaf is-Saċerdozju.

Kien dal-ħsieb li qanqal lil Monsinjur Arċisqof jitlobni niktbilkom u nistedinkom biex nikkonċelebraw miegħu l-Quddiesa li Hu jqaddes f'San Ġwann fid-9.30 a.m. nhar il-Ħamis ix-Xirka, 19 ta' April.

Madwaru u f'rabta miegħu, Monsinjur Arċisqof jixtieqna nsaħħu l-għaqda ta' bejnietna u nġeddu, b'qalb l-aktar safja, il-wegħdiet tagħna ta' amministraturi fidili tal-Misteri t'Alla. Għal kull wieħed minna x-xewqa tar-Ragħaj tagħna hi kmand li aħna ma nonqsux li nwettqu b'imħabba filjali.

Fil-waqt li bi pjaċir inwassallek il-Barka Pastorali ta' Monsinjur Arċisqof ningħaqad ma' l-istess Eċċellenza tiegħu biex nixtieq lilek u lill-familja tiegħek kollha Għid mimli b'ferħ qaddis.

Fraternament tiegħek fi Kristu Saċerdot

Mons. Carmelo Xuereb
Vigarju Ġenerali.

## ITTRA TAL-VIGARJU ĠENERALI DWAR FUNZJONIJIET LITURĠIĊI MINN XI MOVIMENTI

Kurja Arċiveskovili, Floriana

16 ta' April 1984

Għażiż Arċipriet/Kappillan,

F'din il-Kurja qegħdin jaslu diversi lmenti dwar funzjonijiet liturġiċi organizzati f'ċerti parroċċi minn Movimenti ta' l-Apostolat u ta' Spiritwalità mingħajr il-permess ta' din l-istess Kurja.

Ma jkunx ta' ġid għall-Parroċċa jekk, anki bl-akbar intenzjoni tajba, isiru attivitajiet li b'xi mod ixekklu l-bini tal-komunità parrokkjali. Ma jkunx ta' edifikazzjoni għall-insara l-oħra jekk Moviment ta' l-apostolat jinqata' għal rasu u jibda jorganizza, bħala ħaġa normali, quddies u ċelebrazzjonijiet liturġiċi oħra li normalment isiru għall-pubbliku.

Dan ġiegħel lil Monsinjur Arċisqof jitlobni niktbilkom biex tfakkru lill-membri tal-Għaqdiet u tal-Movimenti Kattoliċi tal-Parroċċa tagħkom fil-Konċilju Vatikan II li jgħallem li l-Parroċċa għandha tkun komunità ta' Fidi, ta' Tama u ta' Mħabba u li l-membri mpenjati fl-apostolat tagħhom ikunu l-ewwel xiehda tar-rabta li tagħmel mill-Parroċċa Ġisem wieħed li tiegħu Kristu hu r-Ras.

Hi għalhekk rieda ta' Monsinjur Arċisqof li:—

(a) La fi Knejjes Parrokkjali u lanqas f'ebda Knisja oħra ma ssir il-funzjoni tal-Vġili tal-Għid ħlief darba waħda biss;

(b) fejn matul il-Funzjoni tal-Vġili tal-Għid jiġi ċelebrat ir-Rit tal-Magħmudija din ma ssirx 'per immersionem'. Dan igħodd għaċ-ċelebrazzjoni tal-magħmudija matul is-sena kollha u sakemm il-Konferenza Episkopali Maltija ma tiddeċidix mod ieħor.

F'dan il-kuntest Monsinjur Arċisqof irid jinnota li jkun abbuż ta' min jikkundannah li wieħed iħalli żmien twil igħaddi bejn it-twelid ta' trabi u l-magħmudja tagħhom. Il-Kan. 867 tad-Dritt Kanoniku jgħid: "Il-Ġenituri *huma obbligati* li jħabirku biex uliedhom jirċievu l-magħmudija fl-ewwel ġimgħat mit-twelid tagħhom".

Monsnjur Arċisqof jixtieqek twassal il-kontenut ta' din l-ittra lis-Saċerdoti li jmexxu l-Movimenti Kattoliċi tal-Parroċċa tiegħek malli tirċiviha. Hu persważ il dawn, anki jekk b'sagrifiċċju, fi spirtu ta' ubbidjenza filjali, ma jonqsux li jwettqu d-direttivi tiegħu.

Ninqeda b'din l-okkażjoni biex inwassal lilek, lis-Saċerdoti koperaturi tigeħek u lill-Membri tal-Movimenti Parrokkjali tiegħek il-barka ta' Monsinjur Arċisqof b'rahan ta' dak il-ġid li l-Mulej ixerred fuq dawk li jħobbuh.

Tiegħek fi Kristu
Mons. Carmelo Xuereb
Vigarju Ġenerali

## IL-FESTA TA' SAN ĠUŻEPP ĦADDIEM

Ċirkulari Nru. 138

Matul dawn l-aħħar mitt sena l-ewwel ta' Mejju, beda jiġi mħares bħala Jum il-Ħaddiem.

Iżda sfortunatament din il-ġurnata ma damitx ma tellfet l-aspett nisrani mogħti minn Ġesù lill-ħidma ta' l-idejn u tal-moħħ tal-bniedem. L-ewwel ta' Mejju sar għajn ta' ġlied u ta' firda bejn l-aħwa, membri ta' l-istess familja umana.

Kien dan li ġiegħel lill-Papa Piju XII jagħżel li, f'Jum il-Ħaddiem, tiġi ċelebrata l-festa ta' San Ġużepp, u li dan il-qaddis jiġi magħruf bħala l-Patrun tal-ħaddiema.

B'din l-għażla, il-Papa ried igħaqqad flimkien kemm il-ħaddiema ta' l-id kif ukoll dawk tal-moħħ, iġagħlhom iħossu li huma aħwa bejniethom u jħajjarhom biex, b'ħidma paċifika, jaffermaw id-dinjità tax-xogħol.

Hi responsabbiltà gravi, kemm tal-mexxejja tal-ġnus kif ukoll ta' dawk li jħaddmu, li jagħarfu d-dinjità tal-ħaddiem u s-siwi kbir ta' l-opra tiegħu fil-progress ta' l-umanità.

Kull meta u fejn il-ħaddiem jiġi meqjus bħala rota fil-magna tal-produzzjoni tal-ġid ta' nazzjon, il-ħaddiem ikun qiegħed jiġi misruq mid-dinjità tiegħu ta' bniedem u mitfugħ fil-faqar.

Fis-soċjetà ta' żmienna, li fiha bosta pajjiżi qegħdin jiġu ndustrijalizzati u laħqu ċertu livell ta' progress, m'għadux iżjed il-każ li wieħed jitkellem fuq il-faqar f'sens materjali biss. Jeżisti faqar ieħor — dak ta' meta l-ħaddiem jiġi mċaħħad mid-dinjità tiegħu. Aħna, bħala nsara, li nemmnu li Ġesù, bl-eżempju tiegħu ta' ħaddiem fil-ħanut ta' Nazareth, wera li x-xogħol għandu valur kbir fil-pjan tal-ħolqien irridu ta' bil-fors nikkundannaw kull sfruttament tal-ħaddiem u nikkunsidraw li, fejn ix-xogħol jiġi mċaħħad min-nobiltà li jistħoqqlu, il-ħaddiem ikun qiegħed jiġi misruq mid-dinjità li tixraq lill-persuna umana.

Jalla kulħadd jifhem li l-ħaddiema, kemm fil-paga li jingħataw u kemm fil-kundizzjonijiet tax-xogħol li jkollhom, għandhom ikunu stmati bħala bnedmin maħluqa xbieha tal-Mulej.

Monsinjur Arċisqof iridni nfakkar li hu sejjer iqaddes għall-bżonnijiet materjali u spiritwali tal-ħaddiema fil-Konkattidral ta' San Ġwann, il-Belt, it-Tlieta, 1 ta' Mejju fl-10.00 a.m.

F'din il-Quddiesa se jikkonċelebraw is-Saċerdoti li jagħmlu ħidma pastorali fil-fabbriki u fil-postijiet tax-xogħol. Tkun ħaġa sabiħa li, dawk kollha li jistgħu, jieħdu sehem f'din il-Quddiesa.

Monsinjur Arċisqof irid ukoll li l-Kappillani u r-Retturi tal-Knejjes, iħeġġu lin-nies tal-Parroċċa tagħhom ħalli jqaddsu l-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem bit-talb u bl-opri tajba.

Maħruġa mill-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, illum 24 ta' April 1984.

Carmelo Xuereb
Vigarju Ġenerali

Annetto Depasquale
Kanċellier

## TELEGRAMM LILL-PAPA

Movimenti cattolici uniti con lavoratori intorno Arcivescovo celebrano festività San Giuseppe Artigiano Stop Studiano problemi della "povertà nuova" alla luce insegnamenti Santità Vostra in difesa dignità lavoratori et lavoro Stop Promettono lealtà incondizionata insegnamenti Chiesa Stop chiedono benedizione apostolica per patria famiglie lavoratori tutti

Arcivescovo Mercieca

## ITTRA TAL-VIGARJU ĠENERALI LILL-KAPPILLANI DWAR IL-PELLEGRINAĠĠ TAL-MADONNA TA' POMPEI

Kurja ta' l-Arċisqof
Furjana.

2 ta' Mejju 1984.

Għażiż ħija fis-Saċerdozju,

Id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pampej hi ħafna għal qalb il-Poplu Malti.

F'nofsinhar Monsinjur Arċisqof imexxi l-funzjoni li ssir fil-Knisja tal-Ġiżwiti, il-Belt.

Wara nofsinhar isir pellegrinaġġ f'Marsaxlokk li jkun segwit b'quddiesa li soltu ssir fil-beraħ, fuq iz-zuntier.

Sfortunatament din is-sena, fil-waqt li l-permess għall-pellegrinaġġ ingħata bħal ma sar għal għoxrin sena ilu, ġiet miċħuda t-talba għal quddiesa fil-beraħ.

Dan hu aħbar ta' natura publika u għalhekk jista' b'xi mod wasal f'widnejn in-nies tal-Parroċċa tiegħek u jista' anki jmewtilhom il-fehma li jattendu għall-pellegrinaġġ.

Dan ikun żball. Fittxu li dan jsirx u għalhekk ħabirku b'tagħrif, mogħti fil-quddies kollu tas-Sibt u l-Ħadd li ġejjin li l-pellegrinaġġ f'Marsaxlokk, nhar it-Tlieta 8 ta' Mejju, sejjer isir l-istess.

Il-kotra ta' l-insara maltin, marbutin flimkien bħal familja waħda, b'talb devot u mħeġġeġ lil Madonna, hu l-aqwa rahan li, taħt il-ħarsien ta' Marija, Malta tibqa' dejjem tħares it-tagħlim nisrani.

Il-pellegrinaġġ jibda fis-7.30 p.m. u wara ssir quddiesa fil-Knisja Parrokkjali.

Tiegħek fi Kristu,
Mons. Carmelo Xuereb,
Vigarju Ġenerali.

## KOMUNIKAT STAMPA TAT-13 TA' MARZU 1984

L-isqfijiet ta' Malta u Għawdex iħossu li xieraq li jiġbdu l-attenzjoni fuq dawn il-punti dwar l-iskejjel tal-Knisja:

— Il-Knsja għandha dmir u dritt li taqdi l-missjoni tagħha fil-kamp edukattiv.
— Il-Knisja għandha d-dritt li jkollha l-iskejjel tagħha, tmexxihom hi, u hekk tħares l-awtonomija, il-karattru u l-identità tagħhom.
— Il-Knisja temmen li l-iskejjel tagħha qegħdin jagħtu kontribut kbir lis-soċjetà ċivili u lill-ħajja kattolika f'Malta.
— Il-Knisja tixtieq u trid li l-iskejjel tagħha jkunu miftuħa għal kulħadd.
— Il-Knisja dejjem fittxet li tgħin biex il-ħlasijiet ta' l-iskejjel tagħha jinżammu baxxi kemm jista' jkun; hija għandha fl-skejjel tagħha kemm studenti li mhumiex iħallsu u kemm studenti bi ħlasijiet ridotti.
— Il-Knisja, fil-qadi tal-missjoni tagħha, għandu jkollha l-libertà sħiħa li tgħarraf lill-ġenituri tat-tfal li jmorru fl-iskejjel tagħha, u lill-insara kollha, dwar il-qagħda u l-ħtiġijiet kollha, anki dawk finanzjarji, ta' l-iskejjel tagħha.
— Il-Knisja ssostni li kulħadd għandu jkollu d-dritt u l-libertà sħiħa li juża flusu għal dawk l-iskopijiet tajbin li jagħżel hu għalih u għal uliedu, u li l-ġenituri u l-insara kollha għandhom ikunu liberi li jaqdu d-dmir — kulħadd skond iċ-ċirkustanzi u l-possibilitajiet tiegħu — li jgħinu lill-Knisja żżomm l-iskejjel tagħha.
— Il-Knsja f'Malta stqarret li l-iskop tar-rijorganizzazzjoni amministrattiva, mitluba u mibdija mill-istess Isqfjet, hu fuq kollox pastorali.
— Il-Knisja għandha tingħatalha l-libertà sħiħa u leġittima tagħha biex, kif setgħet tagħmel għall-manteniment aktar xieraq tal-kleru, tkun tista' tkompli tħaddem din ir-rijorganizzazzjoni amministrattiva. Din ir-rijorganizzazzjoni għandha wkoll bħala għan li tikkontribwixxi, fost affarijiet oħra, għall-iskejjel tagħha.

## KOMUNIKAT STAMPA TA' L-14 TA' MARZU 1984

B'riferenza għall-istqarrija li ħarġet mit-Taqsima tat-Tagħrif Kastilja l-bieraħ, 13 ta' Marzu 1984, l-Uffiċċju Stampa tal-Kurja ta' l-Arċisqof huwa awtorizzat igħid:

— li l-Isqfijiet jaffermaw illi hemm qbil sħiħ bejn l-Awtoritajiet tal-Vatikan u l-Knisja f'Malta fuq l-iskejjel tal-Knisja;

— illi l-prinċipji mtennija ripetutament mill-Isqfijiet fl-istqarrijiet tagħhom fuq is-suġġett jirriflettu missjoni fundamentali tal-Knisja, tant hu hekk li jinsabu mniżżla fil-Kodiċi l-Ġdid tal-Liġi Kanonika, huma dikjarati fid-"Dokument tad-Drittijiet tal-Familja" ppubblikat mis-Santa Sede fit-22 ta' Ottubru 1983 u mtennija b'enfasi fl-għadd ta' komunikati li għaddew bejn l-Awtoritajiet tal-Vatikan u l-Gvern (Ara "Dokumenti Dwar Problemi u Tilwim Bejn Knisja u Stat f'Malta" maħruġ mit-Taqsima tat-Tagħrif — Kastilja — fis-16 ta' Ġunju 1983) inkluża in-"Note Verbale" tal-24 ta' Frar 1984 li għaliha għamel referenza l-Gvern fl-istqarrija tiegħu tat-13 ta' Marzu 1984.

## KOMUNIKAT TAS-SALA STAMPA TAL-VATIKAN TAT-22 TA' MARZU 1984

Komunikat maħruġ illum mis-Sala Stampa tal-Vatikan igħid hekk:

"Bejn l-20 u t-22 tax-xahar inżammu t-taħditiet li kienu diġà tħabbru bejn delegazzjoni tas-Santa Sede u l-Gvern ta' Malta. Bihom tkomplew id-diskussjonijiet li kienu nżammu bejn is-16 u t-18 ta' Mejju 1983.

Id-delegazzjoni tas-Santa Sede kienet immexxija mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Achille Silvestrini Segretarju tal-Kunsill ta' l-Affarijiet Pubbliċi tal-Knisja, l-E.T. Mons. Mario Brini, President tal-Kumitat Straordinarju għar-Riforma Amministrattiva tal-Provinċja Ekkleżjastika Maltija, l-E.T. Mons. Audrey Bachis Sotto-Segretarju ta' l-imsemmi Kunsill, minn Mons. Giovanni Lajolo ta' l-istess Kunsill, Mons. Francesco Canalini Charge' d'affaires tas-Santa Sede għal Malta u l-Komm. Righi Schwammer.

Id-delegazzjoni tal-Gvern ta' Malta kienet immexxija mill-E.T. Karmenu Mifsud Bonnici, Deputat Prim Ministru Anzjan, l-E.T. Alex Sceberras Trigona, Ministru ta' l-Affarijiet Barranin, l-E.T. Dr. Paul Farrugia, l-Ambaxxatur ta' Malta għall-Vatikan, is-Sur Godwin Pulis u s-Sur Victor Seychell.

Għal parti mil-laqgħa ippresieda l-E.T. il-Kardinal Agostino Casaroli, is-Segretarju ta' l-Istat tal-Vatikan li anki kellu laqgħa personali ma' Dr. Karmenu Mifsud Bonnici.

Iż-żewġ delegazzjonijiet ittrattaw il-kwistjonijiet komplessi konnessi ma' l-Iskejjel Kattoliċi f'Malta. Kien hemm qbil li s-soluzzjoni għal xi punti determinanti tidher diffiċli u li dawn l-istess punti jeħtieġu studju aktar fil-fond.

Laqgħat oħra huma prevsti għas-6 u s-7 t'April."

## STQARRIJA TA' L-ISQFIJIET DWAR L-ISKEJJEL TAL-KNISJA TAT-28 TA' MARZU 1984

L-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex fi spirtu ta' realiżmu jħossu li għandhom jiddikjaraw li l-Knisja mhix f'qagħda finanzjarja li waħedha tipprovdi edukazzjoni b'xejn fl-iskejjel tagħha.

Madankollu l-Isqfijiet jintrabtu li l-Knisja tagħti edukazzjoni sekondarja mingħajr ħlas lit-tfal ta' dawk il-ġenituri li ma jistgħux iħallsu.

Il-Knisja hemm bżonn li tkompli żżomm miftuħa l-iskejjel tagħha u f'dan il-kuntest il-Knisja ma twaqqafx lill-ġenituri li jistgħu jħallsu milli jużaw flushom b'mod leġittimu għall-edukazzjoni ta' wliedhom.

Il-Knisja għandha tkun ħielsa li tmexxi l-iskejjel tagħha. Il-libertà tal-Knisja li tmexxi l-iskejjel tagħha bir-raġun tinkludi l-libertà li dawn l-iskejjel ifasslu l-proċeduri proprji tagħhom għad-dħul fihom. U dan mingħajr indħil ta' ħadd ħlief għal regolamenti raġjonevoli li jiżguraw livell tajjeb ta' tagħlim.

It-talba persistenti u dejjem tikber mill-ġenituri biex jibgħatu t-tfal tagħhom fl-iskejjel tal-Knisja hija prova biżżejjed biex wieħed jara kemm hija ta' siwi u ta' ħtieġa għas-soċjetà Maltija l-edukazzjoni mogħtija fl-iskejjel tal-Knisja.

## KUNSILL RAPPREŻENTATTIV TA' L-ISKEJJEL TAL-KNISJA

Fi stqarrija għall-istampa maħruġa mill-Uffiċċju Stampa tal-Kurja fis-17 ta' Frar 1984 kien tħabbar li "Mons. Arċisqof, bi ftehim ma' l-Isqof t'Għawdex u mal-Provinċjali u mas-Superjuri Maġġuri tar-Reliġjużi, qiegħed jassumi r-responsabbiltà tat-tmexxija ta' l-iskejjel kollha tal-Knisja."

Mons. Arċisqof, bi ftehim ma' l-Isqof t'Għawdex u mal-Provinċjali u mas-Superjuri Maġġuri tar-Reliġjużi, iħabbar it-twaqqif ta' Kunsill Rappreżentattiv ta' l-Iskejjel tal-Knisja. Dan il-Kunsill twaqqaf bi ħsieb li jagħti l-pariri tiegħu lill-Arċisqof dwar il-policy u t-tmexxija ġenerali ta' l-iskejjel.

Kull komunikazzjoni f'dan il-qasam għandha tintabgħat lis-Segretarju, Kunsill Rappreżentattiv ta' l-Iskejjel tal-Knisja, P.O. Box 29, Valletta.

7 ta' April 1984

---

B'riferenza għall-komunikat maħruġ mill-Uffiċċju Stampa tal-Kurja fis-7 ta' April, il-Konferenza Episkopali Maltija tħabbar li l-Kunsill Rappreżentattiv ta' l-Iskejjel Kattoliċi huwa kompost hekk:

— 2 delegati mill-Arċidjoċesi ta' Malta;
— 2 delegati mid-Djoċesi ta' Għawdex;

— 2 delegati tal-Konferenza tal-Provinċjali Rġiel (CMSM);
— 2 delegati tal-Konferenza tas-Sorijiet — Superjuri Maġġuri (KSSM);
— 2 delegati ta' l-Assoċjazzjoni Skejjel Privati (PSA);
— 2 delegati tal-Federazzjoni Assoċjazzjonijiet Ġenituri-Għalliema Skejjel Privati (FPTA).

11 ta' April 1984

## KOMUNIKAT STAMPA TAT-12 TA' APRIL 1984

L-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex itennu għal darba oħra li l-Knisja għandha d-dritt li bil-libertà kollha twaqqaf u tmexxi skejjel ta' kull natura u livell.

L-Isqfijiet jisħqu li l-użu ta' dan id-dritt huwa ta' l-ikbar importanza biex tiġi mħarsa l-libertà tal-kuxjenza.

L-użu ta' dan id-dritt huwa wkoll importanti biex jiġi mħares id-dritt li l-ġenituri għandhom fl-għażla ta' l-edukazzjoni għal uliedhom.

L-Isqfijiet huma fid-dmir li jwettqu r-responsabbiltà tagħhom dwar l-iskejjel tal-Knisja u huma fiduċjużi fl-appoġġ sħiħ tal-ġenituri u ta' dawk kollha li għandhom għal qalbhom li l-iskejjel tal-Knisja jibqgħu miftuħa bħal fl-imgħoddi.

## DIKJARAZZJONI TA' L-ISQFIJIET MALTIN

L-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta, u l-E.T. Mons. Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex, jiddikjaraw li assolutament mhux veru li huma qatt ippruvaw jew qed jippruvaw jitturufnaw xi saċerdoti lejn pajjiżi oħra bl-iskuża li dawn huma meħtieġa fil-missjoni jew għal xi raġuni jew skuża oħra. Għalhekk huwa wkoll assolutament mhux veru li hemm xi qassisin li qed isofru xi theddida tali.

## KOMUNIKAT STAMPA TAD-29 TA' ĠUNJU 1984

Ftit ġranet ilu għaddiet Liġi li tista' tolqot ħażin ħafna l-iskejjel tal-Knisja.

Skond din il-Liġi kull skola mhux tal-Gvern trid titlob ta' kull sena l-liċenzja. F'din il-liċenzja l-Gvern jista' jimponi dawk il-kundizzjonijiet li jidhirlu hu.

Din il-Liġi tista' twassal biex toħnoq għal kollox l-iskejjel tal-Knisja f'Malta u Għawdex. Tista' wkoll, fost effetti oħra, iġġib fixxejn id-drittijiet fundamentali tal-ġenituri għall-libertà sħiħa ta' kuxjenza li tinkludi d-dritt għall-għażla responsabbli ta' l-iskola

fejn ikunu jridu jibgħatu lil uliedhom. Din l-għażla ġeneralment issir meta l-ġenituri jdaħħlu l-ewwel darba lil uliedhom fi skola partikolari.

Hawn min hu mħasseb jekk f'dawn iċ-ċirkustanzi l-Knisja għandhiex tapplika għal-liċenzja. Jidher li f'dawn iċ-ċirkustanzi jaqbel li għandha ssir l-applikazzjoni, jekk mhux għal ħaġa oħra biex ikunu magħrufa aħjar il-kundizzjonijiet li l-Ministru jista' jimponi.

Din l-applikazzjoni m'għandhiex tinftiehem bħala xi rinunzja għad-drittijiet u għar-rimedji kollha li tagħti l-Liġi. L-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex mill-ġdid itennu li, sakemm il-ġenituri jkunu jridu l-iskejjel tal-Knisja u sakemm isibu l-kooperazzjoni sħiħa u leali tal-fidili, huma lesti jagħmlu minn kollox sabiex dawn l-iskejjel jibqgħu miftuħa bħal fl-imgħoddi bl-identità, bl-awtonomija u bil-karattru tagħhom.

## DIKJARAZZJONI TAL-5 TA' MEJJU 1984

Bħal ma ġie mħabbar fl-istqarrija lill-Istampa maħruġa fid-29 ta' April, 1984, applikazzjoni għal-liċenzja meħtieġa skond l-emendi li saru dan l-aħħar għall-Att tal-1974 dwar l-Edukazzjoni, kienet saret, fit-28 ta' April, 1984.

Sal-lum il-Ministru ta' l-Edukazzjoni għadu ma tax formalment, bi tweġiba għal din l-applikazzjoni, "il-kundizzjonijiet u ħtiġijiet proposti tal-liċenzja" kollha skond dan l-istess Att.

Fit-3 ta' Mejju, l-Onor. Ministru sejjaħ fi żmien qasir laqgħa għal dak inhar stess wara nofs inhar ma' delegazzjoni li tirrappreżenta lill-iskejjel sekondarji biex jiġu diskussi l-prijoritajiet li ġejjin dwar l-għoti ta' liċenzja:

(a) id-dħul ta' l-istudenti fl-iskejjel sekondarji tal-Knisja,

(b) l-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-"free education" fl-iskejjel tal-Knisja.

L-Onor. Ministru ġie mgħarraf immedjatament li "il-kundizzjonijiet u l-ħtiġijiet proposti tal-liċenzja" ma ingħatawx lill-Knisja u li diskussjonijiet li jħallu frott dwar l-applikazzjoni tal-liċenzja jistgħu jsiru biss wara li dawn il-kundizzjonijiet jiġu komunikati bil-miktub għall-istudju u l-kunsiderazzjoni meħtieġa. Aktar tard fl-istess jum, l-Onor. Ministru sejjaħ laqgħa oħra għall-għada, u stqarr li jekk il-kwistjoni tad-dħul ta' l-istudenti fl-iskejjel sekondarji tal-Knisja ma tiġix iċċarata mingħajr aktar dewmien, hu ma jkollu ebda alternattiva għajr li jiddikjara li l-eżamijiet tad-dħul li se jsiru fil-25 u s-26 ta' Mejju, ma jkunu ta' ebda siwi għall-iskop tad-dħul ta' studenti fis-sena skolastika li jmiss.

Fl-ittra tiegħu l-Ministru stqarr ukoll li hu xtaq jisma' l-veduti

tal-Knisja dwar il-kundizzjonijiet tal-liċenzja qabel ma jieħu deċiżjoni finali fuq l-istess kundizzjonijiet. Din it-tieni talba ma ġietx milqugħa għalli-stess raġuni li ġiet mogħtija fl-ittra tat-3 ta' Mejju.

Monsinjur Arċisqof kien jifraħ kieku verament saritlu stedina biex jiġu diskussi l-problemi li l-iskejjel tal-Knisja jinsabu fihom. Il-Knisja kienet u tibqa' dejjem miftuħa għal kull stedina għal diskussjonijiet intiżi biex isibu soluzzjoni ġusta għall-problemi li nħolqulhom.

Ma jistax ikun li xi ħadd jippretendi li l-Knisja tidħol b'għajnejha magħluqa f'diskussjonijiet li ċ-ċirkustanzi juru li fihom il-Gvern iridha tittratta miegħu biss dwar it-twettieq ta' dak li jrid hu, u li minn dak li ntqal publikament, jidher li fir-realtà jkunu jfissru l-kundanna ta' l-iskejjel tagħha.

Joħroġ ċar li dak li l-Knisja qed tagħmel hu li tara x'inhu l-aħjar biex l-iskejjel tagħha jibqgħu immexxijin b'libertà proprja u bl-awtonomija, l-identità u l-karattru tagħhom bla mittiefsa, kif urew ċar li jridu wkoll il-ġenituri.

## MESSAĠĠ TA' AWGURI LIL MONS. PAWLU DARMANIN, L-ISQOF IL-ĠDID TA' GARISSA, KENYA

Flimkien mal-poplu kollu ta' Alla f'din l-art ħelwa li tatna isimha, fraħt fuq li fraħt meta waslet l-aħbar li l-Qdusija Tiegħu l-Papa għoġbu jagħżlek biex tkun l-ewwel isqof ta' Garissa, fil-Kenya.

Jiena naf bil-ħeġġa tiegħek li twassal il-Bxara t-tajba ta' Kristu lill-ġnus li għadhom ma jafux bih, ħeġġa li qatt ma kienet nieqsa fost il-Kappuċċini Maltin, li ilhom snin kbar iħabirku biex iwaqqfu s-Saltna ta' Alla f'pajjiżi bogħod minn art twelidhom. Huma xhieda ħajja li l-ispirtu missjunarju qatt ma kien nieqes fostna, għaliex San Pawl, meta lil pajjiżna tah twelid ġdid fi Kristu, għallimna nqisu t-twemmin nisrani ħaġa hekk għażiża għalina li ma jistax ikun li ma nwassluhiex lil min għadu ma jafx biha.

Huwa dan l-ispirtu li ġiegħel lilek u lil tant oħrajn tmorru missjunarji ta' Kristu fost il-ġnus pagani.

Minn qalbi, f'isem il-Maltin kollha, li tagħhom l-Ispirtu s-Santu għażilni biex inkun ir-Ragħaj u l-Għassies ta' ruħhom, jiena nawguralek ħidma ta' sliem u ġid fl-ispirtu ta' San Franġisk ta' Assisi fost il-ġnus ta' Garissa biex huma wkoll jilqgħu l-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni u fosthom ukoll jitqaddes l-isem ta' Alla u sseħħ is-Saltna tiegħu.

Illum, 14 ta' Mejju, 1984, festa ta' l-Appostlu San Mattija.

† ĠUŻEPPI
Arċisqof ta' Malta

## NOMINI

P. PIJU SAMMUT O.C.D. ġie maħtur Provinċjal tat-Tereżjani Skalzi.

DUN KARM TANTI ġie nominat Kanonku Teologu tal-Kolleġġjata S. Elena, B'Kara.

## IT-TRINITA' QADDISA

*Iċ-ċelebrazzjoni tal-misteru*

Kull sena, il-Knisja, wara li nkunu għexna magħha mill-ġdid il-ġrajja kollha tal-misteru tal-Fidwa mill-miġja tal-Mulej fid-dinja sat-tlugħ tiegħu fis-sema, qabel ma tistedinna nissieħbu fil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu għall-kobor tas-Saltna ta' Alla fid-dinja sa ma tilħaq il-milja tagħha fit-tmiem ta' kollox, tridna nqimu b'mod speċjali l-misteru tat-Trinità qaddisa, misteru li kien moħbi tul iż-żminijiet kollha ta' l-imgħoddi u ġie rivelat lilna mill-Iben ta' Alla stess meta niżel fostna bniedem bħalna.

Verament aħna, kull meta nkunu niċċelebraw il-misteri qaddisa, inkunu qegħdin nagħtu qima lit-Trinità qaddisa, għaliex kull darba li aħna niċċelebraw il-Liturġija aħna nfaħħru u nsebbħu u nagħtu ġieħ u radd il-ħajr lil Alla l-Missier li jista' kollox, b'Ibnu Sdna Ġesù Kristu, flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu; iżda l-Knisja riedet tistieden lill-Poplu nisrani kollu biex, almenu darba fis-sena, jimmedita sewwa fuq il-wisgħa u t-tul, l-għoli u l-fond ta' dan il-misteru kbir, ħalli ma jinsa qatt, tul ħajtu kollha, li kull ma jagħmel, għandu jagħmlu f'isem it-Trinità qaddisa.

*It-Trinità fil-ħajja tan-nisrani*

Dan għaliex, f'isem it-Trinità qaddisa, in-nisrani twieled għall-ħajja ġdida fi Kristu bl-ilma tal-Magħmudija u bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu u sar iben adottiv ta' Alla l-Missier; f'isem it-Trinità qaddisa l-Iben ta' Alla, permezz tal-ministru tiegħu, iħabbeb mal-Missier dawk li, bħall-iben il-ħali, tbiegħdu mit-triq tas-sewwa, u jagħtihom mill-ġdid l-Ispirtu qaddis tiegħu; f'isem it-Trinità qaddisa n-nisrani jitwettaq bis-siġill tad-don ta' l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier isawwab fih ħa jikkonsagrah biex ikompli l-missjoni ta' Kristu fid-dinja; u wara li jtemm il-missjoni li l-Mulej sejjaħlu biex jagħmel f'din id-dinja, in-nisrani jħalliha f'isem il-Missier li ħalqu, f'isem l-Iben li fdieh u fl-isem l-Ispirtu s-Santu li ġġustifikah u qaddsu.

Dawn il-veritajiet kollha l-Knisja tridna naħsbu fuqhom hija u tistedinna niċċelebraw il-festa tat-Trinità. Ma hemmx għalfejn naħsbu fuq dawn il-veritajiet kollha kull sena; ikun biżżejjed li naħsbu fuq verità waħda. U dan il-Knisja stess tgħinna biex nagħmluh fil-Liturġija tagħha.

Il-misteru tat-Trinità huwa misteru hekk għoli u hekk kbir li l-moħħ tal-bniedem qatt ma jista' jasal biex jagħraf il-kobor tiegħu kollu, u aktar ma jidħol fil-fond tal-misteru aktar jintebaħ bil-kobor tiegħu: qisha għajn li aktar ma tieħu ilma minnha, aktar tfawwar.

### *It-Trinità u l-Fidwa tagħna*

Din is-sena l-Knisja tridna nimmeditaw fuq il-misteru tat-Trinità qaddisa fid-dawl tal-misteru tal-Fidwa tagħna. Hi meditazzjoni f'waqtha, għaliex sewwasew xahrejn ilu temmejna s-Sena Mqaddsa ta' Ġublew Straordinarju li ma' tulu fakkarna l-1950 sena minn mindu Kristu bata u miet għalina.

Dan tridna niftakru l-Knisja llum hija u tgħidilna, bi kliem l-Appostlu San Ġwann, li Alla hekk ħabb id-dinja li ta l-Ibnu l-waħdieni biex kull min jemmen fih ma jintilifx, imma jkollu l-ħajja ta' dejjem.

Dan il-kliem ta' l-evanġelista hu ta' għajnuna kbira għalina biex nimmeditaw fuq il-misteru tat-Trinità qaddisa fid-dawl tal-fidwa tagħna.

Il-Mulej hu Alla li jagħder u jħenn, tqil biex jagħdab u kbir fit-tjieba u l-ħniena. Hekk tħabbrilna l-Knisja llum hija u tfakkarna li kien Alla stess li ħabbar dan lil Mose'. Il-Lhud fid-deżert kemm-il darba webbsu qalbhom ma' Alla u meta lil Mose' damu erbgħin ġurnata ma jarawh għax kien fuq il-muntanja tas-Sinaj jitkellem ma' Alla, għamlu għoġol tal-metall imdewweb u qimuh bħala alla tagħhom.

Fil-ġrajja tal-Lhud għandna l-ġrajja tal-ġnus ta' l-art, għax il-bnedmin kollha tħażżnu u lil Alla warrbuh fil-ġenb u għamlu għalihom allat oħra. Imma Alla, fil-kobor tat-tjieba tiegħu, ħafrilhom ħtijiethom u ħżunithom u tahom il-mezz biex ipattu għalihom.

F'din l-opra ta' ħniena u mogħdrija li wasslet għall-ħelsien tal-bniedem mill-jasar li fih waqa' bi dnubietu, kellhom sehem it-Tliet Persuni tat-Trinità qaddisa: kien il-Missier li fil-kobor tal-ħniena tiegħu bagħat lil Ibnu l-Waħdieni stess fid-dinja biex bih issalva; kien l-Iben illi, kif naqraw fl-ittra lil-Lhud, qal: "Hawn jien ġej biex nagħmel ir-rieda tiegħek, o Alla"; u kien l-Ispirtu s-Santu li bil-qawwa tiegħu l-Iben ta' Alla sar bniedem fil-ġuf tal-Verġni Marija u ġie minnu ikkonsagrat biex iwassal il-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni lill-bnedmin u jniedi s-sena tal-grazzja tal-Mulej.

### *It-tislima tal-Knisja*

Kliem l-Evanġelju ta' San Ġwann hu mwettaq mit-tislima li biha San Pawl jagħlaq l-ittra tiegħu lill-Korintin, tislima li l-Knisja ta' spiss tagħtina fil-bidu taċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa: Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu tkun magħkom ilkoll.

U verament kienet l-imħabba bla qies ta' Alla għalina li tat bidu għall-oħra tal-Fidwa, kif qalilna San Ġwann: Alla hekk ħabb id-dinja...; u l-Fidwa tagħna seħħet bil-grazzja li kisbilna l-Mulej Ġesù bil-mewt tiegħu fuq is-Salib, grazzja li tissawwab fina bla heda permezz tas-Sagramenti li huma mfissra mid-demm u l-ilma li ħarġu mill-qalb ta' Ġesù meta ġiet minfuda mil-lanza; u l-frott tal-

fidwa hija l-għaqda bejnietna u ma' Alla bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu li jżomm sħiħa fina r-rabta tas-sliem u jgħinna nħabirku għall-perfezzjoni u nkunu lkoll fehma waħda fi Kristu.

## TALBA TAL-FIDILI

Naduraw illum u b'ferħ kbir nigglorifikaw lill-Missier, u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu ,u flimkien b'qalb waħda ngħidu:
**Glorja lill-Missier, u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.**

Missier Alla li tista' kollox f'isem Ibnek ,ibgħat l-Ispirtu s-Santu fil-Knisja biex iħarisha u jeħlisha minn kull tiġrib tal-ħżiena u jżommha sħiħa fl-imħabba u l-verità tiegħek.

Mulej, Missier, qaddis ibgħat ħafna ħaddiema għall-ħsad biex igħallmu l-ġnus kollha u jgħammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu.

Missier ħanin wettaq bil-grazzja tiegħek lil dawk li huma mġarrbin minħabba f'ismek u agħtihom l-Ispirtu tal-verità u tal-qawwa, kif wiegħed Kristu Ibnek.

Missier Alla li tista' kollox, agħtina li nagħarfu lilek, u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu, ħa nemmnu li int Alla wieħed, jittamaw fik u jħobbuk.

Missier qaddis ,aħna ma nafux x'għandna nitolbu kif imiss; ibgħatilna l-Ispirtu tiegħek fin-nuqqas ta' ħila tagħna u jidħol għalina quddiemek bit-talb tiegħu. Bi Kristu Sidna.

## IL-ĠISEM U D-DEMM TAL-MULEJ

Il-Ħadd li għadda, il-Knisja, hija u tiċċelebra l-misteru tat-Trinità qaddisa, fakkritna fil-kobor ta' l-imħabba ta' Alla li tana lill-Ibnu stess biex bih niksbu s-salvazzjoni. Illum ukoll il-Knisja trid tkellimna fuq il-kobor ta' l-imħabba ta' Alla għalina, u tgħidilna li Alla mhux biss tana lill-Ibnu stess biex isalvana, imma ried ukoll li Ibnu l-Waħdieni, wara li jtemm il-missjoni tiegħu fid-dinja, jibqa' fostna għal dejjem biex ikun ikel u xorb għal ruħna ħa jwettaqna fil-mixi tagħna lejn is-sema, issa li l-bibien tas-sema hu fetaħhomlna mill-ġdid meta, rebbieħ u glorjuż, reġa' lura għand il-Missier.

*Il-ħobż li niżel mis-sema*

Il-misteru ta' l-Ewkaristija li aħna qegħdin niċċelebraw illum ifakkarna f'dak li Ġesù għamel għalina bil-Passjoni u l-mewt tiegħu fuq is-salib; ifisser u jġib l-għaqda bejnietna fi Kristu; u huwa rahan tal-ħajja ta' dejjem.

"Min jiekol ġismi u jixrob demmi", igħidilna Ġesù, "għandu l-ħajja ta' dejjem u jiena nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum". Dan il-kliem Ġesù qalu lil-Lhud wara li kien għamel il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż, miraklu li bih Ġesù ried iħabbar il-misteru ta' l-Ewkaristija li kellu mbagħad iwaqqaf fl-Aħħar Ikla mad-dixxipli tiegħu qabel bata għalina. Wara l-miraklu l-Lhud marru bil-folol wara Ġesù u Ġesù ċanfarhom għax marru warajh mhux biex jisimgħu t-tagħlim tiegħu imma għax sabu x'jieklu bla ħlas. Ġesù għalhekk stedinhom biex ifittxu l-ħobż veru, il-ħobż ħaj li niżel mis-sema, dak il-ħobż li tiegħu kienet xbieha l-manna li l-Lhud kielu fid-deżert tul l-erbgħin sena li għexu hemm fil-mixi tagħhom mill-Eġittu għall-Art imwegħda minn Alla lil missirijiethom.

Il-Lhud, tul il-mixi tagħhom fid-deżert, għaddew minn ħafna tiġrib: batew il-ġuħ u l-għatx, iltaqgħu ma' ħafna ġnus egħdewwa, għamlu għalihom srieq jaħarqu u skorpjuni; imma Alla qatt ma abbandunahom. Taħom rebħa fuq l-egħdewwa kollha tagħhom, ħelishom mis-sriep u l-iskorpjuni, ħarġilhom l-ilma minn blata żonqrija, bagħtilhom l-ikel mis-sema kollu ħlewwa u benna, il-manna, l-ikel tal-qalbenin li wettaqhom fil-mixi tagħhom lejn l-art imwegħda lilhom.

Dak li ġara lil-Lhud hu sinjal u tagħlim għalina, għaliex aħna wkoll bħal-Lhud mexjin mid-deżert ta' din id-dinja fost ħafna perikoli u theddid, u sejrin lejn Art imwegħda lilna minn Alla, lejn is-sema pajjiżna. Aħna wkoll għandna 'l Alla magħna f'dan il-mixi tagħna u lilna wkoll iwettaqna b'ikel mis-sema, veru ikel tal-qalbenin, kollu ħlewwa u benna, wisq aqwa mill-manna li l-Lhud kielu fid-deżert. Il-Lhud kielu l-manna fid-deżert, imma lkoll mietu qabel daħlu fl-art imwegħda, imma aħna li nieklu l-ikel ħaj li niżel mis-

sema ma mmutux, għaliex dan l-ikel ħaj hu l-Ġisem ta' Kristu, li, kif qalilna Ġesù stess, min jiekol minnu jgħix għal dejjem, il-mewt ma għandhiex setgħa fuqu, għax is-setgħa tagħha qeridha Kristu bil-qawmien tiegħu mill-imwiet.

*Rahan tal-ħajja ta' dejjem*

L-Ewkaristija hija għalina rahan tal-ħajja ta' dejjem, għaliex tqawwi fina dik il-ħajja ta' Alla li tnisslet fina fil-Magħmudija tagħna bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu; dik il-ħajja ta' Alla li qatt ma tista' tiġi megħluba mill-mewt, għaliex l-Ispirtu li qajjem lil Kristu mill-imwiet, għad iqajjem ukoll il-ġisem tagħna li jmut, għax fih ikun hemm il-ħajja ta' Alla li ngħatat lilna mill-Ispirtu s-Santu stess fil-Magħmudija u li kibret u ssaħħet fina bl-Ewkaristija mqaddsa.

*Sinjal ta' għaqda*

Imma l-Ewkaristija mqaddsa mhijiex biss rahan għalina li għad inqumu għall-ħajja ta' dejjem fil-glorja tas-sema; l-Ewkaristija tfisser ukoll u ġġib l-għaqda bejniethom fi Kristu ta' dawk kollha li huma ta' Kristu. Dan qalulna San Pawl fit-tieni qari tal-Quddiesa. Fil-ħajja tagħna ta' kuljum fid-dinja kull wieħed minna għandu l-fehmiet tiegħu, il-ħidma tiegħu, il-ħsbiijiet u x-xewqat tiegħu, it-tamiet u l-biża' tiegħu, li ma humiex ta' l-oħrajn; imma meta ninġabru flimkien għaċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, għall-Ewkaristija mqaddsa, aħna ninsabu flimkien għaliex nistqarru fidi waħda, irċevejna Magħmudija waħda, u nqimu Alla wieħed u Missier ta' kulħadd: ninsabu miġburin flimkien qisna xirka waħda, madwar altar wieħed, biex niċċelebraw l-Ewkaristija, biex niċċelebraw flimkien mas-saċerdot il-Quddiesa li hi t-tiġdid tas-sagrifiċċju tas-Salib. Fil-Quddiesa aħna nġeddu dak li għamel Ġesù fl-Aħħar Ikla tiegħu mad-dixxipli qabel bata għalina, u meta nagħmlu dan inkunu nħabbru l-mewt tal-Mulej, kif i għidilna San Pawl, inkunu qegħdin inġeddu s-sagrifiċċju tal-Kalvarju; għalhekk inkunu qegħdin nissieħbu ma' Ġesù fil-mewt tiegħu fuq is-Salib: Il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu t-talba ta' barka fil-Quddiesa biex l-inbid li jkun hemm fih isir id-demm ta' Kristu, u l-ħobż li bit-talba ta' Barka tal-Quddiesa nikkonsagrawh ħa jsir il-Ġisem ta' Kristu biex imbagħad naqsmuh ħa nitqarbnu bih, igħidilna San Pawl, jagħmluna xirka ma' Kristu, igħaqduna ma' Kristu: L-Ewkaristija tgħaqqadna ma' Kristu!

Iżda l-Ewkaristija ma tgħaqqadniex biss ma' Kristu, tgħaqqadna wkoll bejnietna: għax l-Ewkaristija hi waħda, igħidilna San Pawl, aħna li aħna ħafna, biha nsiru ġisem wieħed, il-Ġisem ta' Kristu, li hu l-Knisja. Jekk aħna tassew qed nieħdu sehem sħiħ u ħaj fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija, ma għandux ikun hemm firdiet bejnietna, ma għandniex ningħażlu minn xulxin, ma għandniex infittxu

li ma nitħalltux ma' oħrajn li huma dgħajfin fil-fidi jew neqsin minnha, biex ma jkunux ta' tfixkil għalina, iżda għandna nfittxu li ningħaqdu magħhom biex ngħinuhom: l-Ewkaristija għandha l-qawwa fiha li twassalna biex negħilbu kull ma jista' jifridna u tagħmilna lkoll aħwa fi Kristu.

## TALBA TAL-FIDILI

Sidna Ġesù Kristu ħejjielna ikla li għaliha mistieden kulħadd; fiha jagħtina ġismu bħala ikel u demmu bħala xorb għall-ħajja ta' dejjem. Nitolbuh għalhekk u ngħidulu:

**Kristu, ħobż tas-sema ħaj agħtina l-ħajja ta' dejjem.**

Kristu, Bin Alla l-ħaj, int tridna niċċelebraw l-Ewkaristija b'tifkira tiegħek: agħti l-Knisja li tiċċelebra dan l-mistreu b'fedeltà sħiħa ħalli tistagħna bil-ġid tiegħu.

Kristu, ħobż ħaj li niżel mis-sema, int tagħmel ġisem wieħed lil dawk kollha li jieħdu sehem fl-Ewkaristija: kattar is-sliem u saħħaħ il-għaqda bejn dawk kollha li jemmnu fik u tħalli xejn jifridhom minn xulxin u minnek.

Kristu int il-Qassis il-kbir tagħna, ibqa' saltan fuqna u ixħet il-barka tiegħek fuq il-bliet u l-irħula ta' pajjiżna li dejjem ħabbewk.

Kristu, int tgħajjixna b'Ġismek u Demmek: saħħaħ il-mixi tagħna sa ħdejk bil-qawwa ta' dan l-ikel.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, aħna u nħabbru l-mewt u l-qawmien tiegħek mill-imwiet, waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, nitolbuk tkattar dejjem fina l-frott tas-salvazzjoni. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

**Solennità tal-Qalb ta' Ġesù**

TALBA TAL-FIDILI

B'qalbna qawwija nersqu llum lejn it-tron tal-grazzja, nitolbu għajnuna f'waqtha fit-tiġrib kollu li minnu għaddejjin fid-dinja tal-lum.

Mulej Ġesù, int ridt li qalbek tkun minfuda b'lanza u joħroġ minnha demm u ilma biex minnha titnissel il-Knisja, l-għarusa tiegħek; naddaf il-Knisja tiegħek minn kull tebgħa u qaddisha.

Mulej Ġesù, int ta' qalb ħelwa u umli, iġbed lejk qlub dawk kollha li huma mtaqqlin u mħabbtin mill-hemm tad-dinja, u agħtihom li jsibu fik il-mistrieħ ta' qalbhom.

Mulej Ġesù, int l-għajn tal-ħajja u tal-qdusija; xerred fuq id-dinja kollha kotra ta' barka u sliem.

Mulej Ġesù, mill-ħajja tiegħek aħna lkoll ħadna: xerred fuqna bil-kotra l-grazzja u l-verità tiegħek.

Mulej Ġesù Kristu, fik jinsabu t-teżori kollha tas-sapjenza u ta' l-għerf; permezz tal-Knisja tiegħek għallimna l-għerf tal-ħwejjeġ tas-sema. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## ĦAJJA ĠDIDA FI KRISTU

*Dmirna bħala nsara*

Wara li flimkien mal-Knisja għexna mill-ġdid il-misteru tal-Fidwa tagħna, mill-miġja ta' Kristu fid-dinja bħala bniedem, sat-tlugħ fis-sema, il-Knisja issa tul il-Ħdud kollha li ġejjin tistedinna nissieħbu fil-ħidma li l-Ispirtu s-Santu jagħmel fil-Knisja għall-kobor tagħha tul iż-żminijiet sat-tmiem ta' kollox.

Illum il-Knisja se tgħidilna x'jeħtieġ nagħmlu biex inkunu nistgħu nagħtu sehemna fil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu għall-kobor tal-Knisja fid-dinja. Iżda qabel tgħidilna dan, il-Knisja tfakkarna li huwa dmir tagħna li dan nagħmluh għax insara, għaliex aħna dħalna għal dan id-dmir fil-Magħmudija tagħna.

Fit-tieni qari tal-Quddiesa smajna lil San Pawl igħidilna li aħna li ndfinna ma' Kristu permezz tal-Magħmudija, miegħu aħna qomna għall-ħajja ġdida. Dan ifisser li meta aħna rċevejna l-Magħmudija aħna mitna għad-dnub, jiġifieri tajna kelma lil Alla li se niċħdu d-dnub u l-qerq tal-ħażen, biex ngħixu ħajja ġdida skond ir-rieda ta' Alla. Din il-ħajja ġdida li rridu ngħixu titlob minna li nfittxu nagħmlu dejjem dak li hu tjieba, ġustizzja u verità. Fi kliem ieħor irridu nkunu dejjem twajbin ma' kulħadd, ukoll ma' dawk li xi darba għamlulna d-deni u naqsuna, għandna naħfrulhom ħtijiethom u ngħinuhom kull meta jeħtieġu l-għajnuna; għandna nistabru b'kull min idejjaqna, nagħdru lil min jiżbalja u ngħinuh, jara l-iżball tiegħu, u nuru ħniena ma' kulħadd; għandna nagħtu lil kulħadd dak li ħaqqu, u ma nagħmlu qatt lil ħaddieħor dak li ma nixtiqux li ħaddieħor jagħmel lilna; ma għandniex inkunu mkabbrin ma' l-oħrajn u nistmerru lil min hu fqir jew imsejken u nwaqqgħuh għaċ-ċajt; għandna nfittxu dejjem dak li hu sewwa, naħarbu l-gideb, it-tgħajjir, il-malafami, il-ġlied u l-inkwiet. Meta nkunu nagħmlu dan kollu nkunu qegħdin inħabirku għat-tixrid tas-saltna ta' Alla fid-dinja, inkunu qegħdin nissieħbu fil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu biex il-Bxara t-tajba ta' l-imħabba dejjem aktar tinxtered fid-dinja.

Din hi l-missjoni tal-Knisja fid-dinja, u aħna bħala mgħammdin u membri tal-Knisja, aħna fid-dmir nagħtu sehemna biex din il-missjoni ma tieqaf qatt.

*X'jiġifieri terfa' salibek*

Iżda biex is-sehem tagħna jkun tassew jiswa, jeħtieġ nilqgħu l-istedina li għamlilna Ġesù llum fl-Evanġelju: stedina biex nerfgħu salibna u mmorru warajh.

Verament meta l-ġenituri tagħna ħaduna l-knisja biex igħammduna huma aċċettaw għalina li aħna nimxu wara Ġesù, u dak li

għamlu l-ġenituri tagħna meta konna għadna trabi, aħna wettaqnih meta rċevejna s-Sagrament tal-Griżma. Imma tul ħajjitna kollha, kemm ftaqarna li għażilna li nimxu wara l-Mulej, mgħobbijin bis-salib tagħna? kemm-il darba ftakarna li fil-Magħmudija aħna ċħadna d-dnub u l-qerq tal-ħażen u ġeddidna din iċ-ċaħda dak innhar li rċevejna l-Griżma? U forsi wkoll ħsibna li l-kliem ta' Ġesù ma kienx igħodd għalina imma jgħodd biss għas-saċerdoti u s-sorijiet. Imma Ġesù kliemu qalu għal dawk kollha li għażlu li jimxu warajh, jiġifieri għal dawk kollha li rċevew il-Magħmudija li biha wieħed isir dixxiplu u appostlu tal-Mulej. Kull min hu mgħammed hu dixxiplu u appostlu tal-Mulej, kull wieħed skond is-sejħa tiegħu: qassis bħala qassis, soru bħala soru, missier u omm bħala ġenituri, ħaddiem bħala ħaddiem, u hekk kulħadd.

Meta Ġesù jitlobna nerfgħu salibna u nimxu warajh, fl-aħħar mill-aħħar ma jkunx qiegħed jitlobna ħlief inżommu ruħna 'l bogħod mid-dnub u naqdu sewwa d-dmirijiet tagħna kollha bħala nsara u fis-soċjetà tal-bnedmin. Iżda għax dan kemm-il darba jitlob minna ħafna sagrifiċċji u xi kull tant sagrifiċċji kbar, Ġesù jxebbah dan ma' l-irfigħ tas-salib; u jxebbħu wkoll maċ-ċaħda tal-ġenituri tagħna, ta' ħutna u ta' qrabatna. Dan ma jfissirx li ma għandniex inħobbuhom; ifisser biss li għandna niċċaħdu minn din l-imħabba tagħhom jekk din se tkun ta' tfixkil għalina fil-qadi ta' dmirijietna u fis-sejħat li jagħmlilna l-Mulej; u ċaħda bħal din titlob sagrifiċċju kbir minn għandna, hi salib kbir għalina.

*Kif insibu l-ħajja*

Iżda ma għandniex naqtgħu qalbna minn dawn is-sagrifiċċji, u Ġesù jqawwilna qalbna għalihom billi jgħidilna li meta aħna nagħmlu dawn is-sagrifiċċji għalih, sagrifiċċji li jistgħu jwasslu biex nagħtuh ħajjitna kollha, aħna lil ħajjitna ma nitilfuhiex, imma nsibuha fil-ħajja ta' dejjem: niksbu premju bla qies fil-ġenna.

U dan Ġesù jwettqu għaliex igħidilna li kull egħmil tajjeb li nagħmlu għandu l-premju tiegħu: ukoll jekk nagħtu tazza ilma friska lil wieħed fqir u nagħtuhielu għall-imħabba ta' Kristu, mhux se nitilfu l-ħlas tagħha. Wisq u wisq aktar mhux se nitilfuh jekk nagħmlu xi ħaġa aqwa minn hekk. Ġesù jsemmilna l-ħlas li wieħed jieħu jekk jilqa' profeta għandu, u l-Knisja tagħtina xi ħjiel ta' dan il-premju meta fl-ewwel qari tgħidilna x'ġara lill-mara ta' Sunem, għaliex ħenniet għall-profeta Eliżew, laqgħetu f'darha u ħadet ħsiebu. Taha dak li dejjem xtaqet u qatt ma rnexxielha li jkollha: taha iben meta żewġha kien xjieħ.

Meta aħna nagħmlu xi egħmil ta' ġid ma' xi ħadd fil-bżonn, meta aħna nissagrifikaw ruħna għall-ġid ta' l-oħrajn, inkunu qegħdin nagħmlu xi ħaġa wisq aqwa minn dak li għamlet il-mara ta' Sunem; inkunu qegħdin induru b'Ġesù stess, li hu mhux biss profeta, imma wkoll il-Qassis il-kbir, is-Sultan tagħna. Forsi xi ħadd jistaqsi:

kif inkunu nduru b'Ġesù stess, meta ngħinu lil min hu fil-bżonn? It-tweġiba jagħtihielna Ġesù nnifsu: kull ma nagħmlu ma' l-iċken minn fost ħutna fil-bżonn Ġesù jqisu magħmul miegħu.

Ma naqtgħux mela qalbna mis-slaleb li rridu nerfgħu tul ħajjitna f'din id-dinja biex ngħixu ta' nsara u nħobbu lil kulħadd fi Kristu billi nagħmlu l-ġid mingħajr ma nħarsu lejn l-uċuħ. Il-ħlas tagħna jkun kbir fis-sema.

## TALBA TAL-FIDILI

Aħna u nroddu ħajr illum lill-Mulej Ġesù għaliex uriena permezz ta' l-Evanġelju x'inhi l-ħajja li jridna ngħixu biex inkunu tassew dixxipli tiegħu, nitolbuh jagħtina l-grazzji kollha li neħtieġu biex ngħixu din il-ħajja.

Qawwi l-poplu li int ksibt għalik biex iżomm sħiħ fil-wegħdiet tiegħu li jiċħad id-dnub u l-qerq tal-ħażen.

Dawwal il-fehma ta' kull bniedem li hawn fid-dinja biex f'kull ma jagħmel, jaħseb u jgħid, ifittex dejjem il-verità, il-ġustizzja u t-tjieba.

Qanqal qlub in-nies kollha li ma jonqoshom xejn biex jiftakru fl-eluf ta' eluf ta' bnedmin li fid-dinja tal-lum qegħdin imutu bil-ġuħ u mhumiex igħixu ħajja li tixraq il-bniedem.

Agħtina li nifhmu sewwa x'inhi s-sejħa tagħna bħala nsara ħa nkunu dejjem lesti nagħmlu kull sagrifiċċju biex ngħixuha kif tridna int.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, int wegħidtna li nsibu ħajjitna jekk nerfgħu salibna u nimxu warajk, qawwina bil-grazzji tiegħek ħa nkunu nistgħu negħilbu kull ma jista' jkun ta' tfixkil għalina ħa nagħmlu r-rieda tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## QALB ĦELWA U UMLI

*Il-ħlewwa u l-umiltà ta' Kristu*

Fiż-żmien li jiġi wara l-festa ta' Għid il-Ħamsin, il-Knisja tistedinna nimmeditaw fuq il-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu biex tkompli sseħħ il-missjoni li Kristu ġie jagħmel fid-dinja, missjoni li għaliha aħna, bħala mgħammdin, aħna fid-dmir li jkollna sehem fiha. Iżda ma jistax ikollna veru sehem f'din il-ħidma jekk ma nkunux nixbhu lil Kristu. Għalhekk Ġesù stess illum qiegħed jistedinna u jgħidilna: "Tgħallmu minni għax jien ta' qalb ħelwa u umli". Ġesù rebaħ iddinja mhux b'xi wiri ta' qawwa u ta' setgħa, imma bl-umiltà u l-ħlewwa tiegħu: meta għajruh ma weġibx, meta tawh bil-ħarta ma waqfilhomx, meta gidbu fuqu u ġabu xhieda qarrieqa kontrih ma fetaħx fommu, fuq is-salib talab maħfra lill-Missier għal dawk li kkundannawh. Minn kull fejn kien igħaddi, kien jagħmel il-ġid, ifejjaq il-morda, ifarraġ lill-imnikktin, jaħfer il-midinbin, qalbu dejjem miftuħa għat-tbatijiet tal-bnedmin. Ħenn għalina fit-tiġrib kollu tagħna, u mingħajr ma neħħielna t-tbatijiet tagħna, uriena kif setgħu jkunu mezz ta' salvazzjoni għalina, jekk inġarrbuhom flimkien miegħu. "Ħudu fuqkom il-madmad tiegħi," qalilna, "għax il-madmad tiegħi ħelu u t-toqol tiegħi ħafif". Il-piż tas-salib tagħna, li fuqu l-Mulej Ġesù kellimna l-Ħadd li għadda, jeħfifilna jekk ikollna lil Ġesù jerfgħu magħna!

*Inkunu bħal Kristu*

Imma fostna ħafna minna jaraw tqil il-madmad ta' Kristu u iebes it-toqol tiegħu. Dan għaliex? It-tweġiba jagħtihielna Ġesù stess bl-imġiba tiegħu. Is-salib tagħna narawh tqil jekk ma nkunux nixbhu 'l Ġesù; is-salib tagħna narawh iebes jekk ma nkunux umli bħalma kien Ġesù, li rebaħ proprju bl-umiltà u x-xejn tiegħu, kif ħabbar il-profeta Żakkarija fl-ewwel qari tal-lum.

Is-sultan ġust u rebbieħ dieħel fil-belt tiegħu, umli u riekeb fuq ħmara, fuq felu ta' ħmara, li jeqred il-karrijiet u l-qaws tal-gwerra u jxandar il-paċi lill-ġnus u jwaqqaf is-saltna tiegħu sa truf l-art kollha, huwa l-Mulej Ġesù, li ġie fid-dinja, umli u fqajjar, u xejjen lilu nnifsu sal-mewt tas-salib, biex hekk iġib il-paċi bejn Alla u l-bnedmin u jwaqqaf saltna li tħaddan il-ġnus kollha ta' l-art. Saltna mhux ta' din id-dinja, imma saltna ta' ġustizzja, u ta' verità, ta' grazzja, ta' qdusija u ta' sliem.

Din is-saltna trid tkompli tinxtered fid-dinja sa l-aħħar taż-żminijiet, u rridu nkunu aħna li nibnuha bis-sehem li nagħtu fil-missjoni li l-Ispirtu s-Santu qiegħed jagħmel fid-dinja permezz tal-Knisja li tagħna aħna lkoll membri.

*Il-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu fina*

L-Ispirtu s-Santu jaħdem fina biex aħna nkunu nistgħu nagħtu sehem fil-ħidma tiegħu, u jdawwalna wkoll biex nagħarfu x'inhi s-sejħa tagħna u biex naraw kemm hu ħelu l-madmad ta' Kristu u ħafif it-toqol tiegħu. Dmirna għalhekk hu li ngħixu skond l-Ispirtu li fil-Magħmudija tagħna niżel igħammamr fina, biex iħollna mill-irbit tal-ħażen, mill-kburija tal-ħajja u mill-ġibdiet kollha tal-ġisem.

Sakemm aħna ma nxekklux l-Ispirtu ta' Alla li jaħdem fina, aħna nkunu qegħdin ngħixu skond l-Ispirtu kif iħeġġiġna nagħmlu San Pawl, fit-tieni qari tal-lum. Dan x'ifisser? Igħidulna San Pawl kemm-il darba fl-ittri tiegħu, meta jgħidilna x'inhuma l-egħmejjel ta' l-Ispirtu: huwa dak kollu li hu tjieba, verità u ġustizzja; hu sabar fit-tiġrib, hu mogħdrija u ħniena ma' l-oħrajn, hu għajnuna lil min hu fil-bżonn, imma fuq kollox hu l-imħabba. Min iħobb jaf jistabar u jħenn, ma jinkorlax, ma jżommx f'qalbu għad-deni, ma jifraħx bl-inġustizzja imma jifraħ bil-verità, kollox jagħder, kollox jemmen, kollox jittama, kollox jissaporti; mhuwiex għajjur, ma jintefaħx bih innifsu, ma jitkabbarx fuq l-oħrajn, ma jagħmilx dak li mhux xieraq, u għalhekk jinħafrulu kotra ta' dnubiet.

*Inroddu ħajr 'l Alla għax għarrafna x'inhi l-umiltà*

Mhux kulħadd jifhmu dan; aħna stess ma nifhmuhx jekk nibqgħu naħsbu kif jaħsbu l-bnedmin tad-dinja, li jmaqdru 'il min hu umli u twajjeb għax iqisuh bla ħila u ma hu se jasal imkien fid-dinja. Għalhekk għandna għax inroddu ħajr lil Alla flimkien mal-Mulej Ġesù llum, jekk wasalna biex nifhmu li d-dinja se nirbħuha kif rebaħha Ġesù: jekk bħalu nkunu ta' qalb ħelwa u umli. Bil-ħeġġa kollha ta' qalbna nkunu nistgħu mbagħad ngħidu t-talba ta' Ġesù fl-Evanġelju tal-lum: "Infaħħrek, Missier Sid is-sema u l-art, talli inti l-kobor tat-tjieba u ta' l-umiltà u s-siwi tagħhom għar-rebħ tad-dinja, ħbejthom lill-għorrief tad-dinja u lil dawk kollha li kburin bihom infushom jaħsbu li jifhmu f'kollox. Infaħħruk, Missier, Sid is-sema u l-art, għax int, fil-kobor ta' mħabbtek, għoġbok tirrivela l-qawwa tat-tjieba u ta' l-umiltà lilna ċ-ċkejknin, lilna li fix-xejn tagħna nagħarfu li bil-ħila tagħna biss m'aħniex se naslu mkien, imma kollox nistgħu bl-għajnuna li tagħtina bil-qawwa ta' l-Ispirtu tiegħek, li ssawwab fina fil-Magħmudija tagħna. Iva, Missier, hekk għoġob lir-rieda tiegħek, u ta' dan inroddulek ħajr u nfaħħruk u nsebbħuk tul ħajjitna kollha f'din id-dinja, sa ma jasal il-waqt li fih l-Ispirtu qaddis tiegħek, li qajjem lil Kristu Ibnek mill-imwiet, iqajjem ukoll għall-ħajja ta' dejjem il-ġisem tagħna li jmut biex ma' l-Anġli u l-qaddisin kollha tiegħek, infaħħruk għal dejjem ta' dejjem.

Miġburin flimkien għaċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa f'Jum il-Mulej, nitolbuh jagħtina l-grazzja nitgħallmu nkunu ta' qalb ħelwa u umli biex insibu l-mistrieħ ta' ruħna.

Mulej Ġesù, ieqaf mal-Knisja tiegħek hija u tħabbar lid-dinja l-misteri tas-Saltna tiegħek u tistieden lill-bnedmin kollha biex jilqgħu l-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni.

Ferrex il-popli li jħobbu l-gwerer u ġib fix-xejn il-kubrija tagħhom biex ma jkollhomx aktar ħsibijiet ta' ħsara u ta' deni, imma jħabirku għas-sliem u l-paċi fid-dinja tal-lum.

Uri l-ħniena u t-tjieba tiegħek mal-bnedmin kollha tal-lum imtaqqlin kif inhuma u mħabbtin minn tant tiġrib, u agħtihom li jsibu fik il-mistrieħ ta' ruħhom.

Agħtina li ngħixu mhux skond il-ġisem, imma skond l-Ispirtu li ssawwab fina fil-Magħmudija tagħna, biex isibu ħafif u ħelu t-toqol tal-liġi mqaddsa tiegħek.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, int ta' qalb ħelwa u umli, għallimna nkunu bħalek, biex bil-qawwa tal-fidi tagħna fik, miegħek nirbħu d-dinja. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## Il-15-il Ħadd tas-Sena

## IS-SMIGĦ TAL-KELMA TA' ALLA

*Imwettqin kontra kull tiġrib...*

"It-tbatijiet ta' issa ma għandhom x'jaqsmu xejn mas-sebħ li għad irid jidher fina", smajna lil San Pawl igħidilna fit-tieni qari tal-lum. Kliem sabiħ, iżda għal ħafna minna kemm jista' jkun ta' faraġ fit-tiġrib kollu tagħna? Nemmnu, iva, li għad inkunu fil-hena fil-ħajja ta' dejjem, imma l-ħsieb tal-ħajja ta' dejjem mhux biżżejjed biex itaffilna l-hemm ta' issa, aħna nibku u noqorbu nistennew il-ħelsien minn dan it-tiġrib kollu, ħelsien li qegħdin naraw se jdum ħafna ma jiġina, u għalhekk kważi naqtgħu qalbna minnu.

Iżda kliem San Pawl għandu jqawwilna qalbna, għax ifakkarna li dan il-ħelsien aħna ġà ksibnih fil-Magħmudija tagħna, u għalkemm għadna nħossu t-toqol kollu tal-ħajja f'din id-dinja ta' taħsir u ta' ħsara, aħna m'aħniex mgħattnin minnha, m'aħniex mitluqin waħedna, għax għandna lil Alla magħna bl-Ispirtu qaddis tiegħu li jwettaqna, iħarisna u jqawwina kontra kull tiġrib u kull taħsir.

*... bil-qawwa tal-Kelma ta' Alla*

B'liema mod jagħmlu dan magħna l-Ispirtu ta' Alla? Bil-Kelma ta' Alla. L-Ispirtu ta' Alla tul iż-żminijiet kollha tal-Patt il-Qadim nebbaħ lil dawk li kitbu l-kotba ta' l-Iskrittura biex jiktbu dak kollu u dak biss li Alla ried iwassal lill-bnedmin bħala l-Kelma tiegħu għas-salvzazjoni tagħna. Din il-Kelma ta' Alla miktuba titħabbrilna kull nhar ta' Ħadd waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, u din il-Kelma ta' Alla nistgħu, jekk irridu, nisimgħuha titħabbar lilna kuljum ukoll jekk nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa matul il-ġimgħa. Kull darba li fiċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa jinqraw il-Kotba ta' l-Iskrittura, Alla stess ikun qiegħed ikellimna għaliex il-kelma li nkunu qegħdin nisimgħu nkitbet minn min ġie mnebbaħ mill-Ispirtu s-Santu biex jiktibha.

Hija l-Kelma ta' Alla li titħabbrilna waqt il-Quddiesa li tqawwilna qalbna fit-tiġrib kollu li ngħaddu minnu tul ħajjitna fid-dinja; hija l-Kelma ta' Alla li tħaffilna t-toqol tas-slaleb tagħna għax turina li għandna 'l Ġesù qiegħed jerfagħhom magħna; hija Kelma ta' Alla li tgħidilna li għad inkunu meħlusa mill-jasar tat-taħsir ta' din il-ħajja u niksbu l-fidwa ta' ġisimna. U l-Kelma ta' Alla ma tiżbaljax, kif jurina l-profeta Isaija f'waħda mill-isbaħ siltiet mill-Ktieb tiegħu.

*Il-qawwa tal-Kelma ta' Alla*

"Bħalma x-xita u s-silġ jinżlu mis-smewwiet u ma jerġgħux lura imma jsaqqu l-art u jġegħluha tnissel u tagħti ż-żerriegħa 'l min jiżra' u l-ħobż 'il min jiekol, hekk il-kelma ta' Alla: ma terġax lura vojta imma tagħmel dak li Alla bagħatha tagħmel."

Il-qawwa tal-Kelma ta' Alla narawha l-aktar fis-sagramenti mqaddsa: meta s-saċerdot lill-midneb igħidlu l-kelma tal-Mulej: "Dnubietek maħfura", id-dnubiet kollha tal-midneb jitħassrulu, qishom ma kienu qatt; meta s-saċerdot fuq l-altar igħid kliem il-Mulej: "Dan huwa ġismi — dan huwa demmi" fuq il-ħobż u l-inbid, dawn ma jibqgħux aktar ħobż u nbid, imma jsiru l-Ġisem u d-Demm tal-Mulej; meta lil dak li se jirċievi l-Griżma jgħidlu: "Ħu s-siġill tad-don ta' l-Ispirtu s-Santu," l-Ispirtu ta' Alla jimmarkalu ruħu b'siġill li ma jitħassar qatt; siġill li juri li dak li ġie mmarkat bih hu membru kbir tal-Poplu l-ġdid li l-Mulej kiseb għalih. U hekk għas-Sagramenti l-oħra.

Iżda l-Kelma ta' Alla mhux dan biss tagħmel; hija twissi u tħeġġeġ, tqawwi l-qalb u ċċanfar: hi għajnuna għalina li qatt ma tonqosna. Imma allura, għaliex, minkejja li nisimgħu l-Kelma ta' Alla Ħadd wara l-ieħor, ma naraw ebda bidla fina, nibqgħu li konna, bl-istess difetti u nuqqasijiet tagħna, meta Isaija jgħidilna li l-Kelma ta' Alla tagħmel dejjem dak li Alla jibgħatha tagħmel? It-tweġiba jagħtihielna Ġesù stess fl-Evanġelju tal-lum.

Il-Kelma ta' Alla ma tagħmilx dejjem fina dak li Alla bagħatha tagħmel, mhux għax ma tistax tagħmlu, imma għaliex aħna nxekkluha, u x-xkiel li nagħmlu lill-Kelma ta' Alla xi kull tant jasal ukoll biex lanqas tasal għandna. Dan Ġesù jgħidulna bil-parabbola tal-bidwi li ħareġ jiżra' u ż-żerriegħa biċċa waqgħet fil-mogħdija u l-għasafar naqqruha, biċċa waqgħet fejn ma tantx kien hemm ħamrija u nibtet imma malajr nixfet għax ma kellhiex egħruq, biċċa waqgħet qalb ix-xewk u meta nibtet dan ħonoqha, u biċċa waqgħet f'art tajba u għamlet ħafna frott.

B'din il-parabbola Ġesù wriena x'inhu x-xkiel kollu li aħna nistgħu nagħmlu lill-Kelma tiegħu biex ma tagħmilx frott li bagħatha tagħmel fina. Nistgħu ma nagħtux widen għall-Kelma ta' Alla, u nkunu bħal-Lhud ta' żmien Ġesù li kienu jisimgħu kliemu imma jagħlqu widnejhom għalih minħabba li kienu kontrih u għalhekk kull kelma li kien igħid kienu jgħawġuha: għalqu għajnejhom għall-verità u baqgħu fl-għama tagħhom li seta' jwassalhom għattelfien. Kemm nies fi żmienna qegħdin jagħmlu bħal-Lhud ta' żmien Ġesù, igħawġu l-Kelma ta' Alla u jqisuha bħala kelma tal-bniedem għaliex qegħda tikkundanna l-imġiba ħażina tagħhom!

Iżda nistgħu nagħtu wkoll widen għall-Kelma dak il-ħin li qegħdin nisimgħuha u nilqgħuha f'qalbna u naraw kemm hi sabiħa u tajba, iżda mbagħad meta jiġi xi għawġ fuqna, meta jkun meħtieġ li nagħmlu xi sagrifiċċju biex inħarsuha, malajr ninsew issbuħija tagħha u nwarrbuha fil-ġenb, u b'hekk nuru li aħna nsara biss tal-bnazzi, insara biss bil-kliem, għaliex m'aħniex kapaċi nerfgħu salibna wara Ġesù.

Il-kelma ta' Alla nistgħu nilqgħuha wkoll f'qalbna bil-ħeġġa kollha u ngħożżuha, iżda mbagħad tant inkunu mehdijin bil-ħwejjeġ tad-dinja, tant ikollna qalbna marbuta magħhom, illi noħonquha fina, ma nisimgħuhiex aktar, ma nagħtux widen għat-twissijiet u ċ-ċanfir tagħha, qisu dak li tgħid mhuwiex għalina imma biss għal ħaddieħor... Dan huwa t-tfixkil li jagħmlu lill-kelma l-kotra l-kbira ta' l-insara fostna, għaliex fostna ftit huma dawk li ma jridux jisimgħu l-Kelma ta' Alla, għax ftit huma dawk li tilfu l-fidi; ftit ukoll huma dawk li ma tantx jimpurtahom li jgħixu ħajja nisranija għalkemm jemmnu, u għalhekk huma ftit u xejn indifferenti u ma jaħsbuhiex darbtejn biex jittraskuraw id-dmirijiet tagħhom ta' nsara li huma; iżda ħafna huma dawk li jaqdu d-dmirijiet tagħhom ta'

nsara, imorru għall-Quddiesa nhar ta' Ħadd, iqerru darba fit-tant, jisimgħu l-eżerċizzi, jagħtu karità wkoll, u jħarsu l-liġi, imma biss sa fejn jaqblilhom, biss sa fejn ma tfixklilhomx l-interessi tagħhom: huma nsara biss meta jmorru l-knisja u mhux fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.

Fl-aħħarnett hemm dawk li jilqgħu l-Kelma ta' Alla u jħalluha taħdem fihom bla ebda xkiel: dawn huma dawk li qegħdin jagħmlu ħilithom li jgħixu ta' nsara mhux biss meta jmorru l-knisja imma fil-mumenti kollha tal-ħajja tagħhom ta' kuljum. Jalla nkunu minn dawn ta' l-aħħar, biex inkunu dejjem henjin u b'qalbna imħejjija mill-aħjar għal meta jiġi l-Mulej jitlobna kont ta' kif għexna s-sejħa tagħna ta' nsara.

## TALBA TAL-FIDILI

Miġburin illum biex niċċelebraw Jum il-Mulej, nitolbuh jagħtina l-grazzja li nagħarfu nħejju ruħna mill-aħjar biex inżommu fina l-Kelma ta' Alla u nagħmlu frott kotran billi nibqgħu sħaħ fil-fehma.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek, hija u xxandar il-Kelma tiegħek lill-ġnus kollha ta' l-art u turihom it-triq tas-salvazzjoni.

Agħmel li l-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni titħabbar sa truf l-art kollha biex il-bnedmin kollha ta' rieda tajba jilqgħuha u jgħożżuha.

Saħħaħ il-fehma ta' kull min hu dgħajjef fostna, biex it-tiġrib u l-hemm tal-ħajja tal-lum ma jkunx ta' tfixkil għalih u jnessih il-Kelma tiegħek.

Tħalli qatt it-tħassib żejjed għall-ġid ta' l-art u l-ġibda għall-ġieħ u l-unuri tad-dinja joħonqu fina l-Kelma setgħana tiegħek.

Mulej Alla li tista' kollox agħmel li l-Kelma tiegħek kull meta titħabbar lilna, tegħleb l-indifferenza u n-nuqqas ta' nteress ta' dawk li ma jridux jisimgħuha jew jemmnuha, biex huma wkoll jilqgħuha bħala Kelma tiegħek u fihom ukoll tagħmel kotra ta' frott. Bi Kristu Sidna.

## Is-16-il Ħadd tas-Sena

# IT-TAGĦLIM BIL-PARABBOLI

*Il-misteru moħbi sa mit-twaqqif tad-dinja*

Għadna kemm smajna lil San Mattew igħidilna li Ġesù, mingħajr xi parabbola ma kienx ikellem lin-nies. Għaliex dan? Kliem Ġesù kien dwar il-ħwejjeġ moħbija tas-saltna tas-smewwiet, ħwejjeġ moħbija sa mit-twaqqif tad-dinja. U x'kienu dawn il-ħwejjeġ moħbija sa mit-twaqqif tad-dinja? Igħidulna San Pawl f'ħafna mill-ittri tiegħu: dawn il-ħwejjeġ moħbija sa mit-twaqqif tad-dinja huma l-pjan ta' salvazzjoni li Alla fil-kobor ta' mħabbtu kien ħejja għad-dinja sa mill-bidu tal-ħolqien, biex il-bniedem jerġa' jikseb lura dak li tilef bl-ewwel dnub: id-dinjità li jissejjaħ u jkun tassew iben Alla u għalhekk werriet tal-ġenna.

Bl-ewwel dnub, bid-dnub ta' Adam, il-bniedem sab ruħu mkeċċi mill-ġenna u taħt il-jasar tad-dnub u l-mewt; iżda Alla, fil-kobor bla qies ta' mħabbtu lill-bniedem, fil-waqt stess li tah il-kastig għad-dnub tiegħu, wegħdu s-salvazzjoni. Din is-salvazzjoni ma kinetx għal ftit bnedmin, jew għal xi poplu wieħed li Alla għażel għalih, imma kienet għall-bnedmin kollha, għall-ulied kollha ta' Adam. Iżda din i-verità ma kinitx magħrufa qabel ġie Ġesù fid-dinja: kien HU li ħabbar li l-bnedmin kollha huma msejħin għas-salvazzjoni, u ried li din l-aħbar tajba tas-salvazzjoni tasal sa truf l-art kollha — għalhekk bagħat l-Appostli li hu għażel biex imorru fid-dinja jgħallmu lill-bnedmin kollha, billi jħabbrulhom dak li Hu stess għallem tul it-tliet snin tal-ħajja pubblika fid-dinja qabel miet fuq is-salib għas-salvazzjoni tad-dinja.

*Għaliex Ġesu' wriena dal-misteru bil-parabboli*

Ġesù huwa u jħabbar x'kien il-pjan tas-salvazzjoni li Alla kien ħejja sa mit-twaqqif tad-dinja, uriena wkoll x'għandna nagħmlu biex fina jseħħ dan il-pjan tas-salvazzjoni ta' Alla. U għaliex aħna bnedmin dgħajfa u moħħna tqil biex nifhmu l-ħwejjeġ ta' Alla, għaliex aħna aktar mehdijin bil-ħwejjeġ ta' din id-dinja, Ġesù kellimna bil-parabboli: b'eżempji mill-ħajja ta' kuljum tal-bniedem fid-dinja huwa wriena x'inhi s-Saltna ta' Alla u x'għandna nagħmlu biex niksbuha. Ġesù tkellem bil-parabboli biex kulħadd jifhmu, iżda ħafna ma fehmuhx. Għaliex? Dan rajnih żewġt Iħdud ilu. Min hu għaref bl-għerf tad-dinja, min hu kburi bih innifsu, il-kliem sempliċi ta' Ġesù ma fehmux; iżda għal dawk li huma umli, għal dawk li mhumiex imkabbrin bihom infushom, għal dawk li għandhom qalbhom miftuħa għall-Kelma ta' Alla, il-parabboli kienu, u għadhom sal-lum, għajnuna kbira għalihom biex jifhmu l-ħwejjeġ moħbija tas-Saltna tas-sema.

*It-tliet parabboli tal-lum*

X'irid igħallimna Ġesù llum bit-tliet parabboli li għadna kemm smajna? It-tlieta jkellmuna fuq is-Saltna tas-Smewwiet, li hi mxebbha ma' ftit ħmira li mara tad-dar tħallat ma' tlitt sigħan dqiq, ma' żerriegħa tal-mustarda li hi l-iżgħar fost iż-żrieragħ kollha imma meta tinbet u tikber issir qisha siġra, u ma' għalqa li fiha jikbru flimkien il-qamħ u s-sikrana.

X'tagħlim irid jagħtina Ġesù llum b'dawn it-tliet parabboli. Ġesù jrid jurina x'qawwa għandha s-Saltna ta' Alla biex, bil-mod il-mod tbiddel għat-tajjeb il-ħajja tad-dinja: kif ftit ħmira f'għaġna sħiħa, hekk it-tnax-il Appostlu li l-Mulej bagħat fid-dinja, bit-tagħlim tiegħu, waslu biex biddlu għat-tajjeb id-drawwiet ta' eluf ta' eluf ta' bnedmin tul iż-żminijiet, permezz tal-Knisja li Hu waqqaf fuq is-sisien ta' l-Appostli. Kienu "merħla żgħira", kif Ġesù stess sejħilhom, imma l-Knisja li huma waqfu saret siġra kbira u tħaddan magħha bnedmin minn kull ġens, poplu, ilsien u nazzjon. Iżda f'din il-Knisja, għalkemm hija xirka tal-qaddisin, f'din id-dinja l-membri tagħha għadhom bnedmin dgħajfa u xi wħud minnhom, forsi ħafna, huma reqdin jekk mhux ukoll mejtin — fil-Knisja fid-dinja, il-ħżiena u t-tajbin jinsabu mħalltin flimkien bħall-qamħ u s-sikrana tal-parabbola. U Ġesù jrid li jekk jibqa' jkun sa l-aħħar tad-dinja, għaliex Hu, fil-kobor tal-ħniena tiegħu, ma jridx li xi ħadd jintilef minn dawk dawk li Hu miet għalihom.

Hu miet għal kulħadd u jrid li kulħadd isalva, għalhekk jagħti żmien għall-indiema lil kull midneb. U mhux biss jagħti żmien għall-indiema lil kull midneb, imma jiġri warajh u juri miegħu kotra ta' tjieba u ħniena.

*Kif il-Mulej isejjaħ għat-triq it-tajba*

X'jagħmel il-Mulej biex ireġġa' lura għat-triq it-tajba lil dawk li tbegħdu minnu? Huma ħafna l-mezzi li l-Mulej juża biex isejħilna għall-indiema, biex jerġa' jħabbibna miegħu meta nitbegħdu minnu bi dnubietna.

Hemm il-Kelma tiegħu li titħabbrilna kull nhar ta' Ħadd waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, il-Kelma tiegħu li tagħmel dejjem kull ma jibgħatha tagħmel, kif rajna l-Ħadd li għadda, il-Kelma tiegħu li twissina, iċċanfarna, twiddibna, u tqawwilna qalbna biex nagħmlu l-pass meħtieġ ħa nerġgħu lura lejn dar Missierna, kif għamel l-iben il-ħali.

Hemm it-talb tal-Knisja kollha li bħala xirka waħda ta' mħabba għandha l-aktar għal qalbha l-ulied morda u mejtin: titlob għalihom biex il-Mulej jagħtihom il-grazzja tal-konverżjoni, jiġifieri biex isejħilhom lura lejh, kollha tama li huma mhux se jagħlqu widnejhom għas-sejħat tiegħu u jħallu l-grazzja tiegħu taħdem fihom.

Hemm l-eżempji tajba ta' dawk kollha li qegħdin igħixu ħajja umli u moħbija fil-ħarsien tal-liġi ta' Alla huma u jagħmlu kotra

ta' ġid ma' ħuthom fil-bżonn, jaħfru lil min hu ħati għalihom u jpattu bil-ġid id-deni li jirċievu.

Hemm fuq kollox il-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu li bla heda jaħdem fil-Knisja, fil-membri kollha tagħha flimkien, u f'kull wieħed minnhom. L-Ispirtu s-Santu jgħinna fin-nuqqas ta' ħila tagħna, iwettaqna fil-fidi tagħna, iqawwilna qalbna kontra kull tiġrib li jista' jiġi fuqna, inebbaħna x'għandna nitolbu lil Alla u kif għandna nġibu ruħna f'kull mument tal-ħajja tagħna f'din id-dinja.

Għalhekk quddiem il-qagħda li fiha ninsabu llum, meta naraw kemm hawn ħażen fid-dinja, kemm qed joktru d-dnubiet, kemm tfixkil qiegħda ssib il-Knisja biex taqdi l-missjoni tagħha fid-dinja; meta naraw kemm gwerer u biża' ta' gwerer hawn fid-dinja, kemm firdiet, kemm ġlied u mibgħeda; ma għandniex għax naqtgħu qalbna: Alla jaf fiex ninsabu, Alla jaf x'neħtieġu għalkemm ma għandniex kliem biex infissruh: hemm l-Ispirtu s-Santu li jinsab dejjem fil-Knisja ta' Kristu u bla heda jidħol għalina fil-ħtiġijiet tagħna, u għalhekk hu ta' wens għalina fil-mixi tagħna mill-widien mudlama ta' din id-dinja sa ma naslu fis-sema pajjiżna.

## TALBA TAL-FIDILI

Illum li qegħdin nisimgħu leħen il-Mulej jirrivelalna l-ħwejjeġ moħbija tas-Saltna tas-sema ma nwebbsux qalbna miegħu, imma bil-ħerqa kollha nagħtu widen għall-kelma tiegħu u nitolbuh jibgħat l-Ispirtu qaddis tiegħu jidħol għalina fin-nuqqas ta' ħila tagħna.

Imbgħat, Mulej l-Ispirtu qaddis tiegħek biex iżomm il-Knisja bla mittiefsa mill-ħażen tad-dinja ħalli dejjem tiddi bil-ġmiel tas-safa u l-qdusija.

Ibgħat, Mulej, l-Ispirtu tal-verità, biex iwassal il-bnedmin kollha ta' rieda tajba għall-verità sħiħa tal-fidi biex il-Knisja tiegħek dejjem aktar tikber u tbiddel għat-tajjeb id-drawwiet tad-dinja.

Ibgħat, Mulej, l-Ispirtu tal-faraġ, biex irattab l-ebusija ta' qalb dawk li tbegħdu mit-triq it-tajba, ħalli jqumu u jerġgħu lura lejk niedma u sogħbiena, bħal iben il-ħali.

Ibgħat, Mulej, l-Ispirtu s-Santu biex jidħol għalina fin-nuqqas ta' ħila tagħna, ħa nkunu nafu x'nitolbu għall-ġid tagħna u taddinja kollha.

Mulej, Missier qaddis, Alla ta' dejjem li tista' kollox, ibgħat l-Ispirtu tiegħek fil-Knisja, biex ibiegħed l-għadu ta' ruħna minn fostna u jżommna dejjem fis-sliem tiegħek. Bi Kristu Sidna.

## NGĦOŻŻU S-SALTNA TA' ALLA

*X'inhi s-Saltna tas-sema*

Il-Ħadd li għadda smajna lill-Mulej ikellimna permezz ta' parabboli fuq is-Saltna tas-smewwiet. Illum kompla kellimna permezz tal-parabboli fuq is-Saltna tiegħu, biex jurina kemm għandha tkun ħaġa għażiża għalina, tant li għandna nkunu lesti nħallu kollox u nissagrifikaw kollox biex niksbuha, għalkemm ħafna minn dawk li kisbuha ftit qegħdin igħożżuha u, jekk ma jintebħux b'dan, jistgħu jitilfuha għal dejjem.

X'inhi mela din is-Saltna ta' Alla li Ġesù llum xebbaħha ma' teżor moħbi f'għalqa li min isibu jmur ibigħ kull ma għandu ħa jixtri l-għalqa u jkollu dan it-teżor kbir, u ma' ġawhra fina tiswa ħafna li wieħed neguzjant ibigħ kull ma għandu biex jixtriha?

Is-Saltna ta' Alla hija l-hena ta' dejjem li l-Mulej għandu mħejjija għal dawk kollha li jħobbuh, għal dawk kollha li jaħdmu id f'id miegħu għall-ġid, għal dawk kollha li hu jsejjaħ biex jieħdu s-sura xbieha ta' Ibnu, għall-bnedmin kollha, għalina lkoll u nwieġbu għas-sejħa tiegħu.

Alla bagħat lil Ibnu stess fid-dinja, biex iħabbeb il-bnedmin kollha miegħu u jwassalhom għall-hena ta' dejjem, għaliex Alla jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw: hu ħalaqhom għalih u fih biss il-bnedmin jistgħu jsibu l-mistrieħ sħiħ ta' ruħhom. Bil-mewt tiegħu fuq is-Salib l-Iben ta' Alla qered id-dnub tal-bniedem u reġa' ħabbu ma' Alla; bl-ilma u d-demm li ħarġu mill-qalb minfuda ta' Ġesù twaqqfet il-Knisja: bil-Magħmudija u bl-Ewkaristija, imfissrin mill-ilma u d-demm li ħarġu mill-ġenb minfud ta' Kristu, isseħħ u tiġġedded bla heda l-Knisja ta' Kristu fid-dinja, il-Knisja li hija s-Saltna ta' Alla fuq l-art miexja lejn il-milja tagħha fil-glorja tas-sema, meta tidher fil-ġmiel u l-kobor kollu tagħha.

*Ftit jafu biha u jħabirku għaliha*

Permezz tal-missjoni tal-Knisja fid-dinja, Alla jsejjaħ lill-bnedmin kollha għas-Saltna tas-smewwiet; imma, kemm fost l-eluf u eluf, u l-għaxriet ta' eluf ta' bnedmin li hawn fid-dinja, jafu b'dan it-teżor moħbi, din il-ġawhra fina, li hi s-Saltna tas-Smewwiet? Kemm lesti jbiegħu kull ma għanhdom beix dan it-teżor, din il-ġawhra tkun tagħhom? U għaliex dan? Għaliex wara li għaddew tant mijiet ta' snin, dsatax-il mitt sena, minn meta Kristu tkellem mal-folol fuq is-Saltna tas-Smewwiet, ftit huma dawk li jafu biha?

Ġesù ried iħalli f'idejn dawk li hu jsejjaħ għas-Saltna tiegħu biex iwasslu l-Bxara t-tajba ta' din is-Saltna lill-bnedmin l-oħra. U dan ma jistgħux ma jagħmluhx, jekk jafu x'siwi kbir hija s-Saltna ta' Alla, għaliex hija ħaġa naturali fil-bniedem li jifraħ bil-ġid kbir

li jikseb u jkun irid igħid lil kulħadd bih, biex jifirħu miegħu.
Imma l-kotra kbira ta' dawk li l-Mulej isejjaħ għas-Saltna tiegħu, il-kotra kbira tagħna l-insara, ftit inħabirku biex nagħmlu dan. Għaliex? Forsi għaliex ma nafux biżżejjed xi grazzja kbira Alla tana meta, sa minn twelidna f'din id-dinja, tana twelid ġdid fl-ilma u l-Ispirtu s-Santu fil-Magħmudija, u qiegħed iwettaqna bla heda f'din il-ħajja ġdida permezz ta' l-Ewkaristija. Forsi għalhekk ħafna minna mħumiex igħixu skond is-sejħa tagħhom ta' nsara li huma, forsi għalhekk ma hemmx qbil bejn il-fidi nisranija li jgħidu li jħaddnu u l-imġiba tagħhom fil-ħajja tagħhom ta' kuljum li ma taqbel xejn mal-ħajja li għandu jgħix min jiftaħar li hu nisrani. Forsi għalhekk ħafna bnedmin ta' rieda tajba għax ma ntebħux bis-siwi kbira tas-Saltna ta' Alla, għaliex dawk li għarfuha mhumiex juruhielhom.
Dan Alla riedu wkoll kif urietna l-parabbola tal-qamħ u sikrana tal-Ħadd li għadda u l-parabbola tax-xibka mixħuta fil-baħar li taqbad kull xorta ta' ħut fl-Evanġelju tal-lum. Fil-Knisja, matul il-mixi tagħha f'din id-dinja, jinsabu dawk li għalkemm ġew imsejħa minn Alla fis-Saltna tiegħu, mhumiex juruh imħabba, qegħdin ikasbru s-sejħa tiegħu; iżda għax iħobbhom, jagħtihom żmien biex jintebħu bin-nuqqas tagħhom, kif rajna l-Ħadd li għadda. Sa l-aħħar taż-żminijiet, fil-Knisja fid-dinja, il-ħżiena se jibqgħu mħalltin mat-tajbin; u dan kemm għax Alla ħanin u jibqa' jagħti sa l-aħħar, żmien lill-ħżiena għall-indiema, u kemm għaliex bit-tigrib tal-midinbin il-Knisja tiegħu dejjem aktar tissaffa u tissaħħaħ u titqaddes, u tidher fil-kobor kollu tagħha l-aktar meta tkun imġarrba fuq li mġarrba mill-ħażen.

*Nitolbu lil Alla għerf u għaqal biex ngħożżu s-Saltna tiegħu*

Jalla aħna ma nkunux fost dawk li msejħin minn Alla li ma narawx xi grazzja kbira hi s-sejħa tagħna ta' nsara; jalla nkunu naraw is-siwi tas-Saltna ta' Alla li fiha aħna msebħin permezz tal-Knisja u fil-Knisja mexjin lejn il-mument li fih is-Saltna ta' Alla tilħaq il-milja tagħha fil-glorja tas-sema.
X'irridu nagħmlu biex ma ninsew qatt dan is-siwi tas-Saltna ta' Alla u biex inkunu dejjem lesti nissagrifikaw kollox, saħansitra ħajjitna biex ma nitilfuhiex? Nagħmlu dak li għamel Salamun, meta laħaq sultan ta' Israel, wara David missieru. Meta l-Mulej deherlu fil-ħolm u staqsih x'irid bħala Sultan ta' Israel, Salamun, kif rajna fl-ewwel qari tal-lum, ma talabx ħajja twila jew ġid bla qies, ma talabx ir-rebħa fuq l-egħdewwa tiegħu, imma talab l-għerf u l-għaqal li kien jeħtieġ biex jaqdi l-ħidma tiegħu ta' sultan tal-poplu ta' Alla. Nitolbu aħna wkoll illum għerf u għaqal minn għand Alla biex nagħarfu dejjem is-siwi tas-sejħa tagħna ta' nsara li aħna. Nitolbu l-għerf tal-ħwejjeġ tas-sema biex ma norbtux qalbna mal-ġid li jgħaddi ta' din id-dinja, imma nfittxu fuq kollox il-ġid li jibqa' għal dejjem; nitolbu l-għerf u l-għaqal biex inkunu nafu dejjem nużaw tajjeb il-ġid kollu li Alla tana, il-ġid ta' l-art, saħħitna, l-in-

telliġenza u l-ħila tagħna, il-kwalitajiet kollha tajba tagħna, biex bihom nagħmu l-ġid lill-oħrajn u nagħtu glorja lil Alla. Nitolbu 'l Alla jagħtina l-għaqal biex nagħarfu nġibu ruħna sewwa skond ir-rieda tiegħu fiċ-ċirkustanzi kollha tal-ħajja tagħna ta' kuljum, u nagħżlu dejjem dak li hu sewwa, dak li hu ġust quddiemu, dak li hu tassew veru, mingħajr ma nħallu ebda ħaġa tad-dinja tqarraqna bit-tleħlix fieragħ tagħha.

B'dan il-mod inkunu tassew dixxipli tas-Saltna ta' Alla, u minn dan it-teżor ta' siwi kbir, inkunu nistgħu noħorġu kull xorta ta' ġid għalina u għal kull min niltaqgħu miegħu tul ħajjitna fid-dinja, il-ġid tal-ħwejjeġ tas-sema.

## TALBA TAL-FIDILI

Nitolbu llum lil Alla l-grazzja li nifhmu x'inhu s-siwi tas-sejħa tagħna bħala nsara, biex ngħożżuha b'qalbna kollha u ngħinu il-ħaddieħor biex bħalna jara kemm hi ħaġa sabiħa, kemm hi ħaġa għażiża s-sejħa li għamlilna Alla biex ikollna s-sura xbieha ta' Ibnu.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek, li ħarġet mad-Demm u l-ilma mill-ġenb minfud ta' Kristu, biex twassal sa truf l-art il-Bxara t-tajba tas-Saltna tiegħek.

Sejjaħ lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba għas-Saltna tiegħek biex ikollhom is-sura xbieha ta' Ibnek u jiksbu l-ġustifikazzjoni.

Henn għal dawk li sejjaħt skond il-provvidenza tiegħek u mhumiex igħixu skond is-sejħa tiegħek, u fil-kobor ta' mħabbtek agħtihom il-grazzja tas-sogħba u ta' l-indiema biex iduru lejk.

Agħtina l-għerf tal-ħwejjeġ tas-sema u l-għaqal kollu li neħtieġu biex fil-ħajja tagħna fid-dinja tal-lum, ma ninsew qatt li int sejjaħtilna u ippredestinajtna għas-Saltna tiegħek tas-sema.

Mulej Alla li tista' kollox, ara minn kemm tiġrib ninsabu mdawwrin u ma' kemm tfixkil niltaqgħu fil-mixi tagħna lejn is-sema pajjiżna: tħallina qatt naqtgħu qalbna imma wettaqna bil-grazzja tiegħek, ħalli meta jasal il-waqt naslu għas-sebħ li għalih int ippraedestinajtna fis-Saltna tiegħek tas-sema. Bi Kristu Sidna.

## L-IKLA TAL-MULEJ

*Tħabbira ta' l-Ikla tal-Mulej*

Il-miraklu li ħabbrilna l-Evanġelju tal-lum għandu jfakkarna fil-misteru ta' l-Ewkaristija, anzi Ġesù stess riedu jkun tħabbira tal-misteru ta' l-Ewkaristija, kif jurina l-Appostlu San Ġwann fl-Evanġelju tiegħu, għaliex fl-Evanġelju ta' San Ġwann dan il-miraklu huwa daħla għall-kliem ta' Ġesù fuq il-ħobż tal-ħajja, fuq il-ħobż li niżel mis-sema, li min jiekol minnu ma jmut qatt. Hekk fehmuh ukoll l-Evanġelisti kollha għaliex huma u jirrakkontaw dan il-miraklu biex ifissru dak li għamel Ġesù, użaw l-istess kliem li bih qalulna x'għamel il-Mulej fl-Aħħar ikla tiegħu mad-dixxipli qabel miet għalina, meta waqqaf is-Sagrament ta' l-Ewkaristija.

X'għamel Ġesù meta kattar il-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet li bihom tama ħamest elef ruħ barra n-nisa u t-tfal? Ordna lin-nies joqogħdu bilqiegħda madwaru, ħa l-ħobżiet u l-ħutiet, refa' għajnejh lejn is-sema, bierek, qasam il-ħobżiet u l-ħutiet, u tahom lid-dixxipli biex iqassmuhom lin-nies.

X'għamel Ġesù fl-Aħħar ikla mad-dixxipli tiegħu? Qagħad bil-qiegħda magħhom fuq il-mejda, waqt l-ikla ħa l-ħobż u l-kalċi bl-inbid, refa' għajnejh lejn is-sema, bierek, u tahom liddixxipli tiegħu.

U issa x'jagħmel is-saċerdot f'kull Quddiesa? Fil-persuna ta' Kristu jġedded dak li għamel il-Mulej. Madwar is-saċerdot hemm miġbura, f'xirka waħda ta' mħabba, il-folla ta' dawk kollha li mexjin wara Kristu; bħal Ġesù u fil-persuna ta' Ġesù jieħu l-ħobż u l-inbid, jerfa' għajnejh lejn is-sema, ibierek u jqassmu lin-nies, u kulħadd jieħu mill-ħobż li niżel mis-sema, il-Ġisem u d-Demm tal-Mulej.

*L-offerta tagħna*

Bħalma d-dixxipli newlu l-ftit ħobżiet u ħutiet li kellhom biex Ġesù tema bihom il-ħamest elef raġel, hekk aħna f'kull Quddiesa nwasslu l-ħobż u l-inbid lis-saċerdot għas-sagrifiċċju; noffrulu l-istess doni tiegħu, noffrulu minn dak li hu stess tana, biex hu jroddomlna lura bħala ikel u xorb ta' ruħna fil-mixi tagħna mill-widien mudlama ta' din id-dinja lejn il-mergħat ta' dejjem. Kif nagħmluh dan? Il-ġbir li jsir fil-knisja waqt il-Quddiesa hija l-offerta li aħna nagħmlu lil Alla għall-għajxien tas-saċerdoti tiegħu, għall-fqar u għall-ħtiġijiet kollha tal-Knisja biex tqim lil Alla kif jixraqlu u jistħoqqlu; dak li noffru huwa mill-ġid tagħna, imma kull ma għandna tahulna Alla, għalhekk meta nagħmlu l-offerta tagħna fil-Quddiesa, il-ftit flus li nitfgħu fis-sassla, huma minn dak li l-Mulej tana; l-offerta li nagħmlu lil Alla tasal fuq l-altar bħala ħobż u nbid ħalli bihom jiġġedded issagrifiċċju tas-salib u sseħħ l-ikla tal-Mulej, li fiha jagħtina nieklu ġismu stess, il-ħobż u l-inbid li offrejna li fil-Quddiesa jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm tal-Mulej biex ikunu ikel u xorb ta' ruħna.

*Bierek, qasam, ta*

Meta l-ħobż u l-inbid ikunu fuq l-altar, is-saċerdot, fil-persuna ta' Kristu, igħid fuqhom it-talba ta' barka — ibierek, kif bierek Ġesù l-ħobżiet u l-ħutiet quddiem ħamest elef raġel, kif bierek il-ħobż u l-inbid fl-Aħħar Ikla qabel miet għalina — u l-ħobż u l-inbid isiru l-Ġisem u d-Demm tal-Mulej.

Ġesù wara li bierek qasam il-ħobż u tah lid-dixxipli; hekk ukoll jagħmel is-saċerdot fil-Quddiesa: jaqsam il-ħobż, l-ostja għat-tqarbin tan-nies — illum jaqsam biss l-ostja tiegħu għax l-ostji għat-tqarbin tan-nies ikunu ġa maqsumin fil-pissidi. Iżda l-qsim ta' l-ostja għandu tifsir kbir, għax ifisser li dawk il-ostji kollha li jinsabu fil-pissidi u li bihom se nitqarbnu, huma kollha minn ħobża waħda, huma kollha l-Ġisem ta' Kristu.

Fl-aħħar it-tqarbin, jiġifieri s-saċerdot, iqassam il-ħobż lin-nies kif id-dixxipli qassmu l-ħobż u l-ħutiet lill-ħamest elef raġel, kif Ġesù ta l-ħobż u l-inbid fl-Aħħar Ikla lid-dixxipli tiegħu.

*Sehemna x'inhu fl-Ikla tal-Mulej?*

Il-ħamest elef raġel u n-nisa u t-tfal ilkoll kielu mill-ħobż u l-ħutiet li fuqhom il-Mulej qal it-talba tal-barka; it-tnax-il dixxiplu ħadu sehem fl-Aħħar Ikla tal-Mulej, barra Ġuda li ħareġ qabel intemmet l-Ikla, għax ma kienx jistħoqqlu jieħu sehem fiha. U aħna li nieħdu sehem fil-Quddiesa, nagħmlu bħal ħamest elef raġel tal-Evanġelju tal-lum? nagħmlu bħall-Appostli? nieħdu lkoll sehem mill-mejda li jhejjilna l-Mulej? jew nibqgħu lura? jew nitilqu 'l barra kif għamel Ġuda għaliex qegħdin nittradixxu lill-Mulej?

Għalhekk illum il-Knisja, bil-kliem ħerqan tal-profeta, issejħilna biex nersqu għall-ikla li l-Mulej ihejjilna kull nhar ta' Ħadd, kujum jekk irridu, u tgħidilna biex ma naħlux flusna f'dak li mhuwiex ħobż, f'dak li ma jxebbax. Fi kliem ieħor, il-Knisja tistedinna biex ma jfittxux l-ħena tagħna fil-ġid li jgħaddi, fil-ġid li ma jtemmx ix-xewqat tagħna, fil-frugħat u t-tlellix tad-dinja; il-ħena tagħna, tgħidilna l-Knisja għandna nfittxuh fil-ġid li jibqa' għal dejjem, ġid li Alla jqassmilna b'idejh miftuħa u jagħtihulna bla ma jitlobna xejn ħlief li nkunu fidili għal-liġi mqaddsa tiegħu u nżommu ruħna 'l bogħod mit-tinġis tad-dinja.

Hu jhejji mejda għalina u jistedinna għaliha. U meta mmorru l-Knisja għall-Quddiesa nkunu nuru li l-istedina tal-Mulej inkunu lqajniha; għaliex meta mbagħad, meta jasal il-waqt li nieħdu sehem mill-ikla tal-Mulej, nibqgħu lura u ma nersqux nieklu l-ikel li hejjielna? Tgħid għax nibżgħu li aħna bħal Ġuda? Jekk dan, il-Mulej jistedinna nagħtu widen għal kliemu, u nersqu lejh niedma u sogħbiena, nitolbuh maħfra ħa nġeddu miegħu l-patt tal-ħbiberija u nibqgħu ħbieb miegħu għal dejjem. Imma, forsi ma nersqux nieklu mill-mejda tal-Mulej, għax qatt ma ħsibna x'ġid kbir hi din l-ikla għalina, xi ħlewwa u x'benna fiha. Kieku nkunu nafu sewwa x'inhu dan id-don ta' Alla li hi l-Ewkaristija, ma naslu qatt li nibqgħu lura mill-ikla tal-Mulej.

*X'tagħmel fina l-ikla tal-Mulej*

Hija ikla li twettaqna fl-imħabba ta' Alla, u aktar ma nieħdu sehem minn din l-Ikla iktar tissaħħaħ fina l-imħabba ta' Alla, u nistgħu naslu mbagħad biex ma' San Pawl ngħidu li xejn ma jkun jista' jifridna minn din l-imħabba: ebda taħbit, ebda persekuzzjoni, ebda tiġrib ma jkun jista' jegħleb fina din l-imħabba. Dan jixhduhulna l-martri ta' kull żmien. Kienet l-Ewkaristija li tat is-saħħa lill-martri ta' l-ewwel żminijiet biex iġarrbu moħqrija kbira għal Kristu. Iżda ma għandniex għalfejn immorru għal żminijiet imbegħda: fi żminijietna wkoll għandna eżempji mill-isbaħ li juruna kemm l-Ewkaristija tgħin biex ma ninfirdu qatt mill-imħabba ta' Kristu. Biżżejjed insemmu lil Santa Marija Goretti, li fl-Ewkaristija sabet il-qawwa biex iżżomm bla mittiefsa xbubitha kontra t-theddid ta' min irid ikasbarha u għax ma rnexxilux neħħielha ħajjitha; biżżejjed insemmu lil S. Massimiljanu Kolbe li mill-Ewkaristija li kien kuljum jiċċelebra kiseb il-qawwa biex jagħti ħajtu għal wieħed, missier ta' familja, li kien jinsab miegħu fil-kamp ta' konċentrament. Bħal Santa Marija Goretti, bħal San Massimiljanu Kolbe, hemm kotra kbira, li Alla biss jaf isimhom, li mqawwijin mill-Ewkaristija, qegħdin isibu l-qawwa biex jibqgħu fl-imħabba ta' Kristu minkejja l-ħafna tiġrib u persekuzzjonijiet, u tfixkil li qiegħed ikollhom mhux biss minn dawk li huma għedewwa tas-salib ta' Kristu, kif isejħilhom San Pawl, imma mill-istess ambjent materjalistiku u sekularizzat li fih qed ikollhom igħixu.

Jalla aħna wkoll fl-Ewkaristija nsibu l-qawwa tagħna biex nibqgħu dejjem fidili lejn Kristu u t-tagħlim tiegħu kif twassalulna l-Knisja permezz tal-Papa u l-Isqfijiet u s-saċerdoti tagħha, u nitwettqu fl-imħabba ta' Alla minkejja d-diffikultajiet u tiġrib kollu li jistgħu joħolqulna l-bnedmin bl-ideoloġiji, il-fehmiet, u l-kliem fieragħ li bihom iridu jqarrquna u jbegħduna mill-verità sħiħa ta' Kristu.

## TALBA TAL-FIDILI

Miġburin flimkien illum biex nieħdu sehem fl-Ikla tal-Mulej f'dan il-Jum tiegħu, nitolbuh iwettaqna fl-imħabba ta' Alla biex xejn qatt ma jifridna minnha.

Mulej Ġesù ieqaf mal-Knisja tiegħek hija u tiċċelebra minn tlugħ ix-xemx sa nżulha l-misteru ewkaristiku b'tifkira tiegħek.

Mulej Ġesù, saħħaħ lill-fidili kollha tiegħek bl-Ewkaristija filmixi tagħhom mill-widien mudlama ta' din id-dinja tad-dnub, sa ma jaslu fil-mergħat ta' dejjem.

Mulej Ġesù, għaqqad ħaġa waħda bejniethom lil dawk kollha li titma mill-ħobża waħda tiegħek fl-Ewkaristija.

Mulej Ġesù wettaqna fl-imħabba ta' Alla bit-tisħib tagħna fl-Ewkaristija, biex ebda tiġrib u ebda xkiel ma jifridna minnek.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, ara minn kemm tiġrib ninsabu mħabbtin f'dawn iż-żminijiet u kemm niltaqgħu ma' theddid għas-sħuħija tal-fidi tagħna fik; agħtina li mill-Ewkaristija niksbu l-qawwa kollha li neħtieġu biex qatt ma ninfirdu minnek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## Id-19-il Ħadd tas-sena

### ALLA MAGĦNA

*It-tiġrib tal-Knisja llum*

Il-Ħadd li għadda l-Knisja qaltilna li fl-Ewkaristija għandna nsibu l-qawwa kollha meħtieġa biex ma ninfirdu qatt mill-imħabba ta' Kristu, minkejja t-tiġrib kollu u t-taħbit kollu li miegħu niltaqgħu tul il-ħajja tagħna f'din id-dinja. Illum il-Knisja tkompli tkellimna fuq dan it-tiġrib u t-taħbit, li hu mhux biss tagħna, imma tal-Knisja kollha. Ġesù stess ħabbru dan it-tiġrib meta lid-dixxipli qalilhom li d-dixxiplu mhux inqas mill-Imgħallem tiegħu, u kif bagħdu lilu hekk ukoll għad jobogħdu lil dawk li jmorru warajh, u jippersegwitawhom u jgħidu kull xorta ta' gideb fuqhom. Il-ġrajja tal-Knisja tul iż-żminijiet mhijiex ħlief ġrajja ta' taħbit u tempesti kbar, u nistgħu nxebbhuha mad-dgħajsa ta' San Pietru titħabat mal-mewġ, bir-riħ kontriha, li fuqha jitkellem l-Evanġelju tal-lum.

Minn kemm tempesti għaddiet il-Knisja tul il-ġrajja tagħha fid-dinja! minn kemm tempesti għaddejja llum f'ħafna pajjiżi tad-dinja! kemm issib tfixkil biex taqdi l-missjoni tagħha! kemm issib fost uliedha stess min bl-imġieba tiegħu jdallmilha l-ġmiel u s-safa tagħha jew ibikkiha bl-egħmil ħażin u faħxi tiegħu! kemm fost uliedha stess li qegħdin iġarrbuha minħabba ideoloġiji li ma għandhom x'jaqsmu xejn mit-tagħlim veru ta' Kristu li ġie fdata lilha biss biex twasslu bla mittiefes lill-bnedmin kollha!

Is-setgħat ta' l-infern, tul iż-żminijiet, jagħmlu minn kollox, mhux biex jeqirdu l-Knisja, għax jafu li dan ma jistgħux jagħmluh, imma biex idgħajfu u jfixklu l-ħidma tagħha għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha. Imma jagħmlu x'jagħmlu, fl-aħħar jisfaw mirbuħa. Dawk li jġarrbuha jgħaddu u kulħadd jinsihom, imma l-Knisja tibqa', u tibqa' sa l-aħħar taż-żmien. Dan għaliex?

*Kristu dejjem mal-Knisja tiegħu*

It-tweġiba jagħtihielna l-Evanġelju tal-lum. Kristu hu dejjem mal-Knisja, hu dejjem qrib tagħha. Hu stess wegħdu dan lill-Appostli meta ħabbrilhom it-tiġrib li kellu jiġi fuq il-Knisja tul iż-żminijiet kollha sa l-

aħħar tad-dinja. "Ara jiena magħkom sa l-aħħar taż-żminijiet," qalilhom. U dan narawh fl-Evanġelju tal-lum. Waqt it-tempesta fuq il-baħar, l-Appostli kienu mwerwrin u qalbhom maqtugħa, iżda Ġesù kien qrib tagħhom, għalkemm ma għarfuhx, u ħasbuh xi fantażma. U lanqas meta kellimhom ma kienu żguri li kien tassew hu. San Pietru ried sinjal minn għandu; "Ordnali niġi ħdejk fuq l-ilma", qallu. U Ġesù s-sinjal tahulu, iżda ma kienx biżżejjed għal San Pietru, għax kien nieqes mill-fidi. Beża' u beda jegħreq u talab l-għajnuna lil Ġesù. Ġesù ċanfru bil-ħlewwa kollha għannuqqas ta' fidi tiegħi, imma tah l-għajnuna li ħtieġlu.

F'San Pietru aħna naraw xbieha ħajja ta' l-imġieba tagħna: quddiem it-tiġrib li l-Knisja għaddejja minnu, quddiem id-diffikultajiet li magħhom tiltaqa', quddiem il-qilla u l-mibgħeda dejjem tikber ta' l-egħdewwa tagħha; għalkemm nemmnu li Ġesù mhux 'il bogħod minnha, naħsbuh biss xi "fantażma", għax kieku Ġesù hu tassew mal-Knisja (hekk ngħidu fil-fond ta' qalbna) mhux se jħalliha tiġġarrab b'dan il-mod, u jġib fix-xejn l-egħdewwa tagħha. Iżda Ġesù jiżgurana li hu mal-Knisja, ma ħallihiex waħedha, u jċanfarna, bil-ħlewwa kollha, kif ċanfar lil San Pietru, u jgħidilna: "Ja nies ta' fidi żgħira, għaliex tiddubitaw? Jiena tajt kelma li se nkun mal-Knisja tiegħi sa l-aħħar taż-żminijiet, u minn din il-kelma mhux se nonqos qatt, u meta jasal il-waqt, kif waqaf ir-riħ malli tlajt fid-dgħajsa ta' Pietru, hekk igħaddi t-tiġrib li minnu għaddejja l-Knisja llum; emmnu biss fija; tkunux nies ta' fidi żgħira; jiena rbaħtha d-dinja meta, imsallab, kollox kien jidher mitluf."

Dan nifhmuh aħjar jekk inqisu li l-Mulej ma jaħdimx fid-dinja bil-wiri ta' qawwa u ta' setgħa, imma fil-moħbi, bil-kwiet; il-ħidma tiegħu hi fi qlub il-bnedmin u jdawwarhom għas-sewwa jekk ikunu sinċieri u ma jfixklux il-ħidma tal-grazzja tiegħu fihom; u jekk ukoll ma jdawwarhomx lejh minħabba l-ebusija ta 'qalbhom, mid-deni li jagħmlu jaf joħroġ ġid bla qies għall-Knisja tiegħu, kif turina l-ġrajja li minnha għadda l-profeta Elija, li jsemmagħlna l-ewwel qari tal-lum.

*Il-profeta Elija jurina kif tirbaħ il-Knisja*

Elija kien qered il-qassisin kollha ta' Bagħal u bil-miraklu li kien għamel fuq l-għolja tal-Karmelu meta sejjaħ mis-sema n-nar biex iseħħ is-sagrifiċċju tiegħu lil Alla, kien wera lill-poplu min kien il-veru Alla; iżda l-poplu, minkejja dan kollu, reġa' lura għall-qima ta' Bagħal, u Elija qalbu maqtugħa, telaq il-poplu u xtaq li l-mewt tiġi fuqu. Imma Alla qawwielu qalbu u sejjaħlu biex imur fuq il-għolja tal-Horeb: hemm deherlu, u bil-mod kif deherlu wrieh b'liema mod kien se jirbaħ lura għalih il-poplu li kien tbiegħed minnu. Ma kienx se jirbħu lura bil-wiri tal-qawwa u tas-setgħa: il-qtil tal-qassisin kollha ta' Bagħal minn Elija wara l-miraklu tal-għolja tal-Karmelu, ma serva għalxejn; il-poplu ma reġax lura minn qalbu għand il-Mulej; reġa' lura għal ftit, għax twerwer mill-qtil, iżda meta għadda l-biża' reġa' fittex 'il Bagħal għax hekk qabillu, għax is-sultana ta' Israel lil Bagħal kienet tqim. Alla lill-poplu tiegħu ried jiġbdu lejh bl-egħmejjel ta' mħabba, tjieba u ħniena. Għalhekk Alla lil Elija fuq il-Horeb ma deher-

lux fit-theżżiża li heżżet il-muntanja kollha; u lanqas deherlu fin-nar iħeġġeġ li ħareġ mill-muntanja. Deherlu f'żiffa ħelwa, biex igħidlu li bil-ħlewwa biss seta' jġib lura għat-triq it-tajba l-poplu li kien tbiegħed minnha.

Hekk illum. I-Knisja tirbaħ żgur, minkejja l-gideb kollu li jgħidu fuqha dawk li jridu jfixkluha fil-missjoni tagħha ta' salvazzjoni, għaliex l-armi tagħha huma l-imħabba, il-maħfra, il-ħniena, is-sabar, it-tjieba, l-umiltà, u ebda setgħa tad-dinja ma għandha l-ħila tegħleb armi bħal dawn.

*Kif nirbħu aħna*

Dak li għidna sa issa għall-Knisja, nistgħu ngħiduh għalina lkoll, għal kull wieħed u waħda minna. It-taħbit kollu li miegħu niltaqgħu tul ħajjitna fid-dinja, l-inkwiet li jġibulna n-nies, irridu nirbħuh mhux bil-ġlied u t-tilwim, imma bis-sabar, bil-ħlewwa, bit-tjieba, bl-imħabba: billi nkunu lesti nissagrifikaw ruħna wkoll għal dawk li jġarrbuna, billi naħfrulhom il-ħtijiet li jagħmlulna, billi npattulhom d-deni bil-ġid. F'dan San Pawl igħallimna bit-tieni qari tal-lum. San Pawl ra kull xorta ta' tiġrib minn għand il-Lhud; qatt ma ħafruhielu li hu, li b'tant ħeġġa bħala żagħżugħ ħa sehem fit-tħaġġir ta' San Stiefnu, u kollu ħrara mar Damasku biex ikaxkar il-ħabs lil dawk kollha li kienu jemmnu fi Kristu, sar imbagħad Appostlu ta' Kristu biex iwasslu lill-ġnus pagani. Għamlulu minn kollox: ippersegwitawh, fittxew li joqtluh, tefgħuh il-ħabs; iżda hu minkejja dan kollu, wasal biex igħid li kien lest jitlef lil Kristu biex jirbaħ għaliH il-Lhud ħutu. Lil San Pawl kien jisgħob bih ħafna li l-Lhud, li kienu l-poplu magħżul ta' Alla, li kienu l-poplu li Alla għamel patt miegħu u tahom il-liġi tiegħu u wriehom kif għandhom iqimuh; li l-Lhud, li Kristu bħala bniedem kien wieħed minnhom, ma kienux iridu jagħarfu lil Kristu bħala Alla mbierek għal dejjem. Kien lest San Pawl jagħmel minn kollox, ibati kollox, basta jirbaħhom għal Kristu. Hemmx imħabba ikbar u isbaħ minn din li tissagrifika ruħek għal min jippersegwitak! Hi l-istess imħabba ta' Kristu li ta ħajtu għalina meta aħna konna għadna egħdewwa tiegħu.

Jalla nitgħallmu minn din l-imħabba kif inħobbu l-ħutna l-bnedmin l-oħra, u l-aktar lil dawk li jagħmlulna d-deni!

## TALBA TAL-FIDILI

Quddiem it-tiġrib kollu li minnu għaddejja l-Knisja llum, b'qalbna qawwija, nersqu quddiem it-tron ta' Alla nitolbuh jieqaf mal-Knisja tiegħu u jeħlisha mit-tiġrib tal-ħżiena.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek, fit-taħbit kollu li minnu għaddejja fiż-żminijiet tal-lum u waqqaf l-irwiefen tal-ħażen li qegħdin iheddduha.

Sejjaħ għall-verità sħiħa tiegħek, il-poplu li int għażilt għalik biex fih tibqa' bla mittiefsa l-wegħda tal-Feddej u li minnek irċieva l-liġijiet u l-lturġija tiegħu.

Dawwal il-fehma ta' dawk kollha li b'mod jew ieħor qegħdin ifixklu l-Knisja fil-missjoni tagħha għas-salvazzjoni tad-dinja, biex ibiddlu l-imġieba tagħhom.

Agħtina l-grazzja li negħilbu t-tiġrib u t-taħbit kollu li miegħu niltaqgħu f'din il-ħajja, b'egħmil ta' sabar, mogħdrija, ħniena, u fuq kollox imħabba.

Mulej Alla li tista' kollox tħalli qatt jaqtgħalna qalbna t-tiġrib kollu li jista' jiġi fuqna u fuq il-Knisja tiegħek, imma qawwi fina l-fidi tagħna u kun dejjem magħna fit-tiġrib kollu tagħna biex teħlisna minnu, meta jkun il-waqt. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## 15 ta' Awissu

## SANTA MARIJA

*Nifirħu fil-Mulej*

Il-Knisja llum qiegħda tistedinna biex nifirħu fil-Mulej aħna u niċċelebraw il-jum sabiħ li fih il-Mulej għoġbu jtella' lill-Verġni Marija fis-sema bir-ruħ u l-ġisem, wara li temmet il-missjoni tagħha f'din id-dinja li tkun dik li permezz tagħha l-Iben tà' Alla jieħu ġisem bħal tagħna bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu ħa jpatti għall-ħtijiet tagħna u jerġa' jħabbibna ma' Alla, u li tkun dik li tieqaf mal-Knisja fil-bidu tagħha bit-talb li bih issieħbet ma' l-Appostli huma u jibdew jinxterdu mad-dinja jħabbru l-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni.

Nifirħu mal-Knisja llum għaliex f'Marija aħna naraw dak li nixtiequ u nittamaw li għad inkunu meta għalina tgħaddi s-sura ta' din id-dinja u nkunu ma' Alla għal dejjem fis-saltna tas-smewwiet. Dan għaliex dik ir-rebħa fuq il-mewt li kiseb il-Mulej Ġesù bil-mewt tiegħu fuq is-salib biex neħħielha n-niggieża tagħha, għad isseħħ fina meta l-ġisem imsejken tagħna jara n-nuqqas ta' taħsir, u l-ġisem tagħna li jmut jilbes l-immortalità, meta jseħħ il-qaħmien mill-imwiet fit-tmiem ta' kollox, kif ġa seħħ f' Marija. Ġisimha ma rax it-taħsir tal-qabal; il-mewt tagħha kienet raqda ħelwa; hi għalqet għajnejha għal din id-dinja biex tiftagħhom għall-hena ta' dejjem, għaliex hi kienet l-Omm ta' Alla, u għaliex Omm Alla ġiet meħlusa sa mill-ewwel mument fit-tnissil tagħha minn kull tebgħa ta' dnub. Lanqas għall-mument wieħed biss ma kienet qatt taħt is-setgħa tax-xitan, għalhekk kien jixraq li l-mewt li daħlet mad-dnub fid-dinja ma turix ebda setgħa fuqha billi ġisimha jara t-taħsir tal-qabar. Fiha seħħ minnufih dak li għad irid iseħħ fina lkoll fit-tmiem ta' kollox, meta Kristu jerġa' jiġi

biex dawk kollha li huma tiegħu jqumu miegħu, b'ġisem nieqes mit-taħsir, biex isaltnu miegħu għal dejjem.

*Min hi Marija: Arka tal-Patt il-ġdid*

Il-Verġni Marija, imtella' s-sema bir-ruħ u l-ġisem, tidhrilna llum bħala l-Mara l-ġdida, liebsa bix-xemx, u bil-qamar taħt riġlejha, u b'kuruna ta' tnax-il kewkba ma' rasha; l-Arka tal-Patt il-ġdid; l-Omm l-aktar għażiża tagħna; xbieha tal-Poplu l-ġdid ta' Alla, l-aqwa frott tal-Fidwa li kiseb Binha Ġesù għalina.

Imnissla mingħajr tebgħa tad-dnub tan-nisel, mimlija bil-grazzja sa mill-ewwel mument tal-ħajja tagħha fid-dinja, kienet għamara xierqa biex fiha l-Iben ta' Alla jsir bniedem bħalna; permezz tagħha Alla niżel igħammar fostna, fid-dinja, u sar bniedem bħalna. Jekk Alla kien preżenti f'nofs il-poplu tiegħu tal-Patt il-qadim permezz ta' l-Arka tal-Patt li fiha Mose' kien qiegħed it-twavel tal-liġi, xhieda tal-imħabba ta' Alla għall-poplu li għażel għalih, kemm aktar Alla kien preżenti fostna meta l-Iben il-waħdieni tiegħu, Alla veru minn Alla veru, niżel fil-ġuf safi tal-Verġni Marija biex ikun bniedem bħalna? Hu għalhekk li l-Knisja lill-Verġni Marija ssellmilha l-Arka tal-Patt il-ġdid u ta' dejjem.

*Il-Mara ġdida*

Tul ħajjitha fid-dinja l-Verġni Marija wriet ruħha bħala l-mara l-ġdida, dejjem ħerqana għall-ġid materjali u spiritwali ta' l-oħrajn: laqgħet bil-ħerqa kollha r-rieda tal-Missier meta l-Anġlu ħabbrilha li kellha tkun Omm Alla; kollha ħerqana marret tħaffef lejn l-għoljiet biex tgħin lil qaribtha Elisabetta li kienet se ssir omm fi xjuħitha; bil-prudenza kollha daħlet għaż-żewġ għarajjes ta' Kana biex ma jinfixlux għax naqsilhom l-inbid fil-festa tat-tieġ tagħhom; ħdejn is-Salib laqgħet bil-ħerqa l-aħħar xewqat ta' Binha hija u ġġarrab f'qalbha l-passjoni kiefra li hu kien qiegħed iġarrab f'ġismu għalina; fiċ-Ċenaklu ssieħbet ma' l-Appostli tal-Mulej, fit-talb tagħhom, huma u jistennew il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu qabel jitilqu jxandru l-Bxara t-tajba fid-dinja kollha. F'din il-ħerqa tagħha l-Verġni Marija hija x-xbieha tal-Knisja Ommna, kollha ħerqa għas-salvazzjoni tagħna.

*Xbieha tal-Knisja*

Fil-Verġni Marija l-Knisja fid-dinja tara x-xbieha tagħha, għax bħal Marija l-Knisja tħabrek fid-dinja biex tagħmel ir-rieda ta' Alla, u mal-Verġni Marija ttenni bla heda: "Ara jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jkun minni skond kelmtek".

Bħal Marija tilqa' t-tiġrib kollu li jiġi fuqha u fis-skiet u l-ġabra taħseb u tgħożż f'qalbha dak kollu li tara qed jiġri madwarha, għax taf li xejn ma jsir jekk Alla ma jridux jew ma jippermettihx, u mid-deni kollu li joħolqu s-setgħat tal-ħażen, jagħraf joħroġ ġid kotran.

Bħal Marija l-Knisja hi kollha ħerqa għal kull min hu fil-bżonn u tieħu ħsieb u tfarraġ lil kull min mġarrab mill-hemm u l-ħażen tad-dinja u tqawwilu qalbu bil-wegħda ta' ħajja aħjar u bl-assigurazzjoni li t-tbatijiet ta' issa huma mezz ta' fidwa u ta' qdusija, tbatijiet li ma huma xejn

ħdejn l-ħena bla qies li hemm tistenna lil dawk li fit-tbatijiet tagħhom jaraw għajn ta' salvazzjoni għal kulħadd — ħaġa lin-nies tad-dinja ma jifhmux u jixlu l-Knisja li trid tqarraq bil-bnedmin u ġġiegħelhom jinsew l-inġustizzji li kemm-il darbà huma l-bidu ta' tant tbatija fid-dinja.

Bħal Marija, il-Knisja hi l-Omm tagħna lkoll, permezz tal-Magħmudija u l-Ewkaristija li ħarġu mal-ilma u d-demm mill-ġenb minfud ta' Kristu fuq is-salib — bil-Magħmudija li biha l-Knisja tagħti wlied ġodda lil Alla u bl-Ewkaristija li tagħtihom l-għajxien tagħhom bħala wlied Alla, ikel li jwettaqhom għall-ħajja ta' dejjem.

Bħal Marija, il-Knisja qatt ma tieqaf titlob għalina u ssieħeb it-talb tagħna ma' dak ta' Ġesù li fis-sema hu dejjem ħaj biex jidħol għalina u magħha tingħaqad il-Verġni Marija bl-interċessjoni tagħha għalina itturufnati wlied Eva.

*Eva l-ġdida, l-Omm tal-ħajjin kollha fi Kristu*

Marija, xbieha tal-Knisja li ħarġet mill-ġenb minfud ta' Ġesù ma' l-ilma u d-demm li jfissru l-Magħmudija u l-Ewkaristija, kif l-ewwel Eva ħarġet mill-kustat ta' Adam, Marija, l-Eva l-ġdida, il-vera Omm tal-ħajjin kollha, insibuha dejjem ma' Kristu u mal-Knisja: kienet ma' Binha Ġesù tul iż-żmien kollu li fih Hu fid-dinja temm il-fidwa tagħna; hi mal-Knisja hija u tfakkar u ġedded il-misteru tal-Fidwa fiċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa.

Marija nsibuha ħdejn il-fonti tal-Magħmudija fejn jitwieldu għall-fidi u fl-Ispirtu s-Santu l-ulied kollha ta' Alla, għaliex Marija, bil-fidi tagħha u bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu nislet fil-ġuf safi tagħha lil Kristu, ir-Ras tal-Knisja.

Lil Marija nsibuha ħdejn l-altar, huwa u jiġġedded is-sagrifiċċju tal-Kalvarju, għax hi kienet ħdejn is-Salib, bir-rieda tagħha ħaġa waħda ma' dik tal-Missier biex iseħħ il-pjan tas-salvazzjoani td-dinja bil-mewt kiefra ta' binha msallab.

Marija hija qrib dawk kollha li bit-tqegħid ta' l-idejn u d-dilka mqaddsa jirċievu s-siġill tad-don ta' l-Ispirtu s-Santu, għax hi kienet ma' l-Appostli fiċ-Ċenaklu msieħba magħhom fit-talb huma u jistennew il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu.

Marija hi magħna tul ħajjitna kollha, bħala membri tal-Knisja ta' Binha, biex bħala Omm l-aktar ħanina, tmexxina lejn Binha Ġesù, u tidħol għalina fil-ħtiġijiet kollha tagħha kif għamlet ma' l-għarajjes ta' Kana. Nuruha għalhekk l-imħabba kollha tagħna llum f'din il-festa tagħha, u dejjem, billi nkunu nixbhuha fir-rabta tar-rieda tagħha mar-rieda ta' Alla, fis-skiet u l-ġabra ta' ħajjitha kollha, fil-ħerqa tagħha għall-ħtiġijiet ta' l-oħrajn. Huwa l-isbaħ rigal li nistgħu nagħtuha fil-festa ta' din l-Omm għażiża tagħna li missirijietna dejjem fdaw ruħhom għall-ħarsien tagħha fi ħtiġijiethom u qatt ma naqsithom, kif qatt ma hi sejra tonqosna fil-ħtiġijiet tagħna jekk aħna tassew inħobbuha, billi nħobbu lil Binha Ġesù kif għandna verament inħobbuh.

TALBA TAL-FIDILI mil-Lezzjonarju tal-Qaddisin p. 766.

L-20 Ħadd tas-sena

## IS-SEJĦA TAL-LHUD U TAL-ĠNUS

*Kliem iebes*

Il-ġrajja ta' l-Evanġelju tal-lum forsi narawha ftit iebsa u kliem Ġesù lill-mara Kangħanija jgħaġġibna għax, fil-fehma tagħna, Ġesù mhux soltu jitkellem kif tkellem, mhux soltu jiċħad l-għajnuna lil min jitlobhielu. U l-mara Kangħanija kienet qiegħda titolbu l-għajnuna għal bintha, biex il-Mulej jeħlisha mix-xitan li kien jagħdirha ħafna. Iżda Ġesù, għat-talba tal-Kangħanija, wieġeb: "Mhux sewwa tieħu l-ħobż ta' l-ulied u tagħtih lill-ġriewi". U dan qalu wara li l-Appostli, imdejqin mill-insistenza tal-mara, kienu talbuh biex jikkuntentaha ħa jeħilsu minnha, u hu qalilhom: "Ma ġejtx mibgħut ħlief għan-ngħaġ li ntilfu tad-dar ta' Israel". Kien qisu jrid igħid li l-missjoni tiegħu fid-dinja kienet għas-salvazzjoni tal-Lhud biss u mhux għall-ġnus kollha ta' l-art.

Iżda nkunu nagħmlu ħażin jekk il-ġrajja ta 'l-Evanġelju tal-lum nifhmuha b'dan il-mod, għaliex Kristu ġie għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha tad-dinja, għal dawk kollha li jersqu lejh b'fidi ħajja bħal dik tal-Kangħanija ta' l-Evanġelju tal-lum.

*Kif kellha titħabbar il-Bxara t-Tajba*

Il-ġrajja ta' l-Evanġelju tal-lum, u l-imġiba kollha ta' Ġesù tul it-tliet snin li fihom kien jiġġerra mat-triqat ta' l-Art Imqaddsa jxandar il-Bxara t-Tajba tas-salvazzjoni, juruna b'liema mod din il-Bxara kellha titħabbar lid-dinja kollha.

It-tħabbira kellha tibda minn Ġerusalem u tinxtered fil-Lhudija kollha u fis-Samarija u tibqa' sejra sa truf l-art kollha. Dan kien l-ordni ta' Ġesù lill-Appostli qabel tela' s-sema, u hekk imxew l-Appostli huma u jaqdu l-missjoni li fdalhom il-Mulej; hekk għamel San Pawl fil-vjaġġi missjunarji tiegħu minn kull fejn għadda — l-ewwel tħabbira tal-Bxara t-Tajba saret lil-Lhud u mbagħad lill-pagani wkoll li laqgħuha b'ferħ kbir. Hekk ried Alla fil-provvidenza tiegħu.

*L-għażla tal-Lhud*

Il-poplu Lhudi kien il-poplu li Alla għażel għalih fi żmien il-Patt il-Qadim: ma' dan il-poplu Alla għamel il-Patt tiegħu, lilu tah il-liġijiet tiegħu u l-preċetti tiegħu, lilu wrieh b'liema mod kellu jagħtih il-qima li kien jistenna, minkejja li kien poplu ta' ras iebsa u kemm-il darba kiser il-Patt ta' Alla. Alla kien għażlu l-poplu Lhudi biex ikun il-poplu tiegħu ħalli fih iżomm bla mittiefsa l-wegħda ta' Feddej, wegħda li kien għamel lill-bniedem wara d-dnub li fih kien waqa'; u din il-wegħda żammha bla mittiefsa fi ħdan dan il-poplu ta' ras iebsa permezz tal-profeti li hu kien jibgħat tul iż-żminijiet biex ifakkar lil dan il-poplu li kien Alla tagħhom u hu-

ma kienu l-poplu tiegħu, u minkejja l-ebusija ta' rashom u l-infedeltajiet tagħhom Alla ma kienx sejjer iwarrabhom qatt minnu, kien se jibqa' jħobbhom.

Kien għalhekk li Alla ried li Ibnu bħala bniedem ikun wieħed minn dan il-poplu, biex dan il-poplu jkun l-ewwel wieħed li jilqa' l-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni mħabbra lilu mill-profeti tal-qedem. Iżda meta l-Bxara t-tajba tħabbritlu dan il-poplu għalaq widnejn għaliha u lil Ġesù qalulu li kien jidgħi għax ħabbrilhom li hu kien l-Iben ta' Alla, ċaħduh quddiem Ponzju Pilatu u ġagħluh isallbu. U b'dana kollu, wara li qam mill-imwiet Ġesù ried li l-Bxara t-tajba titħabbar l-ewwel lil dan il-poplu. Iżda kien kollu għalxejn: il-poplu Lhudi ried jibqa' fil-għamad, u sab ruħu mwarrab mill-pagani li laqgħu bil-ferħ il-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni malli tħabbritilhom, u seħħ dak li ħabbar il-profeta Isaija fl-ewwel qari tal-lum. "Ulied il-frustier", il-barranin, il-pagani, dawk li ma kienux mill-ġens tal-Lhud, intrabtu li jaqdu l-Mulej u jħobbu l-isem imqaddes tiegħu u jħarsu l-jum tiegħu u għalhekk ġew milqugħin fid-dar tiegħu u fit-tempju mqaddes tiegħu li sar dar tat-talb għall-popli kollha ta' l-art.

*Is-sejħa tal-pagani*

Dan seħħ tul iż-żmienijiet u għadu jseħħ sal-lum u jibqa' jseħħ fiż-żminijiet kollha li ġejjin, għaliex il-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni l-Knisja ma tieqaf qatt tħabbarha lill-ġnus kollha ta' l-art u tistedinhom iħaddnu t-tagħlim ta' Kristu fil-verità sħiħa tiegħu. U l-egħġubijiet li seħħu fil-bidu tax-xandir tal-Kelma ta' Alla lill-ġnus, għadhom iseħħu sal-lum; sal-lum ix-xhieda li jagħtu dawk li huma ta' Kristu bis-sagrifiċċji li huma jġarrbu għalih biex jibqgħu fidili lejh minkejja t-tfixkil kollu li jiltaqgħu miegħu, twettaq il-ħidma tax-xandir tal-Kelma; u l-kotra ta' dawk li mad-dinja kollha jistqarru li Ġesù hu l-Mulej għax huwa qam mill-imwiet, dejjem aktar tikber, u dejjem aktar isseħħ il-verità ta' dak li ħabbar il-profeta li minn tlugħ ix-xemx sa nżulha, minn tarf għall-ieħor tad-dinja, f'kull ħin titla' quddiem Alla l-offerta ta' sagrifiċċju waħdieni li offra l-Mulej fuq is-salib, darba għal dejjem għas-salvazzjoni tad-dinja. Fil-knejjes u l-kattidrali sbieħ tal-pajjiżi l i ilhom il-mijiet ta' snin li ħaddnu t-twemmin nisrani, fil-knejjes u l-kattdrali ta' pajjiżi li nistgħu ngħidu fi żminijietna biss raw imwaqqfa l-Knisja ta' Kristu, fl-egħrejjex fqar fejn il-knisja għadha qiegħda tagħmel l-ewwel passi tagħha, jew f'xi kamra fil-moħbi f'dawk il-postijiet fejn mhux permess anqas li jissemma' isem il-Mulej, kuljum titla' l-offerta tas-sagrifiċċju tal-Quddiesa li fiha jissieħbu ġnus minn kull poplu u nazzjon, minn kull ġens u kull ilsien.

*L-imġiba tagħna llum*

Bir-raġun kollu llum wara li smajna t-tħabbira tal-profeta fl-ewwel qari għidna: "Ifaħħruk il-popli kollha o Alla." Iżda minnufih

il-Knisja twissina nitolbu 'l Alla biex iħenn għalina u jberikna. Dan għaliex illum il-kotra l-kbira tal-ġnus li ilhom mijiet tas-snin li ħaddnu l-Evanġelju ta' Kristu qed jagħmlu bħalma għamlu l-Lhud fi żmien Ġesù: qegħdin iwebbsu rashom ma' Alla u ma jagħtux widen għall-Kelma ta' Kristu u flokhom deħlin ġnus u popli ġodda li qegħdin igħixu l-fidi nisranija bil-ħeġġa ta' l-ewwel insara.

Aħna wkoll qegħdin inħallu tmut minn fostna l-ħeġġa ta' ħajja nisranija li writna mingħand missirijietna; qegħdin inħallu l-materjaliżmu tal-ħajja tal-lum imewwet fina l-ispirtu nisrani; qegħdin infittxu aktar dak li jaqblilna milli dak li jogħġob lil Alla. Jalla l-Mulej jibqa' jżomm il-ħarsa tiegħu fuqna u ma jdawwarx wiċċu minna biex inkomplu nagħlarfu triqatu tul il-ħajja tagħna f'din id-dinja. Ħa jħenn għalina, kif ħenn għalina fil-bidu tax-xandir ta' l-Evanġelju meta bagħat fostna l-Appostlu tiegħu biex iħabbrilna s-salvazzjoni. Alla tana don kbir meta sejjħilna permezz ta' San Pawl biex inkunu l-poplu tiegħu, u Alla, igħidilna San Pawl ma jerġa' qatt lura mid-doni u s-sejħat tiegħu. Jalla nkomplu nsibu l-ħniena ta' Alla llum u fil-ġejjieni kif sibna fl-imgħoddi, u fl-istess ħin niftakru wkoll f'dawk li Alla wera ħniena magħhom u sejħilhom biex jerggħu jsibu t-triq li minnha tbegħdu.

*It-talba tagħna llum*

Fi kliem ieħor, mal-Knisja kollha, nitolbu llum għall-ġnus kollha ta' l-Ewropa tal-lvant u tal-punent li jafu kull ma għandhom sabiħ u ta' ġieħ wirtuh imdawwal mill-Evanġelju ta' Kristu, biex ma jiċħdu qatt il-wirt nisrani li huwa l-qofol taċ-ċiviltà tagħhom li huma wasslu lill-ġnus kollha l-oħra tad-dinja; nitolbu għall-ġnus ġodda li llum qegħdin jistqarru li Kristu hu l-Mulej biex iwasslu l-Bxat-tajba tiegħu lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba tal-pajjiżi tagħhom; u nitolbu fl-aħħarnett ukoll għal dak il-poplu li, għax ried hu, minħabba d-diżubbidjenza u r-ras iebsa tiegħu, jinsab imwarrab. It-twarrib tal-poplu Lhudi mit-triq ta' l-Evanġelju ta' Kristu ġab is-sliem lill-bqija tad-dinja, għax meta l-Lhud twarrbu minn Kristu, laqgħuh il-ġnus pagani. Jekk it-twarrib tal-Lhud, igħidilna San Pawl, kien ta' sliem għad-dinja, kemm aktar ikun ta' sliem għal kulħadd l-ilqugħ tagħhom fil-Knisja ta' Kristu; għax xi darba, Alla jaf meta, l-Lhud ukoll għad jagħarfu 'l Kristu, u dan l-għarfien tagħhom ta' Kristu jkun kotra ta' barka għal kulħadd. U dan żgur għad iseħħ, igħidilna San Pawl, għax huma kienu l-poplu ta' Alla, u la darba kienu l-poplu tiegħu, Alla mhux se jiċħadhom, għad jerggħu jkunu l-poplu tiegħu, għad jagħmlu sehem mill-poplu ġdid tiegħu tal-Patt il-ġdid. Minna jiddependi kemm idum ma jasal dan iż-żmien, meta jasal iż-żmien li fih Alla juri magħhom ukoll il-ħniena li wera magħna, biex fuq l-għolja mqaddsa tal-Mulej jitilgħu l-popli kollha jbierku isem il-Mulej u jfaħħru l-kobor u l-ħniena tiegħu.

## TALBA TAL-FIDILI

Miġburin illum f'dar il-Mulej biex mal-popli kollha ta' l-art infaħħru lil Alla għall-ħniena u t-tjieba tiegħu nitolbuh iberikna u jżommna dejjem fl-imħabba tiegħu.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek fil-ħidma tagħha biex twassal il-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni sa truf l-art kollha.

Tħalli qatt il-ġnus li għal mijiet ta' snin għożżew l-Evanġelju tiegħek, jiċħdu l-wirt nisranija li ħallewlhom missirijiethom, imqarrqin mill-frugħat u l-materjaliżmu tad-dinja tal-lum.

Wettaq fil-fidi l-ġnus ġodda li b'tant ħerqa llum qegħdin jilqgħu l-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni li qiegħda twasslilhom il-Knisja tiegħek, biex fihom tara l-ġejjieni tagħha.

Hu ħsieb il-ġens il kien il-poplu għażiż tiegħek fi żmien il-Patt il-Qadim u wasslu għall-verità sħiħa biex fi Kristu jara l-Messija mistenni minnu.

Żommna sħaħ fil-fidi nisranija li ħabbrilna San Pawl missierna biex ngħadduha bla mittiefsa lil uliedna u ll ulied uliedna ħalli pajjiżna jibqa' dejjem pajjiż nisrani.

Mulej Alla li tista' kollox, int qatt ma tħalli waħedha l-Knisja tiegħek: ražžan il-qilla tas-setgħat ta' l-infern li bla heda jhedduha, biex toħroġ ħielsa minn kull tiġrib u mnaddfa minn kull tinġis talħażen. Bi Kristu Sidna.

### Il-21 Hadd tas-sena

## IS-SETGĦA TAL-PAPA U TA' L-ISQFIJIET

"Inti Pietru, u fuq din il-blata jiena nibni l-Knisja tiegħi, u s-setgħat ta' l-infern ma jegħelbuhiex. Jiena nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-smewwiet, u kull ma torbot fuq l-art ikun marbut fis-smewwiet u kull ma tħoll fuq l-art ikun maħlul fis-smewwiet."

F'dan il-kliem tal-Mulej lil San Pietru, il-Knisja, tul iż-żminijiet, dejjem rat it-tħabbira tas-setgħa li San Pietru u s-suċċessur tiegħu l-papiet għandhom fil-Knisja. Għalhekk jixraq li llum nimmeditaw sewwa fuqhom biex nifhmu dejjem aħjar x'inhi s-setgħa li l-Mulej

ried jafda lil San Pietru u lis-suċċessuri tiegħu, ħalli naraw imbagħad x'inhuma d-dmirijiet tagħna lejn il-Papa.

U l-ewwel mistoqsijiet li nagħmlu fuq dan il-kliem tal-Mulej huma dawn: "Għaliex dan il-kliem il-Mulej qalu lil San Pietru, u mhux lill-Appostli l-oħra? X'kienet l-okkażjoni li waslet lil Ġesù biex igħid dan il-kliem lil San Pietru?

*X'kienu jaħsbu n-nies fuq Ġesu'?*

Ħafna kienu l-fehmiet tan-nies dwar Ġesù: min kien jaħsbu San Ġwann Battista li reġa' deher wara li Erodi kien qatagħlu rasu: il-predikazzjoni ta' San Ġwann Battista kienet ħalliet impressjoni kbira fost in-nies li kienu jmorru bil-folol jisimgħuh jippriedka qrib ix-xmara Ġordan u jgħammed in-nies b'sinjal ta' ndiema ħa jħejju ruħhom għall-miġja tal-Messija li kienu qed jistennew b'ħerqa kbira ħa jeħlishom mill-madmad tar-Rumani; kienu jqisuh profeta kbir u għalhekk ma kinux se jarawha ħaġa kbira li jerġa' jidher fosthom ikompli l-missjoni tiegħu. Oħrajn kienu jgħidu li Ġesù kien il-profeta Elija: dan kien ġie meħud fis-sema f'karru tan-nar u fost il-poplu kien imxerred ġmielu l-ħsieb, imwettaq mill-kelma tal-profeti, li Elija kellu jerġa' jiġi fl-aħħar taż-żminijiet biex ireġġa' lura qlub l-ulied Israel għall-fedeltà lejn Alla. Oħrajn imbagħad kienu jaħsbu lil Ġesù xi wieħed mill-profeti kbar ta' l-imgħoddi li reġa' deher fosthom biex iqawwilhom qalbhom fit-tiġrib li kienu jinsabu fih, minħabba li l-barrani kien jaħkem f'arthom. Dawn il-fehmiet kollha kienu juru li n-nies lil Ġesù kienu jaħsbuh xi profeta kbir, iżda qatt ma waslu biex jagħarfuh min kien verament, ma waslux biex jifhmu li kien il-Messija mwiegħed, li kien Iben Alla l-ħaj.

*L-istqarrija ta' S. Pietru*

Ġesù kien jaf x'jaħsbu fuqu n-nies, imma ried jaf ukoll kemm kienu għarfuh id-dixxipli tiegħu, dawk li hu kien sejjaħ biex iħallu kollox u jmorru warajh. Kienu rawh jagħmel sinjali u egħġubijiet, semgħu l-kelma tiegħu, fissrilhom it-tagħlim tiegħu li hu kien ixandar lin-nies permezz tal-parabboli: setgħu għalhekk ikunu jafuh wisq aktar mill-bqija tan-nies. Għalhekk staqsiehom: "Intom min taħsbu li jien?" Wieġeb San Pietru għal kulħadd, u qal: "Inti l-Messija, Iben Alla l-ħaj." San Pietru, f'isem l-Appostli, kollha stqarr il-fidi tiegħu f'Ġesù. Stqarrija bħal dik San Pietru ma setax jagħmilha bil-ħila tiegħu biss, bid-dehen kollu tiegħu, minkejja dak kollu li ra u sama' mingħand Ġesù. "Mhux bniedem tad-demm u l-laħam uriek dan", qallu Ġesù. Kien Alla l-Missier li ta lil San Pietru l-grazzja tal-fidi biex jistqarr min kien verament Ġesù: "Missieri li hu fis-smewwiet uriek min jien", kompla jgħidlu Ġesù.

Il-grazzja li San Pietru rċieva mingħand Alla biex jistqarr il-fidi tiegħu fi Kristu, f'isem l-Appostli l-oħra, kienet ukoll sinjal li Alla lilu kien għażel fost l-Appostli biex ikun l-ewwel wieħed fosthom, biex ikun dak li jwettaq lil ħutu fil-fidi li stqarr f'isimhom, kif ħab-

barlu Ġesù waqt l-Aħħar Ikla qabel bata u miet għalina. Dak in-nhar Ġesù ħabbar lil San Pietru li kellu jiċħdu tliet darbiet, imma qallu wkoll li meta jerġa' lura għas-sewwa, għandu jwettaq lil ħutu. Imbagħad wara li qam mill-imwiet, Ġesù, lil San Pietru, wara li stiednu jpatti għaċ-ċaħdiet tiegħu billi għal tliet darbiet jistqarr l-imħabba tiegħu għall-Mulej, taħ is-setgħa li jwettaq lil ħutu, billi qallu: "Irgħa l-ħrief tiegħi, irgħa n-ngħaġ tiegħi." U hekk seħħet fl-aħħar il-wegħda li Ġesù kien għamillu wara l-istqarrija fl-inħawi ta' Ġesarija ta' Filippu: "Jiena nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-smewwiet."

*L-imfietaħ tas-Saltna*

X'ifisser sewwa dan il-kliem naraw mill-ewwel qari tal-lum, dwar il-ġrajja ta' Sebna u Eljaqim bin Ħilkija. Is-sultan ta' Ġuda warrab lil Sebna u fl-uffiċċju tiegħu daħħal lil Eljaqim. X'kien dan l-uffiċċju li minnu ġie mwarrab Sebna? X'setgħat kien iġib miegħu? Il-profeta jgħidilna li kellu l-muftieħ tad-dar ta' David, jiftaħ u ħadd ma jagħlaq, jagħlaq u ħadd ma jiftaħ, jiġifieri setgħa sħiħa fuq is-saltna kollha ta' David, l-istess setgħa tas-sultan. Għalhekk meta Ġesù lil San Pietru qallu li jagħtih l-imfietaħ tas-saltna tas-smewwiet, ried jagħtih setgħa sħiħa fil-Knisja; hu se jkun il-pedament — il-blata soda — li fuqu se tkun mibnija l-Knisja; hu se iwettaq fil-fidi lil ħutu kollha, f'dik il-fidi fi Kristu li huwa stqarr imnebbaħ mill-Missier. U l-fidi tiegħu, l-fd tal-Knisja mibnija fuq il-blata ta' Pietru, ma tiġi nieqsa qatt għax is-setgħat ta' l-infern ma jegħelbuhiex, għaliex Ġesù jkun miegħu sa l-aħħar taż-żmien, jiġifieri jkun miegħu u mas-suċċessuri tiegħu, il-Papiet sa l-aħħar taż-żmien.

Ġesù, meta qam mill-imwiet u deher lill-Appostli fiċ-Ċenaklu, qalilhom ukoll li dak li jorbtu fuq l-art, ikun marbut fis-smewwiet, u dak li jħollu fuq l-art ikun maħlul fis-smewwiet, imma dan il-kliem Ġesù qalu lill-Appostli flimkien ma' San Pietru; u dan il-kliem huwa minnu tul iż-żminijiet kollha, u għalhekk jgħodd għall-isqfijiet, is-suċċessuri ta' l-Appostli, li f'xirka waħda mas-suċċessur ta' San Pietru, l-Ispirtu s-Santu għamilhom għassiesa biex jirgħu l-Knisja ta' Alla.

*Is-setgħa tal-Papa u ta' l-isqfijiet*

Il-kliem ta' Ġesù lil San Pietru jfisser għalhekk li l-Papa u l-isqfijiet magħqudin miegħu fl-istqarrija ta' fidi waħda, għandhom is-setgħa mingħand Alla jirgħu l-Knisja tiegħu, jiġifieri l-komunità kollha ta' dawk li jemmnu fi Kristu, l-imgħammdin kollha. Jirgħuha jiġifieri jmexxuha mill-widien mudlama tad-dinja għall-mergħat ta' dejjem billi jħejju mejda għaliha. Il-mejda hija l-mejda tal-Kelma ta' Alla u l-mejda ta' l-Ewkaristija. Il-Papa u l-isqfijiet, flimkien mas-saċerdoti li jgħinuhom fil-ħidma tagħhom ta' ragħajja ta' l-erwieħ, biss għand is-setgħa jfissru l-Kelma ta' Alla, kif huma biss

għandhom is-setgħa jiċċelebraw l-Ewkaristija; huma biss għalhekk jistgħu jgħidulna x'inhu t-tajjeb li għandna nagħmlu u x'inhu l-ħażin li għandna nevitaw jekk irridu nsalvaw ruħna. Għalhekk jekk aħna rridu nkunu verament membri tal-Knisja ta' Kristu, għandna dejjem nilqgħu l-kelma tal-Papa u ta' l-isqfijiet mhux bħala kelma ta' bnedmin, imma bħala l-kelma ta' Alla kif tassew hi. Xi kull tant nistgħu narawha iebsa ħafna għalina, xi kull tant naħsbu li tmur kontra l-interessi tagħna, il-fehmiet tagħna, xi kull tant titlob minna niċċaħħdu minn dak li hu għażiż għalina. Imma din hi r-rieda ta' Alla — hekk ried li titmexxa l-Knisja tiegħu fid-dinja.

Min jista' jifhem it-triqat ta' Alla, qalilna San Pawl fit-tieni qari tal-lum. Min jista' jgħarbel il-ġudizzji tiegħu? Matul iż-żminijiet kien hemm ħafna li fil-kburija tagħhom, deħrilhom li setgħu jmexxu l-Knisja aħjar mill-Papa u mill-isqfijiet, u riedu jmexxu huma l-Knisja skond il-fehmiet tagħhom biex tkun aktar taqbel ma' l-Evanġelju ta' Kristu. Iżda xi ġralhom? Sabu ruħhom barra mill-Knisja, għaliex insew li fil-Knisja kollox ġej minn Alla, kollox permezz tiegħu, kollox għalih. Alla, bl-għana ta' l-għerf u l-għaqal tiegħu, imexxi l-Knisja tiegħu, u ma jħalli qatt li t-tagħlim li xxandar ikun mittiefes u ma jkunx jaqbel mal-verità tiegħu, minkejja n-nuqqasijiet u d-difetti kollha tagħna. Għalhekk qatt ma għandha tonqosna l-fiduċja fil-Papa u l-isqfijiet: għandna noqogħdu dejjem għal dak li jgħidulna, għax huma biss jistgħu juruna t-triq li twassal għall-ħajja ta' dejjem.

## TALBA TAL-FIDILI

Magħqudin f'xirka waħda ta' mħabba mal-Knisja kollha, nitolbu 'l Alla llum il-grazzja li nibqgħu dejjem fil-Knisja tiegħu fl-għaqda tal-Missier, u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu.

Żomm fi Spirtu wieħed ir-rabta tas-sliem fi ħdan il-poplu li int għażilt għalik, huwa jistqarr il-fidi waħda tiegħu.

Wassal lil dawk kollha li jistqarru li Kristu Ibnek hu l-Mulej għall-għaqda sħiħa bejniethom biex ilkoll ikunu ħaġa waħda fik.

Agħmel li l-Knisja tiegħek tidher quddiem id-dinja fil-ġmiel u s-sebħ kollu tagħha, ħielsa minn kull theddid tas-setgħat ta' l-infern.

Wettaqna fil-fedeltà lejn il-Papa u l-isqfijiet tagħna, aħna u nilqgħu l-kelma tagħhom mhux bħala kelma ta' bniedem, imma bħala l-kelma tiegħek, kif tassew hi.

Mulej Alla li tista' kollox, int bnejt il-Knisja tiegħek fuq pedament sod, u wegħdtha li s-setgħat ta' l-infern ma jegħelbuhiex: oħrogħa dejjem rebbieħa fuq il-qilla ta' l-għadu ta' ruħna biex tkun dejjem sinjal ta' salvazzjoni għal kulħadd. Bi Kristu Sidna.

## It-22 Ħadd tas-sena

## IL-MIXI WARA KRISTU

*Nies ikkonsagrati lil Alla*

Fit-tieni qari tal-lum, San Pawl għamlilna stedina mħeġġa biex noffru lilna nfusna bħala vittmi ħajja lil Alla, b'qima spiritwali. Għal xiex qiegħed jistedinna San Pawl b'dan il-kliem tiegħu? X'għandna nagħmlu biex nilqgħu din l-istedina? Jekk nilqugħha, b'liema mod inkunu nagħtu qima spiritwali lil Alla? U x'inhi din il-qima spiritwali?

San Pawl b'dan kliemu mhuwiex jagħmel ħaġ'oħra ħlief ifakkarna li bil-Magħmudija aħna ġejna ikkonsagrati lil Alla, biex inkunu tiegħu, u tiegħu biss. Fil-Magħmudija tagħna aħna ndfinna ma' Kristu fil-mewt tiegħu biex miegħu nqumu għall-ħajja ġdida: mitna miegħu biex ma nkunux aktar ilsiera tad-dnub, jiġifieri mitna għad-dnub biex inkunu ħajjin għal Alla fi Kristu Ġesù, biex inkunu wlied Alla, u jkollna l-ħelsien ta' wlied Alla. Fi kliem ieħor fil-Magħmudija aħna sirna xebh ma' Kristu.

*Kif inkunu xebh ma' Kristu*

Issa Kristu offra lilu nnifsu lill-Missier b'sagrifiċċju għalina, biex jiksbilna l-maħfra tad-dnubiet: ħa ġisem bħal tagħna biex ikun jista' jmut għalina; tant ħabbna li ta ħajtu għalina, minkejja li konna għadna egħdewwa tiegħu minħabba d-dnub. Inkunu għalhekk xebh ma' Kristu jekk bħalu noffru ġisimna b'sagrifiċċju għall-oħrajn, imqanqlin bl-imħabba għalihom, kif stedinna nagħmlu llum San Pawl. U meta aħna nkunu qegħdin nagħmlu dan inkunu nagħtu qima li togħġob lil Alla,għaliex tkun qima fl-ispirtu u l-verità, kif għandha tkun il-qima li jrid Alla. Dan għaliex meta aħna noffru ġisimna b'sagrifiċċju għall-oħrajn, imqanqlin mill-imħabba għalihom, għaliex huma ħutna fi Kristu, inkunu nissieħbu ma' Ġesù fil-passjoni u l-mewt tiegħu fuq is-salib. Is-sagrifiċċju tas-Salib jiġġedded fil-Quddiesa, u aħna nissieħbu f'dan is-sagrifiċċju ta' Kristu, kull darba li nieħdu sehem ħaj u attiv fil-Quddiesa; iżda t-tisħib tagħna fis-sagrifiċċju ta' Kristu ma jieqafx hawn, inkompluh imbagħad fil-ħajja tagħna ta' kuljum fid-dinja bl-egħmejjel ta' mħabba għal ħutna fil-bżonn, egħmejjel li nagħmlu bi spirtu ta' sagrifiċ-

ċju għall-imħabba ta' ħutna fil-bżonn li fihom naraw 'il Kristu stess.

*Ma nimxux max-xejra ta' din id-dinja*

Biex nagħmlu dan jeħtieġ li ma nimxux max-xejra ta' din id-dinja; jeħtieġ li ninbidlu fil-fehmiet tagħna u ma naħsbux aktar bħal ma jaħsbu n-nies tad-dinja. Għaliex? Kif jaħsbuha n-nies tad-dinja? Jaħsbuha kif ħasibha San Pietru, meta Ġesù kellem l-Appostli fuq il-Passjoni li kellu jġarrab. Kliem Ġesù ma għoġbux lil San Pietru u qabeż u qal: "Allaħares, Mulej! ma jkun qatt li dan igħaddi minn għalik." San Pietru tkellem hekk għax kien iħobbu lil Ġesù u ma ridux ibati u jmut, imma kien qed jirraġuna bħan-nies tad-dinja, li jibżgħu mit-tbatija u jaħarbu minnha, u ma jridux min isemmihielhom. Imma Ġesù wriena li t-tbatija hija mezz ta' salvazzjoni — salvana bil-passjoni u l-mewt tiegħu fuq is-salib. B'dan l-eżempju tiegħu hu għallimna kif għandna nħarsu lejn it-tbatija li hawn fid-dinja, it-tbatija li hi parti mill-istess ħajja tal-bniedem fid-dinja. Mhijiex dejjem kastig tad-dnub; spiss hi don ta' Alla biex iseħibna mal-Passjoni ta' Ibnu ħa ntemmu f'ġisimna dak li jonqos minnha għall-Ġisem tiegħu li hu l-Knisja.

L-istedina li għamlilna San Pawl biex noffru ġisimna bħala vittma ħajja li togħġob lil Alla b'qima spiritwali, jtennihielna Ġesù stess meta jistedinna nićħdu lilna nfusna biex immorru warajh, mgħobbijin bis-salib tagħna.

Is-slaleb, it-tbatija, is-sagrifiċċju huma s-sehem u l-wirt ta' dawk li huma tal-Mulej, u aħna lkoll tiegħu, għax bil-Magħmudija, kif għidna, ġejna ikkonsagrati lilu biex inkunu tiegħu biss. Sehemna fid-dinja mela huwa s-salib.

*L-eżempju tal-Qaddisin*

Nistgħu narawh tqil, kif rah Ġeremija tant li lil Alla qallu: "Qarraqtni; mhux se nitkellem aktar f'ismek; mhux se nsemmik aktar". Alla kien għażel lil Ġeremija bħala profeta tiegħu biex iħabbar niket u tiġrib lill-poplu ta' Israel minħabba dnubiethom. Kliemu ma kienx jogħġob lin-nies, kienu jwaqqgħuh għaċ-ċajt, iżebilħuh, igħajruh u jmaqdruh kuljum. Xtaq kieku ma jitkellimx aktar fuq moħqrija u ħsara. Iżda l-imħabba tiegħu għal Alla kienet wisq aqwa mit-tiġrib li kien ġie fuqu: kienet qisha nar jaqbad f'qalbu, u ma ħallietux imur kontra dak li ried Alla minnu.

Hekk ukoll San Pawl Missierna. Ra ħafna tiġrib, u persekuzzjonijiet; għadda minn ħafna perikoli; ġie mitfugħ il-ħabs, imsawwat, imfittex għall-mewt minħabba Kristu; kellu tiġrib kbir, xewka f'ġismu messaġġiera tax-xitan; talab li jeħles minn dan it-tiġrib, għax kien iħossu kbir wisq għalih; iżda dan it-tiġrib kollu qatt ma firdu mill-imħabba ta' Alla fi Kristu Ġesù.

Hekk ukoll il-martri ta' kull żmien, u l-Qaddisin kollha li għal-

kemm ma xerrdux demmhom għal Kristu, għaddew minn kull xorta ta' tiġrib u tbatijiet fil-mixi tagħhom wara Kristu.

Il-qaddisin kollha kienu nies bħalna, kellhom in-nuqqasiijet tagħna; xi wħud kienu midinbin kbar. Iżda ġie mument f'ħajjithom meta ntebħu x'kienet is-sejħa tagħhom bħala nsara; intebħu li fil-Magħmudija tagħhom ġew ikkonsagrati lil Alla, biex ikunu tiegħu biss, billi juruh l-imħabba kollha ta' qalbhom u joffru lilhom infushom bħala vittmi ħajja għall-qima tiegħu. U dan għamluh bil-ħajja li riedhom igħixu fid-dinja. Xi wħud għexu ħajja 'il bogħod mid-dinja f'kontemplazzjoni lejl u nhar tal-ħwejjeġ tas-sema: issagrifikaw kollox, ħallew kollox biex ikunu biss nies ta' talb u kontemplazzjoni; oħrajn taw ruħhom għall-ħidma ta' l-appostolat fid-dinja biex iwasslu lil Kristu lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba li kienu jfittxuh jew jeħtieġu l-faraġ tiegħu, u biex għamlu dan iċċaħħdu milli jgawdu l-hena tal-familja biex l-hena tagħhom isibuh fil-familja kbira ta' Alla; oħrajn għexu s-sejħa tagħhom f'nofs id-dinja mingħajr ma kienu tad-dinja, għaliex żammew ruħhom 'il bogħod mit-tinġis tagħha u fittxew biss li jagħmlu r-rieda ta' Alla billi fittxew dejjem dak li hu tajjeb, dak li jogħġob lil Alla, dak li hu sewwa quddiem Alla.

Aħna nistgħu nkunu bħalhom għax l-għajnuna ta' Alla ma tonqosniex kif qatt ma naqset lilhom. Li jeħtieġilna biss hu li nagħarfu s-sejħa tagħna, li nintebħu li fil-Magħmudija aħna ġejna ikkonsagrati lil Alla, u jeħtieġilna għalhekk ngħixu din il-konsagrazzjoni tagħna. Illum ħafna qegħdin jintebħu b'dan, u bdew il-mixja tagħhom biex jidħlu fil-qalba tal-Magħmudija tagħhom ħa jgħixuha fil-milja tagħha. Jalla nitħajru minnhom aħna wkoll u nibdew il-mixja tagħna ta' konverżjoni li twassalna biex ngħixu fil-milja tagħha l-Magħmudija tagħna fi ħdan il-komunità parrokkjali tagħna.

## TALBA TAL-FIDILI

Nitolbu llum lill-Mulej Ġesù biex iqawwilna qalbna ħalli nilħqu l-istedina tiegħu u mmorru warajh mgħobbijin bis-salib tagħna.

Mulej Ġesù ieqaf mal-Knisja hija u xxandar lid-dinja l-qawwa tas-salvazzjoni li tinsab f'kull tbatija li jġarrab il-bniedem fid-dinja.

Mulej Ġesù, dawwal il-fehma ta' kull min hu mgħammed biex jagħraf li fil-Magħmudija tiegħu ġie ikkonsagrat lil Alla biex ikun tiegħu biss.

Mulej Ġesù sejjaħ lura lejk lil dawk ħutna li mqarrqin mid-dinja, qegħdin igħixu skond ix-xejra tagħha u mhumiex iqisu l-ħwejjeġ ta' Alla.

Mulej Ġesù, għinna nerfgħu warajk is-salib tagħna biex bittbatijiet tal-ħajja tal-lum intemmu f'ġisimna dak li jonqos mill-Passjoni tiegħek għall-Ġisem tiegħek li hu l-Knisja.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, ara minn kemm tiġrib ninsabu mdawwrin illum; tħalliniex naqtgħu qalbna minħabba fih, imma għinna naraw fih mezz ta' salvazzjoni għalina u għad-dinja. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## It-23 Ħadd tas-sena

### NAĦFRU LIL MIN HU ĦATI GĦALINA

Illum u l-Ħadd li ġej, il-Knisja tkellimna fuq il-maħfra taddnubiet. Ġesù ġie fid-dinja — qalulna Hu stess — biex isejjaħ lillmidinbin għall-indiema, u permezz tal-parabbola tan-nagħġa mitlufa wriena kemm għandu għal qalbu li l-midinbin jindmu minn dnubiethom u jerġgħu lura għall-ħbiberija ma' Alla. Bil-parabbola tan-nagħġa mitlufa, Ġesù jurina li Hu stess imur jiġri wara l-midneb biex isejjaħlu lura mit-triq li fiha jkun miexi u jiġbdu mill-ġdid għat-triq it-tajba.

Illum Ġesù jrid jurina b'liema mod huwa jmur ifittex lill-midneb biex jiġbdu lura lejh. Jinqeda bina; jinqeda b'dawk kollha li qegħdin igħixu fil-ħbiberija miegħu; iridna ngħinuh biex insejħu lura lejh lil dawk fost ħutna li jaqgħu f'xi dnub.

*X'inhu d-dnub*

Hu dmir tagħna dan, bħala membri tal-Knisja ta' Kristu, il-Knisja li hi xirka waħda ta' mħabba, fejn fi Spirtu wieħed hemm ir-rabta tas-sliem. Kull meta nisrani, kull meta wieħed minna jagħmel dnub, jiġifieri kull meta wieħed minna jwarrab lil Alla filġenb biex jagħmel il-ħlejjaq l-allat tiegħu, kull meta wieħed minna jonqos mill-imħabba għal ħutu l-bnedmin l-oħra billi jagħmillhom ħsara f'ġidhom jew f'ġieħhom jew lill-istess persuna tagħhom, ikun mhux biss joffendi 'l Alla għax ikun qiegħed jikser il-liġi u l-kmandamenti tiegħu, imma jkun ukoll jikser ix-xirka ta' mħabba li tgħaqqad ħaġa waħda flimkien lil dawk kollha li huma ta' Kristu. Kull dnub, żgħir kemm hu żgħir, idgħajjef ir-rabta ta' mħabba u sliem li għandu jkun hemm bejn dawk li huma aħwa fi Kristu, u aktar ma jkun kbir id-dnub, aktar ma wieħed jitbiegħed minn Alla b'egħmilu, aktar tiddgħajjef din ir-rabta u tasal biex tinqered għal kollox.

*Għaliex għandna nħabirku għall-konverżjoni tal-midneb*

Kif smajna lil San Pawl igħidilna fit-tieni qari tal-lum, l-imħabba hija l-milja tal-liġi; min ikun iħobb il-proxxmu tiegħu jkun qiegħed iħares il-liġi kollha; l-obblikazzjoni waħdanija tagħna biex inkunu nħarsu l-liġi ta' Alla kollha kemm hi, hi li nħobbu 'l xulxin. Hu għalhekk li kull ksur tal-liġi ta' Alla huwa wkoll ksur tax-xirka ta' -imħabba li torbotna bejnietna bħala membri tal-Knisja ta' Kristu. U huwa proprju minħabba dan, li aħna fid-dmir li meta xi ħadd minn ħutna jaqa' f'xi dnub, għandna nfittxu nreġġgħuh lura għat-triq it-tajba. Hu bina li l-Mulej Ġesù jrid ifittex in-nagħġa mitlufa biex ireġġagħha lura fil-merħla tiegħu, fix-xirka waħda ta' l-imħabba, li minnha l-midneb ikun infired bid-dnub tiegħu.

*Kif naqdu dan id-dmir*

B'liema mod se naqdu dan id-dmir tagħna? Igħidulna Ġesù stess. Jekk ħuk jaqa' f'xi dnub mur sibu waħdu u widdbu; jekk jisma' minnek, tkun irbaħt lil ħuk. Jekk ma jismax erġa' mur u ħu miegħek wieħed jew tnejn oħra biex kull ma jingħad jissaħħaħ bilkelma ta' żewġ xhieda jew tlieta. Jekk imbagħad anqas minnhom ma jkun irid jisma', żommu b'wieħed pagan jew publikan".

X'irid igħidilna Ġesù b'dan il-kliem? Iridna nużaw il-mezzi kollha li għandna biex niġbdu lura għat-triq it-tajba lill-midneb, mingħajr ma noqogħdu nxandru ma' kulħadd l-iżball tiegħu. "Mur sibu waħdu u widdbu", igħidilna Ġesù. Flok noqogħdu nitkażaw b'min jiżbalja, flok noqogħdu nxandru l-iżball tiegħu, mingħajr ebda kelma iebsa, bħala ħbieb, anzi bħala ħutu, għandna nippruvaw nuruh x'inhu l-iżball tiegħu, fejn se jwasslu, xi ħsara se jagħmel lilu nnifsu u lill-oħrajn. Biss meta ma nirnexxux jew għax ma sibniex ilmument f'waqtu jew għax afdajna biss fil-ħila tagħna u ma tlabniex l-għajnuna ta' Alla jew għax ħabibna d-dnub għamih u webbes qalbu fih, minnflok naqtgħu qalbna minnu, u f'qalbna ngħidu: "Affarih! jekk irid jitlef ruħu, ħa jitlifha!", għandna nfittxu lil xi ħadd ieħor li jista' jgħinna, u fuq kollox għandna nfittxu l-għajnuna tattalb tal-komunità kollha tagħna. Anzi huwa dmir ta' kull komunità nisranija li ma tieqaf qatt titlob għall-midinbin li jinsabu fi ħdanha, biex il-Mulej jagħtihom il-grazzja li jifthu għajnejhom u bħalliben il-ħali jintebħu fil-miżerja li fiha jkunu jinsabu u bħalu jgħidu: "Inqum u nerġa' lura għand Missieri."

*Nitolbu għall-midinbin*

Ukoll wara li nkunu għamilna kull ma stajna biex niġbdu għattriq it-tajba lill-midneb, u hu jibqa' jwebbes rasu, ma għandniex nabbandunawh, inħalluh jintilef. Meta Ġesù jgħidilna li l-midneb li ma jridx jisma' għandna nżommuh b'wieħed pagan jew publikan, Ġesù ma riedx igħidilna "itilquh! ħalluh jintilef waħdu!" Ried igħidilna biss: "Tkunux bħalu! Tikkupjawx l-imġieba tiegħu!" Min hu nisrani tassew ma jgħix bħall-pagani li jgħixu skond il-ġisem u

jpaxxu l-ġibdiet kollha tal-ġisem, u lanqas bħall-pubblikani li moħħhom biss biex jaħżnu l-ġid tad-dinja li miegħu jorbtu qalbhom. Il-midneb fl-imġiba tiegħu jagħmel bħall-pagani u l-pubblikani, u għalhekk in-nisrani ma għandux ikun jixbhu f'dan. Minflok, għandu jitlob għalih, u ma jaqta' qatt mit-talb għalih, għax jekk ma rnexxilux jiġbdu bl-ebda mad għat-triq it-tajba, bit-talb għad jirnexxilu. Dan iwegħdulna Ġesù stess, fl-Evanġelju tal-lum. Miġburin flimkien bħala xirka waħda ta' mħabba, aħna jkollna ill Ġesù jitlob magħna, u kull ma nitolbu l-Missier jagħtihulna. Alla ma jridx il-mewt tal-midneb imma jridu jindem u jgħix, u jekk aħna nitolbu għall-indiema tal-midinbin, Alla mhux sejjer ma jismax ittalba tagħna, aktar u aktar jekk din nagħmluha mal-Knisja kollha.

*Insalvaw ruħna*

Niftakru x'qaltilna l-Knisja llum fl-ewwel qari tal-Quddiesa. Jekk aħna ma għamilniex dmirna ma' xi ħadd minn ħutna li waqa' fid-dnub, u ma widdibnihx, meta stajna, u hekk inqasna li ngħinu lill-Mulej Ġesù fit-tħabrik tiegħu ħa jfittex dik in-nagħġa mitlufa, Alla jitlob minna kont tat-telfien tiegħu, għax inkunu nqasna milli nuru mħabba lejn wieħed minn ħutna li kien jeħtieġ l-għajnuna tagħna, l-għajnuna biex jerġa' jsib it-triq it-tajba li jkun tilef, u li forsi aħna biss stajna ngħinuh isibha. Qatt ħsibna fuq din ir-responsabbiltà tagħna lejn ħutna, sħabna fuq ix-xogħol, ħbiebna, forsi qrabatna wkoll, li qed narawhom jiżbaljaw, jiġifieri jitnikkru fuq ix-xogħol, jew jagħmlu xogħol ħażin, jew jidgħu, jew jittraskuraw dmirijiethom fi ħdan il-familja, jew jaqilgħu l-inkwiet, u ma għidnilhomx kelma għall-ġid, meta stajna ngħidulhielhom, u tkunilhom ta' ġid? U jekk għarafna din ir-responsabbiltà tagħna u fittixna naqdu dan id-dmir, konna dejjem bil-għaqal fl-imġiba tagħna mal-midneb, imma wrejnih ċar li kienet biss l-imħabba timbuttana biex nifthulu għajnejh? U fuq kollox tlabna l-għajnuna ta' Alla? tlabna 'l 'l Alla biex jagħtih il-grazzja li jisma' leħnu u ma jwebbisx aktar qalbu?

Jalla nifhmu sewwa din ir-responsabbiltà tagħna lejn ħutna l-midinbin, jekk irridu verament niksbu s-salvazzjoni ta' ruħna!

## TALBA TAL-FIDILI

Alla ma jridx il-mewt tal-midneb, imma li jindem u jgħix. Nitolbuh għalhekk għal ħutna kollha li, minħabba l-ebusija ta' rashom, jinsabu 'l bogħod minnu, biex jagħtihom il-grazzja li jagħarfu l-miżerja li fiha jinsabu biex jerġgħu lura fi ħdanu.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek, fil-ħidma tagħha biex issejjaħ il-midinbin għall-indiema ħa jerġgħu jinħabbu miegħek.

Qanqal qalb dawk kollha li webbsu qalbhom fid-dnub, biex jagħarfu f'liema qagħda kerha jinsabu, ħa jqumu minnha u kollhom niedma u sogħbiena jerġgħu lura għandek.

Ħares lill-poplu l-ġdid li int ksibt għalik, minn kull theddid tal-ħażen, biex ħadd ma jiġi mqarraq mill-frugħat u t-tlellix tad-dinja tad-dnub u jitbiegħed minnek.

Żommna dejjem magħqudin flimkien f'din ix-xirka waħda ta' mħabba li hi l-Knisja tiegħek, biex inħarsu dejjem, fi Spirtu wieħed, ir-rabta tas-sliem.

Mulej Alla li tista' kollox, żomm ħajja fostna l-fehma li aħna lkoll fil-Knisja tiegħek, niffurmaw xirka waħda ta' mħabba, biex, imqanqlin minn din l-imħabba, inħabirku biex bil-kelma t-tajba, niġbdu lura lejk dawk li d-dnub firidhom minnek, ħalli r-rabta tas-sliem li huma dgħajfu bi dnubiethom, terġa' tissaħħaħ bl-indiema tagħhom. Bi Kristu Sidna.

### L-24 Ħadd tas-sena

## IL-MAĦFRA TAD-DNUBIET (II)

*Naħfru dejjem*

Il-Ħadd li għadda rajna x'inhu d-dmir tagħna lejn dawk ħutna li jkunu tbiegħdu mit-triq it-tajba, u mqarrqin mill-frugħat tad-dinja, warrbu 'l Alla fil-ġenb biex jagħmlu l-ħlejjaq l-allat tagħhom. Il-Knisja, il-Ħadd li għadda ,urietna li aħna fid-dmir li lil min hu midneb nippruvaw niġbduh jerġa' lura għat-triq it-tajba, imqanqlin mill-imħabba għalih, bħala ħuna fi Kristu. Illum il-Knisja tgħidilna li din l-imħabba li għandu jkollna għal ħutna kollha fi Kristu, għandha twassalna biex naħfru dejjem lil min hu ħati għalina.

Ġesù stess igħidulna dan bit-tweġiba li ta lil San Pietru meta dan staqsih kemm-il darba għandu jaħfer lil ħuh li jonqsu. Għas-seba' darbiet li semma' San Pietru, il-Mulej wieġeb: "Mhux għal seba' darbiet biss, imma għal sebgħa u sebgħin darba." Meta San Pietru staqsa lil Ġesù kellux jaħfer għal seba' darbiet, bi kliemu l-Appostlu kien qiegħed jistaqsi lil Ġesù għandux jaħfer dejjem, u t-tweġiba ta' Ġesù wettqet kliem l-Appostlu, b'mod li bil-kelma tiegħu Ġesù wriena li għandna naħfru dejjem, kbira kemm tkun kbira l-ħtija li ssirilna.

Ġesù kompla jwettaq kliemu bil-parabbola tal-qaddej ħażin li sidu kien ħafirlu dejn kbir għax ħenn għalih, iżda mbagħad hu ma kellux il-ħila jaħfer dejn żgħir li wieħed minn sħabu kellu miegħu; minħabba f'hekk sid dak il-qaddej ħażin reġa' lura minn kelmtu u tefa' l-ħabs lil dak il-qaddej sa ma jħallas dejnu kollu.

*Naħfru minn qalbna*

It-tagħlim li Ġesù ried jagħtina b'din il-parabbola jidher ċar mill-kliem ta' l-aħħar: "Hekk jagħmel lilkom Missieri tas-smewwiet jekk ma taħfrux lil xulxin minn qalbkom." Tajjeb għalhekk naħsbu sewwa fuq dan il-kliem, għaliex aħna lkoll midinbin — lil Alla nonqsuh spiss tul ħajjitna — imma nittamaw dejjem fil-ħniena tiegħu. Alla hu dejjem lest biex jaħfrilna għaliex hu ħanin u ta' qalb ħelwa, imma jrid li aħna wkoll naħfru lil min hu ħati għalina, u jridna naħfru *minn qalbna*. U hawn hu l-qofol tal-maħfra li l-Mulej iridna nagħtu lil min hu ħati għalina. Trid tkun maħfra ħierġa mill-qalb, jiġifieri trid tkun maħfra ġejja mill-imħabba tagħna għal ħutna, għax aħna lkoll ulied l-istess Missier, ilkoll mifdijin mid-Demm għażiż ta' Kristu.

Rajna l-Ħadd li għadda li l-imħabba hija l-milja tal-liġi, jiġifieri kull ma nagħmlu, jekk aħna tassew insara, għandna nagħmluh imqanqlin mill-imħabba ta' Alla u ta' għajrna; illum il-Knisja tgħidilna li kull ma nagħmlu għandna nagħmluh għaliex aħna tal-Mulej, għaliex għażilna li ngħixu għall-Mulej. Dan seħħ fil-Magħmudija tagħna, u wettaqnih meta rċevejna s-Sagrament tal-Griżma. Fil-Magħmudija, mbagħad wisq aktar fil-Griżma, aħna ġejna ikkonsagrati lil Alla, biex inkunu tiegħu, biex ngħixu għalih, u għalhekk bl-imġiba kollha tagħna — sew jekk ngħixu, sew jekk immutu, igħidilna San Pawl — aħna għandna nuru li aħna tal-Mulej. Issa b'mod speċjali dan nuruh meta naħfru lil min hu ħati għalina, għaliex meta nkunu nagħmlu dan, inkunu nġibu ruħna mal-bnedmin ħutna kif Alla jġib ruħu magħna; inkunu naħfru kif Alla jaħfer lilna.

*Kif jaħfrilna Alla*

Kif jaħfrilna Alla ħtijietna? Jaħfrilna ħtijietna, u jibqa' jiftakar fihom? jew ineħħihomlna għal kollox, qishom qatt ma kienu? Alla jaħfrilna ħtijietna u jneħħihomlna għal kollox, qishom qatt ma kienu għalkemm jibqagħlna dejjem id-dmir li npattu għall-ħsara li nkunu għamilna bihom lix-xirka waħda ta' mħabba li hi l-Knisja, kif rajna l-Ħadd li għadda.

U aħna kif naħfru lil min hu ħati għalina? Ninsew għal kollox il-ħtijiet li jkunu sarulna? Jew nibqgħu nżommu f'qalbna għat-tort li jkun sarilna għalkemm ngħidu li ħfirna lil min għamlilna tort? Mhux hekk Alla jimxi magħna, u jekk aħna naħfru u ma ninsewx ma nkunux naħfru tassew, u l-Mulej lanqas lilna ma jaħfrilna ħtijietna kif nixtiequ aħna.

Kemm-il darba ngħidu kuljum lil Alla: "Aħfrilna ħtijietna, bħalma naħfru lil min hu ħati għalina"? Kemm hi sinċiera din it-talba li min jaf kemm-il darba ngħidu kuljum? Irridu tassew maħfra sħiħa ta' dnubietna mingħand Alla? Jekk iva, għaliex imbagħad ngħidu li lesti biex naħfru l-ħtijiet tal-bnedmin, imma mhux ninsewhom? U jekk dan, kif nistgħu nippretendu li Alla jinsa ħtijietna meta spiss intennulu: Aħfrilna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina? L-istess talba tagħna tikkundannana.

*Kif għandna nġibu ruħna*

Nagħtu widen għalhekk għal dak li jgħidilna Bin Sirak, fl-ewwel qari tal-lum.

B'liema dritt titlob lil Alla jaħfirlek dnubietek, meta int m'intix lest taħfer lill-għajrek u tinsa d-deni li għamillek? Kif tista' titlob lil Alla l-fejqan ta' ruħek, meta għadha mimlija korla u għadab għal ħuk, li għalkemm ħfirtlu, għadek tiftakar f'dak li għamillek? Sura ta' maħfra bħal din, jidhirlek li hi maħfra sinċiera, ħierġa mill-qalb?

Meta nżommu f'qalbna l-korla u l-mibgħeda għal xi ħadd — u nuru korla u mibgħeda wkoll meta ngħidu li lil xi ħadd ħfirnilu, imma ma nkellmuhx — aħna għadna fid-dnub, u ma nistgħux nistennew maħfra mingħand Alla. Għalhekk it-twissija ta' Bin Sirak illum: Ftakar fi tmiemek, ftakar fil-qerda u l-mewt: ma għandekx għamara għal dejjem f'din id-dinja: għad trid tidher quddiem Alla biex tagħti kont ta' egħmilek kollu, ta' kemm-il darba ma ħfirtx lil min naqsek. Ftaqar li kbar kemm huma kbar il-ħtijiet li jsirulek ma huma xejn ħdejn il-ħtijiet tiegħek lejn Alla. Ibda minn issa ħares il-kmandamenti, u fuq kollox il-kmandament ta' l-imħabba, li fih jinsabu l-kmandamenti kollha. Żomm ruħek 'il bogħod, mill-ġlied, mill-piki, mill-għira, mill-korla, mill-għadab, mill-mibgħeda, u tara kemm issibha eħfef li taħfer lil min hu ħati għalik. Tgħallem stabar, tħenn, tagħder lill-oħrajn, u tgħix ħajtek kollha fis-sliem, u jkollok barka mingħand il-Mulej, u meta tidher quddiemu, jilqgħek fil-mergħat ta' dejjem.

## TALBA TAL-FIDILI

Aħna u niftakru fit-tjieba u l-ħniena tal-Mulej, nitolbuh illum jaħfrilna ħtijietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina.

Mulej Ġesù, int tajt lill-Knisja tiegħek is-setgħa li taħfer id-dnubiet: ieqaf magħha hija u tistieden bla heda lill-bnedmin għall-indiema ħa jkollhom il-maħfra ta' dnubiethom.

Mulej Ġesù, int ġejt fid-dinja biex issejjaħ lill-midinbin għall-indiema: ħoll l-irbit ta' dawk kollha l jinsabu mjassra minn dnubiethom biex jiksbu l-ħelsien mill-jasar li jinsabu fih.

Mulej Ġesù, int kollok tjieba u ħniena mal-midinbin li jistqarru ħtijiethom kollhom sogħbiena u niedma: għallimna nkunu bħalek u bit-tjieba u l-ħniena tagħna niġbdu lejk lil dawk ħutna li d-dnub firidhom minnek.

Mulej Ġesù, int tridna naħfru dejjem: qawwilna l-fehma tagħna biex inkunu dejjem lesti naħfru u ninsew il-ħtijiet kollha li jsirulna, kbar kemm huma kbar, ħalli niksbu l-maħfra tiegħek.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, aħna kemm-il darba ksirna l-liġi mqaddsa tiegħek, u ma konniex dejjem lesti naħfru lil min hu ħati għalina: ħenn għalina, u aħfrilna dan in-nuqqas tagħna, u agħtina l-grazzja li mill-lum 'il quddiem, ma nwebbsux qalbna miegħek, imma nagħtu dejjem widen għall-Kelma tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

### II-25 Ħadd tas-sena

## IL-PREMJU TAL-ĦAJJA TA' DEJJEM

*Il-ħlas mistħoqq lill-ħaddiem*

"Hekk ta' l-aħħar jiġu l-ewwel, u ta' l-ewwel l-aħħar", għadna kemm smajna l-Mulej igħidilna fl-Evanġelju tal-lum fi tmiem il-parabbola tal-ħaddiema li marru jaħdmu fl-għalqa f'ħinijiet differenti tal-ġurnata, u lkoll, fi tmiem il-jum, ħadu ħlas l-istess.

Kliem Ġesù,, anzi l-istess parabbola li qalilna Ġesù ftit jew wisq tħawwadna, għaliex inħossu li għandna nagħtu raġun lill-ħaddiema li gemgmu kontra s-sid li tahom l-istess ħlas lilhom li tgħabbew bil-piż tal-jum u s-sħana, daqs kemm ta lill-ħaddiema li għamlu siegħa waħda biss fl-aħħar tal-ġurnata.

Ġesù bil-parabbola tal-lum ma riedx igħallimna dwar il-ħlas mistħoqq lill-ħaddiema għax-xogħol li jagħmlu; fuq dan l-Iskrittura tkellimna wkoll, u San Ġakbu għandu kliem iebes għal dawk is-sidien li ma jħallsux kif jixraq lil min jaħdmilhom: "Ara l-ħlas tal-ħaddiema li ħasdu l-egħlieqi tagħkom, ħlas li intom żammejtuhulhom bil-qerq," jikteb San Ġakbu, "qiegħed igħajjat kontra tagħkom, u l-biki ta' dawk li ħasdu wasal f'widnejn il-Mulej ta' l-eżerċti." Imma llum il-Kelma ta' Alla mhux fuq dan trid tkellimna, iżda fuq is-sejħa tal-bnedmin kollha għas-saltna tas-smewwiet. Kulħadd

hu msejjaħ għas-saltna tas-smewwiet, igħidilna Ġesù, għaliex Alla jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw, għaliex Hu ħalaqhom għalih, billi biex wara li jaqduh u jħarsu l-liġi tiegħu f'din id-dinja, imbagħad imorru jgawduh għal dejjem fis-sema.

*Is-sejħa għas-salvazzjoni*

Iżda mhux il-bnedmin kollha jħarsu l-liġi ta' Alla u jagħmlu r-rieda tiegħu tul ħajjithom kollha. Ħafna huma l-bnedmin li ftit jaħsbu fuq dmirijiethom lejn Alla ,tant ikunu mehdijin bil-ħajja tagħhom fid-dinja; iżda għal kull bniedem jasal il-waqt li fih il-Mulej isejjaħlu biex jintebaħ xi dmirijiet għandu u x'jeħtieġlu jagħmel biex isalva ruħu. Imma l-bnedmin mhux kollha jwieġbu ma' l-ewwel għas-sejħa ta' Alla u jkomplu jitnikkru, għalkemm Alla jkompli jsejjaħ sakemm jagħtu widen għall-Kelma tiegħu. U jekk jagħtu widen għall-Kelma ta' Alla, ikun meta jkun il-waqt, f'żogħżithom, fl-aħjar ta' ħajjithom jew fi xjuħithom, jekk huma jagħtu widen għas-sejħa tal-Mulej u jagħmlu r-rieda tiegħu u jindmu minn ħtijiethom, il-Mulej jagħtihom il-ħajja ta' dejjem li għaliha ġew maħluqa.

Il-ħaddiema tal-parabbola li sid il-għalqa sejjaħ f'ħinijiet differenti tal-ġurnata, huma xbieha tal-bnedmin li jagħtu widen f'xi mument tal-ħajja tagħhom fid-dinja għas-sejħa ta' Alla biex jindmu u jikkonvertu. Jistgħu jkunu għexu ħajjithom kollha f'għaqda sħiħa ma' Alla, jistgħu jkunu għaddew żogħżija mħawwda mbagħad għas-sejħa ta' Alla ,bħal Santu Wistin, jingħataw kollhom kemm huma għall-qadi tal-Mulej, jistgħu jkunu bħal San Pawl li l-ewwel bikkew il-Knisja ta' Kristu, u mbagħad saru appostli kollhom ħeġġa għaliha; jistgħu jkunu nies li wara ħajja ta' dnub jikkonvertu u jibdew igħixu ħajja ġdida; jistgħu jkunu fl-aħħarnett nies li meta jixjieħu, meta d-dinja u l-frugħat tagħha ma tħajjarhomx iżjed, jintebħu li għandhom ruħ xi jsalvaw u jibdew għalhekk jaħsbu fiha. U Alla fil-ħniena tiegħu jagħtihom is-salvazzjoni.

*Il-Ġenerożità ta' Alla*

Forsi xi ħadd igħid li dan mhuwiex sewwa, bħalma qalu l-ħaddiema li gergru għas-sid tal-parabbola. Iżda, kif għedna, il-parabbola mhijiex tkellimna fuq il-ħlas mistħoqq lill-ħaddiema li ħadmu l-ġurnata kollha; il-parabbola trid turina b'liema ġenerożità Alla jimxi magħna, minkejja li aħna nonqsuh dejjem u ta' spiss. Sid il-għalqa tal-parabbola tal-lum ma naqasx lill-ħaddiema li ħadmulu l-jum kollu, għax tahom dak li ħaqqhom, kif ftiehem magħhom; iżda sid il-għalqa kien ġeneruż ħafna mal-ħaddiema ta' l-aħħar siegħa meta tahom daqs l-oħrajn, u f'dan hu xbieha ta' Alla li hu ġeneruż fuq li ġeneruż magħna lkoll għaliex jagħtina l-ħajja ta' dejjem jekk fi tmiem ħajjitna fid-dinja nkunu ħbieb miegħu.

Alla jaħfer il-ħtijiet kollha tal-midneb jekk dan iħalli triqtu l-ħażina u jerġa' lura għand il-Mulej, igħidilna l-profeta Isaija fl-ew-

wel qari tal-lum: ma jiftakarhomx iżjed, ikunu qishom qatt ma kienu. Għaliex Alla ħanin u jagħder, u mhuwiex bħalna l-bnedmin li m'għandniex il-ħila ninsew il-ħtijiet li jsirulna.

*L-għan ewlieni ta' ħajjitna*

"Triqati mhumiex it-triqat tagħkom, fehmieti mhumiex bħal fehmiet tagħkom", igħidilna Alla bi kliem il-profeta, biex jistedinna naħsbu mhux kif jaħsbu l-bnedmin tad-dinja, imma kif jaħseb Hu. Għax jekk aħna l-insara naħsbu bħalma jaħsbu l-bnedmin taddinja, nistgħu nsibu ruħna mwarrbin minn Alla u flokna jidħlu dawk il għarfu 'l Alla u daru lejh fl-aħħar ta' ħajjithom. Jiġrilna dan jekk ma jkollniex l-istess sentimenti li kellu Kristu, sentimenti ta' tjieba u ħniena u ġenerożità ma' kulħadd, u hekk inkunu qegħdin ngħixu kif jixraq l-Evanġelju li ngħidu li nħaddnu, u li fil-Magħmudija tagħna għażilna bħala regola ta' ħajjitna.

Meta dan, inkunu qed nagħmlu l-ħajja ta' dejjem l-għan tal-ħajja tagħna f'din id-dinja. Forsi ma nintebħux ma' l-ewwel b'dan, iżda malli nintebħu b'dan il-għan ewlieni ta' ħajjitna fid-dinja, għandna nħabirku biex infittxu niksbuh, u nagħmlu minn kollox biex inpattu għaż-żmien li tlifna minn ħajjitna għax ma ħsibniex għall-ħajja ta' dejjem tagħna.

Meta nintebħu x'ġid kbir hi l-ħajja ta' dejjem, bħal San Pawl, bħal ħafna qaddisin, Kristu jsir kollox għalina u nħallu ruħna f'idejh. Infittxu naqdu għalhekk id-dmirijiet tagħna f'din id-dinja biex inpattu għall-ħtijiet ta' l-imgħoddi, biex inħabirku għall-kobor tas-saltna ta' Kristu fid-dinja, biex inkunu strumenti f'idejn Alla ħalli bl-imġiba kollha ta' ħajjitna nagħtu xhieda tiegħu quddiem id-dinja; inkunu lesti li nagħmlu dejjem din ir-rieda ta' Alla, minkejja s-slaleb kollha u t-tiġrib kollu li jista' jiġi fuqna minħabba fih; u meta Alla jridna ntemmu l-ġirja tagħna f'din id-dinja biex jagħtina l-premju tal-ħajja ta' dejjem, ħa jsir skond kelmtu. Hu x'inhu, jekk aħna nifhmu x'inhi verament is-sejħa tagħna bħal San Pawl għandna nistqarru li sew jekk ngħixu sew jekk immutu aħna tal-Mulej.

Qalbna qawwija fit-tjieba u l-ġenerożità ta' Alla, żguri li se jismagħna kull meta nsejħulu, nitolbuh jurina t-triq li twassal għall-ħajja ta' dejjem.

Ieqaf, Mulej mal-Knisja tiegħek hija u turi triqatek lill-bnedmin kollha tad-dinja u tistedinhom jimxu minnhom.

Qanqal qlub il-bnedmin kollha biex iwieġbu għas-sejħat tiegħek ħa jħabirku biex jiksbu l-ħajja ta' dejjem u jpattu b'egħmil ta' penitenza għaż-żmien li tilfu jiġru wara l-frugħat tad-dinja.

Dawwal il-fehma ta' kull bniedem li hawn fid-dinja biex jagħraf x'inhi s-sejħa tiegħu f'din id-dinja u jgħixha kif trid int.

Saħħaħ fina sentimenti ta' tjieba, ħniena, mogħdrija, sabar u ġenerożità biex inkunu nixbħu dejjem lill-Ibnek Ġesù Sidna u nkunu dejjem tiegħek.

Mulej Alla li, tista' kollox, ieqaf magħna tul il-ħajja kollha tagħna f'din id-dinja, u agħtina l-grazzja kollha li neħtieġu biex ngħixu kif jixraq lill-Evanġelju ta' Kristu u ma nagħmlu xejn li ma jixraqx l-isem ta' nsara li nġibu. Bi Kristu Sidna.

# IS-SEJĦA TAL-MIDINBIN

*Il-parabbola taż-żewġ ulied*

Il-Ħadd li għadda l-Mulej Ġesù, bil-parabbola tas-sid li sejjaħ ħaddiema fil-għalqa tiegħu tul is-sigħat kollha tal-jum u mbagħad ħallashom ilkoll l-istess, uriena li Alla, fil-kobor tal-ħniena u tal-ġenerożità tiegħu, jagħti l-ħajja ta' dejjem ukoll lill-midinbin li fl-aħħar mumenti ta' ħajjithom jerġgħu lura fi ħdanu niedma u sogħbiena. Illum ikompli jkellimna fuq dan permezz tal-parabbola taż-żewġ ulied li missier bagħat jaħdmulu fl-għalqa tad-dwieli tiegħu. Il-kbir, meta missieru bagħtu jaħdem fl-għalqa, ma riedx imur, iżda mbagħad mar, waqt li t-tieni wieħed wara li bil-ħeġġa kollha qal lil missieru li kien sejjer jaqdih, fil-fatt ma għamel xejn.

F'dawn iż-żewġ ulied tal-parabbola naraw tal-kotra l-kbira tagħna l-insara. Ħafna minna huma bħal iben il-kbir: jitnikkru biex jagħmlu dak li Alla jrid minnhom, anzi wħud jaslu biex jagħmlu bil-maqlub ta' dak li jridhom Alla, iżda mbagħad meta jidħlu ftit fihom infushom, jaraw li żbaljaw u jfittxu jagħmlu r-rieda ta' Alla. Huma dawk li jwieġbu għas-sejħa ta' Alla mhux minnufih, imma ftit jew wisq tard fil-ħajja tagħhom fid-dinja; huma bħal dawk il-ħaddiema tal-parabbola tal-Ħadd li għadda li marru jaħdmu fil-għalqa mhux mill-ewwel siegħa tal-jum, imma aktar tard.

*Dawk li ma jagħmlux ir-rieda ta' Alla*

Imbagħad hemm ħafna oħrajn fostna l-insara li għalihom qegħdin jagħmlu r-rieda ta' Alla, għaliex imorru l-knisja, u forsi wkoll jitqarbnu kuljum, iżda mbagħad ma jintebħux li dak li Alla jrid minnhom mhumiex qegħdin jagħmluh. Huma bħal iben iż-żgħir tal-parabbola li qal li se jagħmel ir-rieda ta' missieru u ma għamilhiex. Huma bħal-Lhud ta' żmien Ġesù, li kien jaħsbu, li għaliex kienu jħarsu l-liġi ta' Mose' bir-reqqa kollha sa l-iċken tikka tagħha quddiem in-nies, huma kienu ġusti quddiem Alla, u ma kellhomx għalfejn jindmu u jagħmlu penitenza, minkejja li f'qalbhom kienu jbejtu kull xorta ta' ħażen. Fostna l-insara ssib ħafna, li huma bħal dawn in-nies: imorru l-knisja kuljum, u ma jagħmlux ħlief igħidu fuq in-nies u jerfgħu slaleb ħaddieħor, dejjem lesti biex jitkażaw bl-iżbalji ta' l-oħrajn, u ma jarawx il-ħażen li jinsab fihom; huma nies li jimpurtahom biss minnhom infushom: għalihom jista' kul-ħadd imur l-infern, basta jsalvaw huma; huma nies li mhumiex kapaċi jifirħu ma' l-anġli tas-sema meta wieħed midneb jerġa' lura minn triqtu l-ħażina, u jibdew jiddubitaw mis-sinċerità tal-konversjoni tiegħu.

Nies bħal dawn jista' jiġrilhom bħalma ġralhom il-Fariżej fi

żmien Ġesù: jagħmew u ma jarawx il-verità ta' Alla, u jibqgħu fl-għama tagħhom u jintilfu. Tkun il-kburija tagħhom infushom li twassalhom għat-telfien għaliex jaħsbu illi huma ġusti quddiem Alla u qegħdin jagħmlu r-rieda tiegħu għax imorru l-knisja kuljum. Iżda r-rieda ta' Alla mhijiex din biss għalihom; hija wisq aktar minn hekk, kif naraw minn kliem San Pawl lill-Filippin, fit-tieni qari tal-lum.

*Nixbhu 'l Ġesu' fiċ-ċokon tiegħu*

Ir-rieda ta' Alla għalina l-insara hija li nkunu nixbhu lil Ġesù, fiċ-ċokon tiegħu. Ġesù igħidilna San Pawl, li kellu n-natura ta' Alla ċekken lilu nnifsu u sar bniedem bħalna u obda sal-mewt tas-salib. Bħalu rridu niċċekknu aħna, u nagħarfu x-xejn tagħna. U dan nagħmluh meta nkunu fehma waħda bejnietna, meta ma nagħmlu xejn bl-ambizzjoni jew għall-frugħa, u nkunu umli u nqisu lill-oħrajn aħjar minna, meta nfittxu mhux dak li jaqbel lilna imma dak li jaqbel lill-oħrajn. B'dan il-mod inkunu naħsbuha kif kien jaħsibha Kristu u nkunu nixbħuh għaliex ikollna l-istess sentimenti li kellu hu.

Meta nfittxu li nkunu fehma waħda bejnietna u nfittxu mhux dak li jaqbel lilna imma lill-ħaddieħor, inkunu nipprattikaw l-ispirtu ta' l-umiltà, nagħarfu x-xejn tagħna, niċċekknu, bħalma ċċekken Ġesù; inkunu qegħdin nirbħu l-kburija tagħna, u nintebħu li m'aħniex wisq aħjar mill-pubblikani u n-nisa tat-triq għalkemm immorru l-knisja kuljum. X'ifisser dan? Ifisser li aħna għalkemm naqdu d-dmirijiet tagħna ta' nsara billi mmorru l-Knisja nhar ta' Ħadd ,nagħmlu l-preċett darba fis-sena, nagħtu l-għajnuna tagħna għall-opri tal-Knisja u nieħdu sehem f'xi manifestazzjoni reliġjuża, aħna għadna midinbin u neħtieġu l-ħniena ta' Alla, bħalma huma midinbin u jeħtieġu l-ħniena ta' Alla dawk li llum qegħdin jagħmlu dak li kienu jagħmlu l-pubblikani u n-nisa tat-triq fi żmien Ġesù, għalkemm forsi m'aħniex midinbin daqshom.

*Il-pubblikani u n-nisa tat-triq tal-lum*

Min huma l-pubblikani u n-nisa tat-triq tal-lum? Il-pubblikani huma dawk li biex ikabbru ġidhom fid-dinja jisirqu, iqarrqu bl-oħrajn, jieħdu u jagħtu r-rigali biex jagħmlu xi pjaċir, jieħdu post ħaddieħor aħjar minnhom, huma dawk li f'kelma waħda, jagħmlu kull xorta ta', inġustizzja biex jimxu 'l quddiem huma mingħajr ma jqisu l-ħsara li qed jagħmlu lil għajrhom. In-nisa tat-triq tal-lum huma dawk li bl-imġiba tagħhom, bil-fehmiet li jħaddnu u jxerrdu, iwaqqgħu d-dinjità tal-mara bl-iskuża li jagħtuha ħelsien sħiħ.

Dawn il-pubblikani u n-nisa tat-triq ta' żminijietna tilħaqhom ukoll il-grazzja ta' Alla, għax Alla lilhom ukoll iridhom isalvaw u għalhekk ma jċaħħadhomx mill-grazzji tiegħu, u jsejħilhom ukoll għall-konversjoni: jistgħu jbiddlu ħajjithom u jiksbu maħfra sħiħa

ta' dnubiethom kollha, għaliex kif smajna l-profeta Eżekjel igħidilna fl-ewwel qari tal-lum, "Jekk midneb jerġa' lura mid-dnub li jkun għamel u jagħmel is-sewwa u l-ġustizzja, hu jsalva ruħu, għax ikun intebaħ u reġa' lura mid-dnubiet kollha li jkun għamel u jibqa' ħaj u ma jmutx."

Forsi dan ma jogħġobx lil dawk li jidhrilhom li huma nies tajba u tul ħajjithom kollha ma kellhomx ħlief kliem ta' stmerrija għall-pubblikani u n-nisa tat-triq, u f'qalbhom igħidu: "Mhux sewwa l-imġiba tal-Mulej." Imma lil dawn x'iwieġibhom il-Mulej? Jistedinhom jagħarblu l-imġiba tagħhom, biex jaraw humiex verament jagħmlu r-rieda tiegħu.

*Ma naħsbux fina biss*

Mimlijin bihom infushom għaliex qegħdin jaħsbu li qed jagħmlu r-rieda ta' Alla għaliex qegħdin iħarsu l-preċetti u l-kmandamenti tiegħu, mhux jintebħu li qegħdin jonqsu mill-imħabba ta' għajrhom, għaliex, magħluqin fihom infushom, qed jaħsbu biss fis-salvazzjoni tagħhom; mhuwiex jimpurtahom mis-salvazzjoni ta' ħuthom.

Aħna, bħala nsara, m'aħniex ngħixu kull wieħed għal rasu; aħna bħala nsara aħna xirka waħda ta' mħabba, magħqudin flimkien fi Kristu, qisna f'ġisem wieħed; għalhekk jekk wieħed fostna qiegħed ibati, huwa marid, aħna għandna nħossu għalih u nfittxu l-fejqan tiegħu. Fi kliem ieħor bħala nsara għandu jkollna għal qalbna l-konversjoni tal-midinbin, u jekk ma nistgħux nagħmlu ħaġ' oħra, almenu nitolbu għall-konversjoni tagħhom. Din hi fl-aħħar mill-aħħar ir-rieda ta' Alla għalina: inżommu ruħna 'l bogħod mid-dnub, u bl-eżempji tajba tagħna nħajru lill-oħrajn iżommu ruħhom huma wkoll 'il bogħod mid-dnub, u bit-talb tagħna, bil-kelma t-tajba, tagħna u fuq kollox bl-eżempju tagħna nġibu l-ħutna midinbin għat-triq it-tajba, u hekk inkunu fl-istess ħin inħabirku għas-salvazzjoni tagħna.

Aħna u nroddu ħajr illum għall-Mulej għat-tjieba u l-ħniena tiegħu, nitolbuh jagħdirna jekk mhux dejjem għamilna r-rieda tiegħu, u jaħfrilna ħtijietna.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek, hija u tħabbrilna x'inhi r-rieda tiegħek għalina.

Sejjaħ għat-triq tal-verità, tal-ġustizzja u tat-tjieba l-pubblikani u l-midinbin ta' żminijietna, biex huma wkoll jaraw il-kobor bla qjies tat-tjieba u l-ħniena tiegħek.

Dawwal il-fehma ta' dawk li, kburin bihom infushom, jaħsbu li mhux qed jonqsuk u qegħdin jagħmlu r-rieda tiegħek, biex jagħarfu li jkunu tassew jagħmlu dak li trid int minnhom meta jagħarfu ċ-ċokon u x-xejn tagħhom.

Tħallina qatt ningħalqu fina nfusna u naħsbu biss fis-salvazzjoni tagħna, imma għallimna nħabirku għas-salvazzjoni ta' l-oħrajn bit-talb u l-eżempju tajjeb tagħna.

Mulej Alla li tista' kollox isma' t-talb tal-Knisja tiegħek illum u agħmel li kullimkien fid-dinja jsir dak li trid int. Bi Kristu Sidna.

# IL-KNISJA TA' KRISTU

*Programm ta' ħajja*

F'dan l-ewwel Ħadd ta' Ottubru l-Knisja twasslilna x-xewqat tajba tagħha bi kliem San Pawl lill-Filippin u tfakkarna li jkollna verament is-sliem ta' Kristu jekk aħna nfittxu dejjem dak li hu veru, dak li hu xieraq, dak li hu qaddis, dak li hu safi, dak li jiġbed l-imħabba u jistħoqqlu l-qima u kull tifħir. F'dan il-kliem tal-Knisja llum għandna programm sħiħ ta' ħajja; għandna dak kollu li Alla jistenna minna biex jagħtina s-salvazzjoni. X'qiegħed jitlobna Alla llum? Iridna nagħmlu dejjem dak li hu VERU; iridna għalhekk naħarbu l-gideb, il-kliem b'ieħor, ma nonqsux mis-sinċerità fi kliemna u fl-imġiba kollha tagħna, ma nurux ħaġa b'oħra, nżommu l-kelma tagħna u ma nqarrqu b'ħadd. L-inkwiet kollu li hawn fid-dinja, il-ġirja għall-armamenti tal-gwerra, il-biża' ta' gwerra oħra li itsta' twassal għall-ħerba sħiħa tad-dinja kollha, ġejjin min-nuqqas ta' sinċerità fir-relazzjonijiet bejn il-mexxejja tal-ġnus: ma jafdawx lil xulxin, ma hemmx sinċerità bejniethom, igħidu li jridu l-paċi u dejjem iżidu l-armi tal-gwerra u fihom jonfqu l-eluf ta' eluf ta' flus li kien ikun aħjar kieku jintużaw ħa jtaffu l-ġuħ u l-miżerja li qegħdin ibatu n-nies f'ħafna pajjiżi tad-dinja. U dan in-nuqqas ta' sinċerità u ta' verità nsibuhom ukoll fir-relazzjonijiet tagħna bejnietna fil-ħajja tagħna ta' kuljum — għalhekk l-inkwiet fil-familji, il-ġlied bejn il-qraba, il-piki bejn il-partiti, il-firda fil-pajjiż.

Alla jridna nagħmlu dak li hu xieraq, dak li hu TAJJEB u ĠUST quddiemu: iridna nagħtu lil kulħadd dak li ħaqqu, ma nagħmlux lil ħaddieħor dak li ma rridux li jsir lilna, nagħtu l-ħlas mistħoqq taxxogħol li jsirilna, naqdu dmirijietna kif għandu jkun qisna qed naqdu mhux lill-bnedmin imma lil Alla stess. L-inġustizzji, id-diskriminazzjoni, huma raġuni oħra ta' ħafna inkwiet fid-dinja u bejn il-bnedmin: min ġarrab xi inġustizzja, min sab ruħu mwarrab minħabba l-fehmiet tiegħu, jibqa' jżomm f'qalbu, ma jinsiex malajr, u jitlef il-paċi, u s-sliem jitbiegħed mill-ħajja tiegħu ta' kuljum.

Alla jridna nfittxu dak li hu QADDIS u SAFI, u nżommu ruħna 'l bogħod minn kull ħaġa li tista' tniġġisna: miż-żina, l-faħx, il-kliem ħażin, id-dagħa ,iċ-ċajt fieragħ; iridna nevitaw kull ħaġa u kull okkażjoni li tbaxxi d-dinjità tal-bniedem għal-livell tal-bhejjem u għall-ħajja ta' passjonijiet bla rażan.

Alla jridna nfittxu dak kollu li jiġbed l-IMĦABBA u jistħoqqlu l-qima u t-tifħir tan-nies. In-nies tad-dinja jafu japprezzaw l-imħabba vera, dik li kapaċi tagħmel kull sagrifiċċju, dik li għandha s-sisien tagħha fil-qalb tal-bniedem, u li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar tissaħħaħ u ma tiddgħajjef qatt minkejja t-tiġrib kollha tal-ħajja ta' kuljum fid-dinja. Id-dinja tal-lum għadha tagħraf u tapprezza l-fedeltà għar-rabta taż-żwieġ, l-imħabba għall-familja, is-

sagrifiċċju għall-oħrajn, is-solidarjetà ma' min hu batut ħafna, għalkemm tqishom mhux ħwejjeġ possibbli għall-kotra l-kbira tal-bnedmin.

*Il-Knisja turina t-triq*

Hu hawn qiegħda tiżbalja d-dinja tal-lum. Il-bnedmin kollha, ta' kull żmien u ta' kull imkien, jistgħu jfittxu dak li hu veru, dak li hu xieraq, dak li hu qaddis u safi, dak li jiġbed l-imħabba u jistħoqqlu qima u tifħir. Dan għaliex il-bniedem għandu 'l min jurih kif ifittex dawn il-ħwejjeġ u fejn isibhom. Hija l-Knisja ta' Kristu li turi lid-dinja t-triq tal-verità u tat-tjieba li twasslu għas-sliem sħiħ li tant jixtieq.

In-nuqqas ta' verità u ta' ġustizzja u ta' tjieba li naraw fid-dinja huwa kollu konsegwenza tad-dnub. Id-dnub għandu egħruq fil-fond tal-qalb tal-bniedem, u l-bniedem imjassar mid-dnub, tbiegħed u dejjem aktar tbiegħed minn Alla. Iżda Alla ma riedx iħalli l-bniedem għal dejjem imjassar mid-dnub; wegħdu Salvatur, u għażel poplu għalih biex fih iżomm ħajja l-wegħda tas-Salvatur, biex is-Salvatur tad-dinja joħroġ minn ħdan dan il-poplu li Alla għażel għalih.

Lil dan il-poplu Alla ħabbu b'imħabba liema bħalha, minkejja li kien poplu ta' ras iebsa u kemm-il darba ġarrbu u ħadha kontra tiegħu. Biex jerġa' jiġbdu lura lejh, Alla lil dan il-poplu kien jibgħatlu l-profeti tiegħu biex iwiddbuh u jraġġgħuh lura lejh u jhedduh b'kastigi ħorox jekk iwebbes rasu; u kull darba li dan il-poplu wara l-kastig ta' Alla kien jindem mill-ebusija ta' rasu, Alla kien jerġa' jħabbu miegħu, sakemm Alla ma felaħx iżjed għad-dnubiet tal-poplu tiegħu.

*L-għanja ta' l-għalqa tad-dwieli*

Il-ġrajja ta' dan il-poplu li Alla għażel għalih u għamel patt miegħu permezz ta' Mose' ħdejn l-għolja tas-Sinaj, il-profeta Isaija jirrakkontahielna taħt ix-xbieha tal-għanja ta' l-għalqa tad-dwieli li Alla ħawwel għalih, għanja li l-Knisja ssemmagħlna llum fl-ewwel qari tal-Quddiesa. X'ma għamilx Alla għall-għalqa tiegħu? Iżda x'ħa minnha? "Stennejtha tagħmel għeneb tajjeb iżda kull ma għamlet kien għeneb qares." U meta Alla ra li kien kollu għalxejn dak li għamel għall-għalqa tiegħu, ħallieha ssir il-ħerba, ħalla l-barranin igħaffġu fuqha.

Il-ġrajja ta' l-għalqa tad-dwieli jerġa' jtenniha Ġesù fl-Evanġelju tal-lum, biex jurina li l-għalqa tad-dwieli tiegħu ma tagħtux għeneb tajjeb għax qabbilha lill-bdiewa ħżiena, u meta bagħat għandhom għall-frott tagħha sawtu jew qatlu l-qaddejja tiegħu, u meta mbagħad bagħtilhom lil ibnu stess qatluh ukoll.

Bil-parabbola tiegħu, taħt ix-xbieha ta' l-għalqa tad-dwieli, Ġesù kompla l-ġrajja tal-poplu li Alla għażel għalih fi żmien

il-patt il-qadim, u wassalha sa żmienu stess. Il-poplu Lhudi, jew aħjar il-mexxejja tiegħu, qatt ma taw widen għall-kelma tal-profeti li Alla kien jibgħatilhom biex isejħilhom lura għall-ħarsien tal-liġi tiegħu: kienu jħaġġruhom, isawtuhom, joqtluhom; u meta Alla bagħat lil Ibnu stess ma ridux jisimgħuh, qalu li kellu xitan, ċaħduh quddiem Ponzju Pilatu u tawh f'idejn ir-Rumani biex isallbuh.

*Il-poplu ġid ta' Alla*

Għalhekk Alla kien se jwarrabhom minnu, u jagħżel għalih poplu ġdid, li jagħmel dejjem ir-rieda tiegħu. Il-poplu ġdid ta' Alla huwa aħna, il-poplu ta' l-imgħammdin, miġbur f'isem it-Trinità qaddisa minn kull poplu u ġens u lsien u nazzjon. Imma l-poplu li warrab lil Ġesù mhux se jibqa' mwarrab għal dejjem; għad jasal żmien — u dan qalulna San Pawl xi ħdud ilu — li dan il-poplu għad jara li f'Ġesù — il-ġebla li huma warrbu — f'Ġesù biss tinsab is-salvazzjoni, għax ma hemmx isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih jistgħu jsalvaw.

Il-ġrajja tal-Lhud għandha tkun ta' tagħlim għalina, għaliex, għalkemm il-Knisja —dan il-poplu ġdid ta' Alla — qatt ma tiġi nieqsa għax il-bibien ta' l-infern ma jegħelbuhiex kif ħabbrilha Ġesù, jista' jiġri li aħna bħala poplu niġu mwarrba minn Alla minħabba ħtijietna bħalma ġew imwarrba l-Lhud, bħalma ġew imwarrba ġnus oħra li tilfu l-fidi.

Il-fidi nitilfuha, jekk inwebbsu rasna ma' Alla, jekk ma nfittxux kull ma hu veru, kull ma hu qaddis, kull ma hu xieraq, kull ma hu safi ,kull ma jiġbed l-imħabba u ħaqqu tifħir u qima.

Intennu għalhekk illum it-talba tas-salm responsorjali tal-Quddiesa u aħna u naraw f'liema qagħda tinsab il-fidi tagħna llum, kemm qiegħda tiddgħajjef f'ħafna minn ħutna, kemm qegħdin inħallu l-materjaliżmu jinxtered dejjem aktar fostna, ngħidulu lil Alla: "Ħares mis-sema u ara ... ħu ħsieb ir-rimja li int ħawwilt għalik f'din l-art ħelwa li tatna isimha. Tħalliniex nitbiegħdu minnek. Reġġagħna għal li konna, o Alla ta' l-eżerċti, dawwal wiċċek fuqna u nkunu salvi.

## TALBA TAL-FIDILI

Quddiem it-tiġrib kollu li minnu għaddejja l-Knisja llum, nitolbu lil Alla jħares mis-sema fuqna u biegħed minna kull tiġrib ħa jreġġagħna għall-imħabba sħiħa tiegħu kif konna fl-imgħoddi.

Ħares Mulej, mis-sema u ara minn kemm tiġrib għaddejja l-Knisja tiegħek f'dawn iż-żminijiet: dawwal wiċċek fuqha u oħrogħa rebbieħa fuq is-setgħat kollha tal-ħażen.

Hu ħsieb dak il-poplu li int għażilt għalik u miegħu għamilt il-patt tas-Sinaj permezz ta' Mose', u wasslu għall-għarfien sħiħ tal-verità tiegħek ħalli magħna jistqarr li Kristu hu l-Mulej.

Agħmel li l-ġnus kollha tad-dinja jegħelbu kull ma qiegħed jifridhom u jersqu lejn xulxin biex b'sinċerità sħiħa u b'fiduċja f'xulxin iħabirku għall-paċi sħiħa fid-dinja.

Agħtina li dejjem infittxu dak li hu veru, xieraq, qaddis u safi, biex ikollna s-sliem u l-hena tiegħek.

Mulej Alla li tista' kollox, żommilna qalbna u moħħna fis-sliem tiegħek, sliem li jgħaddi kull ma l-moħħ jista' jaħseb, biex fost it-taqlib u t-taħwid kollu tal-ħajja tal-lum, qlubna jkunu dejjem fis-sod fik. Bi Kristu Sidna.

## It-28 Hadd tas-sena

# IL-MEJDA LI ĦEJJIELNA L-MULEJ

### *Il-poplu ġdid ta' Alla*

Il-Ħadd li għadda rajna kif Alla warrab il-poplu li kien għażel għalih fi żmien il-patt il-qadim minħabba l-ebusija ta' rasu u floku għażel għalih poplu ġdid miġbur minn kull ġens u lsien u nazzjon, il-poplu ta' l-imgħammdin fl-ilma u l-Ispirtu s-Santu, il-poplu li hu l-għalqa ġdida tad-dwieli li l-Mulej ħawwel għalih, il-merħla tar-Ragħaj it-tajjeb li fiha jrid jiġma' wkoll in-ngħaġ kollha tiegħu — il-bnedmin kollha — li għadhom mhumiex fiha.

Illum ukoll il-Mulej ikellimna fuq dan il-poplu ġdid tiegħu, fuq il-Knisja tiegħu li hu waqqaf fid-dinja u kiseb għalih bid-Demm li xerred fuq is-Salib għas-salvazzjoni tad-dinja. Illum il-Knisja tiegħu ixebbaħha għall-mejda ta' ikel fin u nbejjed tajba li hu ħejja fuq l-għolja ta' Sijon u li għaliha huma mistednin il-ġnus kollha ta' l-art.

Il-bnedmin kollha huma msejħin għal din il-mejda, imma kemm qed iwieġbu għall-istedina ta' Alla? Ħafna huma tant medhijin bid-dinja li din l-istedina qed jirrifjutawha, anzi qed iżebilħu l-messaġġiera li l-Mulej jibgħat fid-dinja ħa jsejħu lill-bnedmin biex imorru għall-mejda li l-Mulej ħejjielhom.

### *Il-mejda tal-Kelma ta' Alla*

X'inhi din il-mejda li l-Mulej għandu mħejjija għall-ġnus kollha ta' l-art? Hi l-mejda tal-Kelma ta' Alla u l-mejda ewkaristika, li fiha l-Knisja li Kristu waqqaf tidher quddiem id-dinja bħala sinjal ta' salvazzjoni merfugħ f'nofs il-ġnus kollha.

Il-Knisja ta' Kristu ma tieqaf qatt tħabbar il-Kelma ta' Alla lid-dinja, u tgħid lill-bnedmin kollha dak li hu tassew veru, tassew xieraq, tassew safi, tassew jixraq lid-dinjità tal-bniedem, tassew jiġbed l-imħabba. Imma kemm jagħtu widen in-nies tad-dinja tal-lum għall-Kelma ta' Alla li twassalhilhom il-Knisja? Kemm appelli tul dawn l-aħħar sbatax-il sena għamlet il-Knisja għall-paċi kull l-ewwel tas-sena? Kemm taw widen għat-tgħalim dwar il-qdusija u d-dinjità tax-xogħol tal-bniedem, dwar is-saħħa tal-familja għall-ħarsien tad-dinjità tal-bniedem u dwar ir-rabta taż-żwieġ? L-istess insara, l-istess membri tal-Knisja ftit qed jagħtu widen għal din il-Kelma, u jippruvaw ifissruha kif jaqblilhom. Qegħdin jagħmlu bħall-mistednin tal-parabbola ta' l-Evanġelju tal-lum, li meta wasal il-waqt li jmorru għall-festa tat-tieġ ta' ibe n is-sultan, kollha sabu xi skuża: min mar l-għalqa, min mar għan-negozju tiegħu, u min wasal ukoll biex jeħodha kontra dawk li wasslulu l-istedina.

Kull nhar ta' Ħadd il-Knisja tħejji l-mejda tal-Kelma ta' Alla għal uliedha waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, imma minn dawk li qegħdin jieħdu sehem fil-Quddiesa kemm minnhom jilqugħha b'qalbhom u jgħożżuha u jeħduha bħala programm ta' ħajjithom fid-dinja? Xi wħud igħawġuha kif jaqbel lilhom, u għalhekk ma tibqax għalihom il-Kelma ta' Alla, oħrajn iqisuha bħala kelma ta' bniedem u mhux bħala kelma ta' Alla u għalhekk ma jagħtux każ tagħha, oħrajn igħidu li ma tgħoddx għalihom imma għal ħaddieħor. U dan kollu jagħmluh għaliex medhijin fl-interessi tagħhom ta' din id-dinja, għaliex il-Kelma ta' Alla qiegħda ċċanfarhom minħabba l-imġiba ħażina tagħhom, għaliex qiegħda tħeddidhom bil-kastig ta' l-infern. U għalhekk jakkużaw lis-saċerdoti, u lill-isqfijiet, u wkoll jaslu biex jakkużaw lill-istess Papa, li qed jindaħlu fejn ma għandhomx, li mhux qed igħallmu t-tagħlim veru ta' Kristu, li moħhom aktar li jsaħħu s-setgħa tagħhom u l-ġid tagħhom fid-dinja milli jxandru u jgħixu l-Evanġelju.

*Il-libsa tat-tieġ*

Għalhekk lil dawn in-nies li qegħdin igħalqu widnejhom għall-Kelma ta' Alla u jgħawġuha, il-Mulej iwarrabhom minnu, u flokhom isejjaħ lill-imsejknin u l-foqra u l-umli biex jieħdulhom posthom fil-Knisja tal-Mulej.

Iżda dawn iż-żgħar ukoll li l-Mulej isejjaħ għall-mejda tiegħu, irid ikollhom il-libsa tat-tieġ jekk iridu jieħdu sehem mill-ikla tal-Mulej. X'inhi din il-libsa tat-tieġ?

Dawk li jiġu msejħa jridu jilqgħu l-istedina bis-sinċerità kollha ta' qalbhom, iridu jfittxu dejjem dak li hu veru, xieraq, safi u qaddis; iridu jkunu lesti jiċċaħħdu minn kull ħaġa li ma togħġobx lil Alla u ma tixraqx l-isem ta' nsara li jġibu. Hekk biss ikunu jistgħu jieħdu sehem mill-ikla tal-Mulej, l-ikla ewkaristika, li għaliha l-Mulej jistedinna kull nhar ta' Ħadd, kuljum jekk irridu.

Min mhuwiex safi f'qalbu, fi kliemu, fl-imġiba tiegħu; min mhuwiex sinċier f'egħmilu kollu imma jimxi bil-qerq ma' l-oħrajn; min ma għandux imħabba għal għajru u għalhekk mhux kapaċi jinsa kollox, jissaporti kollox, ma jfittixx dak li hu tiegħu; ma jafx jagħder, jaħfer u jistabar b'kollox; dan ma għandux jieħu sehem fl-ikla tal-Mulej.

Forsi jkun hemm min igħidlek li hija ħaġa iebsa wisq għalih jagħmel dan kollu biex ikun jista' jersaq għall-mejda tal-Mulej b'ruħu safja minn kull tebgħa ta' dnub u tinġis tad-dinja. Hu għalhekk, igħidlek, li ħafna jiġu għall-Quddiesa, imma ma jersqux jitqarbnu. Iżda min igħid hekk hu nieqes mill-fidi, ma jemminx li jkun jista' jirbaħ għal kollox bis-saħħa tal-grazzja ta' Alla, kif igħidilna San Pawl fit-tieni qari tal-lum. Tant għadda minn tiġrib San Pawl li, kieku ma kienx jemmen fl-għajnuna ta' Alla li qatt ma naqsitu, kien żgur jaqta' qalbu. Għalhekk lill-Filippin igħidilhom: "Kollox

niflaħ bis-saħħa ta' Dak li jqawwini." Bħalu nistgħu ngħidu aħna wkoll jekk tassew nemmnu fl-għajnuna ta' Alla jekk tassew għandna l-istess fidi li kellu San Pawl.

*Kollox nistgħu b'Dak li jqawwina*

Alla jieqaf magħna tul ħajjitna kollha, u jagħtina l-grazzji kollha li neħtieġu biex infittxu dak kollu li huwa veru, qaddis u safi. Fil-laqgħa tagħna ta' kull nhar ta' Ħadd mal-Mulej għall-Quddiesa, dan li jagħmel il-Mulej magħna: bil-Kelma tiegħu jqanqal fina l-fidi tagħna fl-għajnuna tiegħu, jagħmilhielna fidi ħajja, kollha ħeġġa għall-egħmil it-tajjeb. Imsaħħin minn din il-fidi tagħna f'Dak li jqawwina, ma nsibuhiex bi tqila li nagħmlu dak kollu li hu xieraq quddiem Alla, ma nsibuhiex bi tqila li ngħixu fl-imħabba ta' kulħadd, u għalhekk ikollna dik il-libsa tat-tieġ li neħtieġu biex nieħdu sehem fl-ikla tal-Mulej.

Inroddu ħajr lil Alla ta' dan għaliex hu, bħala r-Ragħaj it-tajjeb tagħna, jagħraf imexxina mill-widien mudlama tad-dinja taddnub sal-mergħat ta' dejjem billi jħejji mejda għalina quddiem l-egħdewwa kollha ta' ruħna. Minn din il-mejda li hi l-Ewkaristija għandna niksbu l-għajnuna kollha li neħtieġu biex negħlbu l-ħażen kollu li hawn fina u madwarna u safja u bla tebgħa ngħammru bl-imħabba f'dar il-Mulej, fil-Knisja tiegħu, tul iż-żminijiet kollha ta' ħajjitna fid-dinja sa ma jasal il-waqt li nidħlu fl-għamara ta' dejjem.

## TALBA TAL-FIDILI

Aħna u nroddu ħajr lil Alla llum għaliex għoġbu jistedinna għall-mejda li hu hejja għalina, nitolbuh l-għajnuna biex minn din il-mejda tiegħu niksbu l-qawwa kollha li neħtieġu biex inkunu dejjem fidili lejh.

Kun dejjem mal-Knisja tiegħek, Mulej, hija u tħejji f'ismek mad-dinja kollha l-mejda tal-Kelma tiegħek u ta' l-Ewkaristija.

Agħmel li minn tlugħ ix-xemx sa nżulha, f'kull imkien fid-dinja, jitla' quddiemek it-tifħir u r-radd il-ħajr tal-poplu tiegħek huwa u jissieħeb fil-mejda li int ħejjejt għalih.

Dawwal il-fehma ta' dawk ħutna li jilqgħu l-istedina tiegħek u jieħdu sehem mill-mejda tal-Kelma tiegħek, iżda mbagħad ma jersqux għall-ikla ewkaristika li int tħejji għalihom, biex jifhmu li t-tisħib sħiħ fil-mejda tiegħek iseħħ bit-tqarbina ewkaristika.

Wettaqna bl-ikel mis-sema biex ma nibżgħux minn ebda ħsara aħna u mexjin mill-widien mudlama ta' din id-dinja għax nafu li int magħna u wens għalina.

Mulej Alla li tista' kollox, aħna nroddulek ħajr, għaliex għoġbok tħejji għalina l-mejda tiegħek; agħmel li din l-ikla tiegħek tkun dejjem għalina għajn ta' grazzja u sliem u rahan tal-ħajja ta' dejjem. Bi Kristu Sidna.